



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/788 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.32833 (11/C) (ex 11/NN) implimentata mill-Ġermanja rigward l-arranġamenti ta' finanzjament għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn li ddaħħlu fis-seħħ fl-2009 sal-2011 (notifikata bid-dokument C(2014) 6850)⁽¹⁾** 1
- ★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/789 tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.21121 (C29/08) (l-eks NN 54/07) implimentata mill-Ġermanja dwar il-finanzjament tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u r-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-ajruport u Ryanair (notifikata bid-dokument C(2014) 6853)⁽¹⁾** 46
- ★ **Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titli tal-korsijiet tat-taħriġ (notifikata bid-dokument C(2016) 1)⁽¹⁾** 135

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/788

tal-1 ta' Ottubru 2014

dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.32833 (11/C) (ex 11/NN) implimentata mill-Ġermanja rigward l-arranġamenti ta' finanzjament għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn li ddaħħlu fis-seħħ fl-2009 sal-2011

(notifikata bid-dokument C(2014) 6850)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu ⁽¹⁾ tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet iċċitati hawn fuq ⁽²⁾ u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1 PROĊEDURA

- (1) Permezz ta' ittra ddatata s-17 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-finanzjament ta' Flughafen Frankfurt Hahn GmbH ("FFHG"), l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, u r-relazzjonijiet finanzjarji tiegħu ma' Ryanair. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali kienet irreġistrata fil-każ numru SA.21121 (C 29/08).
- (2) Permezz ta' ittra tal-4 ta' Marzu 2011, Deutsche Lufthansa AG ("Lufthansa") ipprovdiet iktar informazzjoni fir-rigward tal-proċedura ta' investigazzjoni formali li kienet għaddeja fil-każ SA.21121 (C 29/08), waqt li allegat li kien hemm miżuri ġodda ta' għajjnuna mill-Istat favur l-FFHG.
- (3) Permezz ta' ittra ddatata t-18 ta' Marzu 2011, il-Kummissjoni bagħtet din is-sottomissjoni tal-Lufthansa lill-Ġermanja u talbet iktar informazzjoni dwar il-miżuri ġodda ta' għajjnuna allegatament mogħtija mill-Istat.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat"). Iż-żewġ settijiet ta' Artikoli huma, fis-sustanza tagħhom, identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għandhom bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE fejn ikun xieraq. It-Trattat introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija, bħall-bdil ta' "Komunità" b"Unjoni" u "suq komuni" b"suq intern". It-terminoloġija tat-Trattat sejra tintuża tul din id-Deċiżjoni sħiħa.

⁽²⁾ ĠU C 216, 21.7.2012, p. 1.

Permezz ta' ittra ddatata l-5 ta' April 2011, il-Ġermanja talbet li d-data sa meta kellha tipprovdi dik l-informazzjoni tkun estiża sal-15 ta' Lulju 2011. Permezz ta' ittra ddatata l-11 ta' April 2011, il-Kummissjoni tat estensjoni tad-data tal-iskadenza sat-18 ta' Mejju 2011 għal uħud mill-mistoqsijiet u sal-31 ta' Mejju 2011 għall-kumpliment tal-mistoqsijiet. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittri ddatati d-19 ta' Mejju 2011 u t-23 ta' Mejju 2011.

- (4) Madankollu, dawn it-tweġibiet kienu inkompleti. Għalhekk, permezz ta' ittra ddatata s-6 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni bagħtet nota ta' tfakkir skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ⁽³⁾. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittri ddatati l-14 ta' Ġunju 2011 u s-16 ta' Ġunju 2011.
- (5) Permezz ta' ittra ddatata t-13 ta' Lulju 2011 il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-linja ta' kreditu pprovduta lill-FFHG mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat, is-self ipprovdut minn Investitions- und Strukturbank tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat ("ISB") lill-FFHG u l-garanzija pprovduta mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat lill-FFHG għas-self tal-ISB ("id-deċiżjoni tal-ftuħ"). Il-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' dawn l-aspetti kienet irreġistrata fil-każ numru SA.32833 (11/C).
- (6) Permezz ta' ittra tat-22 ta' Lulju 2011, il-Ġermanja talbet estensjoni tad-data sa meta kellha twieġeb għad-deċiżjoni tal-ftuħ, li ġiet aċċettata mill-Kummissjoni nhar is-26 ta' Lulju 2011. Il-Kummissjoni rċeviet il-kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ mingħand il-Ġermanja fil-31 ta' Awwissu 2011.
- (7) Permezz ta' ittra ddatata t-22 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand il-Ġermanja. Permezz ta' ittra tat-18 ta' Jannar 2012, il-Ġermanja talbet estensjoni tad-data ta' skadenza sabiex twieġeb, li nġhatat mill-Kummissjoni dakinhar stess. Il-Ġermanja wiegħbet għat-talba għal iktar informazzjoni ddatata t-22 ta' Diċembru 2011 b'ittra ddatata t-22 ta' Frar 2012.
- (8) Id-deċiżjoni tal-ftuħ ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾ nhar il-21 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni.
- (9) Permezz ta' ittra ddatata l-4 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjoni waħda minn parti terza, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat. Il-Kummissjoni ttrażmettiet dik is-sottomissjoni lill-Ġermanja permezz ta' ittra ddatata s-7 ta' Settembru 2012. Il-Ġermanja nġhatat l-opportunità li tgħaddi kummenti dwar is-sottomissjoni tal-parti terza fi żmien xahar. Il-Ġermanja ma tat l-ebda kumment.
- (10) Permezz ta' ittra ddatata l-10 ta' April 2013, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand il-Ġermanja. Il-Ġermanja wiegħbet b'ittra ddatata s-17 ta' Ġunju 2013.
- (11) Permezz ta' ittra ddatata l-25 ta' Frar 2014, il-Kummissjoni informat lill-Ġermanja bl-adozzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ⁽⁵⁾ nhar l-20 ta' Frar 2014, bil-fatt li dawn il-linji gwida jsiru applikabbli għall-każ inkwistjoni mill-mument li fih jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u tat lill-Ġermanja l-opportunità li tikkummenta dwar il-linji gwida u l-applikazzjoni tagħhom fi żmien 20 jum ta' xogħol mill-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali*.
- (12) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* nhar l-4 ta' April 2014. Huma ħadu post il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-1994 ⁽⁶⁾ kif ukoll il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 ⁽⁷⁾.
- (13) Fil-15 ta' April 2014 ġie ppubblikat avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li stieden lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, f'dan il-każ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom ⁽⁸⁾ Il-Lufthansa u Transport & Environment issottomettew osservazzjonijiet. B'ittra ddatata l-21 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni għaddiet dawn l-osservazzjonijiet lill-Ġermanja. Permezz ta' ittra ddatata d-29 ta' Awwissu 2014 il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li ma kellha l-ebda osservazzjoni x'tagħmel.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

⁽⁴⁾ Ara n-nota f'qiegħ il-paġna numru 2.

⁽⁵⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

⁽⁶⁾ Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE għal għajnuniet mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni (ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5 — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁷⁾ Linji Gwida tal-Komunità dwar il-finanzjament tal-ajruporti u l-għajnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li joperaw minn ajruporti reġjonali (ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1 — mhux disponibbli bil-Malti).

⁽⁸⁾ ĠU C 113, 15.4.2014, p. 30.

- (14) Permezz ta' ittri ddatati t-23 ta' Marzu 2014 u l-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni talbet iktar informazzjoni mingħand il-Ġermanja. Il-Ġermanja wieġbet permezz ta' ittri ddatati s-17 ta' April 2014, l-24 ta' April 2014 u d-9 ta' Mejju 2014.
- (15) Fis-17 ta' Ġunju 2014, il-Ġermanja għarrfet lill-Kummissjoni li hija taċċetta b'eċċezzjoni li din id-Deċiżjoni tiġi adottata bil-lingwa Inġliża biss.

2 IL-KUNTEST TAL-INVISTIGAZZJONI

2.1 Konverżjoni tal-ajruport u tal-istruttura ta' sjieda tiegħu

- (16) L-ajruport ta' Frankfurt Hahn jinsab fl-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, madwar 120 km fil-punent tal-belt ta' Frankfurt/Main. L-ajruport ta' Frankfurt Hahn sal-1992 kien bażi tal-avjazzjoni militari tal-Istati Uniti. Sussegwentement kien ikkonvertit f'ajruport ċivili. Għandu liċenzja sabiex jopera 24 siegħa kuljum.
- (17) *Holding Unternehmen Hahn GmbH & Co. KG* (Holding Hahn), sħubija pubblika-privata bejn Wayss & Freytag u l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, kiseb is-sjieda tal-infrastruttura tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn mingħand il-Ġermanja nhar l-1 ta' April 1995. Bejn l-1995 u l-1998, din is-sħubija pubblika-privata żviluppat l-ajruport bil-għan li tagħmel minnu żona industrijali u kummerċjali. Skont il-Ġermanja, meta s-sħubija bejn Wayss & Freytag u l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate bdiet tidher li ma rnexxiex, nhar l-1 ta' Jannar 1998, *Flughafen Frankfurt/Main GmbH* (Fraport) (*) bdiet tinvolvi ruħha fil-proġett sakemm eventwalment ħadet f'idejha l-operat tal-ajruport.
- (18) Fraport xtrat 64,90 % tal-ishma fl-operatur *Flughafen Hahn GmbH & Co. KG Lautzenhausen* (FFHG) għall-prezz ta' [...] (°). Il-pagament ta' parti mill-prezz tax-xiri (EUR [...]) kien dovut nhar il-31 ta' Diċembru 2007, u kien soġġett għal ċerti kundizzjonijiet (10). F'Awwi 1999, Fraport kisbet 73,37 % tal-ishma ta' Holding Hahn u 74,90 % tal-ishma tas-sieħeb ġenerali tagħha *Holding Unternehmen Hahn Verwaltungs GmbH* għall-prezz ta' EUR [...]. B'hekk Fraport effettivament saret is-sieħeb il-ġdid tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate.
- (19) L-enfasi ta' Fraport fi Frankfurt Hahn kien li tiżviluppa b'mod sistematiku n-negozju tal-passiġġieri u tal-merkanzija tal-ajruport. F'dan ir-rigward, Fraport kienet waħda mill-ewwel impriżi li applikaw mudell ta' negozju mmirat speċifikament sabiex jattira linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi. Abbażi ta' dan, Fraport intrabtet li tikkonkludi ftehim ġdid dwar it-trasferiment tal-qligħ u tat-telf ma' Holding Hahn mal-konverżjoni ta' din tal-aħħar f'kumpanija Ġermaniża b'responsabbiltà limitata (*Gesellschaft mit beschränkter Haftung, GmbH*). Il-konverżjoni u l-konklużjoni ta' dak il-ftehim saru nhar l-24 ta' Novembru 2000.
- (20) Sussegwentement, Holding Hahn u FFHG ġew fużi sabiex iffurmaw *Flughafen Hahn GmbH*. L-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate żamm 26,93 % u Fraport 73,07 % tal-ishma fil-kumpanija l-ġdida. Fl-2001, iż-żewġ azzjonisti, Fraport u l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, injettaw kapital ġdid fl-FFHG.
- (21) Sal-11 ta' Ġunju 2001, 100 % tal-ishma fi Fraport kienu f'idejn azzjonisti pubbliċi. (11) Fil-11 ta' Ġunju, Fraport tqiegħdet fis-suq azzjonarju u 29,71 % tal-ishma tagħha nbiegħu lil azzjonisti privati waqt li s-70,29 % l-oħra baqgħu f'idejn azzjonisti pubbliċi.
- (22) F'Novembru 2002, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, l-Istat Federali ta' Hesse, Fraport u l-FFHG ikkonkludew ftehim dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Dak il-ftehim ipprova li għat-tieni darba jidded il-kapital irreġistrat. F'dik l-okkażjoni, l-Istat Federali ta' Hesse nqas mal-FFHG bħala t-tielet azzjonist. Dak iż-żmien Fraport kellu 65 % tal-ishma u l-Istat Federali ta' Hesse u l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate kellhom 17,5 % kull wieħed. Din l-istruttura tas-sjieda baqgħet kif inhi sal-2009, meta Fraport biegħet l-ishma kollha tagħha lill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, li, minn dak iż-żmien, żamm sehem maġġoritarju ta' 82,5 %. Is-17,5 % l-oħrajn għadhom f'idejn l-Istat Federali ta' Hesse.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

(°) Minn hawn 'il quddiem f'din id-Deċiżjoni t-terminu "Fraport" jintuża sabiex ifisser kemm "FAG" qabel il-bidla fl-isem kummerċjali kif ukoll "Fraport AG" iktar tard.

(10) Skont is-sezzjoni 7(3) tal-ftehim ta' xiri din il-figura tista' titnaqqas, bħal fil-każ li l-ispejjeż ta' FFHG għall-ħarsien mill-istorbju jaqzbu ċertu livell limitu.

(11) L-Istat Federali ta' Hesse kellu 45,24 % tal-ishma ta' Fraport, Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH (100 % proprjetà tal-Muniċipalità ta' Frankfurt am Main) kellha 28,89 % u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellha 25,87 %.

2.2 L-iżvilupp fit-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija u l-ajruporti tal-qrib

- (23) It-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn żdied minn 29 289 fl-1998 għal 4 miljuni fl-2007 u mbagħad naqas għal 2,7 miljuni fl-2013 (ara t-Tabella 1). L-ajruport bħalissa huwa servut minn Ryanair ⁽¹²⁾, minn Wizz Air ⁽¹³⁾ u minn linji tal-ajru oħrajn. Is-sehem tal-passiġġieri ta' Ryanair jammonta għal madwar [80-100 %].

Tabella 1

Żvilupp tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn mill-1998 sal-2013

Sena	Għadd ta' passiġġieri	Għadd ta' passiġġieri ta' Ryanair
1998	29 289	0
1999	140 706	89 129
2000	380 284	318 664
2001	447 142	397 593
2002	1 457 527	1 231 790
2003	2 431 783	2 341 784
2004	2 760 379	2 668 713
2005	3 079 528	2 856 109
2006	3 705 088	3 319 772
2007	4 015 155	3 808 062
2008	3 940 585	3 821 850
2009	3 793 958	3 682 050
2010	3 493 629	[2 794 903 — 3 493 629]
2011	2 894 363	[2 315 490 — 2 894 363]
2012	2 791 185	[2 232 948 — 2 791 185]
2013	2 667 529	[2 134 023 — 2 667 529]

⁽¹²⁾ Ryanair hija linja tal-ajru Irlandiża u Membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-European Low Fares Airlines Association. In-negozju ta' din il-linja tal-ajru huwa marbut ma' ajruporti reġjonali u sekondarji. Il-linja tal-ajru bħalissa topera lejn madwar 160 destinazzjoni Ewropea. Ryanair għandha flotta omoġenea li tikkonsisti f'ingeni tal-ajru Boeing 737-800 b'189 sit.

⁽¹³⁾ Wizz Air hija linja tal-ajru Ungeriża u Membru tal-European Low Fares Airlines Association. Il-grupp Wizz Air jikkonsisti fi tliet kumpaniji operattivi, jiġifieri Wizz Air Hungary, Wizz Air Bulgaria u Wizz Air Ukraine. Il-mudell tan-negozju tal-linja tal-ajru huwa marbut ma' ajruporti reġjonali u sekondarji. Il-linja tal-ajru bħalissa topera lejn madwar 150 destinazzjoni Ewropea. Wizz Air għandha flotta omoġenea li tikkonsisti f'ingeni tal-ajru Airbus A 320 b'180 sit.

- (24) L-ajruport ta' Frankfurt Hahn esperjenza wkoll tkabbir sinifikanti fit-traffiku tal-merkanzija bl-ajru. Il-merkanzija bl-ajru fl-ajruport żdiedet minn 16 020 tunnellata fl-1998 għal 286 416-il tunnellata fl-2011 u naqset mill-ġdid għal 152 503 tunnellati fl-2013 (ara t-Tabella 2). Il-merkanzija totali, inklużi l-ispedizzjonieri, immaniġġjata fl-ajruport ammontat għal 446 608 tunnellati fl-2013.

Tabella 2

Żvilupp tal-merkanzija fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn mill-1998 sal-2010

Sena	Total ta' merkanzija bl-ajru ftunnellati	Total ta' merkanzija ftunnellati, inklużi l-ispedizzjonieri
1998	16 020	134 920
1999	43 676	168 437
2000	75 547	191 001
2001	25 053	133 743
2002	23 736	138 131
2003	37 065	158 873
2004	66 097	191 117
2005	107 305	228 921
2006	123 165	266 174
2007	125 049	289 404
2008	179 375	338 490
2009	174 664	322 170
2010	228 547	466 429
2011	286 416	565 344
2012	207 520	503 995
2013	152 503	446 608


- (25) L-ajruporti li ġejjin jinsabu fil-viċinanza tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn:

(i) L-ajruport ta' Frankfurt Main (– 115-il kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, – siegħa u kwart bogħod bil-karozza) huwa ajruport internazzjonali ċentrali b'firxa wiesgħa ta' destinazzjonijiet, li jvarjaw minn vjaġġi qosra sa vjaġġi fuq distanzi twal. Huwa servut b'mod predominanti minn trasportaturi tan-netwerk li joffru traffiku ta' konnessjoni, għalkemm jipprovdi wkoll konnessjonijiet minn punt għal ieħor u titjriet charter. Minbarra t-traffiku tal-passiġġieri (madwar 58 miljun fl-2013), l-ajruport ta' Frankfurt Main jimmaniġġja wkoll il-merkanzija bl-ajru (madwar 2 miljun tunnellata fl-2013). Figura 1 turi l-iżvilupp tat-traffiku fl-ajruporti ta' Frankfurt Main u Frankfurt Hahn fl-2000-2012.

- (ii) L-ajruport tal-Lussemburgu (- 111-il kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, - siegħa u nofs bogħod bil-karozza) huwa ajruport internazzjonali li jipprovdi firxa wiesgħa ta' destinazzjonijiet. Minbarra t-traffiku tal-passiġġieri (madwar 2,2 miljuni), dan serva wkoll 673 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru fl-2013.
- (iii) L-ajruport ta' Zweibrücken (- 128 kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, - siegħa u 35 minuta bogħod bil-karozza).
- (iv) L-ajruport ta' Saarbrücken (- 128 kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, - siegħa u 35 minuta bogħod bil-karozza).
- (v) L-ajruport ta' Köln-Bonn (- 175 kilometru mill-ajruport Frankfurt Hahn, - siegħa u 44 minuta bogħod bil-karozza).

Figura 1

Żvilupp tat-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruporti ta' Frankfurt Main u Frankfurt Hahn fl-2000-2012



2.3 Ir-riżultati finanzjarji tal-ajruporti u ħarsa ġenerali lejn l-investimenti magħmula

(26) It-Tabella 3 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-investimenti magħmula mill-FFHG mill-2001 sal-2012, li jammontaw għal total ta' EUR 216-il miljun.

Tabella 3

Ħarsa ġenerali lejn l-investimenti magħmula mill-2001 sal-2012

F'1 000 ta' EUR	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	Total 2001-2012
Investimenti fl-infrastruttura u t-tagħmir													
Anlagenzugänge inkl. Umbuchungen													
Art	3 174,00	6 488		2 994	4 284	3 086	8 613	593		[...]			
Terminal		2 519	3 310					251					
Hangar tal-Merkanzija			3 850		3 222								
Bini tal-uffiċċji								2 428		[...]			
Investimenti fl-infrastruttura oħrajn			10 194	1 152			13 275			[...]	[...]	[...]	
Superfiċje asfaltata fl-ajrudrom	1 008,30	5 684			3 394		10 224	2 848		[...]	[...]		
Infrastruttura oħra	1 502,20	3 848	2 071	2 692	3 911	1 761	1 558	2 608	384	[...]	[...]	[...]	
Assi intangibbli (eż. IT)	6,1	14,50	28	219	487	45	170	121	20	[...]	[...]	[...]	7 108
Tagħmir	8 208,89	1 097,09	12 308,42	1 814,00	2 294,54	20 232	7 550	3 823	359	[...]	[...]	[...]	75 550
Total	13 899	19 650	31 761	8 871	17 592	25 123	41 390	12 673	763	17 289	19 346	7 930	216 287

(27) It-Tabella 4 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati finanzjarji annwali tal-FFHG mill-2001 sal-2012.

Tabella 4

Riżultati finanzjarji annwali tal-FFHG bejn l-2001 u l-2012.

F1 000 ta' EUR	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Rapport tal-introjt												
Dħul	10 077,61	14 908,11	22 574,22	29 564,18	36 859,08	43 479,85	41 296,34	45 383,60	42 036,70	43 281,58	43 658,38	40 983,45
Dħul ieħor (inkluż kumpens għall-mandat ta' politika pubblika u bejgħ ta' art)	7 771,31	5 514,63	3 686,87	3 039,35	3 618,93	6 097,29	5 436,58	4 858,16	11 540,36	14 554,55	9 313,99	21 390,92
Dħul totali	17 848,92	20 422,75	26 261,09	32 603,53	40 478,01	49 577,14	46 732,92	50 241,76	53 577,06	57 836,14	52 972,37	62 374,37
Spejjeż tal-materjal	- 7 092,39	- 10 211,13	- 12 560,46	- 14 601,17	- 17 895,97	- 24 062,81	- 22 491,85	- 25 133,61	- 24 979,59	- 27 650,17	- 20 017,99	- 21 871,65
Spejjeż tal-persunal	- 9 185,12	- 9 672,37	- 10 734,62	- 11 217,21	- 12 101,84	- 13 337,28	- 14 433,17	- 15 758,34	- 15 883,08	- 17 893,60	- 18 228,23	- 18 349,10
Spejjeż oħrajn (inkluż il-kummerċjalizzazzjoni)	- 5 692,81	- 11 434,31	- 10 521,27	- 11 454,36	- 14 058,15	- 12 885,28	- 9 897,46	- 9 630,21	- 7 796,81	- 8 029,40	- 6 760,92	- 6 643,00
EBITDA	- 4 121,41	- 10 895,06	- 7 555,27	- 4 669,21	- 3 577,94	- 708,22	- 89,56	- 280,39	- 4 917,58	- 4 262,96	- 7 965,23	- 15 510,62
EBITDA (eskluż dħul ieħor)	- 11 892,72	- 16 409,69	- 11 242,13	- 7 708,56	- 7 196,87	- 6 805,51	- 5 526,13	- 5 138,56	- 6 622,78	- 10 291,59	- 1 348,76	- 5 880,30
Deprezzament	- 5 325,63	- 5 674,68	- 6 045,39	- 7 699,33	- 7 973,46	- 10 527,90	- 10 191,89	- 11 855,19	- 12 482,28	- 11 827,19	- 13 297,31	- 12 733,48
Riżultati finanzjarji (imgħax ir-čevut - imgħax imħallas)	- 2 896,64	- 3 013,42	- 4 006,57	- 4 105,53	- 4 548,42	- 4 588,16	- 5 235,30	- 5 693,02	- 4 915,39	- 2 778,06	- 5 063,04	- 8 177,54
Dħul u spejjeż straordinarji	- 431,54	- 206,00	- 10,46	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	- 272,55	0,00	0,00
Taxxi	- 580,13	- 204,74	- 215,18	- 323,82	- 228,44	- 242,33	- 245,00	- 238,66	- 257,45	- 240,85	- 231,03	- 277,52
Kopertura tal-ispejjeż minn Fraport permezz ta' trasferiment tal-qligħ u t-telf	13 355,35	19 993,90	17 832,87	16 797,89	16 328,26	16 066,61	15 761,75	18 067,26	5 621,37	0,00	0,00	0,00
Riżultat annwali (qligħ/telf)	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	- 7 114,17	- 10 855,69	- 10 626,14	- 5 677,92

3 DESKRIZZJONI TAL-FATTI U R-RAĠUNIJET GĦALL-BIDU TAL-PROCĊEDURA

- (28) Id-deċiżjoni tal-ftuħ tkopri l-arranġamenti finanzjarji stabbiliti bejn l-2009 u l-2011 u qajmet il-mistoqsijiet li ġejjin:
- (i) l-ewwel, jekk il-linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate kinitx ipprovduta bil-kundizzjonijiet tas-suq u allura ma kinitx tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, jew, jekk kienet tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, jekk tali għajjnuna mill-Istat tistax titqies kompatibbli mas-suq intern;
- (ii) it-tieni, jekk is-self ipprovdut mill-ISB lill-FFHG u l-garanzija sottostanti pprovduta mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate lill-FFHG kinux mogħtija bil-kundizzjonijiet tas-suq, u għalhekk ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, jew, jekk kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, jekk tali għajjnuna mill-Istat tistax titqies kompatibbli mas-suq intern.

3.1 Linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate

- (29) Sa mid-19 ta' Frar 2009 l-FFHG ġie inkluż fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. L-għan tal-ippuljar ta' flus kontanti huwa li jiġi ottimizzat l-użu tal-likwidità fi ħdan id-diversi azjendi, fondazzjonijiet u impriżi pubbliċi tal-Istat Federali.
- (30) Il-parteċipazzjoni tad-diversi impriżi u fondazzjonijiet fl-ippuljar ta' flus kontanti hija bbażata fuq Memorandum ta' Qbil bejn l-impriża/il-fondazzjoni kkonċernata u l-Ministeru tal-Finanzi tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. F'każ li d-domanda għal-likwidità tkun teċċedi l-fondi disponibbli fl-ippuljar ta' flus kontanti, id-differenza fil-likwidità tiġi ffinanzjata għal żmien qasir mis-suq kapitali.
- (31) Il-linja ta' kreditu attwali tal-FFHG fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate hija ta' EUR 45 miljun. Sal-25 ta' Marzu 2013, l-FFHG kien uża l-100 % (EUR 45 miljun) tal-linja ta' kreditu tiegħu.

3.2 Ir-rifinanzjament tas-self tal-FFHG minn Investitions- und Strukturbank tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate

- (32) Wara li l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate sar l-azzjonist maġġoritarju tal-FFHG, is-self fit-tul tiegħu ġie rrifinanzjat fl-2009 mill-ISB. Tlieta mis-selfiet, jiġifieri s-selfiet numru 1, 3 u 4 (ara t-Tabella 5) ingħataw b'rata tal-imgħax fissa għat-tul kollu tas-selfiet rispettivi, waqt li s-selfiet numru 2 u 5 għandhom rata tal-imgħax varjabbli. It-Tabella 5 tiġbor fil-qosor il-kundizzjonijiet tas-self mogħti mill-ISB.

Tabella 5

Is-self tal-FFHG mogħti mill-ISB

Le	Il-Bank	Ammont ta' self EUR [...] miljun;	It-terminu	Rata tal-imgħax	Swap tal-imgħax
1	ISB	18,4	[madwar 8 snin]	[> 3 %; < 4,5%]	
2	ISB	20,0	[madwar 5 snin]	EURIBOR ta' [< 12]-il xahar b'żieda ta' [< 1 %]	[...]
3	ISB	2,5	[madwar sentejn]	[> 3 %; < 4,5%]	

Le	Il-Bank	Ammont ta' self EUR [...] miljun;	It-terminu	Rata tal-imgħax	Swap tal-imgħax
4	ISB	25,9	[madwar 7 snin]	[> 3 %; < 4,5%]	
5	ISB	6,8	[madwar 3 snin]	EURIBOR ta' [< 12]-il xahar b'żieda ta' [< 1 %]	[...]

- (33) L-FFHG iffirma wkoll żewġ ftehimiet ta' swap tar-rati tal-imgħax mal-ICB Corportate Lab. Il-ftehimiet jidhergħaw kontra l-fluttwazzjonijiet tal-parti varjabbli tar-rata tal-imgħax tas-selfiet numru 2 u 5 (ara t-Tabella 5), jgħiduri l-EURIBOR ta' sitt xhur u ta' tliet xhur rispettivament. Il-ftehimiet ta' swap ġew iffirmati fl-2004 u fl-2005 (b'relazzjoni mas-selfiet mogħtija dak iż-żmien, li ġew sostitwiti mill-finanzjament attwali).
- (34) Il-kundizzjonijiet tal-ħlas lura tad-diversi selfiet mogħtija mill-ISB ivarjaw. Is-selfiet numru 1, 3, 4 u 5 huma self amortizzati, waqt li s-self numru 2 huwa bullet loan li jitħallas lura mal-maturità. It-Tabella 6 tiġbor fil-qosor il-kundizzjonijiet tal-ħlas lura ta' dan is-self.

Tabella 6

Il-kundizzjonijiet tal-ħlas lura tas-self mill-ISB

Le	Il-Bank	Ammont ta' self EUR [...] miljun;	Kundizzjonijiet tal-ħlas lura/data ta' maturità
1	ISB	18,4	Ħlas lura semiannwali fit-30 ta' Ġunju u fit-30 ta' Diċembru ta' kull sena, bl-aħħar rata ta' ħlas lura dovuta nhar [...]
2	ISB	20,0	Bullet loan dovut nhar [...]
3	ISB	2,5	Ħlas lura semiannwali fit-30 ta' April u fit-30 ta' Ottubru ta' kull sena, bl-aħħar rata ta' ħlas lura dovuta nhar [...]
4	ISB	25,9	Ħlas lura semiannwali fit-30 ta' Ġunju u fit-30 ta' Diċembru ta' kull sena, bl-aħħar rata ta' ħlas lura dovuta nhar [...]
5	ISB	6,8	Ħlas lura trimestrali ta' [...], bl-aħħar rata ta' ħlas lura dovuta [...]

- (35) Is-self kollu kien iggarantit 100 % mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. Għall-għoti tal-garanziji l-FFHG iħallas primjum ta' garanzija ta' [0,5 % sa 1,5 %] fis-sena ("p.a.") lill-garanti.

3.3 Il-kompatibbiltà tal-għajnuna possibbli mill-Istat lill-FFHG

- (36) Fid-deċizzjoni tal-ftuħ, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar kemm il-linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate imsemmija fit-Taqsima 3.1 u s-self u l-garanzija msemmija fit-Taqsima 3.2 huma kompatibbli mas-suq intern fin-nuqqas tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna operatorja taħt il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, jekk kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

4 KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

- (37) B'mod ġenerali, il-Ġermanja saħqet li l-ebda waħda miż-żewġ miżuri investigati f'din il-proċedura ma tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat billi ma ngħata ebda vantaġġ ekonomiku lill-FFHG meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha. Inkella, il-Ġermanja argumentat li jekk il-Kummissjoni tqis li dawn il-miżuri jikkostitwixxu għajjnuna fis-sens tat-Trattat, allura l-għajjnuna għandha titqies kompatibbli mas-suq intern.

4.1 Is-sitwazzjoni speċifika tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-2009

- (38) Il-Ġermanja qieset li s-sitwazzjoni speċifika tal-ajruport u l-isfond tal-miżuri finanzjarji kkonċernati jridu jittieħdu inkonsiderazzjoni meta jiġu vvalutat dawn il-miżuri finanzjarji kkonċernati. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja semmiet it-tliet ċirkostanzi li ġejjin:
- (39) L-ewwel nett, rigward l-isfond tal-miżuri, il-Ġermanja rrimarkat li l-FFHG kien ifffinanzja l-maġġoranza tal-investimenti tiegħu matul u wara t-trasformazzjoni minn ajruport militari għal ajruport kummerċjali permezz ta' self. Għalhekk, skont il-Ġermanja, l-FFHG kellu ammont kbir ta' obbligi finanzjarji fit-tul, kuntrarju għal ajruporti oħrajn.
- (40) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li r-rifinanzjament tas-self tal-FFHG ma setax jiġi evitat minħabba li Fraport kienet biegħet l-ishma tagħha lill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate mill-1 ta' Jannar 2009. Qabel il-bejgħ, il-ftehim dwar it-trasferiment tal-qligħ u t-telf ("*Beherrschungs- und Gewinnabführungsvertrag*", PLTA) obbliga lil Fraport li tiżgura l-finanzjament tad-djun b'terminu twil tal-FFHG u li tkopri t-telf possibbli tiegħu. Il-Ġermanja ssoktat tispeġja li wara li l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate kien akkwista l-ishma, dak il-PLTA kien intemm, u għalhekk ir-rifinanzjament tal-obbligi tal-FFHG kien neċessarju. Skont il-Ġermanja, b'dawn il-miżuri l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate kien qiegħed biss jimmira li jsostni l-qagħda finanzjarja tal-FFHG.
- (41) It-tielet nett, il-Ġermanja enfasizzat b'mod speċjali l-fatt li impriża privata kienet tifffinanzja l-FFHG f'kundizzjonijiet bħal dawn, l-istess kif għamel l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, u li dawn il-kundizzjonijiet huma konformi mal-prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq. Il-Ġermanja argumentat li l-Kummissjoni għandha tqis it-tranżazzjoni kummerċjali b'mod sħiħ u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari, speċjalment il-fatt li l-Istat Federali għandu l-maġġoranza l-kbira tal-ishma.


4.2 In-natura tal-għajjnuna tal-linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate

4.2.1 Il-finanzjament tal-ippuljar ta' flus kontanti

- (42) Il-Ġermanja ddikjarat li l-ippuljar ta' flus kontanti huwa strument finanzjarju stabbilit fl-2002 mill-Istat Federali. L-istituzzjonijiet u l-fondazzjonijiet tal-Istat Federali u l-impriżi kollha rregolati bil-liġi privata, li minnhom l-Istat Federali jipposedi iktar minn 50 %, jistgħu jipparteċipaw fl-ippuljar tal-flus kontanti. Il-Ġermanja spjegat li l-bilanċ tal-kont ta' kuljum tal-ippuljar ta' flus kontanti huwa ġestit mil-"*Landeshauptkasse*" tal-Istat Federali.
- (43) Il-Ġermanja qieset li l-ippuljar ta' flus kontanti mhuwiex ifffinanzjat direttament mill-baġit tal-Istat Federali, imma mill-kontanti żejda tal-parteeċipanti. Hija ssoktat tispeġja li bilanċ pożittiv ta' flus kontanti fl-ippuljar ta' flus kontanti kien investit fis-swieq kapitali; bl-istess mod, defiċit jiġi bbilanzjat minn fondi miksuba fis-suq kapitali. Għalhekk il-Ġermanja saħqet li kwalunkwe appoġġ finanzjarju mill-ippuljar ta' flus kontanti ma jingħatax mir-riżorsi tal-Istat, u wkoll ma jkunx attribwibbli lill-Istat.
- (44) Il-Ġermanja pprovdiet ukoll dejta sabiex turi l-bilanċ ġenerali (id-depożiti ta' impriżi parteċipanti u l-linji ta' kreditu miġbuda) tal-ippuljar ta' flus kontanti kif miġbur fil-qosor fil-Figura 2.

Figura 2

L-iżvilupp ġenerali tal-finanzjament tal-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali 2009 — 2013 (f'miljuni ta' EUR)




4.2.2 Il-vantaġġ ekonomiku

- (45) Il-Ġermanja argumentat li l-FFHG ma kisibx vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat bl-inklużjoni tiegħu fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali. Skont il-Ġermanja, il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali ⁽¹⁴⁾ ma għandhiex tiġi applikata b'mod strett għax din ma tqisx li l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat għandu l-maġġoranza l-kbira tal-ishma tal-FFHG.
- (46) Il-Ġermanja spjegat li anke jekk il-linja ta' kreditu nġhatat għal perjodu itwal, fil-prinċipju s-self huwa dovut kuljum. Għalhekk il-Ġermanja argumentat li l-linja ta' kreditu miġbuda tikkorrispondi għal self b'terminu qasir. Il-Figura 3 turi l-użu tal-linja ta' kreditu mill-FFHG.

Figura 3

Ħarsa ġenerali lejn il-ġbid mil-linja ta' kreditu tal-ippuljar ta' flus kontanti mill-FFHG bejn 03/2009 u 08/2013 (PEUR)




⁽¹⁴⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jstabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont tat-12 ta' Diċembru 2007 (ĠU C 14, 19. 1.2008, p. 6)

- (47) Fir-rigward tal-klassifikazzjoni u tal-kollateralizzazzjoni tal-obbligi tal-ippuljar ta' flus kontanti, il-Ġermanja ddikjarat li l-obbligu tal-ippuljar ta' flus kontanti tal-FFHG huwa kklassifikat fl-istess livell tal-obbligi l-oħrajn kollha tiegħu. Il-Ġermanja rrimarkat li għalkemm mhuma meħtieġa ebda kollaterali mill-impriżi li jibbenefikaw mill-ippuljar ta' flus kontanti, dawn xorta jinsabu taħt is-sorveljanza tal-Istat Federali u l-Istat Federali, bħala l-azzjonist magħgoritarju tal-FFHG, dejjem jista' jitlob li s-self miġbud jiġi kollateralizzat. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrimarkat li l-faċilitajiet tal-ippuljar ta' flus kontanti kienu Prattika tas-suq normali u komuni ħafna. Fil-fehma tal-Ġermanja, l-ippuljar ta' flus kontanti għandu l-għan li jibbilanċja l-likwidità bejn il-kumpaniji fil-pussess tal-Istat Federali.
- (48) B'mod partikolari fir-rigward tal-indikazzjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ li fl-assenza ta' klassifikazzjoni l-marġni ta' riskju kellu jiġi stabbilit għal 1 000 punt bażi, il-Ġermanja argumentat li fil-fehma tagħha l-ebda azjenda privata ma żżid 1 000 punt bażi mar-rata bażi ta' self għal self mill-azzjonisti mogħti lil sussidjarja tagħha jekk tkun qiegħda tfittex l-interessi ekonomiċi u strutturali ta' azjenda. Il-Ġermanja żiedet li r-rata tal-imgħax għall-FFHG kienet tikkorrispondi bejn wieħed u ieħor għar-Rata Medja tal-Indiċi ta' Matul il-Lejl Ewropea. Il-Figura 4 turi r-rata tal-imgħax mitluba mill-FFHG għall-użu tal-linja ta' kreditu fl-2012 u fl-2013.

Figura 4

**Żvilupp tar-rata tal-imgħax mitluba mill-FFHG għall-użu tal-ippuljar ta' flus kontanti
f01/2012-08/2013**



- (49) Rigward l-indikazzjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ li l-marġni ta' riskju normalment jiġi stabbilit abbażi ta' valutazzjoni tal-probabbiltà ta' inadempjenza mill-FFHG, il-Ġermanja rrimarkat li bl-inklużjoni tal-FFHG fl-ippuljar ta' flus kontanti, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate ma tax self lil parti terza, imma offra self mill-azzjonisti lil sussidjarja tiegħu stess. Il-Ġermanja ssoktat tiddikjara li, bħala azzjonist, l-Istat Federali kien konxju sewwa tal-probabbiltà ta' inadempjenza mill-FFHG u ma kienx jeħtieġ valutazzjoni esterna, billi diġà kellu l-informazzjoni kollha neċessarja.
- (50) Il-Ġermanja pprovdiet ukoll il-klassifikazzjonijiet tal-FFHG stabbiliti abbażi tas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ⁽¹⁵⁾ għall-perjodu 2009 — 2014, kif miġbur fil-qosor fit-Tabella 7 hawn taħt. Il-Ġermanja stqarret li dawn il-klassifikazzjonijiet ġew stabbiliti abbażi tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-FFHG ta' kull 31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti u tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negożju disponibbli.

⁽¹⁵⁾ KMV Riskcalc Germany 3.1; dan il-mudell jintuża biex tiġi stmata l-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' kumpaniji mhux elenkati abbażi tad-dejta finanzjarja tagħhom. KMV RiskCalc Germany 3.1 ta' Moody's tikkalkula l-Frekwenza tal-Inadempjenza Mistennija (jew il-Probabbiltà tal-Inadempjenza) ta' impriżi mhux elenkati fil-Borża abbażi tad-dejta tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Tabella 7

Ħarsa ġenerali lejn il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-FFHG fl-2009 sal-2014

Perjodu ta' żmien	Tul ta' żmien preżunt ⁽¹⁾	Klassifikazzjoni tal-kreditu awtonoma tal-FFHG (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)	Klassifikazzjoni tal-kreditu aġġustata ⁽²⁾ (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)
Mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2010	Sentejn	[Ba1 — B3] ⁽³⁾	[Baa3-B2] ⁽⁴⁾
Mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2011	Sena	[Ba1 — B3] ⁽³⁾	[Baa3-B2]4 ⁽⁴⁾
Mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012	Sena	[Ba1 — B3]	[Baa3-B2]
Mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2014	Sentejn	[Ba1 — B3]	[Baa3-B2]

⁽¹⁾ Fid-dawl tal-ispejgazzjonijiet fil-premessa (46), ġiet preżunta durata ta' terminu qasir għas-self mogħti taħt l-ippuljar ta' flus kontanti għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu.

⁽²⁾ Meta titqies l-istruttura tas-sjeda.

⁽³⁾ Din tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni [BB+ to B-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's. Din il-kategorija ta' klassifikazzjoni tfisser li l-mutwatarju huwa [...].

⁽⁴⁾ Din tikkorrispondi għall-klassifikazzjoni [BBB- to B] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's. Din il-kategorija ta' klassifikazzjoni tfisser li l-mutwatarju huwa [...].

Sors: Memorandum tal-KPMG tas-7 ta' Ġunju 2013.

- (51) Konsegwentement, il-Ġermanja argumentat li bl-inklużjoni tiegħu fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali, l-FFHG ma kiseb l-ebda vantaġġ ekonomiku, u li għalhekk l-aċċess għall-ippuljar ta' flus kontanti ma kienx jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.

4.3 Natura tal-għajjnuna tas-self u tal-garanzija mogħtija lill-FFHG

4.3.1 Il-konformità tas-self mill-*ISB mas-suq*

- (52) Il-Ġermanja ddikjarat li l-FFHG ma kiseb l-ebda vantaġġ mir-rifinanzjament tas-self mill-*ISB*. Fl-opinjoni tal-Ġermanja, is-self mill-*ISB* kien paragunabbli mas-self mogħti minn Nassauische Sparkasse fl-2005. Skont il-Ġermanja, il-kollateralizzazzjoni tas-self mill-*ISB* ukoll kienet komparabbli mas-self ta' Nassauische Sparkasse.
- (53) Il-Ġermanja ddikjarat li, skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽¹⁶⁾, għajjnuna hija ddefinita bħala interventi li jimmitigaw l-imposti li normalment jiġu inklużi fil-baġit ta' impriża. Il-Ġermanja argumentat li jekk dawn l-imposti jibqgħu fl-istess livell, ma jista' jkun hemm l-ebda għajjnuna. Il-Ġermanja enfasizzat li l-imgħax imħallas fuq is-self rifinanzjat mill-*ISB* bħala total kien [EUR 80 000 sa EUR 130 000] ogħla meta mqabbel mal-arranġamenti ta' finanzjament preċedenti. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrimarkat li l-FFHG kellu jħallas primjum ta' [300 — 340] u [340 — 410] punti bażi għar-rata bażi ta' self. Il-Ġermanja ddikjarat li, skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali, dawk ir-rati jikkorrispondu għal impriża bi klassifikazzjoni sodisfaċenti ([BB+ sa BB-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's) u għal livell baxx ta' kollateralizzazzjoni jew klassifikazzjoni dgħajfa ([B+ sa B-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's) u b'livell normali ta' kollateralizzazzjoni.

⁽¹⁶⁾ F'dan ir-rigward il-Ġermanja rreferiet għall-każ C-30/59 *De gezamenlijke Steenkolenmijnen in Limburg v High Authority* [1961] ECR 00003, p. 3, 43.

- (54) Il-Ġermanja spjegat li fl-2009, bi thejjiha għall-finanzjament il-ġdid, l-FFHG ikkummissjona lil Deutsche Bank sabiex jagħtih indikazzjoni tal-marġni ta' riskju għar-rifinanzjament tas-self eżistenti. Il-Ġermanja sottomettiet il-valutazzjoni ta' Deutsche Bank ⁽¹⁷⁾, li kienet thejjiat abbażi tal-iktar tliet rapport annwali riċenti (2006-2008) tal-FFHG. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li dik il-valutazzjoni ma qisix il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju tal-FFHG kif kien rivedut dak iż-żmien. Rigward il-valutazzjoni ta' Deutsche Bank, il-Ġermanja ddikjarat li abbażi tal-analiżi tiegħu Deutsche Bank iqiegħed l-FFHG fil-kategorija ta' klassifikazzjoni [$<BBB+$] ⁽¹⁸⁾, madankollu ma jispeċifikax klassifikazzjoni eżatta għall-kumpanija.
- (55) Il-Ġermanja ċċarat li fl-analiżi ta' Deutsche Bank tqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sjeda tal-FFHG (pereżempju li hija proprjetà tal-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll l-importanza kbira tal-kumpanija għall-ekonomija lokali). Il-Ġermanja rrimarkat li skont Deutsche Bank kwalunkwe mutwanti kieku jqis dawn iċ-ċirkostanzi meta jagħti self lill-FFHG. Skont il-Ġermanja dan ifisser li anke jekk il-klassifikazzjoni awtonoma tal-FFHG kienet ta' [$<BBB+$], il-klassifikazzjoni aġġustata (li tqis il-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sjeda) tkun ogħla. ⁽¹⁹⁾
- (56) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ssoktat tiċċara li Deutsche Bank ta indikazzjoni tal-marġni ta' riskju applikabbli għal żewġ strutturi finanzjarji alternattivi — waħda bbażata fuq il-klassifikazzjoni aġġustata tal-FFHG (mingħajr kollateral, jiġifieri, b'referenza għal sitwazzjoni mingħajr garanzija tal-gvern espliċita pprovduta mill-azzjonist ewlieni tal-FFHG — l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate), u waħda b'garanzija ta' 100 % pprovduta mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. Il-Ġermanja rrimarkat li l-analiżi ta' Deutsche Bank uriet li fl-ewwel każ (mingħajr kollateral, abbażi tal-klassifikazzjoni tal-kreditu aġġustata) il-marġni ta' riskju applikabbli għal self ta' ħames snin ikun ta' bejn [1,3 % u 2,05 %] p.a. Skont il-Ġermanja, fit-tieni każ (b'garanzija li tkopri l-100 % tas-self) il-marġni ta' riskju applikabbli jkun ta' bejn [0,25 % u 0,7 %] p.a. ⁽²⁰⁾
- (57) Sabiex issostni l-analizzijiet imwettqa minn Deutsche Bank, il-Ġermanja pprovdiet ukoll il-klassifikazzjoni tal-2010 imħejjija minn Volksbank, li assenja lill-FFHG l-klassifikazzjoni ta' [...] skont l-iskala ta' klassifikazzjoni interna tiegħu ⁽²¹⁾. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li fl-2011 Kreissparkasse Birkenfeld assenja lill-FFHG l-klassifikazzjoni ta' [...] skont l-iskala ta' klassifikazzjoni tiegħu ⁽²²⁾.
- (58) Il-Ġermanja pprovdiet ukoll il-klassifikazzjonijiet tal-FFHG stabbiliti abbażi tas-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ta' Moody's fiż-żmien li ngħata s-self mill-*ISB* (ara t-Tabella 8).

Tabella 8

Ħarsa ġenerali lejn il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-FFHG fiż-żmien li ngħata s-self mill-*ISB*

Il-Bank	It-terminu	Tul ta' żmien fi snin	Il-klassifikazzjoni tal-kreditu awtonoma tal-FFHG (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)	Klassifikazzjoni tal-kreditu aġġustata ⁽¹⁾ (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)
ISB	[madwar 8 snin]	[madwar 8 snin]	[B2 — Baa3]	[B1 — Baa2]
ISB	[madwar 5 snin]	[madwar 5 snin]	[B2 — Baa3]	[B1 — Baa2]
ISB	[madwar sentejn]	[madwar sentejn]	[B2 — Baa3]	[B1 — Baa2]

⁽¹⁷⁾ Deutsche Bank, "Margen-Indikation für geplante Refinanzierung bestehender Verschuldung", 3 ta' Settembru 2009.

⁽¹⁸⁾ Il-Punt 3.2.1 tal-Margen-Indikation für geplante Refinanzierung bestehender Verschuldung: "... gehen wir von einer Einstufung der Gesellschaft im [...]" Il-kategorija ta' klassifikazzjoni [$<BBB+$] tinkludi l-klassifikazzjonijiet kollha li huma taħt [$BBB+$] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's.

⁽¹⁹⁾ Madankollu, Deutsche Bank ma pprovdix ir-rata aġġustata tal-FFHG.

⁽²⁰⁾ Din ir-rata tiġi kkalkolata kif ġej: [minn 5 sa 25] punti bażi — il-marġni ta' riskju mħallas fuq bonds EUR ta' ħames snin tal-German Länder, [minn 5 sa 25] punti bażi — minbarra l-marġni ta' hawn fuq minħabba r-riskju indirett minħabba l-kumpanija proprjetà tal-istat, [minn 5 sa 25] punti bażi — għan-negozjabbiltà limitata tad-dejn.

⁽²¹⁾ Klassifikazzjoni Ergebnis FFHG minn Volksbank Hunsrück-Nahe eG. Din il-klassifikazzjoni tikkorrispondi għal [B to BB] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's (ara Rating-Broschüre Finanzstandort Deutschland, 2010, p.18).

⁽²²⁾ Ratingunterlagen Kreissparkasse Birkenfeld. Din il-klassifikazzjoni tikkorrispondi għal [B to BB] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard and Poor's (ara Rating-Broschüre Finanzstandort Deutschland, 2010, p.18).

Il-Bank	It-terminu	Tul ta' żmien fi snin	Il-klassifikazzjoni tal-kreditu awtonoma tal-FFHG (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)	Klassifikazzjoni tal-kreditu aġġustata ⁽¹⁾ (skala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's)
ISB	[madwar 7 snin]	[madwar 7 snin]	[B2 — Baa3]	[B1 — Baa2]
ISB	[madwar 3 snin]	[madwar 3 snin]	[B2 — Baa3]	[B1 — Baa2]

⁽¹⁾ Meta titqies l-istruttura tas-sjieda.

Sors: Memorandum tal-KPMG tas-7 ta' Ġunju 2013.

- (59) Il-Ġermanja argumentat li l-FFHG għandu jitqies bħala impriża bi klassifikazzjoni tajba għax għandu livell għoli ta' kollateralizzazzjoni (l-assi kollha tal-FFHG jistgħu jintużaw bħala kollateral) u proporzjon tajjeb ta' ekwità ta' madwar 30 % minkejja l-fatt li l-FFHG kien qiegħed jagħmel it-telf u minħabba li l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate — bħala azzjonist tal-FFHG — ipprova garanzija għas-self.
- (60) Barra minn hekk, il-Ġermanja saħqet li l-FFHG u l-ISB innegożjaw il-kundizzjonijiet tas-self u li dawn in-negożjati ma kinux influwenzati mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate.
- (61) Konsegwentement, il-Ġermanja kienet tal-opinjoni li s-self mill-ISB mogħti lill-FFHG kien skont termini tas-suq, u li, għalhekk, dan is-self ma jikkostitwixxix għajnnuna mill-Istat.

4.3.2 Il-konformità tal-garanzija mogħtija mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate mas-suq

- (62) Il-Ġermanja ddikjarat li huwa komuni ħafna li kumpaniji azzjonarji jggarantixxu l-obbligi finanzjarji ta' sussidjarja tagħhom. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-garanzija tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate tissodisfa r-rekwiżiti tal-avviż ta' Garanzija ⁽²³⁾. Waqt li ammettiet li l-garanzija kkollateralizzata il-100 % flok it-80 % tal-ammont misluf (bħalma jirrikjedi l-Avviż ta' Garanzija), il-Ġermanja rrimarkat li dan ġara minħabba l-fatt li l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate ħa f'idejh il-garanziji ta' Fraport li wkoll kienu jammontaw għal 100 %. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ddikjarat li billi kienet diġà teżisti kollateralizzazzjoni ta' 100 %, meta ħa f'idejh il-kollateralizzazzjoni, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate kien qiegħed biss iżomm l-istatus quo. Għalhekk, fil-fehma tal-Ġermanja, l-FFHG ma rċieva l-ebda vantaġġ ekonomiku.
- (63) Minbarra dan, il-Ġermanja argumentat li l-FFHG seta' offra kollaterali oħrajn (bħal artijiet, bini u assi fissi oħrajn), li ma kinux neċessarji minħabba li l-Istat Federali kellu l-maġġoranza l-kbira tal-ishma tal-FFHG. Għalhekk, il-Ġermanja saħqet li l-kundizzjonijiet tas-self ma kinux neċessarjament jinbidlu li kieku l-Istat Federali ma tax il-garanzija.
- (64) Barra minn hekk, il-Ġermanja rrimarkat li l-FFHG iħallas tariffa tas-suq għall-garanzija. Biex issostni dan, il-Ġermanja rreferiet għall-istudju ta' Deutsche Bank, kif imsemmi fil-premessa 56. F'dan il-kuntest, il-Ġermanja ċċarat li Deutsche Bank iddetermina li t-tariffa tal-garanzija tkun bejn [0,5 % u 1,5 %]. ⁽²⁴⁾ Il-Ġermanja ddikjarat li minħabba li l-FFHG kien qiegħed jiżviluppa tajjeb meta nħarġet il-garanzija, it-tariffa ġiet stabbilita għal [0,5 % sa 1,5 %]. F'dan l-isfond, il-Ġermanja rrimarkat li, billi t-tariffa tal-garanzija tinsab fil-marġni ddeterminat mill-esperti ta' Deutsche Bank, din għandha titqies konformi mas-suq.

⁽²³⁾ Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

⁽²⁴⁾ Deutsche Bank ivvaluta żewġ xenarji alternattivi għall-finanzjament tal-FFHG — wieħed mingħajr kollateralizzazzjoni u ieħor b'garanzija tal-Istat ta' 100 %. Ġie stmat li fl-ewwel każ (mingħajr kollateral) il-marġni ta' riskju applikabbli għal self ta' ħames snin ikun ta' bejn [1,30 % u 2,05 %] p.a. Fit-tieni każ (b'garanzija li tkopri l-100 % tal-pretensjonijiet) il-marġni ta' riskju applikabbli jkun ta' bejn [0,25 % u 0,7 %] p.a. Id-differenza fil-marġni bejn iż-żewġ każi għandha tagħti indikazzjoni tal-prezz tal-garanzija. Id-differenza stmata minn Deutsche Bank hija fil-firxa bejn [0,6 % sa 1,8 %] p.a. ([1,3 % — 0,7 % = 0,6 % u 2,05 % — 0,25 % = 1,8 %]).

- (65) Bħala konklużjoni, il-Ġermanja enfasizzat li l-FFHG ma rċieva l-ebda vantaġġ ekonomiku fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat mill-ippuljar ta' flus kontanti jew mis-self mill-ISB jew mill-garanzija sottostanti.

4.4 Il-kompatibbiltà tal-miżuri mas-suq intern

4.4.1 Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna għall-investment

- (66) Il-Ġermanja argumentat li, anke jekk il-finanzjament mogħti lill-FFHG jikkostitwixxi għajnuna, dik l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (67) B'mod partikolari fir-rigward tas-self mill-ISB u tal-garanzija sottostanti, il-Ġermanja saħqet li s-self tal-ISB irrifinanzja ftehimiet eżistenti dwar self li ġew konklużi bil-għan li jiffinanzjaw miżuri infrastrutturali fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja argumentat li s-self nru 1 tal-ISB irrifinanzja self li kien maħsub sabiex jiffinanzja l-investimenti tal-2007 u tal-2008 fit-tagħmir tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, waqt li s-self nru 2 tal-ISB kien maħsub sabiex jirrifinanzja self li ffinanzja investimenti li saru fl-ajruport fl-2002. Skont il-Ġermanja, is-self nru 3 tal-ISB ukoll irrifinanzja investimenti fit-trasformazzjoni ta' hangar tal-merkanzija f'terminal tal-passiġġieri u f'miżuri oħrajn ta' estensjoni infrastrutturali. Il-Ġermanja argumentat ukoll li s-selfiet tal-ISB nru 4 u 5 irrifinanzjaw ukoll selfiet li jiffinanzjaw l-investimenti mill-2004 sal-2006. Għalhekk, il-Ġermanja argumentat li s-self ma kienx jikkostitwixxi għajnuna operatorja, imma għajnuna għall-investment li tikkonforma mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stipulati fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005. Il-premessi li ġejjin fihom l-analiżi ta' konformità ma' kull waħda minn dawn il-kundizzjonijiet.
- a) Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni definit sewwa
- (68) Rigward il-kundizzjoni li l-miżura trid tikkontribwixxi lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew, il-Ġermanja argumentat li l-objettiv tal-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien dejjem li jtejjeb l-istruttura ekonomika tar-reġjun ekonomikament sottożviluppat u b'popolazzjoni baxxa ta' Hunsrück.
- (69) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ddikjarat li, l-ewwel nett, l-objettiv tal-appoġġ lill-FFHG kien li tgħin biex tingħeleb l-ekonomija strutturalment dgħajfa tar-reġjun ta' Hunsrück. Il-Ġermanja saħqet li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa mdawwar b'għadd ta' żoni meqjusa bħala żoni li jeħtieġu appoġġ fi ħdan il-qafas ta' *Gemeinschaftsaufgabe "Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur"* ⁽²⁵⁾, kompitu kondiviż bejn il-gvernijiet federali u lokali. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja argumentat li l-erba' reġjuni madwar l-ajruport, jiġifieri Landkreis Bernkastel-Wittlich, Birkenfeld, Cochem-Zell u Rhein-Hunsrück-Kreis, għandhom bejn wieħed u ieħor biss nofs id-densità tal-popolazzjoni tal-bqija tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. Il-Ġermanja rrimarkat li għal dawn id-distretti li l-ekonomija tagħhom hija magħmula minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-impjiegi huma l-ankra ewlenija kontra iktar tnaqqis fl-ekonomija reġjonali u l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol importanti bħala impjegatur u bħala klijent.
- (70) It-tieni, il-Ġermanja argumentat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol importanti fl-iżvilupp strateġiku tat-turiżmu lejn l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate (- 33 % tal-passiġġieri li jikkorrispondu għal madwar miljun passiġġier fl-2005) u tat-turiżmu 'l barra minnu (- 67 % tal-passiġġieri). Il-Ġermanja ddikjarat li 88 % tal-passiġġieri li jidħlu qegħdin iqattgħu diversi ljieli fir-reġjun. Il-Ġermanja argumentat li t-turisti li daħlu fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn iġġeneraw madwar 5,7 miljun lejl fl-2005. ⁽²⁶⁾ Skont il-Ġermanja l-għadd ta' ljieli kompli

⁽²⁵⁾ Gemeinschaftsaufgabe "Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur (GRW) Gesetz" tas-6 ta' Ottubru 1969 (BGBl. I S. 1861), li għet emendata l-aħħar bl-Artikolu 8 tal-Att tas-7 ta' Settembru 2007 (BGBl. I, p. 2,246).

⁽²⁶⁾ Flughafen Frankfurt Hahn — Regionalökonomische Effekte, ZFL Studie, 03/2007.


jiżdied, bl-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate jilqa' 8,2 miljuni barranin fl-2011, li ġġeneraw 21,5 miljun lejl. Il-Ġermanja rrimarkat li l-għadd ta' barranin mill-pajjiżi tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Ewropa, b'mod partikolari, żdied u li joperaw numru kbir ta' titjiriet minn dawn il-pajjiżi lejn Frankfurt Hahn. Dan wassal biex ġew iġġenerati madwar 198 000 impjeg mit-turiżmu f'Rhineland-Palatinate, skont il-Ġermanja. L-effetti katalizzati tad-dħul u tal-impjegji joħorġu b'mod speċjali mit-turiżmu li jasal, li fih l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol ċentrali bħala l-bieb li minnu t-turisti jidħlu fir-reġjun ta' Hunsrück, imma wkoll f'Rhineland-Palatinate b'mod iktar ġenerali, kif spjegat il-Ġermanja. Il-Ġermanja ddikjarat li bejn l-1990 u l-2001 l-għadd ta' turisti żdied b'70 % fir-reġjun ta' Hunsrück u b'35 % f'Rhineland-Palatinate. Skont il-Ġermanja, matul l-istess perjodu, l-għadd ta' turisti li jiġu minn barra żdied b'163 % fir-reġjun ta' Hunsrück. Billi 88 % tat-turisti li jidħlu minn Frankfurt Hahn joqogħdu mill-inqas lejl wieħed u 80 % minn dawn iqattgħu anke bejn jumejn u għaxart ijiem, dawn jiġġeneraw benefiċċju totali ta' madwar EUR 133,7 miljun fis-sena. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li t-turiżmu 'l barra (67 %) ukoll jiġġenera introjtu għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn permezz ta' dħul mhux mill-avjazzjoni.

- (71) It-tielet, il-Ġermanja ddikjarat li, meta jitqiesu l-partijiet kollha tal-attivitajiet tal-ajruport, fl-2012 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ħoloq 3 063 impjeg fir-reġjun ta' Hunsrück, li minnhom 74 % kienu pozzizzjonijiet full-time. Skont il-Ġermanja, 90 % ta' dawn l-impjegati jgħixu wkoll fir-reġjun. Il-Ġermanja argumentat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jgħin fil-prevenzjoni tal-moviment ta' impjegati żgħażagħ kwalifikati lejn reġjuni oħrajn, kif ukoll ma jħallix il-komunitajiet reġionali u l-infrastruttura tagħhom imorru lura ekonomikament u soċjalment. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrimarkat li l-preżenza tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn mhux biss tipprodi l-effetti diretti msemmija diġà fis-suq tax-xogħol, imma tħalli wkoll effetti enormi indiretti, indotti u katalizzanti permezz ta' numru li qiegħed jiżdied ta' attivitajiet ekonomiċi u turistiċi. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja semmiet effetti sekondarji pozzittivi għar-reġjun, fosthom inqas qgħad u iktar kontribwenti tat-taxxa, li bihom il-muniċipalitajiet fir-reġjuni jirċievu iktar flus sabiex jgħinu l-ekonomija lokali. B'kollox, l-ajruport iġġenera madwar 11 000 impjeg għal Rhineland-Palatinate kollu kemm hu permezz tat-turiżmu li jidħol.
- (72) Il-Ġermanja argumentat li l-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn għen ukoll biex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess komuni li huwa definit sew li tingħeleb il-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru fiċ-ċentri ewlenin tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja indikat il-fatt li l-limiti tal-kapaċità tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ġew kostantament maqbuża. Il-Ġermanja argumentat li, speċjalment fid-dawl tal-liċenzja li għandu biex jopera 24 siegħa kuljum, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien għalhekk qiegħed iservi sabiex jipprovi kapaċità addizzjonali biex tittaffa l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (73) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-appoġġ għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn iservi l-oġġettiv ta' interess komuni li tiżdied il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja rrimarkat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa l-uniku ajruport Ġermaniż li joffri titjiriet diretti lejn Kaunas (il-Latvja), Kerry (il-Irlanda), Kos (il-Greċja), Montpellier (Franza), Nador (il-Marokk), Plovdiv (il-Bulgarija), Pula (il-Kroazja), Rodi (il-Greċja), Santiago de Compostela (Spanja) u Volos (il-Greċja). Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jikkontribwixxi għall-mobbiltà okkupazzjonali taż-żgħażagħ, li jistgħu jilhq u r-reġjun ta' Hunsrück u Rhineland-Palatinate bi prezzijiet baxxi. Bl-istess mod, il-Ġermanja indikat li universitajiet ta' kwalità għolja u istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja f'Koblenz, Mainz, Kaiserslautern, Trier, Wiesbaden, Mannheim, Bonn eċċ., fejn fil-parti l-kbira ma japplikaw l-ebda miżati għat-tagħlim, issa jistgħu jintlaħqu faċilment minn studenti minn madwar l-Unjoni.
- (74) Il-Ġermanja argumentat, barra minn hekk, li huwa wkoll ta' interess komuni li r-reġjun ta' Hunsrück u r-reġjuni tal-madwar f'Rhineland-Palatinate huma konnessi ma' reġjuni periferiċi oħrajn, pereżempju Limerick, kif diġà ġie mmanifestat permezz ta' sħubiji bejn l-iblet. Bħala r-raba' l-ikbar ekonomija nazzjonali fid-dinja, il-Ġermanja ddikjarat li mhijiex qiegħda tiffoka biss fuq konnessjonijiet maċ-ċentri ewlenin Ewropej, imma wkoll fuq konnessjonijiet bejn ir-reġjuni nfushom. Skont il-Ġermanja, huwa importanti għall-Unjoni li ssir iktar indipendenti miċ-ċentri ewlenin bħal Heathrow, Charles de Gaulle, Schipol jew Frankfurt/Main, għax dan ikun ifisser mhux biss iktar konnessjonijiet diretti imma wkoll iktar affidabbiltà speċjalment għan-negozju tal-merkanzija billi l-ajruporti reġionali huma inqas suxxettibbli għal kanċellazzjonijiet minħabba t-temp, strajks, terroriżmu jew kanċellazzjoni minħabba riskji ta' kanċellazzjoni.
- (75) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja b'mod ġenerali enfasizzat li l-viċinanza tal-ajruport ta' Zweibrücken ma twassalx għal xogħol doppju minn ajruporti fl-istess żona ta' lħuq, minħabba d-distanza ta' 127 km bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u l-ajruport ta' Zweibrücken. Skont il-Ġermanja, din id-distanza tfisser ħin ta' vvjaġġar ta' siegħa u 27 minuta bil-karozza, jew ta' madwar erba' sigħat bil-ferrovija. Għalhekk, il-Ġermanja argumentat li ebda ħaddiem, trasportatur tal-merkanzija jew turist raġonevoli li l-punt tat-tluq tiegħu jinsab fir-reġjun ta' Hunsrück mhu sejjer imur fl-ajruport ta' Zweibrücken flok f'dak ta' Frankfurt Hahn sabiex jilħaq id-destinazzjoni aħħarija

tiegħu. Barra minn hekk, il-Ġermanja sostniet li, meta wieħed josserva t-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija bejn l-2005 u l-2012, ma jista' jiddeduċi l-ebda relazzjoni ta' sostituzzjoni bejn l-ajruporti. Skont il-Ġermanja, is-sehem ewlieni mis-suq tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn jiġi mir-reġjun Hunsrück-Mosel-Nahe (ara l-Figura 5).

Figura 5

Is-sehem mis-suq fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-2013 (*)



(b) L-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonata għall-oġettiv

- (76) Il-Ġermanja tqis li l-investimenti ffinanzjati huma neċessarji u proporzjonati għall-oġettiv ta' interess komuni (ara l-premessa 68 u dawk segwenti). Skont il-Ġermanja, l-investimenti saru skont il-ħtiġijiet u l-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport biex jggarantixxi l-konnettività, jippermetti l-iżvilupp tar-reġjun u jtaffi l-konġestjoni tal-ajruport ta' Frankfurt Main. Il-Ġermanja rrimarkat li l-infrastruttura ma kinitx sproorzjonata jew lussuża żżejjed għall-ħtiġijiet ta' dawk li jużaw l-ajruport. Għalhekk, il-Ġermanja qieset li din il-kundizzjoni ta' kompatibilità kienet issodisfata.

(c) L-infrastruttura toffri prospetti sodisfaċenti ta' użu fuq żmien medju

- (77) Il-Ġermanja sostniet li qabel ittieħdet id-deċiżjoni li tiġi estiża l-infrastruttura tal-ajruport, Fraport ikkummissjonat studji ta' previżjoni dwar it-traffiku sabiex tidentifika l-potenzjal tat-traffiku għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja pprovdi dawn l-istudji li kienu tħejjew minn esperti tal-avjazzjoni għan-nom ta' Fraport. Il-Figura 6 u l-Figura 8 jiġbru fil-qosor ir-riżultati ta' wieħed minn dawn l-istudji rigward l-iżvilupp previst tat-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2000 u l-2011.

(*) Sottomissjoni tal-Ġermanja, Settembru 2014.

Figura 6

Total ta' passiġġieri potenzjali fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2000 u l-2010




Figura 7

Traffiku ta' passiġġieri potenzjali bi prez baxx (taħt l-assunzjoni li Ryanair tistabilixxi bażi li jkun ifisser li l-ajruport iservi ta' bażi/stazzjon għall-inġenji tal-ajru tagħha tul il-lejl) fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2001 u l-2011





Figura 8

Total ta' traffiku ta' merkanzija potenzjali fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2001 u l-2010



(d) Access għall-infrastruttura b'mod ugwali u nondiskriminatorju

- (78) Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja, l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għall-ajruport skont termini ugwali u nondiskriminatorji. Il-Ġermanja argumentat li t-tariffi tal-ajruport imħallsin għall-użu tal-infrastruttura kienu bbażati fuq differenzjazzjoni kummerċjalment iġġustifikata u li l-iskeda tat-tariffi tal-ajruport hija disponibbli għall-utenti potenzjali kollha b'mod trasparenti u nondiskriminatorju.

(e) Il-kummerċ ma jiġix affettwat b'mod kuntrarju għall-interess komuni

- (79) L-ewwel nett, il-Ġermanja ddikjarat li ma hemm l-ebda effetti ta' sostituzzjoni bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u ajruporti oħrajn fiż-żona ta' l-huq, bħalma huma l-ajruport ta' Zweibrücken u l-ajruport ta' Frankfurt Main. Skont il-Ġermanja, ma kien hemm l-ebda effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni ma' dawn l-ajruporti bħala riżultat tal-għajnuna mogħtija lill-FFHG, kemm f'relazzjoni mat-traffiku ta' passiġġieri, kif ukoll f'relazzjoni mat-traffiku ta' merkanzija. Il-Ġermanja sostniet li, għall-kuntrarju, biex itiru ma' trasportaturi bi prezz baxx il-passiġġieri jippreferu jużaw ajruporti ċentrali (bħal Köln/Bonn jew Frankfurt Main) milli ajruporti reġjonali (bħal Frankfurt Hahn). Il-Ġermanja argumentat li fis-snin riċenti, trasportaturi bi prezz baxx kellhom dejjem iżjed jipprovdu iktar titjiriet lejn ċentri ewlenin billi l-linji tal-ajru tradizzjonali baxxew il-prezzijiet tagħhom u bdew jidħlu fis-suq tat-titjiriet bi prezz baxx. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ddikjarat li l-ajruporti reġjonali, bħal Frankfurt Hahn, issa jinsabu taħt pressjoni ikbar biex jikkompetu ma' ajruporti ċentrali għal passiġġieri turisti. Għalhekk, il-Ġermanja kkonkludiet li l-finanzjament ma wassalx għal xi effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni, anzi għall-kuntrarju kien xieraq għat-tranżizzjoni tal-ajruport lejn mudell tan-negozju stabbli fil-futur.
- (80) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li l-fatt li Fraport, qabel ma kkostitwiet ruħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, kienet diġà l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Main, juri li l-ebda movimenti ta' sostituzzjoni minn Frankfurt Main lejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kellhom ikunu mistennija. Minflok, Fraport kienet qiegħda tinvesti fil-possibbiltà li tnaqqas il-konġestjoni mill-ajruport ta' Frankfurt Main u li tuża l-funzjoni komplimentari, addizzjonali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, billi kien previst li ċ-ċentru ta' Frankfurt Main fil-futur kien sejjer ikun mgħobbi iktar milli jiflaħ. Skont il-Ġermanja, il-projbizzjoni tat-titjiriet billejl fl-ajruport ta' Frankfurt Main kienet wieħed mill-fatturi f'dan ir-raġunjar billi l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja biex jopera 24 siegħa kuljum.
- (81) Bħala konklużjoni, il-Ġermanja argumentat li l-effetti tal-finanzjament favur l-FFHG kienu limitati għall-effetti reġjonali pożittivi fuq ir-reġjun ta' Hunsrück kollu kemm hu, waqt li l-ebda effetti negattivi bla bżonn ma nħolqu fir-rigward ta' ajruporti oħrajn billi l-ajruport ta' Frankfurt Hahn qiegħed jintuża sabiex inaqqas il-konġestjoni minn Frankfurt Main. Barra minn hekk, il-Ġermanja ddikjarat li minbarra l-ajruport tal-Lussemburgu, li diġà huwa siegħa u nofs bogħod (111 km) mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, m'hemmx ajruporti barranin oħrajn li qegħdin jikkompetu fl-istess żona ta' l-huq. Anke fir-rigward tal-Lussemburgu, l-għajnuna mogħtija ma għandha l-ebda effett negattiv ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni skont il-Ġermanja.

(f) Effett ta' inċentiv, neċessità u proporzjonalità

- (82) Il-Ġermanja ddikjarat li fl-assenza ta' għajnuna għall-investment, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport jitnaqqas b'mod sinifikanti. Il-Ġermanja argumentat li l-għajnuna kienet neċessarja għax kienet tagħmel tajjeb biss għall-ispejjeż tal-finanzjament u ammont inqas kieku jwassal għal livelli iktar baxxi ta' investment.

4.4.2 Valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna operatorja

- (83) Fis-17 ta' April 2014, il-Ġermanja tat il-fehmiet tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri taħt il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Il-Ġermanja argumentat li anke jekk l-ippuljar ta' flus kontanti, is-self u l-garanzija sottostanti kienu jikkostitwixxu għajnuna operatorja lill-FFHG, dik l-għajnuna kienet kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u t-taqsima 5.1.2 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014. Il-Ġermanja stabbiliet l-argumenti tagħha f'iktar dettall fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà rispettivi.

a) Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni definit sewwa

- (84) Fir-rigward tar-rekwiżit li l-ghajjnuna trid tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew, il-Ġermanja argumentat li l-kopertura tal-ispejjeż tal-operat tal-FFHG dejjem kienet immirata lejn l-objettiv li tittejjeb l-istruttura ekonomika tar-reġjun ekonomikament sottożviluppata u b'popolazzjoni baxxa ta' Hunsrück. F'dan ir-rigward il-Ġermanja użat l-istess raġunjar bħal fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ghajjnuna għall-investiment sabiex tiġi ffinanzjata l-infrastruttura tal-ajruport (ara t-taqsimha 4.4.1).

b) Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

- (85) Il-Ġermanja spjegat għala Frankfurt Hahn qiegħed jagħmel telf operattiv li jeħtieġ li jiġi kopert. Il-Ġermanja ddikjarat li huwa objettiv pjuttost ambizzjuż għal ajruport bħal Frankfurt Hahn ta' bejn miljun u tliet miljun passiġġier li jagħmel profitt u li jkun kapaċi jkopri l-ispejjeż operattivi tiegħu. Skont il-Ġermanja, ma kienx possibbli li jinkiseb dan l-objettiv ambizzjuż fis-sinjura tal-bidu (jiġifieri fil-perjodu bejn il-bidu tat-traffiku kummerċjali ta' passiġġieri fl-ajruport sal-lum) tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn billi l-ajruport kien imtaqqal b'investimenti infrastrutturali għoljin ħafna li ffinanzjahom huwa stess fuq is-suq kapitali u li għalihom kellu jħallas imgħax għoli. Barra minn hekk, il-Ġermanja ddikjarat li minn mindu faqqgħet il-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija, kien hemm staġnar fit-traffiku tal-passiġġieri u b'mod speċjali ftal-merkanzija.
- (86) Il-Ġermanja argumentat li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, kien hemm hteġa ta' intervent mill-Istat li jkopri t-telf operatorju għax inkella l-FFHG kien isir insolventi. Skont il-Ġermanja, dan kieku kien jirriżulta wkoll fl-irtirar tal-liċenzja tal-operat ta' 24 siegħa kuljum, li kien ifisser li l-FFHG kien ikollu jjeqaf jopera t-titjiriet kollha, li kien iwassal għal telf ta' klijenti, bħalma huma linji tal-ajru u trasportaturi tal-merkanzija. Il-Ġermanja rrimarkat li mbagħad kien ikun ukoll diffiċli ferm li jinstab operator ġdid għall-ajruport.

c) L-adeqwatezza tal-miżuri ta' ghajjnuna bħala strumenti ta' politika

- (87) Il-Ġermanja sostniet li l-kopertura tal-ispejjeż operattivi kienet miżura xierqa sabiex jintlaħaq l-objettiv maħsub. Il-Ġermanja argumentat f'dan ir-rigward li kieku l-ajruport ta' Frankfurt Hahn waqaf jopera u għeb mis-swieq rilevanti, l-objettivi ta' interess komuni segwiti li jiġi żviluppata ir-reġjun ta' Hunsrück u li jsiru investimenti għall-konverżjoni ma kinux jintlaħqu. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja enfasizzat li f'kontrast ma' investitur privat, investitur pubbliku jrid jieħu dawn l-objettivi inkonsiderazzjoni hu u jqs l-alternattiva tal-għeluq tal-ajruport.

d) L-eżistenza ta' effett ta' inċentiv

- (88) Il-Ġermanja argumentat li biex iżżomm l-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-operat, kien meħtieġ li tkopri l-ispejjeż operattivi tiegħu billi l-FFHG kieku kien isir insolventi. Il-Ġermanja ddikjarat li l-kopertura tal-ispejjeż tal-operat kienet ukoll il-bażi biex jiġu rrealizzati l-objettivi ta' interess komuni kif iddikjarati fil-premessa 84 u f'dawk segwenti. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li mingħajr din l-ghajjnuna operatorja, il-konsolidazzjoni finanzjarja tal-ajruport kif prevista mill-operator issa kienet tkun inkonċepibbli, billi l-ajruport kien ikun akkumulat iktar u iktar dejn minflok ħeles mid-djun tiegħu. Skont il-Ġermanja, l-effett ta' inċentiv tal-miżuri diġà jidher mill-fatt li l-FFHG kontinwament qiegħed jagħmel progress lejn il-profittabbiltà.

e) Il-proporzjonalità tal-ammont ta' ghajjnuna (ghajjnuna limitata għall-minimu)

- (89) Il-Ġermanja argumentat li kwalunkwe element ta' ghajjnuna li kien hemm fis-self kien limitat għat-telf operatorju tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u kien jirrappreżenta l-minimu assolut neċessarju sabiex l-ajruport jinżamm miftuħ u ma jitħallix isir insolventi.

- f) Evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri
- (90) Il-Ġermanja qieset li ma kienx hemm effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dan ir-rigward il-Ġermanja użat l-istess raġunar bħal fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà tal-ghajjnuna għall-investiment sabiex tiġi ffinanzjata l-infrastruttura tal-ajruport (ara t-taqsimha 4.4.1).

5 KUMMENTI MINGĦAND PARTIJET TERZI

5.1 L-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate

- (91) Il-Kummissjoni rċeviet biss kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ mingħand l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. Dawn il-kummenti kienu konformi mal-kummenti tal-Ġermanja.
- (92) L-ewwel nett, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate iddikjara li l-FFHG ma rċieva l-ebda ghajjnuna mill-Istat għax ma kisibx vantaġġ ekonomiku. L-Istat Federali argumenta li l-miżuri meħuda minnu kienu jittieħdu minn kwalunkwe investitur privat fl-istess sitwazzjoni. Huwa enfasizza bil-qawwa li l-proċedura tal-Kummissjoni qiegħda tillimita l-iżvilupp potenzjali tal-FFHG u tan-negozju tiegħu. L-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate saħaq fuq l-importanza tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn għat-turiżmu li jasal u għall-ekonomija tal-Istat Federali.
- (93) Skont l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, anke li kieku tingħata ghajjnuna mill-Istat lill-FFHG, din tkun kompatibbli mas-suq intern. Fil-fehma tal-Istat Federali, il-finanzjament kien intiż sabiex jiżviluppa l-infrastruttura tal-ajruport, li hija ta' interess ekonomiku kbir għall-Istat Federali.
- (94) Għalhekk, l-Istat Federali huwa tal-opinjoni li anke jekk il-Kummissjoni tkun tal-fehma li kienet involuta ghajjnuna mill-Istat, din għandha tiġi kkunsidrata ghajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artiklu 107(3)(c) tat-Trattat u titqies kompatibbli mas-suq intern.

5.2 Kummenti dwar l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 għall-każ pendenti

5.2.1 Il-Lufthansa

- (95) Il-Lufthansa saħqet li l-Kummissjoni għandha tapplika l-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004 ⁽²⁷⁾ f'dan il-każ. Skont il-Lufthansa l-miżuri jinvolvu ghajjnuna kontinwa ta' salvataġġ illegali u inkompatibbli implimentata mill-Istat Federali Rhineland-Palatinate favur l-FFHG. Il-Lufthansa ddikjarat li l-ajruport minn dak iż-żmien baqa' jġarrab telf annwali u mingħajr appoġġ pubbliku kien ikollu joħroġ mis-suq.

5.2.2 Trasport u Ambjent

- (96) Din l-organizzazzjoni nongovernattiva għamlet kummenti li jikkritikaw il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni rigward l-industrija tal-avjazzjoni sa issa, għall-allegati effetti negattivi tagħhom fuq l-ambjent.

6 VALUTAZZJONI

- (97) Skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat "kull ghajjnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produttori għandha, sa fejn tolgot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."

⁽²⁷⁾ Community guidelines on State aid for rescuing and restructuring firms in difficulty [Linji gwida tal-Komunità dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' ditti f'diffikultà] (ĠU C 244, 1.10.2004, p. 2).

- (98) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-miżuri jikkostitwixxux għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, jeħtieġ li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin. L-appoġġ finanzjarju jrid:
- (a) jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat,
 - (b) jiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti,
 - (c) johlq distorsjoni jew jhedded li johlq distorsjoni għall-kompetizzjoni, u
 - (d) jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1 In-natura tal-għajjnuna tal-linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate

6.1.1 Il-kunċett ta' impriża u l-attività ekonomika

- (99) Skont każistika stabbilita, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tistabbilixxi jekk l-FFHG hijiex impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-kunċett ta' impriża jkopri kull entità involuta f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod kif tiġi ffinanzjata. ⁽²⁸⁾ Kwalunkwe attività li tikkonsisti fl-offerta ta' prodotti jew servizzi f'suq partikolari titqies bħala attività ekonomika. ⁽²⁹⁾
- (100) Fis-sentenza tagħha fil-kawża *Leipzig/Halle Airport* tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-operat ta' ajruport għal fini kummerċjali u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tal-ajruport jikkostitwixxu attività ekonomika. ⁽³⁰⁾ Ladarba operatur ta' ajruport jinvolvi ruħu f'attivitajiet ekonomiċi billi joffri servizzi bi ħlas fl-ajruport, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu jew mill-mod kif jiġi ffinanzjat, huwa jikkostitwixxi impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u, għalhekk, ir-regoli tat-Trattat dwar l-għajjnuna mill-Istat jistgħu jiġu applikati għal vantaġġi mogħtija mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat lil dak l-operatur tal-ajruport. ⁽³¹⁾
- (101) Rigward il-mument li minnu l-kostruzzjoni u l-operat ta' ajruport ikunu saru attività ekonomika, l-iżvilupp gradwali tal-forzi tas-suq fis-settur tal-ajruporti ma jippermettix li tiġi stabbilita data preċiża. Madankollu, il-Qorti Ġenerali rrikonossiet l-evoluzzjoni fin-natura tal-attivitajiet fl-ajruport u fis-sentenza tagħha *L-ajruport ta' Leipzig/Halle*, il-Qorti Ġenerali sostniet li mis-sena 2000 'il quddiem l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport ma setgħetx tibqa' tiġi eskluża. Konsegwentement, mid-data tas-sentenza fil-kawża *Aéroports de Paris* (12 ta' Diċembru 2000) ⁽³²⁾, l-operat u l-bini tal-infrastruttura tal-ajruport għandhom jitqiesu bħala attività ekonomika li taq' fi ħdan l-ambitu tal-kontroll tal-għajjnuna mill-Istat.
- (102) F'dan ir-rigward, l-ajruport li huwa soġġett għal din id-Deċiżjoni huwa operat mill-FFHG, l-amministratur tal-ajruport, fuq bażi kummerċjali. L-amministratur tal-ajruport, l-FFHG, jitlob lill-utenti sabiex iħallsu għall-użu ta' dik l-infrastruttura. L-FFHG għalhekk huwa impriża għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni.

6.1.2 Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà mogħtija lill-Istat

- (103) Sabiex tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, il-miżura inkwistjoni għandha tiġi ffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.

⁽²⁸⁾ Il-Kawża C-35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1998] Ġabra I-3851; il-Kawża C-41/90 *Höfner u Elser* [1991] Ġabra I-1979; il-Kawża C-244/94 *Fédération Française des Sociétés d'Assurances vs Ministère de l'Agriculture et de la Pêche* [1995] Ġabra I-4013; il-Kawża C-55/96 *Job Centre* [1997] Ġabra I-7119.

⁽²⁹⁾ Il-Kawża 118/85 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1987] Ġabra 2599; il-Kawża 35/96 *Il-Kummissjoni vs l-Italja* [1998] Ġabra I-3851.

⁽³⁰⁾ Is-sentenza *Leipzig/Halle*, b'mod partikolari l-paragrafi 93-94; ikkonfermata bil-Kawża C-288/11 P *Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig-Halle vs Il-Kummissjoni* [2012] ECLI:EU:C:2012:821; ara wkoll il-Kawża T-128/89 *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-3929, ikkonfermat bil-Kawża C-82/01 P *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-9297 u l-Kawża T-196/04 *Ryanair vs Il-Kummissjoni* ("Is-sentenza ta' Charleroi") [2008] Ġabra II-3643.

⁽³¹⁾ Il-Kawża C-159/91 u C-160/91 *Poucet vs AGV u Pistre vs Cancave* [1993] Ġabra I-637.

⁽³²⁾ Is-sentenza ta' *Leipzig-Halle*, il-paragrafi 42-43.

- (104) Il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat japplika għal kwalunkwe vantaġġ mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilu. ⁽³³⁾ Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat, riżorsi tal-Istat. ⁽³⁴⁾
- (105) Il-Ġermanja l-ewwel argumentat li l-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat mhuwiex iffinanzjat direttament mill-baġit pubbliku tal-Istat Federali. Hija sostniet li l-fondi kollha fl-ippuljar ta' flus kontanti jew ġejjin minn impriżi parteċipanti jew jinkisbu fil-forma ta' self fuq is-suq kapitali. F'sottomissjoni sussegwenti, il-Ġermanja ddikjarat li l-fondi miġbuda mill-ippuljar ta' flus kontanti mill-FFHG mhumieq koperti b'garanzija mill-Istat Federali, billi l-fondi huma direttament ipprovduti mir-riżorsi tal-Istat Federali. ⁽³⁵⁾
- (106) Il-Kummissjoni tqis li fil-każ preżenti, f'kull ħin l-Istat eżerċita kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi tal-ippuljar ta' flus kontanti, bil-konsegwenza li dawn kienu jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. L-ewwel, il-Ġermanja nnifisha argumentat li l-linja ta' kreditu pprovduta mill-ippuljar ta' flus kontanti kienet iffinanzjata direttament mir-riżorsi tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat. Għalhekk, il-miżura inkwistjoni kienet iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat.
- (107) It-tieni, biss l-impriżi li fihom l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat għandu maġġoranza azzjonarja (tal-inqas 50 % tas-sjeda) jistgħu jipparteċipaw fl-ippuljar ta' flus kontanti. Minħabba l-maġġoranza ta' proprjetà pubblika, l-impriżi parteċipanti huma b'mod ċar impriżi pubbliki skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE. ⁽³⁶⁾ Billi l-impriżi kollha parteċipanti huma għalhekk impriżi pubbliki, ir-riżorsi tagħhom jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Dan il-fatt waħdu jfisser li l-fondi tal-ippuljar ta' flus kontanti, sa fejn huma magħmulin minn depożiti mqiegħda mill-impriżi parteċipanti, jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.
- (108) It-tielet, f'każ li d-depożiti tal-impriżi parteċipanti fl-ippuljar ta' flus kontanti ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità ta' parteċipant, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat jikseb finanzjament fuq terminu qasir fis-swieq finanzjarji f'ismu u jgħaddi dawn il-fondi lill-impriżi parteċipanti fl-ippuljar ta' flus kontanti. Billi l-Istat Federali jieħu s-self neċessarju f'ismu stess, irid jitqies li l-fondi miksuba b'dan il-mod jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat ukoll. Kif jidher fil-Figura 2, bejn l-2009 u l-2013 (minbarra Awwissu 2012 u Settembru 2013) id-depożiti tal-impriżi parteċipanti fl-ippuljar ta' flus kontanti ma kinux biżżejjed biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-parteċipanti kollha u l-Istat Federali kellu jieħu s-self neċessarju f'ismu stess.
- (109) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament ipprovdut mill-ippuljar ta' flus kontanti huwa ffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat, billi kemm id-depożiti tal-impriżi parteċipanti kif ukoll is-self meħud mill-Istat Federali sabieq isolvi n-nuqqasijiet ta' likwidità fl-ippuljar ta' flus kontanti jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.
- (110) Barra minn hekk jidher ċar li l-Istat Federali kellu kontroll estensiv fuq l-operat tal-ippuljar ta' flus kontanti, bil-konsegwenza li l-finanzjament ipprovdut lill-impriżi parteċipanti huwa imputabbli lill-Istat. Il-ftehim għall-parteċipazzjoni fl-ippuljar ta' flus kontanti huwa konkluż bejn l-Istat Federali u l-impriżi involuti. Id-deċiżjoni li impriża titħalla tipparteċipa fl-ippuljar ta' flus kontanti għalhekk tittieħed direttament mill-Istat Federali. L-Istat Federali jiddeċiedi wkoll fuq l-ammont massimu li impriża parteċipanti tista' tiġbed mill-ippuljar ta' flus kontanti fil-forma ta' linja ta' kreditu. Barra minn hekk, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat jamministra direttament l-operat ta' kuljum tal-ippuljar ta' flus kontanti permezz tal-*"Landeshauptkasse"*, li hija istituzzjoni tal-Ministru tal-Finanzi tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat. Il-*"Landeshauptkasse"* wkoll jirrappreżenta uffiċjalment lill-Istat Federali meta jikseb fondi fis-suq sabieq ikopri nuqqasijiet ta' likwidità fl-ippuljar ta' flus kontanti.
- (111) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li l-Istat huwa kapaċi jikkontrolla direttament l-attivitajiet tal-ippuljar ta' flus kontanti, u b'mod speċjali l-kwistjoni ta' liema impriża tista' tipparteċipa u l-linja ta' kreditu individwali mogħtija lil kull impriża parteċipanti. Għalhekk id-deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni fl-ippuljar ta' flus kontanti u sa fejn twassal dik il-parteċipazzjoni huma imputabbli lill-Istat.

⁽³³⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs il-Kummissjoni ("Stardust Marine")* [2002] Ġabra I-4397.

⁽³⁴⁾ Il-Kawżi Konġunti T-267/08 u T-279/08, *Nord-Pas-de-Calais* [2011] Ġabra II-01999, il-paragrafu 108.

⁽³⁵⁾ Sottomissjoni tal-Ġermanja ddatata l-24 ta' April 2014, twegħba għall-mistoqsija 4, p. 3.

⁽³⁶⁾ Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliki kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

6.1.3 *Il-vantaġġ ekonomiku*

- (112) Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kwalunkwe benefiċċju ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. ⁽³⁷⁾ Huwa biss l-effett tal-miżura fuq l-impriża li huwa rilevanti, mhux il-kawża jew l-oġettiv tal-intervent mill-Istat. ⁽³⁸⁾
- (113) Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjeb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat, ikun hemm vantaġġ. Inkella, *“il-kapital impoġġi direttament jew indirettament għad-dispożizzjoni ta' impriża mill-Istat f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jistax jitqies bħala għajna mill-Istat”*. ⁽³⁹⁾
- (114) Sabiex jiġi vverifikat jekk impriża bbenefikatx minn vantaġġ ekonomiku li rriżulta mill-għoti ta' self jew kwalunkwe forma oħra ta' finanzjament b'dejn, il-Kummissjoni tapplika l-kriterju tal-“prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq”. Għalhekk, il-Kummissjoni trid tevalwa jekk il-kundizzjonijiet tal-ippuljar ta' flus kontanti mogħtija lill-FFHG jagħtux vantaġġ ekonomiku li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq.
- (115) Il-Ġermanja argumentat li l-“prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq” kien ġie rrispettat bis-sħiħ peress li l-ippuljar ta' flus kontanti jipprovdi finanzjament bil-kundizzjonijiet tas-suq. Rigward il-parteċipazzjoni tal-FFHG fl-ippuljar ta' flus kontanti, il-Ġermanja spjegat li l-ippuljar ta' flus kontanti jaħdem kif ġej: L-FFHG jitlob fondi mill-ippuljar ta' flus kontanti li jiżgurawlu l-likwidità, u l-Istat Federali jipprovdi dawn il-fondi mill-ippuljar ta' flus kontanti. Ir-rati tal-imgħax imposti fuq l-FFHG huma rati ta' self b'avviż ta' ħlas lura hekk kif jintalab abbażi tas-suq ⁽⁴⁰⁾, fil-livell disponibbli għall-Istat Federali nnifsu, kif muri fil-Figura 4.
- (116) Fejn id-depożiti tal-impriżi parteċipanti ma jkunux biżżejjed biex ikopru t-talba, l-Istat Federali jirriforni l-ippuljar ta' flus kontanti billi jieħu self f'ismu stess. Il-Ġermanja ssoktat tispjega li l-Istat Federali essenzjalment jgħaddi l-kundizzjonijiet li jkseb fis-suq kapitali lill-parteċipanti tal-ippuljar ta' flus kontanti, biex hekk jippermetti lill-parteċipanti — l-impriżi tal-Istat Federali li fihom l-Istat Federali għandu l-maġġoranza tal-ishma — li jirrifinanzjaw lilhom infushom bl-istess kundizzjonijiet tal-Istat Federali nnifsu, mingħajr l-ebda kunsiderazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tagħhom. Barra minn hekk, il-finanzjament huwa disponibbli għall-impriżi għal perjodu ta' żmien indefinit.
- (117) Fid-dawl ta' dan il-mekkaniżmu, jingħata vantaġġ lill-FFHG fejn il-kundizzjonijiet li bihom l-Istat Federali jagħti self mill-ippuljar ta' flus kontanti huma iktar favorevoli minn daww disponibbli għall-FFHG fis-suq. Il-kundizzjonijiet għas-self mill-ippuljar ta' flus kontanti huma l-istess bħal daww disponibbli għall-Istat Federali biex jirrifinanzja lilu nnifsu. Meta jitqies li l-Istat Federali, bħala awtorità pubblika, jista' jissellef b'rati favorevoli ħafna (billi kważi ma hemm ebda riskju ta' inadempjenza u l-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-Istat Federali tikkorrispondi għal AAA ⁽⁴¹⁾), il-Kummissjoni tqis li r-rata li biha l-FFHG jista' jkseb self mill-ippuljar ta' flus kontanti hija iktar favorevoli minn dik li kieku hija disponibbli għaliha. Dan huwa sostnut ukoll bil-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tal-FFHG bejn l-2009 u l-2014 ipprovdu mill-Ġermanja u mogħtija fil-qosor fit-Tabella 7, li turi li l-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-FFHG tvarja bejn [...]. Għalhekk, is-self mill-ippuljar ta' flus kontanti kien disponibbli b'kundizzjonijiet aħjar minn daww li l-affidabbiltà tal-kreditu tal-FFHG kieku tiġġustifika. Barra minn hekk, l-FFHG ma għandux għalfejn jipprovdi kollateral għal dan is-self. Għalhekk, meta ħalla lill-FFHG jipparteċipa fl-ippuljar ta' flus kontanti u meta tah self taħt il-linja ta' kreditu, l-Istat Federali ta vantaġġ ekonomiku. ⁽⁴²⁾

6.1.4 *Selektività*

- (118) L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jirrikjedi li, sabiex miżura tiġi definita bħala għajna mill-Istat, trid tiffavorixxi *“ċerti impriżi jew ċerti produkturi”*.

⁽³⁷⁾ Il-Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u oħrajn vs La Poste u oħrajn* [1996] Ġabra I-3547, il-paragrafu 60 u l-Kawża C-342/96 *Ir-Renju ta' Spanja vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1999] Ġabra I-2459, il-paragrafu 41.

⁽³⁸⁾ Il-Kawża 173/73 *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1974] Ġabra 709, il-paragrafu 13.

⁽³⁹⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza v Il-Kummissjoni (“Stardust Marine”)* [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafu 69.

⁽⁴⁰⁾ Skont il-Ġermanja ir-rata tal-imgħax kienet tikkorrispondi bejn wieħed u ieħor mar-Rata Medja tal-Indiċi ta' Matul il-Lejl Ewropea.

⁽⁴¹⁾ Ir-Rapport Shih ta' Klassifikazzjoni tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate (inkluża l-istorja tal-klassifikazzjoni tal-Istat Federali mill-1999) mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni Fitch, Lulju 2014, disponibbli f'http://www.fm.rlp.de/fileadmin/fm/downloads/finanzen/kapitalmarkt/FRR_RP_22_07_2014.pdf, juri li l-Istat Federali kien b' mod kostanti kklassifikat AAA fl-iskala ta' klassifikazzjoni.

⁽⁴²⁾ L-Istat Federali jitgħabba bir-riskju tal-inadempjenza tal-FFHG mingħajr ma jkseb lura ħlas ta' kumpens.

- (119) Billi d-dritt tal-parteċipazzjoni fl-ippuljar ta' flus kontanti ngħata biss lill-FFHG (u lil impriżi oħrajn li fihom l-Istat Federali huwa l-azzjonist maġġoritarju), il-miżura hija selettiva skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.1.5 *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

- (120) Meta l-ghajjnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li qegħdin jikkompetu fil-kummerċ intra-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu li ġew affettwati minn dik l-ghajjnuna. Skont il-każistika stabbilita ⁽⁴³⁾, biex miżura tfixkel il-kompetizzjoni biżżejjed li r-riċevitur tal-ghajjnuna jikkompeti ma' impriżi oħrajn fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni.
- (121) Kif ġie vvalutat fil-premessa 102 u f'dawk segwenti, l-operat ta' ajruport huwa attività ekonomika. Il-kompetizzjoni sseħħ, minn naħa, bejn l-ajruporti sabiex jattiraw il-linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija) u, min-naħa l-oħra, bejn l-amministraturi tal-ajruporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom sabiex jiġu inkarigati bil-ġestjoni ta' ajruport partikolari. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasportaturi bi prezz baxx u l-operaturi charter, ajruporti li ma jinsabux fl-istess żoni ta' lħuq jew li jinsabu saħansitra fi Stati Membri differenti jistgħu jkunu wkoll f'kompetizzjoni ma' xulxin sabiex jattiraw dawn il-linji tal-ajru.
- (122) Id-daqs tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (bejn 2,7 u 3,8 miljun passiġġier matul il-perjodu li qiegħed jiġi kkunsidrat, ara t-Tabella 1) u l-fatt li hu qrib ta' ajruporti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-ajruport ta' Frankfurt Main, l-ajruport tal-Lussemburgu, l-ajruport ta' Zweibrücken, l-ajruport ta' Saarbrücken u l-ajruport ta' Köln-Bonn, ⁽⁴⁴⁾ jippermettu l-konklużjoni li l-finanzjament jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jħalli l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Hemm titjiriet internazzjonali mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn lejn għadd ta' destinazzjonijiet internazzjonali kif stabbilit fil-premessa 73. Ir-runway fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija twila biżżejjed (3 800 m) biex tintuża minn inġenji tal-ajru kbar u tippermetti l-linji tal-ajru li jaqdu destinazzjonijiet internazzjonali f'distanzi medji u saħansitra twal.
- (123) Barra minn hekk, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn iservi ta' ajruport tal-merkanzija, u jimmaniġġja madwar 200 000 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru fis-sena u 500 000 tunnellata ta' merkanzija, inkluż it-trasport ta' merkanzija, bħala total (ara t-Tabella 2). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li t-trasport tal-merkanzija normalment huwa iktar mobbli mit-trasport tal-passiġġieri. ⁽⁴⁵⁾ B'mod ġenerali, iż-żona ta' lħuq tal-ajruporti tal-merkanzija titqies li għandha raġġ ta' mill-inqas 200 kilometru dawramejt u ħin ta' vvjaġġar ta' saġhtejn. Abbażi tal-informazzjoni tal-Kummissjoni, l-atturi industrijali ġeneralment iqisu li ż-żona ta' lħuq ta' ajruport tal-merkanzija tista' tkun saħansitra ikbar billi sa nofstanhar sewqan (fi kliem ieħor, sa 12-il siegħa sewqan bit-trakkijiet) ġeneralment ikun aċċettabbli sabiex l-ispedizzjonieri jużaw ajruport għat-trasport tal-merkanzija. ⁽⁴⁶⁾ Għalhekk, billi l-ajruporti tal-merkanzija huma iktar funġibbli mill-ajruporti tal-passiġġieri, għaliex biżżejjed għall-merkanzija bl-ajru li titwassal f'ċerta żona u mbagħad tittieħed minn spedizzjonieri bit-triq jew bil-ferrovija lejn id-destinazzjoni finali tagħha, il-Kummissjoni tqis li hemm riskju ikbar ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (124) Abbażi tal-argumenti ppreżentati fil-premessi 120 sa 123, il-vantaġġ ekonomiku li jirċievi l-FFHG isaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu vis-à-vis l-kompetituri tiegħu fis-suq tal-Unjoni għall-forniment ta' servizzi tal-ajruport. F'dan l-isfond, il-vantaġġ mogħti lill-FFHG permezz tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali għandu jitqies li jista' jfixkel il-kompetizzjoni u jħalli l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

6.1.6 *Konklużjoni*

- (125) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 99 sa 124, il-Kummissjoni tqis li l-linja ta' kreditu mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali lill-FFHG tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

⁽⁴³⁾ Il-Kawża T-214/95 Het Vlaamse Gewest v Il-Kummissjoni [1998] Ġabra II-717.

⁽⁴⁴⁾ ra t-taqsim 2.1.

⁽⁴⁵⁾ Pereżempju l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien f'kompetizzjoni mal-ajruport ta' Vatry (Franza) għall-istabbiliment taċ-ċentru Ewropew tad-DHL. Ara s-sentenza Leipzig/Halle, paragrafu 93.

⁽⁴⁶⁾ Ir-rispons tal-ajruport ta' Liège għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

6.2 In-natura tal-ghajjnuna tal-garanzija ta' 100 % għas-self mill-ISB mogħtija mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate lill-FFHG

- (126) Is-self mill-ISB ivvalutat fit-taqsimha 6.3 huwa ggarantit mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate (il-garanti), li fl-istess ħin huwa l-azzjonist ewlieni (82,5 %) fl-FFHG. Kull waħda mill-ħames selfiet tal-ISB ġiet ikkollateralizzata b'garanzija li tkopri 100 % tal-pretensjonijiet tal-bank. Għall-għoti tal-garanziji l-FFHG iħallas primjum ta' garanzija ta' [0,5 % sa 1,5 %] p.a. lill-garanti.

6.2.1 L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport

- (127) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa 99 u f'dawk segwenti, l-FFHG għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.2.2 Ir-riżorsi tal-istat u l-imputabbiltà lill-Istat

- (128) Sabiex tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, il-miżura inkwistjoni trid tkun iffinanzjata mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni li tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.
- (129) Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat japplika għal kwalunkwe vantaġġ mogħti permezz tar-riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn kwalunkwe korp intermedjarju li jaġixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilu. ⁽⁴⁷⁾ Ir-riżorsi tal-awtoritajiet lokali huma, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat, riżorsi tal-Istat. ⁽⁴⁸⁾
- (130) Kull garanzija pubblika tinvolvi telf potenzjali ta' riżorsi mill-Istat. Billi l-garanzija tal-gvern ta' 100 % inħarġet direttament mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate, din kienet mogħtija mir-riżorsi tal-Istat u hija wkoll imputabbli lill-Istat.

6.2.3 Il-vantaġġ ekonomiku

- (131) Skont il-punt 3.2 tal-Avviż ta' Garanzija, garanzija tal-gvern individwali mhijiex għajjnuna meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin: "(a) Min jissellef ma jkunx f'diffikultà finanzjarja [...], (b) Il-limitu tal-garanzija jista' jitkejjel sewwa meta jingħata. [...] (c) Il-garanzija ma tkoprix iktar minn 80 % tas-self jew obbligu finanzjarju ieħor dovut [...], (d) Titħallas garanzija għall-prezz orjentat għas-suq [...]".
- (132) F'dan il-każ l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate jipprovdi garanzija ta' 100 % sabiex jikkollateralizza s-self mogħti mill-ISB favur l-FFHG. Il-garanzija għalhekk teċċedi l-livell limitu ta' 80 % tas-self dovut.
- (133) Il-Ġermanja argumentat li għalkemm is-self ġie kkollateralizzat permezz ta' garanzija tal-gvern ta' 100 %, l-FFHG iħallas prezz tas-suq għall-garanzija, u għaldaqstant ma jirċievi l-ebda vantaġġ. Bħala prova ta' dan, il-Ġermanja pprovdiet valutazzjoni mwettqa minn Deutsche Bank. Bħalma hemm iddikjarat fil-premessa 153, Deutsche Bank assenja lill-FFHG klassifikazzjoni ta' [<BBB+]. Din il-valutazzjoni ġiet ikkonfermata minn żewġ banek oħrajn u mill-klassifikazzjoni assenjata mis-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ta' Moody's (ara l-premessi 157 u 158). Madankollu, Deutsche Bank ikkalkula li l-marġni ta' riskju applikabbli għal self ta' ħames snin ikun bejn [1,30 % u 2,05 %] p.a. Kif ġie spjegat fit-taqsimha 6.3.2, il-marġni ta' riskju applikabbli għal self ikkollateralizzat minn garanzija tal-gvern ta' 100 % ikun bejn [0,25 % u 0,7 %] p.a. Skont il-Ġermanja, id-differenza fil-marġni bejn iż-żewġ sitwazzjonijiet tagħti indikazzjoni tal-prezz tal-garanzija tal-gvern ta' 100 %. Għalhekk id-differenza stmata minn Deutsche Bank hija fil-firxa ta' [0,6 % sa 1,8 %] p.a. ⁽⁴⁹⁾.
- (134) Skont il-punt 4.2, it-tieni subparagrafu, tal-Avviż ta' Garanzija, il-vantaġġ jista' jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn ir-rata tal-imgħax tas-suq speċifiku li l-FFHG kien ikollu jerfa' mingħajr il-garanzija u r-rata tal-imgħax miksuba permezz tal-garanzija tal-gvern wara li jkun tqies kwalunkwe primjum imħallas.

⁽⁴⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 33.

⁽⁴⁸⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 34.

⁽⁴⁹⁾ [1,3 % - 0,7 % = 0,6 % u 2,05 % - 0,25 % = 1,8 %].

- (135) Skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali, għal kumpanija fil-kategorija ta' klassifikazzjoni dgħajfa (B) u b'kollateralizzazzjoni normali ⁽⁵⁰⁾ japplika marġni ta' riskju ta' 4 % p.a. Id-differenza bejn il-marġni ta' riskju applikabbli skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali u l-marġni ta' riskju impost għas-self mill-*ISB* flimkien mar-rata ta' garanzija effettivament imposta mill-Istat Federali tagħti indikazzjoni tal-vantaġġ li l-*FFHG* rċieva permezz tal-garanzija tal-Istat ta' 100 %. Din id-differenza tammonta, għas-self numru 2 u 5, għal [1,5 % sa 3,5 %] p.a. ⁽⁵¹⁾ u [1,5 % sa 3,5 %] p.a. ⁽⁵²⁾ rispettivament u, għal self numru 1, 3 u 4, għal [1,5 % sa 3,5 %] p.a. ⁽⁵³⁾ Barra minn hekk, l-*FFHG* ma ħallas ebda tariffa bankarja (ġeneralment bejn [5 u 30] punt bażi ⁽⁵⁴⁾). Jidher ċar li taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, l-*FFHG* kien ikollu jħallas primjum ta' garanzija bħal dan (jiġifieri [0,5 % sa 1,5 %] p.a.) sabiex jikseb garanzija fuq is-self tiegħu mingħand parti terza. Għalhekk il-garanzija b'mod ċar tinvolvi vantaġġ.
- (136) Billi l-garanzija maħruġa mill-Istat Federali tkopri l-100 % tas-self dovut u l-*FFHG* iħallas primjum inqas mill-prezz tas-suq, dan kiseb vantaġġ ekonomiku li mill-bqija mhux disponibbli fis-suq. L-ammont ta' dan il-vantaġġ huwa ekwivalenti għad-differenza bejn il-marġni ta' riskju applikabbli skont il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali u l-marġni ta' riskju impost għas-self mill-*ISB* flimkien mar-rata ta' garanzija attwalment imposta mill-Istat Federali u tariffa bankarja.

6.2.4 *Selettività*

- (137) Billi l-garanzija tal-gvern ta' 100 % ingħatat biss lill-*FFHG*, il-miżura trid tiġi kkwalifikata bħala selettiva min-natura tagħha.

6.2.5 *Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

- (138) Għall-istess raġunijiet kif spjegat fil-premessa 120 u f'dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lill-*FFHG* jista' jfikkil il-kompetizzjoni u jaffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri.

6.2.6 *Konklużjoni*

- (139) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 127 sa 138, il-Kummissjoni tqis li l-garanzija tal-Istat maħruġa mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate sabiex tkopri l-100 % tas-self pendenti mill-*ISB* tikkostitwixxi għajna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.3 *In-natura tal-għajna tas-self mogħti mill-*ISB* lill-*FFHG**

6.3.1 *L-applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajna mill-Istat għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport*

- (140) Għar-raġunijiet spjegati fil-premessa 99 u f'dawk segwenti, l-*FFHG* għandu jiġi kkunsidrat li jikkostitwixxi impriża għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

6.3.2 *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà mogħtija lill-Istat*

- (141) L-*ISB* huwa 100 % proprjetà tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate. Għal din ir-raġuni huwa jikkostitwixxi impriża pubblika skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2006/111/KE u għalhekk is-self mogħti minnu jista' jitqies iffinanzjat mir-riżorsi tal-Istat.

⁽⁵⁰⁾ Telf fil-Każ ta' Inadempjenza (LGD) bejn 30 % u 60 %.

⁽⁵¹⁾ [...]

⁽⁵²⁾ [...]

⁽⁵³⁾ [...]

⁽⁵⁴⁾ Ara eż. Oxera, *Estimating the cost of capital for Dutch water companies*, 2011 (p.3). Ara wkoll id-dejta ta' Bloomberg dwar tariffi ta' sottoskrizzjoni għall-ħruġ ta' bonds.

- (142) Jidher ċar li l-Istat kellu kontroll estensiv fuq l-operat tal-*ISB*, bil-konsegwenza li s-self mogħti minnu huwa imputabbli lill-Istat. L-*ISB* huwa l-bank tal-iżvilupp tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate u għandu rwol fundamentali fil-politika tal-iżvilupp reġjonali. Skont §3 (1) tal-istatut tal-bank, ir-rwol tal-*ISB* huwa li jappoġġja lill-Istat Federali fil-politika finanzjarja, ekonomika, reġjonali, tat-trasport, ambjentali u tal-impjegi tiegħu. F'dan il-każ, is-self mill-*ISB* irrifinanzja self preċedenti li nġhata lill-*FFHG* sabiex jiffinanzja miżuri infrastrutturali fl-ajruport.
- (143) Barra minn hekk, minbarra żewġ rappreżentanti tal-Kamra tas-Snajja' kif ukoll tal-Kamra tal-Industrija u l-Kummerċ, il-bord ta' sorveljanza tal-*ISB* ("Verwaltungsrat") jikkonsisti f'ħames rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi (inklużi żewġ segretarji tal-istat fil-Ministeru tal-Finanzi tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate u l-Ministeru tal-Ekonomija, Trasport, Agrikoltura u Vitikultura tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate), li jiżguraw is-sorveljanza tal-attivitajiet tal-*ISB* mill-Istat. Barra minn hekk, il-bord konsultattiv tiegħu ("Beirat") jikkonsisti f'rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi.
- (144) Apparti dan, is-self mill-*ISB* kien kopert b'garanzija tal-Istat ta' 100 % maħruġa mill-Istat Federali (ara t-Taqsima 6.2).
- (145) Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li l-Istat kien kapaċi jikkontrolla l-attivitajiet tal-*ISB* u ma jistax jiġi assunt li ma kienx ġie involut f'deċiżjoni importanti dwar il-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li d-deċiżjoni li jiġi rrifinanzjat is-self preċedenti tal-*FFHG* permezz ta' self mill-*ISB* hija imputabbli lill-awtoritajiet pubbliċi.

6.3.3 Il-vantaġġ ekonomiku

- (146) Sabiex jiġi vverifikat jekk impriża bbenefikatx minn vantaġġ ekonomiku li rriżulta mill-għoti ta' self, il-Kummissjoni tapplika l-kriterju tal-prinċipju ta' mutwanti tal-ekonomija tas-suq. Skont dak il-prinċipju, dejn kapitali li jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kumpanija mill-Istat, direttament jew indirettament, f'ċirkostanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq, ma għandux jitqies bħala għajjnuna mill-Istat. ⁽⁵⁵⁾
- (147) Il-prinċipju ta' mutwanti f'ekonomija tas-suq jiddetermina x'taġħmel kumpanija privata ta' daqs paragunabbli f'sitwazzjoni paragunabbli. Dan jimmira li jidentifika u jissepara dawk il-miżuri finanzjarji meħuda mill-Istat li kieku ma kinux jittieħdu minn investitur privat minn dawk li huma finanzjarjament raġonevoli, u għalhekk kienu jittieħdu minn investitur privat, sabiex jiddetermina jekk hemmx vantaġġ ekonomiku.
- (148) Skont il-prattika ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha ⁽⁵⁶⁾, sabiex tiddetermina jekk il-finanzjament ivvalutat kienx inġhata f'kundizzjonijiet favorevoli, il-Kummissjoni tista' — fin-nuqqas ta' indikaturi oħra — tqabbel ir-rata tal-imġhax fuq is-self inkwistjoni ma' dawk stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali.
- (149) Il-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tistabbilixxi metodu sabiex jiġu stabbiliti r-rati ta' referenza u ta' skont li huma applikati bħala indikatur tar-rata tas-suq. Madankollu, minħabba li r-rati fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali tal-Kummissjoni jiffunzjonaw bħala *indikatur*, fejn f'każ speċifiku l-Kummissjoni jkollha indikaturi oħra tar-rata tal-imġhax li l-mutwatarju jista' jikseb fis-suq, tista' tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq dawk l-indikaturi.
- (150) F'dan il-każ, il-Kummissjoni trid tevalwa jekk il-kundizzjonijiet tas-self mill-*ISB* (kif miġbura fil-qosor fit-Tabella 5) ikkollateralizzat b'garanzija tal-gvern ta' 100 % jagħtux xi vantaġġ ekonomiku addizzjonali lill-*FFHG*, li l-impriża benefiċjarja ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Il-konformità mas-suq tal-kundizzjonijiet tal-garanzija tal-gvern ta' 100 % mogħtija mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate ġiet ivvalutata fit-taqsima 6.2.

⁽⁵⁵⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri: l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KEE u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE għal impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura (ĠU C 307, 13.11.1993, p. 3, paragrafu 11). Dik il-Komunikazzjoni tittratta speċifikament is-settur tal-manifattura, iżda fil-prinċipju hija applikabbli wkoll għal setturi ekonomiċi oħra. Ara wkoll il-Kawża T-16/96 *Cityflyer* [1998] Ġabra II-757, il-paragrafu 51.

⁽⁵⁶⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/693/UE tat-3 ta' Ottubru 2012 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.23600 — C 38/08 (ex NN 53/07) — il-Ġermanja — Finanzjament tal-ajruport ta' Munich, Terminal 2 fil-każ dwar l-għajjnuna mill-Istat C38/2008 — Il-Ġermanja — l-ajruport ta' Munich Terminal 2 (ĠU L 319, 29.11.2013, p. 8); u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1469 tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-għajjnuna mill-Istat SA.30743 (2012/C) (l-ex N 138/10) — il-Ġermanja — Il-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura fl-ajruport ta' Leipzig/Halle (2) (ĠU L 232, 4.9.2015, p. 1).

- (151) Il-Ġermanja argumentat li s-self mill-ISB ġie konkluż skont termini tas-suq paragonabbli ma' dawk tas-self li rrifinanzja (ara l-premessa 52 u dawk segwenti). F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ddikjarat li l-kundizzjonijiet tas-self mill-ISB kienu paragonabbli mas-self mogħti minn Nassauische Sparkasse fl-2005, li ġie kollateralizzat b'mod paragonabbli għas-self mill-ISB. Għaldaqstant, il-Ġermanja saħqet li, billi l-imgħax pagabbli fuq is-self mill-ISB kien fl-istess livell tal-imgħax fuq is-self li s-self tal-ISB irrifinanzja, ma jista' jkun hemm l-ebda vantaġġ favur l-FFHG.
- (152) Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li fl-2009, bi thejġija għall-finanzjament il-ġdid, l-FFHG ikkummissjona lil Deutsche Bank sabiex jipprovdi indikazzjoni tal-marġni ta' riskju għar-rifinanzjament tas-self eżistenti tiegħu waqt li jqis il-garanzija ta' 100 % mogħtija mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinat.
- (153) F'konformità mal-metodoloġija sottostanti tal-Komunikazzjoni dwar ir-Rata Referenzjali, il-Kummissjoni hija tal-fehma li rati tal-imgħax tas-self jistgħu jitqiesu li huma konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq meta s-self jiġi pprezzat b'rata daqs jew ogħla minn rata normattiva ddefinita mill-formula li ġejja:

Rata normattiva = rata bażi + marġni ta' riskju + tariffa

- (154) Ir-rata bażi tirrappreżenta l-ispejjeż għall-banek talli jipprovdu likwidità (spiża għall-finanzjament). Fil-każ ta' finanzjament b'rata fissa (jiġifieri meta r-rata tal-imgħax tiġi ffixsata għal kemm idum is-self), ikun xieraq li r-rata bażi tiġi ddeterminata abbażi ta' rati ta' swap ⁽⁵⁷⁾ b'maturità u valuta li jikkorrispondu mal-maturità u l-munita tad-dejn. Il-marġni ta' riskju jikkompensa lill-mutwanti għar-riskji marbuta mal-finanzjament b'dejn speċifiku, b'mod partikolari r-riskju ta' kreditu. Il-marġni ta' riskju jista' jinkiseb minn kampjun xieraq ta' firxiet ta' CDS ⁽⁵⁸⁾ relatati ma' entitajiet ta' referenza bi klassifikazzjoni simili. Fl-aħħar nett, ikun xieraq li jiżdedu 10-20 punt bażi bħala approssimazzjoni għat-tariffi bankarji li l-kumpaniji ġeneralment ikollhom iħallsu ⁽⁵⁹⁾.

Adegwatezza tal-marġni ta' riskju skont il-klassifikazzjoni

- (155) Sabiex ikun determinat jekk ġiex miżjud primjum ta' riskju xieraq mar-rata bażi, jeħtieġ li tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-impriża. L-FFHG mhuwiex ikklassifikat minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Il-Ġermanja, madankollu, argumentat li, fl-indikazzjoni tal-marġni ta' riskju ta' Deutsche Bank, il-bank ivvaluta wkoll l-affidabbiltà tal-kreditu tal-FFHG. Abbażi tal-analiżi li għamel Deutsche Bank tar-rapporti finanzjarji tal-FFHG mill-2006 sal-2008, din tqiegħed l-FFHG fil-kategorija ta' klassifikazzjoni ta' [<BBB+]. Madankollu din ma tispeċifikax klassifikazzjoni eżatta għall-kumpanija.
- (156) Il-Kummissjoni tinnotta li l-kategorija ta' klassifikazzjoni [<BBB+] tinkludi l-klassifikazzjonijiet kollha inqas minn [BBB+]. Għalhekk, il-klassifikazzjoni [<BBB+] tal-FFHG skont Deutsche Bank tista' tiġi interpretata kif imiss bħala kwalunkwe klassifikazzjoni inqas minn [BBB+] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's.
- (157) Minbarra l-analiżi ta' Deutsche Bank, il-Ġermanja sottomettiet indikazzjonijiet ta' klassifikazzjoni għall-FFHG imwettqa minn żewġ banek oħrajn. Il-Kummissjoni tinnotta li dawn il-banek ukoll assenjaw lill-FFHG il-kategorija ta' klassifikazzjoni ta' [<BBB+]. Fl-2010 Volksbank assenja lill-FFHG klassifikazzjoni ta' [...] skont l-iskala ta' klassifikazzjoni interna tiegħu (dik il-klassifikazzjoni tikkorrispondi għal [B sa BB] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's). Fl-2011 Kreissparkasse Birkenfeld assenja lill-FFHG klassifikazzjoni ta' [...] skont ir-rata ta' klassifikazzjoni tiegħu (dik il-klassifikazzjoni tikkorrispondi għal [B- sa BB-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's).
- (158) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja pprovdiet klassifikazzjonijiet tal-FFHG stabbiliti skont is-sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu ta' Moody's abbażi tad-dejta disponibbli fiż-żmien meta nġhata s-self mill-ISB (ara t-Tabella 8). Dawn il-klassifikazzjonijiet jikkonfermaw il-klassifikazzjoni [<BBB+] assenjata minn Deutsche Bank u jvarjaw bejn [B2] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's (ekwivalenti għal [B] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's) u [Baa3] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Moody's (ekwivalenti għal [BBB-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's).

⁽⁵⁷⁾ Ir-rata ta' swap hija l-ekwivalenti b'maturità itwal tar-Rata Inter-Bankarja Offruta (ir-Rata IBOR). Din tintuża fis-swieq finanzjarji bħala r-rata ta' referenza biex tiġi stabbilita r-rata tal-iffinanzjar.

⁽⁵⁸⁾ Swap ta' inadempjenza ta' kreditu (CDS) huwa kuntratt ta' derivattiv ta' kreditu (negozzjabbli) bejn żewġ kontropartijiet, ix-xerrej ta' protezzjoni u l-bejgiegħ ta' protezzjoni, li jittrasferixxi r-riskju ta' kreditu fuq entità referenzjarja sottostanti mix-xerrej ta' protezzjoni għall-bejgiegħ ta' protezzjoni. Kull perjodu x-xerrej ta' protezzjoni jħallas primjum lill-bejgiegħ ta' protezzjoni sal-maturità tal-kuntratt CDS jew sakemm iseħħ avveniment predefinit ta' kreditu fuq l-entità referenzjarja sottostanti (skont liema jiġi l-ewwel). Il-primjum perjodiku mħallas mix-xerrej ta' protezzjoni (espress bħala perċentwali jew f'termini ta' punti bażi tal-ammont protett, in-"nozzjonal") jissejjaħ il-firxa ta' CDS. Il-firxiet ta' CDS jistgħu jintużaw bħala indikatur viċin il-prezz tar-riskju ta' kreditu.

⁽⁵⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 54.

- (159) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 153 sa 158, il-Kummissjoni tqis li l-klassifikazzjoni tal-FFHG ma tikkorrispondix għal iktar minn [BBB-] fl-iskala ta' klassifikazzjoni ta' Standard & Poor's.
- (160) Madankollu, sabiex tiddetermina jekk, flimkien ma' xi vantaġġ possibbli mogħti permezz tal-garanzija tal-gvern ta' 100 % (ara t-taqsimu 6.2), is-self mill-ISB tax xi vantaġġ lill-FFHG, il-klassifikazzjoni tal-emittent tal-garanzija tal-gvern ta' 100 % (jiġifieri l-klassifikazzjoni tal-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate) trid tittieħed inkonsiderazzjoni għax inkella l-vantaġġ li joħroġ mill-garanzija tal-gvern jitqies darbtejn. Kif inhu ddikjarat fil-premessa 117, l-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate għandu klassifikazzjoni ta' AAA.
- (161) Għalhekk, billi s-self mill-ISB ingħata fuq sfond ta' garanzija tal-gvern, il-Kummissjoni tqisha ħaġa xierqa li tiddetermina l-marġni ta' riskju abbażi ta' EUR bonds ta' ħames snin tal-German Länder (li jammontaw għal [5 sa 25] punt bażi). Il-Kummissjoni tissokta tosserva li fl-analiżi tiegħu Deutsche Bank żied primjum ta' riskju ta' [5 sa 25] punt bażi minħabba l-fatt li s-self ma kienx mogħti direttament mill-Istat Federali, imma kien biss kollateralizzat b'garanzija tal-Istat ta' 100 %, kif ukoll bi primjum addizzjonali ta' [5 sa 25] punt bażi għan-negozjabbiltà limitata tad-dejn. Il-Kummissjoni tqis li dawn huma assunzjonijiet raġonevoli u li l-marġni ta' riskju li jirriżulta ta' bejn [20 punt bażi u 70] punt bażi huwa xieraq meta titqies l-affidabbiltà tal-kreditu tal-emittent tal-garanzija.

Il-konformità tas-self mill-ISB numru 2 u 5 mas-suq

- (162) Rigward is-self mill-ISB numru 2 u 5 li għandu rati varjabbli, ir-rata tal-imgħax attwali hija l-EURIBOR flimkien ma' marġni ta' riskju ta' [0,35 %-0,55 %] p.a. u [0,25 %-0,45 %] p.a., rispettivament. Il-marġni ta' riskju għas-self mill-ISB numru 2 kien jaqa' fil-medda ddeterminata minn Deutsche Bank, waqt li l-marġni ta' riskju għas-self mill-ISB numru 5 kien erba' punti bażi taħt il-primjum ta' riskju ddeterminat minn Deutsche Bank. Ebda tariffa bankarja ma kienet imposta fuq xi waħda minn dawn iż-żewġ selfiet mill-ISB. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li r-rata imposta għall-ġhoti taż-żewġ selfiet tipprovdi element (għalkemm żgħir) ta' vantaġġ (ir-rata tal-imgħax imħallsa għas-self numru 2 tidher li kienet bejn [10-30] punt bażi taħt ir-rata ta' referenza u għas-self numru 5 bejn [5-25] punt bażi).

Il-konformità tas-self mill-ISB numru 1, 3 u 4 mas-suq

- (163) Il-Kummissjoni tinnota li r-rata tal-imgħax tas-self mill-ISB numru 1, 3 u 4 hija fissa. Billi t-tliet selfiet kollha huma amortizzanti, sabiex tiġi stabbilita l-maturità rilevanti tas-self inkwistjoni, l-amortizzazzjoni tas-self trid tittieħed inkonsiderazzjoni.
- (164) Il-Kummissjoni għal dan il-għan ikkalkulat il-ħajja medja ponderata (WAL) tas-self, li tindika l-għadd medju ta' snin li kull ewro jdum pendenti. Id-WAL tas-self numru 1 ġiet ikkalkulata ta' 3,92 snin, id-WAL tas-self numru 3 ta' 1,17 snin u d-WAL tas-self numru 4 ta' 3,29 snin.
- (165) Sabiex iddeterminat ir-rata bażi tas-self numru 1 billi d-WAL tagħha jammonta għal 3,92 snin, il-Kummissjoni użat rata ta' swap tal-EUR għal erba' snin ⁽⁶⁰⁾ bħala indikatur. Għas-self numru 3, tintuża r-rata ta' swap tal-EUR għal sena ⁽⁶¹⁾ bħala l-eqreb approssimazzjoni għad-WAL tiegħu ta' 1,17 snin. Għas-self numru 4, tintuża r-rata ta' swap għal tliet snin ⁽⁶²⁾ bħala approssimazzjoni tad-WAL tiegħu ta' 3,29 snin. Ir-rati ta' swap rilevanti ttieħdu minn Bloomberg, għall-ġurnata meta s-self kien miġbud. ⁽⁶³⁾ Il-valuri tar-rati ta' swap korrispondenti kienu kif ġej: [2 %-3 %] għas-self numru 1, [1 %-1,5 %] għas-self numru 3, u [1,5 %-2,5 %] għas-self numru 4. ⁽⁶⁴⁾
- (166) Dak l-approċċ iwassal għal rata ta' referenza għal self numru 1 (b'garanzija tal-Istat ta' 100 %) ta' [2,5 %-4,5 %] ⁽⁶⁵⁾, għal self numru 3 (b'garanzija tal-Istat ta' 100 %) ta' [1,5 %-3 %] ⁽⁶⁶⁾ u għal self numru 4 (b'garanzija tal-gvern ta' 100 %) ta' [2 %-3,5 %] ⁽⁶⁷⁾.

⁽⁶⁰⁾ Kodiċi Bloomberg EUSA4.

⁽⁶¹⁾ Kodiċi Bloomberg EUSA1.

⁽⁶²⁾ Kodiċi Bloomberg EUSA3.

⁽⁶³⁾ Is-self numru 1 ingħided fl-14 ta' Lulju 2009, is-self numru 3 fit-28 ta' Awwissu 2009, u s-self numru 4 fit-8 ta' Settembru 2009.

⁽⁶⁴⁾ Sors: Bloomberg.

⁽⁶⁵⁾ [...]

⁽⁶⁶⁾ [...]

⁽⁶⁷⁾ [...]

- (167) Is-self numru 1, 3 u 4 kien mogħti b'rati ogħla sewwa minn dawn ir-rati ta' referenza kkalkulati (is-self numru 1 bi [$> 3\%$; $< 4,5\%$], is-self numru 3 bi [$> 3\%$; $< 4,5\%$] u s-self numru 4 bi [$> 3\%$; $< 4,5\%$]) u l-Kummissjoni tqis dak il-fatt bħala indikazzjoni li s-self kien tassew konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, u b'hekk teskludi l-eżistenza ta' vantaġġ.

6.3.4 Selettività

- (168) Billi s-self mill-ISB numru 2 u 5 kienu mogħtija taħt kundizzjonijiet preferenzjali lill-FFHG biss, il-miżuri jridu jiġu kkwalifikati li kienu ta' natura selettiva.

6.3.5 Id-distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (169) Għall-istess raġunijiet kif spjegat fil-premessa 120 u f'dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lill-FFHG jista' jfikkil il-kompetizzjoni u jaffettwa n-negozju bejn l-Istati Membri.

6.3.6 Konklużjoni

- (170) Fid-dawl tal-premessi 140 sa 169 hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-self mill-ISB numru 1, 3 u 4 ingħata b'rati li jistgħu jitqiesu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, u b'hekk teskludi l-eżistenza ta' xi vantaġġ. Għalhekk, billi l-kriterji kumulattivi tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhumiex issodisfati, il-Kummissjoni tqis li dan is-self mill-ISB ma jikkostitwixxi għajna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

- (171) Fid-dawl tal-premessi 140 sa 169 hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-self mill-ISB numru 2 u 5 kien mogħti b'rata inqas minn dik ta' referenza. Għalhekk, billi l-kriterji l-oħrajn fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma ssodisfatti, il-Kummissjoni tqis li dan is-self mill-ISB jikkostitwixxi għajna mill-Istat (għalkemm f'ammont żgħir).

6.4 Legalità tal-għajna

- (172) Skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe pjan li jagħtu jew li jbiddu l-għajna, u ma għandhomx jimplementaw il-miżuri proposti qabel ma l-proċedura ta' notifika tirriżulta f'deċiżjoni finali.

- (173) Billi l-fondi mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti b'termini privileġġjati, is-self mill-ISB numru 2 u 5 u l-garanzija tal-Istat ta' 100 % diġà tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FFHG, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja ma rrispettatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. ⁽⁶⁸⁾

6.5 Kompatibilità

6.5.1 L-applikabilità tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar

- (174) Il-Lufthansa tqis li l-Kummissjoni għandha tapplika l-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar hi u tivvaluta l-miżuri ta' għajna mill-Istat inkwistjoni.

- (175) Il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni fihom regoli speċifiċi u dettaljati dwar il-finanzjament pubbliku tal-ajruporti, inkluża l-għajna operatorja. Kif jiddikjara l-punt 117 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, ajruporti iżgħar jista' jkollhom diffikultà biex jiżguraw il-finanzjament tal-operat tagħhom mingħajr appoġġ pubbliku, minħabba spejjeż fissi għoljin (diskrepanza tal-likwidità).

⁽⁶⁸⁾ Il-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost vs Il-Kummissjoni* [2004] Ġabra II-127.

- (176) Anke jekk wieħed kellu japplika xorta waħda l-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar fil-każ ta' għajjnuna lil ajruport, dawn mhumiex applikabbli f'dan il-każ minħabba li l-FFHG ma kienx impriża f'diffikultà.
- (177) Skont il-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2014 ⁽⁶⁹⁾, il-Kummissjoni twettaq eżami tal-miżuri ta' għajjnuna abbażi tal-linji gwida applikati fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna. Billi, f'dan il-każ, l-għajjnuna nġhatat bejn l-2009 u l-2011 (jiġifieri sew qabel il-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2014 f'Il-Ġurnal Uffiċjali), il-Kummissjoni tkun trid teżamina jekk l-FFHG jistax jitqies bħala impriża f'diffikultà abbażi tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004 (jiġifieri, il-linji gwida li kienu fis-seħħ meta nġhatat l-għajjnuna).
- (178) Skont il-punt 10 tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004, impriża titqies li tkun f'diffikultà fejn, fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, iktar minn nofs il-kapital irreġistrat tagħha jkun sparixxa u iktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fit-12-il xahar preċedenti, jew fejn l-impriża tissodisfa l-kriterji taħt il-liġi domestika biex titqiegħed taħt proċedimenti kollettivi ta' insolvenza.
- (179) F'dan il-każ, ebda waħda miż-żewġ kundizzjonijiet ma ġiet issodisfata fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna. Il-kapital irreġistrat tal-FFHG, li huwa kumpanija b'responsabbiltà limitata, baqa' stabbli b'EUR 50 miljun tul il-perjodu mill-2007 sal-2010, u wera xi fit tnaqqis minn EUR 50 miljun għal EUR 44 miljun fl-2011 u EUR 38 miljun fl-2012. L-FFHG lanqas ma ssodisfa l-kriterji taħt il-liġi domestika tiegħu biex ikun soġġett għal proċedimenti kollettivi ta' insolvenza.
- (180) Ir-riżultati finanzjarji mogħtija fil-qosor fit-Tabella 4 ma jissuġġerixxux li l-FFHG għandu jkun ikkunsidrat bħala impriża f'diffikultà. F'dan ir-rigward, skont il-punt 11 tal-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004, impriża tista' titqies li hija f'diffikultà anke fejn il-kundizzjonijiet tal-punt 10 ma jkunux issodisfati, b'mod partikolari fejn is-sinjali tas-soltu ta' impriża li tinsab f'diffikultà jkunu preżenti, bħal żieda fit-telf, tnaqqis fil-fatturat, tnaqqis fil-fluss tal-flus, dejn dejjem jiżdied, imposti dejjem oġhla fuq l-imġhax, eċċ. Madankollu, f'dan il-każ, minkejja t-tnaqqis fin-numru ta' passiġġieri minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika, ir-riżultati finanzjarji tal-FFHG urew li għamel progress lejn il-profitabbiltà.
- (181) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessa 175 u f'dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li l-FFHG ma jistax jiġi kkunsidrat bħala impriża f'diffikultà fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna, u l-Linji Gwida dwar is-Salvataġġ u r-Ristrutturar tal-2004 għaldaqstant mhumiex applikabbli.

6.5.2 L-applikabbiltà tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u tal-2005

- (182) L-Artikolu 107(3) tat-Trattat jipprevedi ċerti eżenzjonijiet għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat li l-għajjnuna mill-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern. L-għajjnuna inkwistjoni tista' tiġi vvalutata abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-TFUE, li jstipula li: *"għajjnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, fejn tali għajjnuna ma taffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li jmur kontra l-interess komuni"*, tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.
- (183) F'dan ir-rigward, il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 jiffurmaw qafas li fuqu jiġi vvalutat jekk għajjnuna lil ajruporti tistax tiġi ddikjarata kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (184) Skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tqis li l-"Avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-għajjnuna mill-Istat illeġittima" ⁽⁷⁰⁾ japplika għall-għajjnuna għall-investment illeġittima mogħtija lill-ajruporti. F'dan ir-rigward, jekk l-għajjnuna għall-investment illeġittima tkun ingħatat qabel l-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni tapplika r-regoli dwar il-kompatibbiltà li kienu fis-seħħ fiż-żmien meta nġhatat l-għajjnuna għall-investment illeġittima. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005 fil-każ ta' għajjnuna għall-investment illeġittima mogħtija lill-ajruporti qabel l-4 ta' April 2014. ⁽⁷¹⁾

⁽⁶⁹⁾ Il-linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi mhux finanzjarji f'diffikultà (ĠU C 249, 31.7.2014, p. 1).

⁽⁷⁰⁾ ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

⁽⁷¹⁾ Il-Punt 173 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

- (185) Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ddikjarat fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 li “l-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat illeġittima” ma għandhomx japplikaw għal każijiet pendenti ta’ ghajjnuna operatorja illegali lil ajruporti mogħtija qabel l-4 ta’ April 2014. Minflok, il-Kummissjoni seġra tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-ghajjnuna operatorja (in-notifiki pendenti u l-ghajjnuna illegali mhux innotifikata) lill-ajruporti, anki jekk l-ghajjnuna nġhatat qabel l-4 ta’ April 2014 u l-bidu tal-perjodu tranżitorju. ⁽⁷²⁾
- (186) Il-Kummissjoni diġà kkonkludiet fil-premessa 173 li l-miżuri li qegħdin jiġu vvalutati jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat illeġittima li nġhatat qabel l-4 ta’ April 2014.

6.5.3 Id-distinzjoni bejn investment u ghajjnuna operatorja

- (187) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 imsemmija fil-premessi 184 u 185, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-miżuri inkwistjoni jikkostitwixxux ghajjnuna għall-investment jew ghajjnuna operatorja illeġittima.
- (188) Skont il-punt 25(r) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna għall-investment hija ddefinita bħala “ghajjnuna maħsuba biex tiffinanzja l-assi kapitali fissi, speċifikament, sabiex tiġi koperta d-diskrepanza fil-finanzjament tal-ispejjeż kapitali”. Barra minn hekk, skont il-punt 25(r) tal-Linji Gwida, l-ghajjnuna għall-investment tista’ tkun relatata kemm ma’ pagament bil-quddiem (jiġifieri tkun tkopri l-ispejjeż tal-investment bil-quddiem) kif ukoll mal-ghajjnuna mħallsa fil-forma ta’ ħlasijiet parzjali perjodiċi (sabiex tkopri l-ispejjeż kapitali, ftermini tad-deprezzament annwali u l-ispejjeż tal-finanzjament).
- (189) Min-naħa l-oħra, l-ghajjnuna operatorja tfisser ghajjnuna li tkopri l-ispejjeż kollha tal-operat, jew parti minnhom, ta’ ajruport, iddefiniti bħala “l-ispejjeż sottostanti tal-provvediment ta’ servizzi fl-ajruport, inklużi kategoriji bħall-ispejjeż tal-persunal, is-servizzi mogħtija b’kuntratt, il-komunikazzjoni, l-iskart, l-enerġija, il-manutenzjoni, il-kera, l-amminis-trazzjoni, eċċ., iżda esklużi l-ispejjeż kapitali, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jew kwalunkwe inċentiv ieħor mogħtija lil-linji tal-ajru mill-ajruport, kif ukoll l-ispejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-politika pubblika”. ⁽⁷³⁾
- (190) Fid-dawl ta’ dawn id-definizzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li l-garanzija tal-Istat ta’ 100 % għas-self mill-ISB mogħtija b’termini privileġġjati u s-self mill-ISB numru 2 u 5 jikkostitwixxu ghajjnuna għall-investment favur l-FFHG. Dawn il-fondi kienu kollha marbutin mar-rifinanzjament ta’ self li min-naħa tiegħu ffinanzja proġett ta’ investment infrastrutturali partikolari (ara t-Tabella 9). Barra minn hekk, l-ammonti tas-self mill-ISB huma ugwali għall-investimenti rispettivi mwettqa, jew inqas minnhom.

Tabella 9

Ħarsa ġenerali komparattiva tal-ammonti tas-self mill-ISB u tal-għan tagħhom ⁽¹⁾

Nru tas-self mill-ISB	Ammont tas-self f’EUR miljuni	Għan tas-self
1	18,4	[...] investimenti infrastrutturali li jammontaw għal [...]
2	20,0	[...] investimenti infrastrutturali li jammontaw għal [...]
3	2,5	[...] investimenti infrastrutturali li jammontaw għal [...]

⁽⁷²⁾ Il-Punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁷³⁾ Il-punt 25(v) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

Nru tas-self mill- <i>ISB</i>	Ammont tas-self f'EUR miljuni	Għan tas-self
4	25,9	[...] investimenti infrastrutturali li jammontaw għal [...]
5	6,8	[...] investimenti infrastrutturali li jammontaw għal [...]

(¹) Il-ħarsa ġenerali hija bbażata fuq l-indikazzjonijiet fil-fehimiet dwar is-self mill-*ISB* dwar l-għan tal-ammonti rispettivi ta' self u ta' investiment.

- (191) Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-garanzija tal-Istat ta' 100 % għas-self mill-*ISB* u s-self mill-*ISB* numru 2 u 5 jikkostitwixxu investiment illeġittimu mogħti qabel l-4 ta' April 2014, li l-kompatibbiltà tagħhom trid tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (192) Fir-rigward tal-fondi pprovduti b'termini privileġġjati mill-ippuljar ta' flus kontanti, il-Ġermanja tqis li dawn il-fondi ntużaw ukoll sabiex jiffinanzjaw investimenti infrastrutturali fl-2009 sal-2012.
- (193) Fl-2009 sal-2012 twestqu investimenti li jammontaw għal EUR 46 miljun fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn (ara t-Tabella 3). L-ammont ta' dawn l-investimenti bejn wieħed u ieħor huwa ugwali għall-fondi miġbuda mill-ippuljar ta' flus kontanti matul l-istess perjodu. Barra minn hekk, matul il-perjodu mill-2009 sal-2012 ir-riżultati tal-operat (⁷⁴) (inkluż id-dħul straordinarju, jiġifieri introjtu appartu mid-dħul mill-ajrunawtika u mhux mill-ajrunawtika tal-ajruport u dħul mill-bejgħ ta' art jew ta' proprjetà) kienu pożittivi (ara t-Tabella 4). Dan jissuġġerixxi li l-ajruport kien fqagħda li jkopri l-ispejjeż operatorji ta' kuljum u li l-fondi pprovduti mill-ippuljar ta' flus kontanti ntużaw sabiex jiffinanzjaw l-investimenti fl-infrastruttura tal-ajruport. Għalhekk, il-fondi pprovduti mill-ippuljar ta' flus kontanti jikkostitwixxu għajjnuna għall-investiment illeġittimu mogħtija qabel l-4 ta' April 2014, li l-kompatibbiltà tagħha trid tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005. F'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 6.5.3 japplikaw ukoll. B'mod partikolari, billi l-ammont ta' fondi miġbuda huwa iżgħar mit-total tal-investimenti, l-għajjnuna tista' titqies proporzjonata u neċessarja.
- (194) Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-fondi miġbuda mill-ippuljar ta' flus kontanti ma kinux iddedikati għal għan speċifiku. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-operat (minbarra d-dħul straordinarju, jiġifieri introjtu appartu mid-dħul mill-ajrunawtika u mhux mill-ajrunawtika tal-ajruport u dħul mill-bejgħ ta' art u ta' proprjetà) kienu negattivi fil-perjodu li qiegħed jiġi kkunsidrat (ara t-Tabella 4). Dan jista' jindika li d-dħul mill-attività ordinarja tal-ajruport ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż operatorji tiegħu. Barra minn hekk, il-Ġermanja baqgħet ma gābitx prova tal-mekkaniżmu li bih kien żgurat li l-fondi mill-ippuljar ta' flus kontanti ma ntużawx sabiex jiffinanzjaw l-operat ta' kuljum tal-ajruport.
- (195) F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jstax jiġi eskluż li l-fondi mill-ippuljar ta' flus kontanti ntużaw sabiex l-FFHG ma jitħallix nieqes mil-likwidità, li setgħet wasslet biex l-operatur tal-ajruport inaqqas l-investimenti tiegħu jew jinbidel f'impriża f'diffikultà. Għalhekk, il-fondi pprovduti mill-ippuljar ta' flus kontanti jista' jitqies li jikkostitwixxi għajjnuna għall-operat illeġittimu mogħtija qabel l-4 ta' April 2014 li l-kompatibbiltà tagħha trid tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014. Din il-valutazzjoni hija mwettqa iżjed 'l isfel fit-Taqsima 6.5.4.

6.5.4 Il-kompatibbiltà tal-għajjnuna għall-investiment skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005

- (196) Skont il-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-Kummissjoni trid teżamina jekk il-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin humiex issodisfati:
- (a) il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar (l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà, eċċ.);
- (b) l-infrastruttura hija meħtieġa u proporzjonata għall-għan li ġie stabbilit;

(⁷⁴) *Espress* fi qligħ qabel l-imgħax, it-taxxa, id-deprezzament u l-ammortizzament ("EBITDA", Earnings Before Interest, Taxes, Depreciation and Amortisation).

- (c) l-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq tul ta' żmien medju, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-infrastruttura eżistenti;
- (d) l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għaliha b'mod ugwali u nondiskriminatorju; u
- (e) l-iżvilupp tal-kummerċ ma jiġix affettwat tant li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (197) Barra minn hekk, sabiex tkun kompatibbli, l-għajjnuna mill-Istat lill-ajruporti — bħal kwalunkwe miżura oħra ta' għajjnuna mill-Istat — għandu jkollha effett ta' inċentiv u tkun neċessarja u proporzjonali għall-oġettiv leġittimu segwit.
- (198) Il-Ġermanja argumentat li l-għajjnuna għall-investment favur l-FFHG hija konformi mal-kriterji kollha ta' kompatibilità li hemm fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.
- (a) L-għajjnuna tikkontribwixxi għal oġettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar
- (199) L-għajjnuna għall-investment favur l-FFHG kienet immirata li tiffinanzja l-konverżjoni ulterjuri tal-eks-bażi militari tal-Istati Uniti fajruport ċivili u l-iżvilupp sostanzjali tal-infrastruttura tal-ajruport. Dawn il-miżuri taw kontribut sinifikanti lill-iżvilupp reġjonali u l-konnettività tar-reġjun ta' Hunsrück u lill-ħolqien ta' impjegji ġodda f'żona ekonomikament milquta mill-ghelug tal-bażi militari tal-Istati Uniti kif ukoll mit-tnaqqis tal-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (200) Ir-reġjun ta' Hunsrück, kif indikat il-Ġermanja, huwa mdawwar b'għadd ta' żoni (bħal Landkreis Birkenfeld), li kienu mmarkati bħala reġjuni fil-bżonn ta' għajjnuna fil-qafas tal-*"Gemeinschaftsaufgabe Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur"*. Fil-fatt, fil-perjodu inkonsiderazzjoni, il-Landkreis Birkenfeld kien tal-inqas parzjalment ikkunsidrat bħala reġjun bi Prodott Domestiku Gross (PDG) taħt il-medja tal-Unjoni. ⁽⁷⁵⁾
- (201) Il-Kummissjoni tqis li l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ikkontribwixxa b'mod sinifikanti wkoll għall-ħolqien ta' impjegji ġodda fir-reġjun ta' Hunsrück. Kif uriet il-Ġermanja, meta jitqiesu l-attivitajiet fil-partijiet kollha tal-ajruport, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-2012 ħoloq 3 063 impjegj fir-reġjun ta' Hunsrück li minnhom 74 % kienu karigi full-time u 90 % ta' dawn l-impjegati jgħixu wkoll f'dan ir-reġjun.
- (202) Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu wkoll effetti pożittivi indiretti, indotti u katalizzanti fuq il-ħolqien tax-xogħol fir-reġjun kif ukoll fuq l-iżvilupp tar-reġjun b'mod ġenerali permezz ta' għadd dejjem jiżdied ta' attivitajiet ekonomiċi u turistiċi. Skont l-informazzjoni mogħtija mill-Ġermanja, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tat-turiżmu lejn l-Istat Federali ta' Rheinland-Palatinate (– 33 % tal-passiġġieri li jikkorrispondu għal madwar miljun passiġġier fl-2005) u tat-turiżmu 'l barra minnu (– 67 % tal-passiġġieri). Kif indikat il-Ġermanja, 88 % tal-passiġġieri li jaslu joqogħdu tal-inqas lejl wieħed fir-reġjun u ġġeneraw madwar 5,7 miljun lejl fl-2005. Billi 88 % tat-turisti li jaslu fi Frankfurt Hahn jgħaddu tal-inqas lejl wieħed u iktar minn 80 % tagħhom iqattgħu saħansitra minn jumejn sa għaxart ijiem, dawn jġġeneraw dħul totali ta' madwar EUR 133,7 miljun fis-sena. Barra minn hekk, it-turiżmu li jiġi ġġenera madwar 11 000 impjegj f'Rheinland-Palatinate.
- (203) L-investimenti meġhuna inkwistjoni wkoll għenu biex tittejjeb l-aċċessibilità taż-żona. Madankollu, id-duplikazzjoni ta' ajruporti li ma jrendux profitti (jew il-ħolqien ta' kapacià addizzjonali mhux użata) ma tikkontribwix għal oġettiv ta' interess komuni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajjnuna għall-investment ma twassalx għal duplikazzjoni bħal din li tnaqqas il-prospetti ta' terminu medju għall-użu tal-infrastruttura eżistenti fajruporti oħrajn ġirien. Fil-fatt, m'hemmx ajruporti oħrajn f'distanza ta' 100 kilometru jew f'60 minuta sewqan mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. L-eqreb ajruporti lejn Frankfurt Hahn huma l-ajruport ta' Frankfurt Main, li jinsab 115-il kilometru jew siegħa u 15-il minuta sewqan bil-karozza bogħod, u l-ajruport tal-Lussemburgu, li jinsab siegħa u 30 minuta sewqan (111-il kilometru) bogħod.
- (204) L-ajruport ta' Frankfurt Main huwa ajruport internazzjonali ewlieni b'firxa wiesgħa ta' destinazzjonijiet u huwa servut b'mod predominanti minn trasportaturi fuq distanzi twal li joffru traffiku ta' konnessjoni, waqt li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jaqdi titjriet bi prezz baxx minn punt għal punt. It-traffiku fl-ajruport ta' Frankfurt

⁽⁷⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2006 fil-kawża dwar l-għajjnuna mill-Istat N459/2006 — Mappa tal-għajjnuna reġjonali Ġermaniża 2007-2013 (ĠU C 295, 5.12.2006, p. 6).

Main żdied kontinwament mis-sena 2000, minn 49,4 miljun passiġġier fl-2000 sa madwar 58 miljun fl-2012. Madankollu, matul dak il-perjodu t-tkabbir kien milqut minn problemi ta' konġestjoni u limiti ta' kapaċità. Kif indikat il-Ġermanja, il-limiti tal-kapaċità tal-ajruport ta' Frankfurt Main kienu jinqabżu kontinwament. Għalhekk, skont il-Ġermanja, speċjalment fid-dawl li għandu l-liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu sehem importanti fil-provvediment ta' kapaċità addizzjonali sabiex tittaffa l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main. Fil-fatt, sal-2009 Fraport kienet l-azzjonist maġġoritarju tal-FFHG, l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (2,7 miljun passiġġier fl-2013, madwar 4 miljun passiġġier fl-2007 meta kien fl-aqwa tiegħu) u l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt-Main (58 miljun passiġġier u 2,1 miljun merkanzija), u bħala tali kienet qiegħda ssewi strateġija ta' diversifikazzjoni.

- (205) L-ajruport tal-Lussemburgu, li huwa l-eqreb ajruport lejn Frankfurt Hahn imma xorta 111-il kilometru jew siegħa u 30 minuta sewqan bil-karozza 'l bogħod, kellu madwar 1,7 miljun passiġġier fl-2008 u esperjenza tkabbir rapidu għal 2,2 miljun fl-2013. Minkejja li l-ajruport tal-Lussemburgu huwa kemxejn iżgħar mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn f'termini ta' traffiku tal-passiġġieri, l-attività tat-trasport tal-merkanzija hija sostanzjalment ikbar b'674 000 tunnellata fl-2013. Dan joffri varjetà ta' titjiriet skedati lejn bliet kapitali Ewropej u titjiriet charter lejn destinazzjonijiet turistiċi. Din l-għażla ta' destinazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-impjegati tal-istituzzjonijiet finanzjarji u internazzjonali li jinsabu fil-Lussemburgu.
- (206) L-ajruport ta' Saarbrücken jinsab madwar 128 kilometru bogħod mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn jiġifieri iktar minn sagħtejn sewqan bil-karozza. Barra minn hekk, Frankfurt Hahn huwa servut primarjament minn trasportaturi bi prezz baxx (Ryanair) u t-trasport tal-merkanzija jikkostitwixxi element pjuttost importanti fil-mudell tan-negozju tiegħu, filwaqt li l-ajruport ta' Saarbrücken joffri primarjament titjiriet skedati lejn destinazzjonijiet nazzjonali u joffri biss trasport limitat ta' merkanzija bl-ajru.
- (207) Rigward l-ajruport ta' Zweibrücken, il-Ġermanja enfasizzat li d-distanza ta' 127 km lejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn t'fisser ħin ta' siegħa u 27 minuta vvjaġġar bil-karozza jew ta' madwar erba' sigħat bil-ferrovija. Barra minn hekk, il-Ġermanja sostniet li, meta wieħed josserva t-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija bejn l-2005 u l-2012, ma jista' jiddeđuċi l-ebda relazzjoni ta' sostituzzjoni bejn l-ajruporti.
- (208) Il-Kummissjoni tosserva li hemm ċerti attivitajiet tal-ajruporti ta' Frankfurt Hahn u ta' Zweibrücken jidħlu f'xulxin, billi l-ajruport ta' Zweibrücken ukoll huwa involut fl-immaniġġjar tal-merkanzija bl-ajru u d-destinazzjonijiet servuti mill-ajruport ta' Zweibrücken huma b'mod predominanti għal traffiku charter. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li t-trasport tal-merkanzija normalment huwa iktar mobbli mit-trasport tal-passiġġieri.⁽⁶⁾ B'mod ġenerali, żona ta' lħuq għal ajruporti tal-merkanzija titqies li jkollha raġġ ta' madwar 200 kilometru dawramejt u sagħtejn f'ħin ta' vvjaġġar. Kummenti mill-industrija jissuġġerixxu li b'mod ġenerali huwa aċċettabbli għall-ispedizzjonijieri li jagħmlu sa nofstanhar sewqan (jiġifieri, sa 12-il siegħa sewqan bit-trakkijiet) biex jittrasportaw il-merkanzija tagħhom.⁽⁷⁾ Barra minn hekk, it-traffiku charter huwa wkoll, b'mod ġenerali, inqas sensitiv għall-ħin u kapaċi jaċċetta ħinijiet ta' vvjaġġar sa sagħtejn bil-karozza.
- (209) Fl-istess ħin għandu jiġi nnotat li, qabel ma Zweibrücken daħal fis-suq fl-2006, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien diġà ajruport stabbilit sewwa b'iktar minn tliet miljun passiġġier u li kien jidderieġi 123 000 tunnellata ta' merkanzija. 123 000 tunnellata ta' merkanzija. Fid-dawl tal-iżvilupp storiku taż-żewġ ajruporti, tal-qagħda ġeografika tagħhom u tal-kapaċità libera disponibbli fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn fiż-żmien meta l-ajruport ta' Zweibrücken daħal fis-suq tal-avjazzjoni kummerċjali fl-2006, il-Kummissjoni tikkonkludi li pjuttost kien l-ajruport ta' Zweibrücken li kkontitwixxa duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' infrastruttura.
- (210) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma jikkostitwixxux duplikazzjoni ta' infrastruttura mhux profittabbli eżistenti. Għall-kuntrarju, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu rwol importanti fit-tnaqqis tal-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main mingħajr ma llimita l-pjanijiet ta' espansjoni ta' dan tal-aħħar. Fil-fatt mingħajr l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien hemm riskju li r-reġjun ma jkunx moqdi biżżejjed fil-ħtiġijiet tiegħu ta' trasport.
- (211) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 199 sa 210, il-Kummissjoni għalhekk tikkonkludi li l-għajjnuna għall-investment diretta lejn il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn tissodisfa objettiv ta' interess komuni definit ċar, jiġifieri l-iżvilupp ekonomiku reġjonali, il-ħolqien tal-impjiegi u t-titjib tal-aċċessibbiltà tar-reġjun.

⁽⁶⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 45.

⁽⁷⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 46.

(b) L-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonata għall-objettiv

- (212) Skont il-Ġermanja, l-investimenti twestqu skont il-ħtiġijiet (u għaldaqstant kienu proporzjonati) u l-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport sabiex jaqdi l-konnettività u l-iżvilupp tar-reġjun u jtaffi l-konġestjoni tal-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (213) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, il-Kummissjoni taqbel li l-investimenti ffinanzjati kienu neċessarji u proporzjonati għall-objettiv ta' interess komuni (ara l-premessa 68 u dawk segwenti). Fil-fatt, mingħajr dawn l-investimenti l-konverżjoni ta' l-eks-bażi tal-Istati Uniti f'ajruport tal-avjazzjoni ċivili li jiffunzjona b'mod sħiħ ma setgħetx titlesta. Il-konstruzzjoni ta' faċilitajiet għall-passiġġieri u għall-merkanzija, is-superfiċji asfaltati fl-ajruport u l-modernizzazzjoni tat-taxiways kellhom jitwettqu sabiex jiġi żviluppat iżjed l-operat tat-titjiriet ċivili. Għaldaqstant, l-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport sabiex iservi l-konnettività u l-iżvilupp tar-reġjun.
- (214) Minbarra dan, il-proġett infrastrutturali twestaq biss sal-limitu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti: waqt li l-infrastruttura kienet mibnija għal traffiku massimu ta' passiġġieri ta' madwar erba' sa ħames miljun passiġġier u 500 000 tunnellata ta' merkanzija, l-istatiċi tat-traffiku murija fit-Tabella 1 u fit-Tabella 2 juru li t-traffiku tal-passiġġieri żdied b'mod qawwi sal-2007 sabiex intlaħaq rekord ta' erba' miljun passiġġier (segwit bi tnaqqis għal 2,7 miljuni fl-2013 għar-raġunijiet imsemmija fil-premessa 219) u l-volum tal-merkanzija żdied għal iktar minn 500 000 tunnellata ta' merkanzija fl-2011. Dan ifisser li fil-parti l-kbira d-domanda mistennija tat-traffiku kienet tikkorrispondi għad-domanda attwali u li l-investimenti ma kinux kbar wisq.
- (215) Waqt li huwa importanti li jiġi evitat investment li jikkostitwixxi duplikazzjoni ta' infrastruttura mhux profittabbli eżistenti, hawnhekk dan mhuwiex il-każ. Kif diġà ġie spjegat fil-premessi 203 sa 210, m'hemmx ajruporti oħrajn f'distanza ta' 100 kilometru u 60 minuta vjaġġar, u anke jekk kellha tiġi kkunsidrata żona ta' lħuq usa' m'hemmx effetti ta' duplikazzjoni. L-eqreb ajruport huwa l-ajruport ta' Frankfurt Main, li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien maħsub biex itaffilu l-konġestjoni.
- (216) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni ta' kompatibilità hija ssodisfatta.

(c) L-infrastruttura toffri prospetti sodisfaċenti ta' użu fuq żmien medju

- (217) Il-Ġermanja argumentat li qabel ma ttieħdet id-deċizzjoni li l-infrastruttura tal-ajruport tiġi żviluppata iktar, twestqu studji ta' previżjoni dwar it-traffiku minn esperti esterni sabiex jiġi identifikat il-potenzjal ta' traffiku tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn.
- (218) L-informazzjoni mogħtija turi li dak iż-żmien l-esperti esterni bassru tkabbir sinifikanti minn 0,3 miljun passiġġier fl-2000 sa 3,8 miljun passiġġier sal-2010 (ara l-Figura 6 u l-Figura 7). Rigward l-iżvilupp fit-trasport tal-merkanzija, l-esperti pproġettaw żvilupp minn 151 000 tunnellata fl-2001 sa 386 000 tunnellata fl-2010 (ara l-Figura 8), bit-tkabbir fin-negozju tat-trasport tal-merkanzija bejn l-2006 u l-2010 jiġi minn titjiriet ta' merkanzija ddevjati mill-ajruport ta' Frankfurt Main minħabba l-curfew. Madankollu, dawn il-proġezzjonijiet setgħu jitwettqu biss jekk l-investimenti jsiru sal-limitu pplanat.
- (219) Il-Kummissjoni tinnotta li dawn il-previżjonijiet dwar it-traffiku (ara l-premessa 218) ġew ikkonfermati mill-iżvilupp tat-traffiku attwali fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn (ara t-Tabella 1 u t-Tabella 2). Fl-2007 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn serva madwar erba' miljun passiġġier. Wara perjodu ta' tkabbir sinifikanti, it-traffiku tal-ajru fil-Ġermanja u fl-Unjoni fis-snin riċenti kien affettwat b'mod negattiv mill-kriżi ekonomika u finanzjarja tal-2008/09, li rriżultat fi tnaqqis fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru fil-Ġermanja fl-2009. L-iżvilupp fit-trasport tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn safa milqut ukoll bl-introduzzjoni ta' taxa fuq il-passiġġieri bl-ajru fil-Ġermanja fl-2011. Bħalissa l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jaqdi madwar 2,7 miljun passiġġier p.a. Rigward il-merkanzija, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn immaniġġja 565 000 tunnellata ta' merkanzija fl-2011. Minħabba l-falliment ta' wieħed mill-klijenti tiegħu, l-ajruport ipproċessa biss 447 000 tunnellata fl-2013.
- (220) Għalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jista' jiġi konkluż li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn diġà qiegħed juża l-parti l-kbira mill-kapaċità tiegħu u l-prospetti ta' terminu medju għall-użu tal-kapaċità kienu sodisfaċenti.

(d) Access għall-infrastruttura b'mod ugwali u nondiskriminatorju

(221) L-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għall-ajruport skont termini ugwali u nondiskriminatorji. Fil-fatt, l-iskeda tal-imposti tal-ajruport applikabbli fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija disponibbli pubblikament u miftuħa għall-utenti potenzjali u attwali kollha tal-ajruport b'mod trasparenti u nondiskriminatorju. Kwalunkwe differenza fl-imposti tal-ajruport imħallsa għall-użu tal-infrastruttura kienet ibbażata fuq differenzazzjoni kummerċjalment giustificata. ⁽⁷⁸⁾

(222) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(e) Il-kummerċ ma jiġix affettwat b'mod kuntrarju għall-interess komuni

(223) Skont il-punt 39 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005, il-kategorija ta' ajruport tista' tagħti indikazzjoni tal-punt sa fejn l-ajruporti jkunu qegħdin jikkompetu ma' xulxin u, għalhekk, anki tal-punt sa fejn il-finanzjament pubbliku mogħti lil ajruport jista' jwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni.

(224) Fiż-żona standard ta' lħuq tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (siegħa sewqan bil-karozza jew 100 kilometru bogħod) m'hemm x ajruporti oħrajn sfruttati kummerċjalment. Anke jekk wieħed kellu jestendi ż-żona ta' lħuq, il-Kummissjoni tqis li l-ghajjnuna ma toħloqx effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(225) F'dak li jikkonċerna l-ajruport ta' Frankfurt Main (l-egreb ajruport f'distanza ta' madwar 115-il kilometru u siegħa u 15-il minuta f'ħin ta' vvjaġġar), l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma wasslux għal effetti ta' sostituzzjoni. Fil-fatt, qabel ma involviet ruħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, Fraport kienet diġà l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Main, imma xorta kienet qiegħda tinvesti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bil-ħsieb li ttaffi l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main peress li kien previst li dak l-ajruport ewlieni kien sejjer ikun mgħobbi iktar milli tiflaħ il-kapaċità tiegħu fil-futur. B'mod partikolari, il-projbizzjoni tat-titjriet billejl fl-ajruport ta' Frankfurt Main kienet wieħed mill-fatturi ewlenin li ttieħdu inkonsiderazzjoni billi l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja biex jopera fuq 24 siegħa.

(226) Anke jekk Frankfurt Hahn esperjenza tkabbir sinifikanti fil-perjodu mill-2000 sal-2007, il-Figura 1 turi li meta mqabbel ma' Frankfurt Main is-sehem tiegħu mit-traffiku baqa' limitat ħafna. Mill-2000 sal-2003, l-ajruport ta' Frankfurt Main esperjenza tkabbir kostanti fl-għadd ta' passiġġieri minn 48 miljun fl-2000 għal 54,2 miljun fl-2007. Minħabba l-kriżi ekonomika, Frankfurt Main esperjenza kemxejn tnaqqis għal 50,9 miljun fl-2009, segwit minn tkabbir rapidu għal 58 miljun. Rigward l-attivitajiet ta' trasport ta' merkanzija, l-ajruport ta' Frankfurt Main esperjenza tkabbir kostanti minn 1,6 għal 2,2 miljun tunnellata fl-2013.

(227) Fir-rigward ta' ajruporti oħrajn, il-Kummissjoni diġà spjegat li l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kellhom l-ebda impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. ⁽⁷⁹⁾ Dan japplika wkoll għall-ajruport ta' Zweibrücken, minħabba li pjuttost kien dan tal-aħħar li kkostitwixxa duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' infrastruttura (u għalhekk ikun responsabbli għal kwalunkwe effett ta' distorsjoni fuq il-kompetizzjoni).

(228) Barra minn hekk, kuntrarju għall-ajruporti ta' Frankfurt Main u tal-Lussemburgu, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn mhuwiex moqdi b'konnessjoni ferrovjarja. Kollox ma' kollox, wieħed ma jista' jistenna l-ebda effett ta' sostituzzjoni fuq it-trasport ferrovjarju.

(229) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 223 sa 228, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri huma limitati għall-minimu.

⁽⁷⁸⁾ Id-deċizzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 fil-każ dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.21211 — il-Ġermanja — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

⁽⁷⁹⁾ Rigward Frankfurt Main u l-ajruport tal-Lussemburgu, il-Kummissjoni tinnota wkoll li s-settur tal-ivvjaġġar tan-negozju jikkupa sehem sinifikanti mis-suq f'dawn l-ajruporti, waqt li dan b'paragun jirrappreżenta sehem limitat fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn.

(f) Effett ta' incientiv, neċessità u proporzjonalità

- (230) Il-Kummissjoni trid tistabbilixxi jekk l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn biddlitx l-imġiba tal-benefiċjarju b'tali mod li involva ruħu f'attività li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess komuni li (i) ma kienx iwettaq mingħajr l-ghajjnuna, jew (ii) li kien iwettaq b'mod iktar ristrett jew differenti. Barra minn hekk, l-ghajjnuna titqies li hija proporzjonata biss jekk l-istess riżultat ma setax jintlaħaq b'inqas ghajjnuna u b'inqas distorsjoni. Dan ifisser li l-ammont u l-intensità tal-ghajjnuna jridu jkunu limitati għall-minimu meħtieġ sabiex titwettaq l-attività meħjuna.
- (231) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja, mingħajr l-ghajjnuna l-investment qatt ma seta' jsir realtà. Il-Ġermanja argumentat li l-ghajjnuna kienet neċessarja għax ikkumpensat biss għall-ispejjeż tal-finanzjament u ammont iktar baxx kien iwassal għal livelli iktar baxxi ta' investment.
- (232) Fil-fatt, skont ir-riżultati finanzjarji mogħtija fil-qosor fit-Tabella 3 u fit-Tabella 4, l-ajruport xorta għadu qiegħed jagħmel it-telf u mhuwix kapaċi jiffinanzja l-ispejjeż tal-investment tiegħu. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-ghajjnuna kienet neċessarja sabiex isiru investimenti bil-għan li tittaffa l-konġestjoni fl-infrastruttura tal-ajruport u sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti attwali għall-infrastruttura moderna tal-ajruport. Mingħajr l-ghajjnuna, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx ikun jista' jlaħħaq mad-domanda mistennija tal-linji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ispedizzjonieri u l-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport kien jispiċċa jitnaqqas.
- (233) Għandu jiġi nnotat ukoll li l-appoġġ pubbliku nġhata f'perjodu meta l-FFHG irrealizza investimenti sinifikanti ħafna fl-infrastruttura (iktar minn EUR 220 miljun bejn l-2001 u l-2012). Minn dan l-ammont, EUR 46 miljun kienu investiti matul il-perjodu li qiegħed jiġi kkunsidrat (mill-2009 sal-2012). Minn dan jiġi li l-ghajjnuna għall-investment kopriet biss frazzjoni tal-ispejjeż tal-investment totali u kienet limitata għad-differenza bejn ir-rata tal-imgħax imħallsa għall-fondi u r-rata tas-suq li biha l-FFHG kieku kien jirċievi dawn il-fondi fis-suq. Barra minn hekk, l-ghajjnuna għall-investment inkonsiderazzjoni nġhatat fil-forma ta' garanzija tal-Istat ta' 100 % u ta' fondi b'termini preferenzjali u mhux fil-forma ta' għotja diretta.
- (234) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' ghajjnuna inkwistjoni kellha effett ta' incientiv u li l-ammont ta' ghajjnuna kien limitat għall-minimu neċessarju sabiex setgħet titwettaq l-attività meħjuna u għaldaqstant, kien proporzjonat.

Konklużjoni

- (235) Abbażi ta' dan li ssemma, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ghajjnuna għall-investment mogħtija lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, minħabba li hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stipulati fil-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.

6.5.5 Il-kompatibbiltà tal-ghajjnuna għall-operat skont il-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014

- (236) It-taqsima 5.1 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 tistabbilixxi l-kriterji li tapplika l-Kummissjoni meta tiġi biex tivvaluta l-kompatibbiltà tal-ghajjnuna operatorja mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Skont il-punt 172 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tapplika dawk il-kriterji għall-każijiet kollha li jikkonċernaw l-ghajjnuna operatorja, inklużi n-notifiki pendenti u l-każijiet ta' ghajjnuna illegali mhux innotifikata.
- (237) Skont il-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, ghajjnuna operatorja illegali mogħtija qabel id-data tal-pubblikazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 — bħall-fondi mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti sa fejn dawn setgħu kkostitwixxew ghajjnuna operatorja (ara l-premessi 185 u 186) — tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern sal-ammont totali tal-ispejjeż operatorji mhux koperti sakemm jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

- a) *il-kontribut għal oġġettiv ta' interess komuni definit sewwa*: din il-kundizzjoni tiġi ssodisfatta jekk, fost l-oħrajn, l-ghajjnuna żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni jew tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali ⁽⁸⁰⁾;

⁽⁸⁰⁾ Il-punti 137, 113 u 114 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

- b) *il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat*: l-ghajjnuna għandha tkun immirata lejn sitwazzjonijiet fejn tali ghajjnuna tista' ggħib magħha titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax iwettaq ⁽⁸¹⁾;
- c) *l-eżistenza tal-effett ta' inċentiv*: din il-kundizzjoni tiġi ssodisfatta jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas ta' ghajjnuna operatorja, u b'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà ta' preżenza ta' ghajjnuna għall-investment u tal-livell ta' traffiku, il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jitnaqqas b'mod sinifikanti ⁽⁸²⁾;
- d) *il-proporzjonalità tal-ammont ta' ghajjnuna (ghajjnuna limitata għall-minimu neċessarju)*: sabiex tkun proporzjonata, l-ghajjnuna operatorja lill-ajruporti għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attività meħġuna ⁽⁸³⁾;
- e) *l-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*. ⁽⁸⁴⁾

a) Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni definit sewwa

(238) Skont it-taqsimha 5.1.2(a) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, sabiex l-ajruporti jingħataw żmien biex jaġġustaw għar-realtajiet ġodda tas-suq u sabiex jiġu evitati interruzzjonijiet fit-traffiku tal-ajru u l-konnettività tar-reġjuni, l-ghajjnuna operatorja lill-ajruporti tiġi kkunsidrata li tikkontribwixxi għall-kisba ta' objettiv ta' interess komuni jekk din: (i) iżżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet intra-UE; (ii) tikkumbatti l-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-ajruporti internazzjonali ewlenin tal-Unjoni; jew (iii) tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali.

(239) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 199 sa 204, il-Kummissjoni tqis li l-operat kontinwu tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn żied il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi stabbilixxa punt ta' aċċess għal titjiriet intra-UE fir-reġjun ta' Hunsrück. Barra minn hekk, l-operat kontinwu tal-ajruport iffaċilita l-iżvilupp reġjonali fir-reġjun ta' Hunsrück u l-ħolqien ta' impjeġi ġodda. Barra minn hekk, l-operat u l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn servew ukoll biex tittaffa l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.

(240) Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni tissodisfa objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar.

b) Ħtieġa ta' intervent mill-Istat

(241) Skont it-taqsimha 5.1.2(b) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, sabiex ikun ivvalutat jekk l-ghajjnuna mill-Istat tkunx effettiva fl-ilħuq ta' objettiv ta' interess komuni, huwa neċessarju li tiġi identifikata l-problema li trid tiġi indirizzata. F'dan ir-rigward, kull ghajjnuna mill-Istat għandha jkollha fil-mira sitwazzjoni fejn l-ghajjnuna tista' ggħib magħha titjib materjali li s-suq ma jkunx kapaċi jwettaq waħdu.

(242) Il-Kummissjoni tinnota li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa ajruport reġjonali b'madwar 2,7 miljun passiġġier p. a. Dan għandu spejjeż operatorji fissi għoljin u taħt il-kundizzjonijiet tas-suq attwali mhuwiex kapaċi jkopri l-ispejjeż operatorji tiegħu stess. Għalhekk, hemm il-ħtieġa ta' intervent mill-Istat (ara l-punt 89 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014).

c) L-adegwatezza tal-miżura tal-ghajjnuna

(243) Skont it-taqsimha 5.1.2(c) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, kwalunkwe miżura ta' ghajjnuna lil ajruport trid tkun strument politiku xieraq li jindirizza l-objettiv tal-interess komuni. L-Istat Membru, għalhekk, irid jagħti prova li l-ebda strumenti politiċi jew ta' ghajjnuna oħrajn li joħlqu inqas distorsjoni ma setgħu jippermettu li jintlaħaq l-istess objettiv.

⁽⁸¹⁾ Il-punti 137 u 116 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁸²⁾ Il-punti 137 u 124 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁸³⁾ Il-punti 137 u 125 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

⁽⁸⁴⁾ Il-punti 137 u 131 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014.

- (244) Skont il-Ġermanja, il-miżuri ta' għajjnuna inkwistjoni huma adegwati sabiex jindirizzaw l-oġġettiv ta' interess komuni intenzjonat, li ma setax jintlaħaq bi strument politiku ieħor li joħloq inqas distorsjoni.
- (245) F'dan il-każ l-ammont ta' għajjnuna (id-differenza bejn ir-rata tas-suq għall-fondi pprovduti mill-ippuljar ta' flus kontanti u r-rata attwali) baqa' inqas mit-telf operatorju mhux kopert (ara t-Tabella 4, l-EBIDTA eskluż id-dħul straordinarju tal-ajruport) imġarrab attwalment u kien limitat għall-minimu neċessarju billi nġhata biss bħala self ripagabbli u mhux bħala għotja diretta. L-ebda miżura politika oħra ma tippermetti lill-ajruport jissokta bl-operat tiegħu. B'hekk, il-kumpens għat-telf huwa limitat għall-minimu u ma jipprevedi ebda profitti.
- (246) Fid-dawl tal-premessi 244 u 245, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri inkwistjoni kienu adegwati sabiex jintlaħaq l-oġġettiv mixtieq ta' interess komuni.
- d) L-eżistenza ta' effett ta' inċentiv
- (247) Skont it-taqsima 5.1.2(d) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, l-għajjnuna operatorja jkollha effett ta' inċentiv jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas ta' għajjnuna operatorja, il-livell ta' attivitá ekonomika tal-ajruport jitnaqqas b'mod sinifikanti. Din il-valutazzjoni jeħtieġ li tieħu inkonsiderazzjoni l-preżenza tal-għajjnuna għall-investiment u l-livell ta' traffiku fl-ajruport.
- (248) Mingħajr l-għajjnuna l-iskala tal-operat fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn tintlaqat u titnaqqas serjament, hekk li eventwalment twassal sabiex l-ajruport joħroġ mis-suq minħabba telf operatorju mhux kopert.
- (249) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri ta' għajjnuna inkwistjoni kellhom effett ta' inċentiv.
- e) Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajjnuna (għajjnuna limitata għall-minimu)
- (250) Skont it-taqsima 5.1.2(e) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, sabiex tkun proporzjonata, l-għajjnuna operatorja lill-ajruporti għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju b'mod li tkun tista' titwettaq l-attivitá meġhuna.
- (251) F'dan il-każ, l-ammont ta' għajjnuna kien limitat għall-ammont tal-ispiża kapitali tal-operat mhux koperta, billi għamel tajjeb biss għall-ispejjeż imġarrba attwalment.
- (252) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-ammont tal-għajjnuna operatorja f'dan il-każ kien proporzjonat u limitat għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attivitá meġhuna.
- f) Evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri
- (253) Skont it-taqsima 5.1.2(f) tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014, meta tiġi vvalutata l-kompatibbiltá tal-għajjnuna operatorja, għandhom jitqiesu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ.
- (254) Fiż-żona ta' lħuq standard tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (siegħa vvjaġġar bil-karozza jew 100 kilometru distanza) m'hemmx ajruporti sfruttati kummerċjalment. Anke jekk din iż-żona ta' lħuq kellha tiġi estiża iktar lil hinn sa ajruporti oħrajn fil-viċinanzi tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, kif intwera fil-premessi 224 u 228, m'hemm l-ebda effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti li jinsabu fil-viċinanzi tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (jiġifieri l-ajruporti ta' Frankfurt Main, tal-Lussemburgu u ta' Saarbrücken).
- (255) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe effett negattiv fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba l-għajjnuna operatorja mogħtija favur l-FFHG huma limitati għall-minimu.

Konklużjoni

- (256) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 238 sa 255, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

7 KONKLUŻJONI

- (257) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 99 sa 124, il-Kummissjoni tqis li l-linja ta' kreditu mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti lill-FFHG mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (258) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 127 sa 138, il-Kummissjoni tqis li l-garanzija tal-Istat maħruġa mill-Istat Federali ta' Rhineland-Palatinate sabiex tkopri l-100 % tas-self pendenti mill-ISB tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (259) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 140 sa 169, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-self mill-ISB numru 1, 3 u 4 ingħata b'rati li jistgħu jitqiesu konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Għalhekk, billi l-kriterji kumulattivi tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhumiex issodisfati, il-Kummissjoni tqis li dan is-self mill-ISB ma jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (260) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 140 sa 169 hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-self mill-ISB numru 2 u 5 ingħata b'rata inqas minn dik referenzjali. Billi l-kriterji l-oħrajn skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma ssodisfatti wkoll, dan is-self jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.
- (261) Billi l-linja ta' kreditu u l-fondi mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti, il-garanzija tal-gvern ta' 100 % u s-self mill-ISB numru 2 u 5 diġà tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-FFHG, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja ma rrispettatx il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (262) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 199 sa 232, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajnuna għall-investment mogħtija lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat minħabba li hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stipulati fil-punt 61 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2005.
- (263) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 238 sa 255, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-fondi mogħtija mill-ippuljar ta' flus kontanti b'termini privileġġjati huma konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà għall-għajnuna operatorja stipulati fil-punt 137 tal-Linji Gwida dwar l-Avjazzjoni tal-2014 u huma kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (264) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja taċċetta l-adozzjoni tad-deċiżjoni bil-lingwa Ingliża,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-għajnuna mill-Istat, imdaħħla fis-seħħ b'mod illegali mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat favur Flughafen Frankfurt Hahn GmbH bejn l-2009 u l-2012 permezz tal-għoti ta' garanzija ta' 100 % fuq self ipprovdut minn Investitions- und Strukturbank ta' Rheinland-Pfalz, self ipprovdut minn Investitions- und Strukturbank ta' Rheinland-Pfalz nhar il-31 ta' Awwissu 2009 li jammonta għal EUR 20,0 miljun u nhar it-30 ta' Settembru 2009 li jammonta għal EUR 6,8 miljun kif ukoll li Flughafen Frankfurt Hahn GmbH tħalla jipparteċipa fl-ippuljar ta' flus kontanti tal-Istat Federali ta' Rheinland Pfalz u jiġbed self sa EUR 45 miljun b'termini privileġġjati minn dak l-ippuljar ta' flus kontanti, huwa kompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 2

Is-self mogħti minn Investitions- und Strukturbank ta' Rheinland-Pfalz lil Flughafen Frankfurt Hahn GmbH bejn il-15 ta' Lulju 2007 u t-30 ta' Settembru 2009 li jammonta għal total ta' EUR 46,8 miljun ma jikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/789**tal-1 ta' Ottubru 2014****dwar l-ghajjnuna mill-Istat SA.21121 (C29/08) (l-eks NN 54/07) implimentata mill-Ġermanja dwar il-finanzjament tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u r-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-ajruport u Ryanair**

(notifikata bid-dokument C(2014) 6853)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) ⁽¹⁾ tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

Wara li sejħet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjonijiet imsemmija qabel ⁽²⁾ u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

Billi:

1. PROĊEDURA

- (1) Bejn l-2003 u l-2006, il-Kummissjoni rċeviet ilmenti minn diversi partijiet li allegaw li *Ryanair plc* ("Ryanair" ⁽³⁾) kif ukoll l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn *Flughafen Frankfurt-Hahn GmbH* (minn hawn 'il quddiem: "FFHG") ingħataw għajjnuna illegali mill-Istat mill-kumpanija *Fraport AG* u mil-*Länder* (l-Istati Federali) ta' Rhineland-Palatinate u Hesse. L-ilmentatur ipprova aktar informazzjoni fit-22 ta' Settembru 2003 u fl-1 ta' Ġunju 2006.
- (2) Permezz tal-ittri datati l-25 ta' Settembru 2006 u d-9 ta' Frar 2007, il-Kummissjoni talbet informazzjoni mingħand il-Ġermanja. Il-Ġermanja wieġbet permezz ta' ittri datati l-20 ta' Diċembru 2006 u d-29 ta' Ġunju 2007 rispettivament.
- (3) Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-finanzjament tal-FFHG u r-relazzjonijiet finanzjarji tagħha ma' Ryanair (id-"deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008"). Il-Ġermanja bagħtet il-kummenti tagħha fis-27 ta' Ottubru 2008.
- (4) Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 ġiet reġistrata taħt il-każ numru SA.21121 (C29/08). Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁴⁾ fis-17 ta' Jannar 2009. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex fi żmien xahar minn wara din il-pubblikazzjoni jressqu l-kummenti tagħhom dwar dawn il-miżuri.
- (5) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand *Deutsche Lufthansa AG* ("Lufthansa"), l-Assoċjazzjoni Federali tat-Trasportaturi tal-Ajru Ġermaniżi (*Bundesverband der Deutschen Fluggesellschaften*, "BDF"), Ryanair, *Société Air France SA* ("Air France") u mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej ("AEA"). Hija għaddiet il-kummenti lill-Ġermanja permezz ta' ittra datata s-16 ta' April 2009. Il-Ġermanja ngħatat l-opportunità li twieġeb għalihom fi żmien xahar u għaddiet il-kummenti tagħha u aktar informazzjoni fl-1 ta' Lulju 2009.

⁽¹⁾ B'effett mill-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE saru l-Artikoli 107 u 108, rispettivament, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem: it-Trattat). Sostanzjalment, iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet huma identiċi. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, ir-referenzi għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat għandhom jinftehemu bħala referenzi għall-Artikoli 87 u 88, rispettivament, tat-Trattat tal-KE fejn xieraq. It-Trattat introduċa wkoll ċerti bidliet fit-terminoloġija bħall-bdil ta' "Komunità" b'"Unjoni" u "suq komuni" b'"suq intern". It-terminoloġija tat-Trattat se tintuża b'mod konsistenti f'din id-Deċiżjoni.

⁽²⁾ ĠU C 12, 17.1.2009, p. 6.

⁽³⁾ *Ryanair* hija linja tal-ajru Irlandiża u Membru tal-European Low Fares Airlines Association. In-negozju tal-linja tal-ajru huwa marbut ma' ajruporti reġjonali sekondarji. Attwalment il-linja tal-ajru topera madwar 160 destinazzjoni Ewropea. *Ryanair* għandha flotta omoġenja li tikkonsisti f'272 inġenju tal-ajru Boeing 737-800 b'189 post.

⁽⁴⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

- (6) Permezz ta' ittra tal-4 ta' Marzu 2011, Lufthansa pprovdiet aktar informazzjoni fir-rigward tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 fejn indirizzat l-allegati miżuri ġodda ta' għajjnuna mill-Istat.
- (7) Permezz ta' ittra datata t-18 ta' Marzu 2011 il-Kummissjoni għaddiet l-ilment lill-Ġermanja u talbet għal aktar informazzjoni dwar l-allegazzjonijiet il-ġodda fir-rigward tal-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittri datati d-19 ta' Mejju 2011 u t-23 ta' Mejju 2011.
- (8) Madankollu, dawk it-tweġibiet ma kinux kompleti. Għalhekk, permezz ta' ittra datata s-6 ta' Ġunju 2011 il-Kummissjoni baġtet nota ta' tfakkira skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ⁽⁵⁾. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittri datati l-14 ta' Ġunju 2011 u s-16 ta' Ġunju 2011.
- (9) Permezz ta' ittra datata t-13 ta' Ġunju 2011 il-Kummissjoni għarrfet lill-Ġermanja bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat fir-rigward tal-linja ta' kreditu li nġhatat lill-FFHG mill-faċilità ta' ppuljar ta' flus tal-Land Rhineland-Palatinate, is-self li nġhata lill-FFHG minn Investitions- und Strukturbank tal-Land Rhineland-Palatinate ("ISB") u l-garanzija għas-self tal-ISB li nġhatat lill-FFHG mil-Land Rhineland-Palatinate (id-"deċiżjoni tal-ftuħ tal-2011"). Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2011 ġiet reġistrata taħt il-każ numru SA.32833 (2011/C). Id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2011 ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Lulju 2012. ⁽⁶⁾
- (10) Permezz ta' ittra datata l-20 ta' Frar 2012 il-Kummissjoni talbet aktar informazzjoni dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittra datata s-16 ta' April 2012. Il-Kummissjoni reġgħet talbet aktar informazzjoni permezz ta' ittra tas-27 ta' Lulju 2012. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittra datata l-4 ta' Settembru 2012.
- (11) Permezz ta' ittra datata l-25 ta' Frar 2014 il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja bl-adozzjoni tal-Linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru ⁽⁷⁾ (il-"Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014") fl-20 ta' Frar 2014. Il-Kummissjoni infurmat lill-Ġermanja li dawk il-linji gwida kienu se jsiru applikabbli mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Tat lill-Ġermanja l-opportunità li tikkummenta dwar dawk il-linji gwida u dwar l-applikazzjoni possibbli tagħhom għall-każ preżenti fi żmien 20 jum ta' xogħol. Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni fakkret lill-Ġermanja li, fil-każ li ma tkunx irċeviet kummenti fil-limitu preskritt ta' 20 jum ta' xogħol, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja ma kellha ebda kumment.
- (12) Permezz ta' ittri datati t-23 ta' Marzu 2014 u l-4 ta' April 2014 il-Kummissjoni talbet lill-Ġermanja għal aktar informazzjoni. Il-Ġermanja wiegħbet permezz ta' ittri datati s-17 ta' April 2014, l-24 ta' April 2014 u d-9 ta' Mejju 2014.
- (13) Il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-4 ta' April 2014. Huma ħadu post il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-1994 ⁽⁸⁾ kif ukoll il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 ⁽⁹⁾.
- (14) Fil-15 ta' April 2014 ġie ppubblikat avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea li stieden lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, f'dan il-każ fi żmien xahar mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom. ⁽¹⁰⁾ Lufthansa u Transport & Environment ippreżentaw osservazzjonijiet. Permezz ta' ittra datata s-26 ta' Awwissu 2014, il-Kummissjoni baġtet dawk l-osservazzjonijiet lill-Ġermanja. Permezz ta' ittra datata t-3 ta' Settembru 2014, il-Ġermanja infurmat lill-Kummissjoni li ma kellha l-ebda osservazzjoni.
- (15) Permezz ta' ittra datata s-17 ta' Ġunju 2014, il-Ġermanja qablet b'mod eċċezzjonali li din id-deċiżjoni tiġi adottata u nnotifikata bl-Ingliż biss.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

⁽⁶⁾ ĠU C 216, 21.7.2012, p. 1.

⁽⁷⁾ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3).

⁽⁸⁾ Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE għall-Għajjnuniet mill-Istat fis-Settur tal-Avjazzjoni (ĠU C 350, 10.12.1994, p. 5).

⁽⁹⁾ Linji Gwida tal-Komunità dwar l-iffinanzjar ta' ajruporti u l-għajjnuna tal-bidu lil-linji tal-ajru li jitolqu minn ajruporti reġjonali (ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1).

⁽¹⁰⁾ ĠU C 113, 15.4.2014, p. 30.

2. KUNTEST TAL-MIŻURI

2.1. IL-KONVERŻJONI TAL-AJRUPORT U L-ISTRUTTURA TA' SJIEDA TIEGĦU

- (16) L-ajruport ta' Frankfurt Hahn jinsab fil-Land Rhineland-Palatinate, madwar 120 km fil-punent tal-belt ta' Frankfurt/Main. Sal-1992 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien bażi tal-ajru militari tal-Istati Uniti. Sussegwentement, ġie konvertit f'ajruport ċivili. Għandu liċenzja biex jopera 24 siegħa kuljum.
- (17) Fl-1 ta' April 1995, *Holding Unternehmen Hahn GmbH & Co. KG* ("Holding Hahn"), sħubija pubblika privata bejn Wayss & Freytag u l-Land Rhineland-Palatinate, kisbet is-sjieda tal-infrastruttura tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn mill-Ġermanja. Bejn l-1995 u l-1998, din is-sħubija pubblika privata żviluppat l-ajruport bl-għan li hemmhekk tiġi żviluppata żona industrijali u kummerċjali. Skont il-Ġermanja, meta s-sħubija bejn Wayss & Freytag u l-Land Rhineland-Palatinate ma rnezzietx, fl-1 ta' Jannar 1998, *Flughafen Frankfurt/Main GmbH* ("Fraport")⁽¹⁾ bdiet tinvolvi ruħha fil-proġett u eventwalment ħadet f'idejha l-operat tal-ajruport.
- (18) Skont il-Ġermanja, Fraport, li kienet diġà qiegħda topera u tmexxi l-ajruport internazzjonali ta' Frankfurt Main, li jinsab madwar 115-il km mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, involviet ruħha għal diversi raġunijiet strateġiċi. L-ewwel nett, il-Ġermanja qalet li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien l-uniku ajruport fil-viċinanza tal-ajruport ta' Frankfurt Main li kellu l-potenzjal li jiżviluppa f'ajruport internazzjonali sħiħ. Peress li dak iż-żmien l-ajruport ta' Frankfurt Main kien diġà laħaq il-kapaċità sħiħa tiegħu, kien hemm il-potenzjal għat-tieni ajruport profittabbli fir-reġjun. It-tieni nett, dak iż-żmien l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien l-uniku ajruport Ġermaniż li kellu liċenzja li jista' jopera 24 siegħa kuljum, speċjalment utli għal titjiriet tal-merkanzija. It-tielet nett, ir-runway kienet mgħammra b'kollox u setgħet tintuża fil-kundizzjonijiet kollha tat-temp. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrilevat li s-sidien tal-ajruport ta' Schiphol kienu qed jaħsbu wkoll biex jakkwistaw l-ajruport ta' Frankfurt Hahn, u għalhekk billi ħadet ir-responsabilità għall-operat tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien possibbli li Fraport iżżomm il bogħod kompetitur mhux mixtieq.
- (19) Fraport xtrat 64,90 % tal-ishma fl-operatur *Flughafen Hahn GmbH & Co. KG Lautzenhausen* ("FFHG & Co KG") għall-prezz ta' [...] (*). Il-ħlas ta' parti mill-prezz tax-xiri (EUR [...]) kien dovut fil-31 ta' Diċembru 2007, skont ċerti kundizzjonijiet⁽²⁾. F'Awissu 1999, Fraport akkwistat 73,37 % tal-ishma ta' Holding Hahn u 74,90 % tal-ishma tas-soċju solidali tagħha *Holding Unternehmen Hahn Verwaltungs GmbH* għall-prezz ta' EUR [...]. B'hekk Fraport effettivament saret l-imsieħba l-ġdida tal-Land Rhineland-Palatinate.
- (20) Il-fokus ta' Fraport fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien li tiżviluppa b'mod sistematiku n-negozju tal-ajruport marbut mal-ġarr ta' merkanzija u ta' passiġġieri. F'dak ir-rigward, Fraport kienet waħda mill-ewwel impriżi li bdiet tapplika mudell kummerċjali speċjalment immirat biex jiġu attirati linji tal-ajru bi prezzijiet irħas. Abbażi ta' dan, Fraport ikkonkludiet ftehim ġdid ta' trasferiment ta' profitt u telf ma' Holding Hahn wara l-konverżjoni ta' din tal-aħħar f'kumpanija Ġermaniża b'responsabbiltà limitata, (*Gesellschaft mit beschränkter Haftung*, "GmbH"). Il-konverżjoni u l-konklużjoni ta' dak il-ftehim saru fl-24 ta' Novembru 2000.
- (21) Sussegwentement, Holding Hahn u FFHG & Co KG ingħaqdu biex jiffurmaw *Flughafen Hahn GmbH*. Land Rhineland-Palatinate kienet tikkontrolla 26,93 % u Fraport kienet tikkontrolla 73,07 % tal-ishma fil-kumpanija l-ġdida. Aktar tard, l-isem kummerċjali tal-kumpanija reġa' inbidel għal *Flughafen Frankfurt-Hahn GmbH* ("FFHG"). Fl-2001, iż-żewġ azzjonisti, Fraport u Land Rhineland-Palatinate, injettaw kapital ġdid fl-FFHG (ara d-deskrizzjoni dettaljata fis-sezzjoni 3).
- (22) Sal-11 ta' Ġunju 2001, 100 % tal-ishma fi Fraport kienu miżmuma minn azzjonisti pubbliċi.⁽³⁾ Fil-11 ta' Ġunju, Fraport ġiet ikkwotata fil-Borża u 29,71 % tal-ishma tagħha nbiegħu lil azzjonisti privati, filwaqt li 70,29 % tal-ishma baqgħu fil-pussess tal-azzjonisti pubbliċi.
- (23) F'Novembru 2002, Land Rhineland-Palatinate, Land Hesse, Fraport u FFHG ikkonkludew ftehim dwar l-iżvilupp ulterjuri tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Dak il-ftehim ippreveda t-tieni żieda fil-kapital awtorizzat. F'dik

(1) Minn hawn 'il quddiem f'din id-deċizzjoni t-terminu "Fraport" jintuża biex ifisser kemm "FAG" qabel inbidel l-isem tan-negozju u "Fraport AG" wara.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali

(2) Skont is-sezzjoni 7(3) tal-ftehim tax-xiri parti mill-prezz tax-xiri tista' titnaqqas pereżempju jekk l-ispejjeż imġarrba mill-FFHG għall-protezzjoni kontra l-istorbju kellhom jaqbużu ċertu limitu massimu.

(3) Land Hesse kienet tikkontrolla 45,24 % tal-ishma ta' Fraport, Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH (100 % posseduta mill-muniċipalità ta' Frankfurt am Main) kienet tikkontrolla 28,89 % u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet tikkontrolla 25,87 %.

l-okkażjoni, Land Hesse ssieħbet ma' FFHG bħala t-tielet azzjonista. Imbagħad Fraport kienet tikkontrolla 65 % tal-ishma, u l-Land Hesse u l-Land Rhineland-Palatinate kienu jikkontrollaw 17,5 % kull wieħed. Dik l-istruttura tas-sjieda baqgħet l-istess sal-2009, meta Fraport biegħet l-ishma kollha tagħha lil-Land Rhineland-Palatinate, li ilha minn dakinhar iżżomm sehem maġġoritarju ta' 82,5 %. Is-17,5 % li fadal għadhom miżmuma minn Land Hesse.

2.2. L-IŻVILUPP FIT-TRAFFIKU TAL-PASSIĠĠIERI U TAL-MERKANZIJA U L-AJRUPORTI FIL-VIĊINANZA

- (24) It-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport żdied minn 29 289 fl-1998 għal 4 miljun fl-2007 u naqas għal kważi 2,7 miljun fl-2013. (ara t-Tabella 1). Attwalment l-ajruport huwa servut minn Ryanair, Wizz Air ⁽¹⁴⁾ u linji tal-ajru oħra. Fl-2013, is-sehem tal-passiġġieri tar-Ryanair kien ilaħħaq madwar [80-100 %].

Tabella 1

L-iżvilupp fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-1998 u l-2013

Sena	Għadd ta' passiġġieri	Għadd ta' passiġġieri ta' Ryanair
1998	29 289	0
1999	140 706	89 129
2000	380 284	318 664
2001	447 142	397 593
2002	1 457 527	1 231 790
2003	2 431 783	2 341 784
2004	2 760 379	2 668 713
2005	3 079 528	2 856 109
2006	3 705 088	3 319 772
2007	4 015 155	3 808 062
2008	3 940 585	3 821 850
2009	3 793 958	3 682 050
2010	3 457 540	[2 766 032 — 3 457 540]
2011	2 894 363	[2 315 490 — 2 894 363]
2012	2 791 185	[2 232 948 — 2 791 185]
2013	2 667 529	[2 134 023 — 2 667 529]

⁽¹⁴⁾ Wizz Air hija linja tal-ajru Ungeriża u Membru tal-European Low Fares Airlines Association. Il-grupp Wizz Air huwa magħmul minn tliet kumpaniji operattivi, jiġifieri Wizz Air Hungary, Wizz Air Bulgaria u Wizz Air Ukraine. Il-mudell kummerċjali tal-linji tal-ajru huwa marbut ma' ajruporti reġionali sekondarji. Attwalment il-linja tal-ajru topera madwar 150 destinazzjoni Ewropea. Wizz Air għandha flotta omoġenja b'età medja ta' inqas minn 3 snin, magħmula minn 34 inġenju tal-ajru Airbus A 320 b'180 post.

- (25) L-ajruport ta' Frankfurt Hahn esperjenza wkoll tkabbir fit-trasport tal-merkanzija bl-ajru. It-trasport tal-merkanzija bl-ajru fl-ajruport żdied minn madwar 16 000 tunnellata fl-1998 għal madwar 286 000 tunnellata fl-aqwa tiegħu fl-2011, bi tnaqqis sussegwenti għal madwar 151 000 tunnellata fl-2013 (ara t-Tabella 2). Fl-2013, il-merkanzija totali, inklużi l-ispedizzjonieri, immaniġġjata fl-ajruport kienet tammonta għal madwar 447 000 tunnellata.

Tabella 2

L-iżvilupp fir-rigward tal-merkanzija fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-1998 u l-2013


Sena	Trasport totali ta' merkanzija bl-ajru f'tunnellati	Merkanzija totali inklużi spedizzjonieri f'tunnellati
1998	16 020	134 920
1999	43 676	168 437
2000	75 547	191 001
2001	25 053	133 743
2002	23 736	138 131
2003	37 065	158 873
2004	66 097	191 117
2005	107 305	228 921
2006	123 165	266 174
2007	125 049	289 404
2008	179 375	338 490
2009	174 664	322 170
2010	228 547	466 429
2011	286 416	565 344
2012	207 520	503 995
2013	152 503	446 608

- (26) L-ajruporti li ġejjin jinsabu qrib l-ajruport ta' Frankfurt Hahn:
- i. L-ajruport ta' Frankfurt Main (madwar 115-il kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, madwar siegħa u kwart bil-karozza) huwa ċentru ajruportwali internazzjonali b'varjetà wiesgħa ta' destinazzjonijiet, li jvarjaw minn titjiriet qosra sa dawk twal. Predominamentement huwa moqdi minn trasportaturi li joperaw netwerk ta' rotot li joffru traffiku ta' konnessjoni, għalkemm jipprovdi wkoll konnessjonijiet minn punt għal ieħor u titjiriet charter. Minbarra t-traffiku tal-passiġġieri (madwar 58 miljun fl-2013), l-ajruport ta' Frankfurt Main jimmaniġġja wkoll it-trasport ta' merkanzija bl-ajru (madwar 2 miljun tunnellata fl-2013). Il-Figura 1 turi l-iżvilupp tat-traffiku fl-ajruport ta' Frankfurt Main u ta' Frankfurt Hahn bejn l-2000-2012.

- ii. L-ajruport tal-Lussemburgu (madwar 111-il kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, madwar siegħa u nofs bil-karozza) huwa ajruport internazzjonali li jipprovdi varjetà wiesgħa ta' destinazzjonijiet. Minbarra traffiku tal-passiġġieri (madwar 2,2 miljun fl-2013), serva wkoll 673 500 tunnellata ta' merkanzija bl-ajru.
- iii. L-ajruport ta' Zweibrücken (madwar 128 kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, madwar siegħa u 35 minuta bil-karozza).
- iv. L-ajruport ta' Saarbrücken (madwar 128 kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, madwar siegħa u 35 minuta bil-karozza).
- v. L-ajruport ta' Köln-Bonn (madwar 175 kilometru mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, madwar siegħa u 44 minuta bil-karozza).

Figura 1

L-iżvilupp tat-traffiku fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Main u ta' Frankfurt Hahn bejn 1-2000-2012



2.3. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-INVESTIMENTI MWETTQA MILL-FFHG U R-RIŻULTATI FINANZJARJI TAGĦHA

(27) It-Tabella 3 tipprovdi ħarsa ġenerali tal-investimenti mwettqa mill-FFHG bejn l-2001 u l-2012, li jammontaw għal total ta' madwar EUR 216-il miljun.

Tabella 3

Ħarsa ġenerali tal-investimenti mwettqa bejn l-2001 u l-2012

F'eluf ta' EUR	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	Total 2001-2012
Investimenti fl-infrastruttura u fit-tagħmir													
Anlagenzugänge inkl. Umbuchungen													
Art	3 174,00	6 488		2 994	4 284	3 086	8 613	593		[...]			
Terminal		2 519	3 310					251					
Hanger tal-merkanzija			3 850		3 222								
Bini tal-uffiċċji								2 428		[...]			
Investimenti infrastrutturali oħrajn			10 194	1 152			13 275			[...]	[...]	[...]	
Rampa	1 008,30	5 684			3 394		10 224	2 848		[...]	[...]		
Infrastruttura oħra	1 502,20	3 848	2 071	2 692	3 911	1 761	1 558	2 608	384	[...]	[...]	[...]	
Assi immaterjali (perez. IT)	6,1	14,50	28	219	487	45	170	121	20	[...]	[...]	[...]	7 108
Tagħmir	8 208,89	1 097,09	12 308,42	1 814,00	2 294,54	20 232	7 550	3 823	359	[...]	[...]	[...]	75 550
Total	13 899	19 650	31 761	8 871	17 592	25 123	41 390	12 673	763	17 289	19 346	7 930	216 287

(28) It-Tabella 4 tipprovdi ħarsa ġenerali tar-riżultati finanzjarji annwali tal-FFHG bejn l-2001 u l-2012.

Tabella 4

Riżultati finanzjarji annwali tal-FFHG bejn l-2001 u l-2012

F'eluf ta' EUR	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012
Dikjarazzjoni tal-profit u telf												
Introjtu	10 077,61	14 908,11	22 574,22	29 564,18	36 859,08	43 479,85	41 296,34	45 383,60	42 036,70	43 281,58	43 658,38	40 983,45
Introjtu ieħor (inkluż kumpens għall-mandat tal-ordini pubbliku u bejgħ tal-art)	7 771,31	5 514,63	3 686,87	3 039,35	3 618,93	6 097,29	5 436,58	4 858,16	11 540,36	14 554,55	9 313,99	21 390,92
Introjtu totali	17 848,92	20 422,75	26 261,09	32 603,53	40 478,01	49 577,14	46 732,92	50 241,76	53 577,06	57 836,14	52 972,37	62 374,37
Kostijiet tal-materjal	- 7 092,39	- 10 211,13	- 12 560,46	- 14 601,17	- 17 895,97	- 24 062,81	- 22 491,85	- 25 133,61	- 24 979,59	- 27 650,17	- 20 017,99	- 21 871,65
Kostijiet tal-persunal	- 9 185,12	- 9 672,37	- 10 734,62	- 11 217,21	- 12 101,84	- 13 337,28	- 14 433,17	- 15 758,34	- 15 883,08	- 17 893,60	- 18 228,23	- 18 349,10
Kostijiet oħrajn (inkluż marketing)	- 5 692,81	- 11 434,31	- 10 521,27	- 11 454,36	- 14 058,15	- 12 885,28	- 9 897,46	- 9 630,21	- 7 796,81	- 8 029,40	- 6 760,92	- 6 643,00
EBITDA	- 4 121,41	- 10 895,06	- 7 555,27	- 4 669,21	- 3 577,94	- 708,22	- 89,56	- 280,39	- 4 917,58	- 4 262,96	- 7 965,23	- 15 510,62
EBITDA (għajr introjtu ieħor)	- 11 892,72	- 16 409,69	- 11 242,13	- 7 708,56	- 7 196,87	- 6 805,51	- 5 526,13	- 5 138,56	- 6 622,78	- 10 291,59	- 1 348,76	- 5 880,30
Deprezzament	- 5 325,63	- 5 674,68	- 6 045,39	- 7 699,33	- 7 973,46	- 10 527,90	- 10 191,89	- 11 855,19	- 12 482,28	- 11 827,19	- 13 297,31	- 12 733,48
Riżultati finanzjarji (imgħax ir-čevut - imgħax imħallas)	- 2 896,64	- 3 013,42	- 4 006,57	- 4 105,53	- 4 548,42	- 4 588,16	- 5 235,30	- 5 693,02	- 4 915,39	- 2 778,06	- 5 063,04	- 8 177,54
Introju u kostijiet straordinarji	- 431,54	- 206,00	- 10,46	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	- 272,55	0,00	0,00
Taxxi	- 580,13	- 204,74	- 215,18	- 323,82	- 228,44	- 242,33	- 245,00	- 238,66	- 257,45	- 240,85	- 231,03	- 277,52
Kopertura tal-telf minn Fraport permezz tat-trasferimenti tal-profit u telf	13 355,35	19 993,90	17 832,87	16 797,89	16 328,26	16 066,61	15 761,75	18 067,26	5 621,37	0,00	0,00	0,00
Riżultat annwali (profit/telf)	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	- 7 114,17	- 10 855,69	- 10 626,14	- 5 677,92

3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

3.1. GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI MOGĦTIJA LILL-FFHG

3.1.1. MIŻURA 1: FTEHIM TA' TRASFERIMENT TA' PROFITTI U TA' TELF TAL-2001

- (29) L-FFHG u Fraport ikkonkludew ftehim skont liema Fraport kienet intitolata għall-profitti kollha ġġenerati mill-FFHG. Min-naħa tagħha, Fraport kienet obligata tassumi t-telf kollu tal-FFHG. Fil-31 ta' Awwissu 1999 *Land Rheinland-Palatinate* u Fraport ikkonkludew ftehim li fih Fraport intrabtet li tikkonkludi ftehim ta' Trasferiment ta' Profitti u ta' Telf ("PLTA"). Il-ftehim notarili korrispondenti ġie konkluż fl-24 ta' Novembru 2000 u l-PLTA tal-2001 daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001 ("PLTA tal-2001") ⁽¹⁵⁾.
- (30) Fraport kellha d-dritt li ttejjem il-PLTA tal-2001 billi tagħti avviż ta' sitt xhur, iżda dan biss wara l-31 ta' Diċembru 2005. Kieku ma ġiex terminat, il-ftehim kien jiġi mtawwal b'mod taċitu fl-aħħar ta' kull sena kalendarja għal sena oħra, iżda għal mhux aktar mill-31 ta' Diċembru 2010.
- (31) Il-konklużjoni tal-PLTA tal-2001 ġiet approvata mill-bord superviżorju u mill-azzjonisti ta' Fraport. ⁽¹⁶⁾ Aktar tard, permezz ta' ftehim tal-5 ta' April 2004, it-tul tal-PLTA tal-2001 ġie estiż sal-2014 ("PLTA tal-2004"). Sakemm il-PLTA tal-2001 ġie sostitwit bil-PLTA tal-2004 ("PLTA tal-2004", ara l-premessa (45)), Fraport kienet assumiet telf ta' EUR [...] miljun.

3.1.2. MIŻURA 2: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2001

- (32) Rapport għall-kumitat azzjonarju ta' Fraport ⁽¹⁷⁾ fid-19 ta' Jannar 2001 innota li t-telf akkumulat mill-FFHG bejn l-1998 u l-2005 preżumibbilment kien se jammonta għal EUR [...] miljun, u għalhekk kien se jkun ta' aktar mid-doppju minn dak imbassar fl-1997. Barra minn hekk, tnejn mill-klijenti ewlenin tal-merkanzija tal-FFHG ittrasferew jew naqqsu n-negozju tagħhom fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-istess ħin, li wassal għal tnaqqis sostanzjali fil-volum tat-traffiku tal-merkanzija, jiġifieri b'45 % fl-ewwel semestru tal-2001.
- (33) Wara dak ir-rapport, fil-bidu tas-sena 2001 Fraport qabdet konsulent, il-Boston Consulting Group ("BCG"), kif ukoll id-Dipartiment Strateġiku tal-Akkwiżizzjonijiet u tal-Azzjendi ("SD") tagħha stess biex jiżviluppaw strateġija għall-FFHG. Kemm il-BCG kif ukoll l-SD ikkonkludew li żvilupp pożittiv u fit-tul tal-FFHG kien se jkun possibbli biss permezz ta' titjib sostanzjali tal-infrastruttura, bħala prerekwiżit biex ikompli jiżdied il-volum tat-traffiku. L-SD enfasizza wkoll li din l-estensjoni sostanzjali tal-FFHG kienet se tkun finanzjarjament riskjuża, u li anki fil-każ tal-aktar xenarju pożittiv, preżumibbilment ma kienx se jinkiseb riżultat annwali pożittiv (profit net annwali wara t-taxxa) qabel l-2013.
- (34) Abbażi tal-istudju tal-BCG u l-analiżi tiegħu stess, l-SD abbozza programm ta' żvilupp għall-FFHG, li ppreveda investimenti ta' EUR 172 miljun sal-2007. Dawk l-investimenti kienu jikkonsistu fi programm ta' "emerġenza", f'valur ta' EUR 27 miljun, li jkopri l-estensjoni tar-runway għal 3 400 metru u l-ispejjeż ta' ppjanar għall-proċedura ta' approvazzjoni tal-pjan ("*Planfeststellungsverfahren*") biex ir-runway tiġi estiża għal 3 800 metru, kif ukoll l-ispejjeż addizzjonali tal-kostruzzjoni li kienet diġà bdiet tat-terminal il-ġdid tal-passiġġieri.
- (35) Madankollu, fl-2001 l-FFHG kellha proporzjon ta' dejn ma' ekwità ta' semplicitment 4 % ⁽¹⁸⁾. Barra minn hekk, mill-31 ta' Diċembru 2005, Fraport kellha dritt li ttejjem il-PLTA tal-2001. Taħt dawk il-kundizzjonijiet, l-FFHG ma setgħetx tiffinanzja l-programm ta' "emerġenza" permezz ta' aktar dejn, iżda kellha bżonn kapital ġdid.
- (36) Iż-żieda fil-kapital ġiet deċiża b'riżoluzzjoni tal-bord superviżorju ta' Fraport fl-14 ta' Diċembru 2001 u sussegwentement b'riżoluzzjoni tal-azzjonisti tal-FFHG fid-9 ta' Jannar 2002. Kwalunkwe żieda fil-kapital awtorizzat ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata, bħall-FFHG, teħtieġ l-approvazzjoni tal-azzjonisti parteċipanti kollha.

⁽¹⁵⁾ Att notarili tan-nutar Jürgen Scherzer (ir-Reġistru tal-atti Nru 268/2000) datat l-24 ta' Novembru 2000.

⁽¹⁶⁾ Riżoluzzjoni permezz tal-laqgħa tal-azzjonisti tat-3 ta' Mejju 2000.

⁽¹⁷⁾ Il-kumitat azzjonarju ta' Fraport huwa kumitat li nħoloq mill-bord superviżorju li jsegwi l-iżvilupp ekonomiku tal-azzjendi ta' Fraport.

⁽¹⁸⁾ Jew, fi kliem ieħor, proporzjon ta' dejn ma' ekwità ta' 96 %.

Land Hesse

	2005	2006	2007	2008	2009	Total
Pagamenti fuq kontribuzzjonijiet ta' kapital	4 000	4 000	750	0	0	8 750
Riżerva ta' kapital	0	0	3 250	4 000	4 000	11 250
<i>Ekwità totali</i>						20 000

Land Rhineland-Palatinate

	2005	2006	2007	2008	2009	Total
Pagamenti fuq kontribuzzjonijiet ta' kapital	537	0	0	0	0	537
Riżerva ta' kapital	1 821	2 357	2 357	2 357	2 357	11 249
<i>Ekwità totali</i>						11 786

3.1.4. MIŻURA 4: PLTA TAL-2004

- (45) Peress li kienet kundizzjoni għall-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital, permezz ta' ftehim tal-5 April 2004 l-FFHG u Fraport estendew it-tul tal-PLTA tal-2001 sal-2014. Madankollu l-ftehim il-ġdid tal-PLTA sar effettiv biss wara l-approvazzjoni tal-assemblea tal-azzjonisti ta' Fraport. Kif ġie miftiehem mill-azzjonisti tal-FFHG fir-rigward taż-żieda fil-kapital, f'dan il-PLTA tal-2004 ġie stabbilit li kwalunkwe dejn ieħor akkumulat mill-FFHG kellu jiġi kumpensat minn Fraport, *Land Rhineland-Palatinate* u *Land Hesse* fi proporzjon li jikkorrispondi għall-ekwità tagħhom.
- (46) Skont il-PLTA tal-2004, sal-2009 Fraport kienet assumiet valur ta' madwar EUR [...] miljun ftelf. Għalhekk, skont iż-żewġ PLTAs suċċessivi flimkien, Fraport għamlet tajjeb għal total ta' EUR [...] miljun ta' telf, li ġie akkumulat bejn l-2001 u l-2009. Minn din is-somma, EUR [...] miljun jittratta d-deprezzament ta' assi u EUR [...] miljun il-pagamenti ta' imgħax fuq self għall-finanzjament tal-infrastruttura.
- (47) Fl-2009, Fraport biegħet is-sehem kollu tagħha fl-FFHG lil *Land Rhineland-Palatinate* u b'hekk temmet ukoll il-PLTA.

3.1.5. MIŻURA 5: KUMPENS LILL-FFHG GĦALL-KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

- (48) Il-*Land Rhineland-Palatinate* tiġbor taxxa għas-sigurtà ajruportwali mill-passiġġieri kollha li jitolqu mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-*Land* ma twettaqx il-kontrolli tas-sigurtà hija stess, iżda ssottokuntrattat dak il-kompitu lill-ajruport, li min-naħa tiegħu permezz ta' ftehim issottokuntratta dak il-kompitu lil kumpanija tas-sigurtà. Bħala korrispettiv għat-tweitiq tal-kontrolli tas-sigurtà, il-*Land* tittrasferixxi d-dħul kollu mit-taxxa tas-sigurtà lill-ajruport.

3.1.6. MIŻURA 6: GHOTJJET DIRETTI MIL-LAND RHINELAND-PALATINATE

- (49) Skont ir-rapporti finanzjarji għall-kumpaniji azzjonarji tal-*Land Rhineland-Palatinate* ⁽¹⁹⁾, il-*Land* issussidjat lill-FFHG skont l-ammonti li ġejjin kif miġbura fil-qosor fit-Tabella 6.

⁽¹⁹⁾ Rapporti annwali tal-kumpaniji azzjonarji ta' *Land Rhineland-Palatinate* tal-1999, 2001, 2003, 2004.

Tabella 6

Għotjiet diretti minn Land Rhineland-Palatinate

Sena	Għotjiet Diretti (EUR)
1997	(...)
1998	(...)
1999	(...)
2000	(...)
Total 1997-2000	(...)
2001	(...)
2002	(...)
2003	(...)
2004	(...)
Total 2001- 2004	(...)

- (50) L-għotjiet diretti li saru qabel it-12 ta' Diċembru 2000 minn Land Rhineland-Palatinate lill-FFHG ilaħħqu l-[...] miljun, filwaqt li l-għotjiet diretti minn Land Rhineland-Palatinate lill-FFHG bejn l-2001 u l-2004 ilaħħqu l-EUR [...] miljun.

3.2. *GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI MOGĦTIJA MILL-FFHG LIL RYANAIR U LIL-LINJI L-OĦRA
KOLLHA TAL-AJRU LI JITTRASPORTAW IL-PASSIĠĠIERI*

- (51) Fl-1999, l-FFHG attirat l-ewwel trasportatur bi prezzijiet irħas tagħha, Ryanair. L-FFHG ikkonkludiet tliet ftehimiet ma' Ryanair fl-1999, fl-2002 u fl-2005. Barra minn hekk, fl-2001 u fl-2006 l-FFHG introduċiet imposti ajruportwali ġodda.

3.2.1. *MIŻURA 7: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-1999*

- (52) L-ewwel ftehim ma' Ryanair daħal fis-seħħ b'effett retroattiv mill-1 ta' April 1999, u kellu terminu ta' 5 snin (il-“ftehim ma' Ryanair tal-1999”). Ryanair bdiet topera mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn lejn London Stansted fit-22 ta' April 1999, meta kienu diġà ġew miftiehma l-kundizzjonijiet essenzjali kollha tal-ftehimiet.
- (53) Waqt il-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Mejju 1999 il-bord maniġerjali tal-FFHG kien ippreżenta *Deckungsbeitragsrechnung* (analiżi tal-bilanċ finanzjarju) tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 lill-Bord Superviżorju. Skont il-Ġermanja, il-Bord Superviżorju tal-FFHG ma kienx ivvota dwar il-ftehim mar-Ryanair tal-1999 jew dwar l-analiżi tal-bilanċ finanzjarju, peress li l-konklużjoni tal-ftehim kienet meqjusa bħala negozju operattiv ta' kuljum li jaqa' fi ħdan il-kompetenza unika tal-Bord Maniġerjali tal-FFHG.
- (54) It-Tabella 7 tippreżenta fil-qosor l-imposti dovuti minn Ryanair skont l-Anness 1 tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999.

Tabella 7

Imposti dovuti minn Ryanair skont l-Anness 1 tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999

Tip ta' imposta/tariffa/taxxa	EUR
Tariffa għal kull proċess ta' tagħbija u ħatt (għal kull titjira li tinkludi imposta ta' nżul, l-immaniġġjar ta' servizzi fuq ir-rampa u l-awtorizzazzjoni tal-passiġġieri) ⁽¹⁾	(...)
Tariffa tal-passiġġieri (għal kull passiġġier li jasal)	(...)
Taxxa fuq is-sigurtà fl-ajru (għal kull passiġġier li jitlaq)	(...)
Fluwidu għat-tneħħija tas-silġ inkluż l-ilma sħun (għal kull litru)	(...)

⁽¹⁾ It-tariffa annwali għal kull proċess ta' tagħbija u ħatt li kellha titħallas minn Ryanair fil-każ ta' sa 6 frekwenzi ta' titjiriet kuljum ġiet limitata għal massimu ta' EUR [...].

- (55) Skont l-Anness 3 tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, l-FFHG irċeviet ukoll kummissjoni ta' [...] % fuq kull biljett mibjugħ (flus kontanti jew karta ta' kreditu) jew maħruġ mill-kaxxiera tal-biljetti tal-FFHG, kummissjoni ta' [...] % fuq l-imposti għal piż eċċessiv tal-bagalji miġbura mill-FFHG, EUR [...] għal kull biljett imħallas minn qabel ipproċessat minn Ryanair u kummissjoni ta' [...] % għal kull karozza mikrija bbukkjata permezz tal-FFHG.
- (56) Ryanair kienet intitolata għal appoġġ ta' kummerċjalizzazzjoni li jlaħħaq massimu ta' EUR [...] fis-sena, li kellu jitħallas mill-FFHG f'pagamenti trimestrali u għall-ewwel 3 snin biss ta' operat. L-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni kellu jintuża esklussivament għal reklami li jikkonċernaw rotot li jitilqu mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Ryanair kellha tipprovdi fatturi bħala provi u prova dettaljata ta' kif kienu ntefqu l-flus.

3.2.2. MIŻURA 8: L-ISKEDA TAL-IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2001

- (57) Fis-16 ta' Ottubru 2001, ġiet approvata l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn u ġiet ippubblikata mid-Dipartiment tat-Trasport tal-Land Rhineland-Palatinate. Daħlet fis-seħħ b'mod retroattiv fl-1 ta' Ottubru 2001. ⁽²⁰⁾
- (58) Peress li l-istrategġja kummerċjali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienet iffokata fuq trasportaturi bi prezzijiet irħas, li tipikament joperaw inġenji tal-ajru Boeing 737 jew Airbus A 319/320 b'piż massimu waqt it-tluq ("MTOW") ta' madwar 50 sa 80 tunnellata, introduċa imposta ta' zero għall-illandjar u għat-tluġ għal inġenji tal-ajru b'MTOW ta' bejn 5,7 u 90 tunnellata.
- (59) It-Tabella 8 tiġbor fil-qosor l-imposti għal kull inġenju tal-ajru għal servizzi infrastrutturali ċentrali ta' ground-handling li kellhom jitħallsu mil-linji tal-ajru skont l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001.

Tabella 8

Imposti għal servizzi infrastrutturali ċentrali ta' groundhandling li kellhom jitħallsu mil-linji tal-ajru skont l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001

	Imposta għal kull inġenju tal-ajru f'EUR
MTOW sa 90 tunnellata	inkluzja fl-imposta fuq it-tluġ u l-illandjar
MTOW ta' aktar minn 90 tunnellata	50,00

⁽²⁰⁾ Fajl Nru V/21-1011/1.

- (60) It-tariffa fuq il-passiġġieri ġiet iffissata għal EUR 4,35 għal kull passiġġier li jasal. It-tariffa ta' sigurtà għall-passiġġieri bbażata fuq l-għadd ta' passiġġieri abbord l-inġenju tal-ajru mat-tluq hija ta' EUR 4,35 għal kull passiġġier, li għandha titħallas lid-Dipartiment tal-Awtostradi u tat-Trasport ta' Land Rhineland-Palatinate — Sezzjoni tat-Trasport bl-Ajru.
- (61) Skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti, operatur ta' ajruport irid jitħallas tariffa ta' avviċinament tal-Kontroll tat-Traffiku tal-Ajru għal kull avviċinament ta' inġenju tal-ajru. Jekk it-titjira tkun qiegħda tiġi operata għal raġunijiet minbarra dawk ta' taħriġ jew ta' istruzzjoni, dik l-imposta għal titjiriet kummerċjali jew mhux kummerċjali hija inkluża fl-imposta fuq l-illandjar u t-tluq. Għalhekk hija ta' zero għal inġenji tal-ajru li għalihom tapplika l-imposta fuq it-tluq u l-illandjar.

3.2.3. MIŻURA 9: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2002

- (62) It-tieni ftehim ma' Ryanair huwa datat l-14 ta' Frar 2002 (il-“ftehim ma' Ryanair tal-2002”) u ġie ppreżentat lill-Bord Superviżorju tal-FFHG li tlaqqa' fis-16 ta' Novembru 2001. Il-minuti ta' dik il-laqgħa jirrapportaw li l-maġġoranza tal-membri tal-Bord Superviżorju kienu approvawh.
- (63) Il-kopja tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 li ntbagħtet lill-Kummissjoni mhijiex iffirmata. Skont il-Ġermanja, għalkemm dak il-ftehim qatt ġie ffirmat, madankollu l-partijiet ilhom japplikawh mill-14 ta' Frar 2002.
- (64) Skont il-Ġermanja, il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 issostitwixxa l-ftehim ma' Ryanair tal-1999, u kien ġie konkluż għal perjodu ta' [...] sena (sal- [...]). Madankollu, it-tariffa tal-passiġġieri baqgħet l-istess bħal ma kienet fil-ftehim inizjali tal-1999. Ryanair għandha l-għażla li ttawwal il-ftehim b'termini u kundizzjonijiet simili sal- [...].
- (65) Il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 huwa bbażat fuq il-Ftehim Standard dwar il-Groundhandling tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru, li ġie adattat għall-ħtiġijiet tal-partijiet. Jikkonsisti f'dawn l-elementi:
- i. Il-Ftehim Prinċipali
 - ii. Anness A — Deskrizzjoni tas-Servizzi ta' Groundhandling;
 - iii. Anness B — 1.0 Post, servizzi u tariffi miftehema għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn;
 - iv. It-Tieni Anness B — 1.0 Post, servizzi u tariffi miftehema għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn;
 - v. Anness 3 u l-Appendiċi 1-3 ⁽²¹⁾ sat-tieni Anness B — 1.0;
 - vi. Anness C — Imposti ajruportwali;
 - vii. Anness D — Deskrizzjoni tal-pakkett ta' servizzi ta' groundhandling “Hahn-Smart”
 - viii. It-Tielet Anness B — 1.0 Post, servizzi u tariffi miftehema għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn — “Ftehim ta' Ċentru”;
 - ix. Anness E — Ftehim dwar il-Kummerċjalizzazzjoni
- (66) Il-Ftehim prinċipali, l-Anness A u l-Anness B — 1.0 huma sempliċement kopji tal-formola standard. Il-partijiet ma mlew ebda parti, peress li din il-parti tal-formola standard ma kinitx meqjusa applikabbli.
- (67) Il-partijiet imlew it-tieni Anness B — 1.0, fir-rigward tal-ismijiet tal-partijiet, il-kontijiet bankarji u l-prezz għall-fluwidu għat-tneħħija tas-silġ (EUR [...] għal kull litru) u għall-ilma sħun (EUR [...] għal kull litru).
- (68) L-Anness 3 u l-Annessi 1-3 tiegħu jittrattaw “ftehimiet strateġiċi ulterjuri” bejn il-partijiet. Jittrattaw l-arranġamenti tekniċi għall-groundhandling, qtugħ ta' biljetti u l-ispazju għat-tpoġġija tal-marka kummerċjali fl-ajruport.

⁽²¹⁾ Anness 3: L-FFHG irċeviet kummissjoni ta' [...] % fuq kull biljett mibjugħ (flus kontanti jew karta ta' kreditu) jew maħruġ mill-kaxxiera tal-biljetti tal-FFHG, kummissjoni ta' [...] % fuq l-imposti għal piż eċċessiv tal-bagalji maħruġa mill-FFHG, EUR [...] għal kull biljett imħallas minn qabel ipproċessat minn Ryanair u kummissjoni ta' [...] % għal kull karozza mikrija bbukkjata permezz tal-FFHG.

- (69) L-Anness D jistipula li fir-rigward ta' groundhandling japplikaw l-imposti miġbura fil-qosor fit-Tabella 9, bil-kundizzjoni li l-ħin tat-tagħbija u l-ħatt ma jaqbiżx it-30 minuta.

Tabella 9

Imposti għall-groundhandling f'każ ta' massimu ta' 30 minuta għat-tagħbija u l-ħatt

Inġenji tal-ajru b'MTOW	Unità	EUR
Sa 5,7 tunnellati	Handling	(...)
Sa 14-il tunnellata	Handling	(...)
Sa 20 tunnellata	Handling	(...)
Sa 90 tunnellata	Handling	(...)
Aktar minn 90 tunnellata	Handling	(...)

- (70) Il-partijiet vojta għal inġenji tal-ajru ta' "sa" u "aktar minn" [...] tunnellata jidhru jindikaw li [...] ġew imposti bħala ħlas għal inġenji tal-ajru bejn [...] u [...] tunnellata. ⁽²²⁾
- (71) L-Anness E (jiġifieri l-Ftehim Hahn-Smart) jikkonferma din l-analiżi. Fil-punt 1 jistabbilixxi:
 "[...]"
- (72) Il-livell tat-tariffi ajruportwali ġie ffriztat sat-30 ta' April 2004 u wara din id-data kellu jiġi aġġustat biex jikkorrispondi mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Ġermanja, jekk dan tal-aħħar jiżdied b'aktar minn [...] % meta mqabbel mas-sena ta' qabel.
- (73) L-Anness E jipprevedi wkoll il-ħlas ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni. Ryanair hija intitolata għall-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni li ġej:
- pagamenti ta' darba ta' EUR [...] għal kull rotta ġdida li titlaq mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn u li tiġi stabbilita wara t-13 ta' Frar 2002, u
 - ribassi fuq l-imposti ajruportwali skont l-għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn u fuq l-għadd ta' passiġġieri li jillandjaw kif ippreżentat fil-qosor fit-Tabella 10.

Tabella 10

Ribassi fuq l-imposti ajruportwali

Għadd ta' inġenji tal-ajru bbażati fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn	Appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni għal kull passiġġier (EUR)
Sa 2	(...)
3 sa 4	(...)
5 sa 8	[...] ⁽¹⁾

⁽¹⁾ [...].

⁽²²⁾ Dan jirriżulta wkoll mill-punt 68 tat-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq li ġie ppreżentat minn PwC fisem Land Rhineland-Palatinate.

- (81) It-Tabella 13 tipprovdi ħarsa ġenerali tas-sistema ta' ribassi fuq l-imposti ajruportwali introdotti permezz tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005.

Tabella 13

Ribassi emendati tal-ajruport introdotti mill-ftehim ma' Ryanair tal-2005

FEUR		Ribassi medji totali għal kull passiġġier	Tariffa medja għal kull passiġġier
Ribass fuq il-passiġġieri kollha li jaslu	(...)	(...)	(...)
Ribass addizzjonali fuq il-passiġġieri kollha li jtilqu 'l fuq minn [...] miljun u sa [...] miljun fis-sena	(...)	(...)	(...)
Ribass addizzjonali fuq il-passiġġieri kollha li jtilqu 'l fuq minn [...] miljun fis-sena	(...)	(...)	(...)

- (82) [...].

3.2.5. MIŻURA 11: L-ISKEDA TA' IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2006

- (83) Fis-26 ta' April 2006, id-Dipartiment tat-Trasport ta' Land Rhineland-Palatinate approva l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn. ⁽²³⁾ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2006. Issegwi l-istess prinċipji bażiċi bħall-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 (ara l-premessa 57 ta' hawn fuq u dawk segwenti).
- (84) Meta mqabbel mal-iskeda preċedenti, it-tibdil jittratta l-imposti fuq it-tluġ u l-illandjar, it-tariffa fuq il-passiġġieri u l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni. L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 iżżomm iż-żewġ prinċipji fundamentali tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001:
- L-imposti tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru u tal-groundhandling huma inklużi fl-imposti fuq it-tluġ u l-illandjar;
 - Inġenji tal-ajru b'MTOW ta' aktar minn 5,7 tunnellata ma jridux iħallsu imposti fuq it-tluġ u l-illandjar (jew imposti fuq il-kontroll tat-traffiku tal-ajru jew imposti fuq il-groundhandling).
- (85) Madankollu, l-iskeda tal-2006 tintroduċi żewġ limitazzjonijiet għal dawk il-prinċipji. L-ewwel nett, inġenji tal-ajru tal-passiġġieri biss jistgħu japprofittaw minn dawn il-vantaġġi. It-tieni nett, il-vantaġġi huma limitati għal inġenji tal-ajru li l-proċess ta' tagħbija u ħatt tagħhom ma jaqbiżx it-30 minuta.
- (86) Barra minn hekk, l-imposti fuq il-passiġġieri huma stabbiliti għal kull passiġġier li jitlaq, u bħala funzjoni tal-għadd totali ta' passiġġieri trasportati mil-linja tal-ajru (li jtilqu u li jaslu) li għaliha jappartjeni l-ajruplan. It-Tabella 14 tipprovdi ħarsa ġenerali tal-imposti fuq il-passiġġieri li għandhom jitħallsu skont l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 skont l-għadd totali ta' passiġġieri li jtilqu u li jaslu.

Tabella 14

L-imposti fuq il-passiġġieri skont l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006

Għadd totali ta' passiġġieri li jtilqu u li jaslu	Imposta fuq il-passiġġieri għal kull passiġġier li jitlaq f'EUR	Ammont minimu ta' imposti ajruportwali globali li għandhom jitħallsu f'EUR
Inqas minn 100 000	5,35	
100 001 — 250 000	4,40	267 500,00

⁽²³⁾ Numru tal-fajl V/20-1011/1.

Għadd totali ta' passiġġieri li jtilqu u li jaslu	Imposta fuq il-passiġġieri għal kull passiġġier li jitlaq f'EUR	Ammont minimu ta' imposti ajruportwali globali li għandhom jitħallsu f'EUR
250 001 — 500 000	3,85	550 000,00
500 001 — 750 000	3,45	962 500,00
750 001 — 1 000 000	3,15	1 293 750,00
1 000 001 — 1 500 000	2,90	1 575 000,00
1 500 001 — 2 000 000	2,68	2 175 000,00
2 000 001 — 3 000 000	2,48	2 680 000,00
3 000 001 — 5 400 000	2,48 għal kull passiġġier minn passiġġier 1 sa 3 000 000 2,24 għal kull passiġġier minn 3 000 001 sa 5 400 000	Mhux applikabbli.
5 400 001 — 10 000 000	2,48 għal kull passiġġier minn passiġġier 1 sa 3 000 000 2,24 għal kull passiġġier minn 3 000 001 sa 5 400 000 2,21 għal kull passiġġier minn 5 400 001 sa 10 000 000	Mhux applikabbli.
Aktar minn 10 000 000	2,48 għal kull passiġġier minn passiġġier 1 sa 3 000 000 2,24 għal kull passiġġier minn 3 000 001 sa 5 400 000 2,21 għal kull passiġġier minn 5 400 001 sa 10 000 000 2,19 għal kull passiġġier	Mhux applikabbli

(87) It-Tabella 15 turi l-ammont ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni li jista' jingħata lil linji tal-ajru li jkun qegħdin jużaw l-ajruport.

Tabella 15

Appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni

Għadd totali ta' passiġġieri li jtilqu	Għadd minimu ta' destinazzjonijiet u l-frekwenza mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn	Appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni f'EUR
5 000-100 000	(...)	(...)
100 001-250 000	(...)	(...)
250 001-500 000	(...)	(...)
500 001-750 000	(...)	(...)
750 001-1 000 000	(...)	(...)

- (88) Barra minn hekk, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni huwa regolat f'dokument separat disponibbli fuq is-sit web tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Appoġġ ta' darba għall-kummerċjalizzazzjoni jingħata taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- i. Huma eliġibbli titjiriet lejn destinazzjonijiet li fl-aħħar 24 xahar ma jkunux ġew servuti mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn;
 - ii. L-appoġġ massimu huwa ta' 33,3 % tal-ispejjeż ippruvati ta' kummerċjalizzazzjoni għal destinazzjoni ġdida;
 - iii. Il-linja tal-ajru trid turi l-profittabbiltà fuq perjodu ta' żmien medju tad-destinazzjoni l-ġdida permezz ta' dokumenti xierqa ta' sostenn;
 - iv. F'każ li l-linja tal-ajru ma tissodisfax l-obbligi tagħha fir-rigward tad-destinazzjoni l-ġdida l-FFHG tista' titlob ir-rimborż tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni.

3.3. MIŻURI BARRA MILL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONI TAL-FTUĦ TAL-2008 (IL-MIŻURA 12)

- (89) Il-Ġermanja ntrabtet li tinjetta EUR [...] miljun fl-ekwità tal-FFHG biex tiffinanzja mill-ġdid is-self tal-FFHG.
- (90) Dawk il-fondi jirrifinanzjaw il-miżuri infrastrutturali li ġew deċiżi b'mod irrevokabbli mill-awtoritajiet pubbliċi qabel il-31 ta' Diċembru 2012, iżda li ma kinux koperti permezz tal-PLTAs, taż-żidiet fil-kapital jew ta' għotjiet oħra.

4. RAĠUNIJET GĦALL-FTUĦ TAL-PROCĊEDURA U L-VALUTAZZJONI INIZJALI

4.1. GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI MOGĦTIJA LILL-FFHG

4.1.1. MIŻURA 1: PLTA TAL-2001

- (91) Fir-rigward tal-PLTA tal-2001, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 il-Kummissjoni sabet li t-telf annwali kien iġġarrab minn Fraport, kumpanija predominantement pubblika. Għalhekk il-Kummissjoni stabbiliet li kellha b'żonn teżamina jekk il-Ġermanja tistax titqies li kienet involuta fil-konklużjoni tal-PLTA tal-2001.
- (92) Fi *Stardust Marine* l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ⁽²⁴⁾ li r-riżorsi ta' impriża inkorporata taħt id-dritt privat, li l-maġġoranza tal-ishma tagħha huma proprjetà pubblika, jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Il-Kummissjoni qieset li l-konklużjoni tal-ftehim kellha titqies ukoll bħala imputabbli lill-Istat peress li ma kienx ikun impossibbli li dan issir mingħajr ma jitqiesu l-ħtiġijiet tal-awtoritajiet pubbliċi.
- (93) Barra minn hekk, b'kuntrast mal-argumenti mqajma mill-Ġermanja, il-Kummissjoni esprimiet dubji li investitur f'economija tas-suq kien jikkonkludi ftehim bħala dan peress li huwa ċar li l-ftehim kien jikkostitwixxi vantaġġ għall-FFHG billi taffielha piż finanzjarju li kieku kien ikollha ssostni.
- (94) Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-miżura kienet selettiva peress li t-telf tal-FFHG biss kien kopert u li l-miżura kkonċernata fixklet jew heddet li tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq tal-operaturi tal-ajruporti u affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (95) Għalhekk il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżura inkwistjoni tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fil-forma ta' għajnuna operatorja.
- (96) Peress li l-Ġermanja ma pprovdiet ebda evidenza u lanqas ma argumentat li din l-għajnuna operatorja setgħet tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat, u fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005, il-Kummissjoni qajmet dubji serji dwar jekk dik l-għajnuna tistax titqies bħala kompatibbli.

⁽²⁴⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni ("Stardust Marine")* [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafi 51 u dawk segwenti.

4.1.2. MIŻURA 2: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2001

- (97) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, il-Kummissjoni sabet li Fraport u *Land Rhineland-Palatinate* kienu żiedu l-kapital tal-FFHG b'EUR 27 miljun, permezz ta' kontribuzzjoni ta' EUR 19,7 miljun u EUR 7,3 miljun rispettivament. Dwar l-eżistenza ta' għajnuna, il-Kummissjoni rrilevat li skont il-kriterji stabbiliti fil-kawża *Stardust Marine*, ir-riżorsi kemm ta' Fraport kif ukoll tal-*Land Rhineland-Palatinate* jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat⁽²⁵⁾. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li probabbilment anke d-deċiżjonijiet ta' Fraport huma imputabbli lill-Istat.
- (98) Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li ma kinitx konvinta li t-test tal-operatur f'ekonomija tas-suq (MEOT) għaż-żieda fil-kapital kien issodisfat. Il-Kummissjoni aċċettat fil-prinċipju li valutazzjoni li ssir minn kumpanija waħda jew aktar indipendenti tal-awditjar tista' sservi bħala prova li tranżazzjoni tkun seħħet skont il-valur tas-suq.⁽²⁶⁾ Madankollu, il-Kummissjoni kellha dubji dwar jekk ir-rapport ippreżentat minn PwC fisem Fraport kienx biżżejjed biex tiġi eskluża l-preżenza ta' vantaġġ.
- (99) Id-dubji kienu minħabba l-kontenut tal-MEOT li sar minn PwC peress li kien purament kwalitattiv u ma vvalutax l-ispiża tad-diżimpenn min-naħa ta' Fraport. Barra minn hekk ir-rapport la kkwantifika u lanqas ma spjega fid-dettall ir-"riskji kbar" identifikati mill-BCG u mill-SD ta' Fraport, u ġeneralment illimita l-valutazzjoni għal Fraport, mingħajr ma qies jekk *Land Rhineland-Palatinate* kinitx aġixxiet bħala investitur f'ekonomija tas-suq. Għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi li ż-żieda fil-kapital kienet tat vantaġġ lill-FFHG.
- (100) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-miżura kienet selettiva peress li l-FFHG biss kienet inġhatat iż-żieda fil-kapital tal-2001 u li fixklet jew heddet li tfixkel il-kompetizzjoni fis-suq tal-operaturi tal-ajruporti u affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (101) Għalhekk il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-miżura inkwistjoni tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fil-forma ta' għajnuna għall-investiment u qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, partikolarment fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

4.1.3. MIŻURA 3: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2004

- (102) Fir-rigward tat-tieni żieda fil-kapital, il-Kummissjoni nnotat li fl-2004, l-azzjonisti eżistenti tal-FFHG kienu żiedu l-kapital awtorizzat tagħha b'EUR 10,75 miljun, bi Fraport tikkontribwixxi sehem ta' EUR 10,21 miljun u *Land Rhineland-Palatinate* sehem ta' EUR 0,54 miljun. Barra minn hekk, *Land Hesse* daħlet bħala azzjonista ġdida, b'kontribuzzjoni ta' EUR 8,75 miljun addizzjonali. Apparti minn hekk, kemm *Land Rhineland-Palatinate* u *Land Hesse* impenjaw ruħhom li jikkontribwixxu EUR 11,25 miljun kull wieħed bħala riżerva ta' kapital.
- (103) Fir-rigward ta' din iż-żieda fil-kapital il-Kummissjoni adottat *mutatis mutandis* l-istess raġunament li kienet applikat għal dak tal-2001 (ara s-sezzjoni 4.1.2) għall-eżistenza ta' għajnuna u qajmet l-istess dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern.

4.1.4. MIŻURA 4: PLTA TAL-2004

- (104) Skont id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, taħt il-PLTA tal-2004 Fraport kienet assumiet it-telf tal-FFHG li kien jammonta għal mill-inqas [...] miljun. Il-Kummissjoni applikat *mutatis mutandis* l-istess raġunament li kienet applikat fir-rigward tal-PLTA tal-2001, ara l-premessa 91 u dawk segwenti. Fir-rigward tal-MEOT ippreżentat minn PwC, il-Kummissjoni kellha dubji dwar l-affidabilità tiegħu minħabba li l-valutazzjoni kienet fil-biċċa l-kbira kwalitattiva. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-PLTA tal-2004 jikkostitwixxi għajnuna operatorja u esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà tiegħu mas-suq intern, b'mod partikolari fid-dawl tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

⁽²⁵⁾ Is-sentenza *Stardust Marine*, paragrafu 51 u dawk segwenti.

⁽²⁶⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Elementi ta' għajnuna statali dwar bejgħ ta' artijiet u bini minn awtoritajiet pubbliċi, punt II.2.

4.1.5. MIŻURA 5: KUMPENS LILL-FFHG GĦALL-KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

- (105) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 il-Kummissjoni indikat li s-servizzi ta' sigurtà ta' ajruport mhumiex ta' natura ekonomika u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. ⁽²⁷⁾
- (106) Il-Kummissjoni imbagħad osservat li l-analiżi ekonomika ta' PwC dehret tindika li *Land Rhineland-Palatinate* kkumpensat iżżejjed lill-FFHG għat-tweqqif tal-kontrolli tas-sigurtà. F'dak ir-rigward il-Kummissjoni enfasizzat li dak il-vantaġġ kien ġie ffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat u kellu l-potenzjal li jfikkil il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-kumpens żejjed kien jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (107) Fir-rigward tal-valutazzjoni ta' kompatibbiltà ta' dik l-għajnuna operatorja, il-Kummissjoni applikat *mutatis mutandis* l-istess raġunament li kienet applikat fir-rigward tal-PLTA tal-2001, ara l-premessa 95 u dawk segwenti. Bażi ġuridika oħra possibbli li ġiet i-valutata għall-kompatibbiltà mas-suq intern kienet l-Artikolu 106(2) tat-Trattat. Madankollu, il-Ġermanja ma pprovdiet ebda indikazzjoni li kien ġie impost obbligu ta' servizz pubbliku fuq l-FFHG. Għalhekk, il-Kummissjoni ma sabitx bażi ġuridika biex tiddikjara li l-kumpens żejjed li rriżulta mill-imposta fuq is-sigurtà bħala kompatibbli mas-suq intern.

4.1.6. MIŻURA 6: GHOTJJET DIRETTI MINN LAND RHINELAND-PALATINATE

- (108) Fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha tal-2008, il-Kummissjoni nnotat li l-ghotjjet diretti li ngħataw bejn l-2001 u l-2004 jidhru li kienu ngħataw mingħajr kunsiderazzjoni, minn riżorsi tal-Istat (jiġifieri l-baġit ġenerali ta' *Land Rhineland-Palatinate*) u b'mod selettiv (lill-FFHG biss). Il-Kummissjoni qieset li dawk l-ghotjjet għandhom il-potenzjal li jfikklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat fil-forma ta' għajnuna għall-investiment.
- (109) Barra minn hekk il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern, partikolarment fid-dawl tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

4.2. GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI MOGĦTIJA MILL-FFHG LIL RYANAIR U LIL-LINJI L-OĦRA KOLLHA TAL-AJRU LI JITTRASPORTAW IL-PASSIĠĠIERI

4.2.1. MIŻURA 7: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-1999

- (110) Fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 il-Kummissjoni ġeneralment osservat li tnaqqis jew sistema ta' tnaqqis li tagħti trattament preferenzjali lil negozju speċifiku x'aktarx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107 tat-Trattat.
- (111) Il-Kummissjoni qieset li, peress li l-FFHG hija impriża predominantement pubblika, ir-riżorsi tagħha jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat. Fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, il-Kummissjoni indikat li għalkemm il-bord superviżorju ma kienx ivvota dwar dak il-ftehim, lanqas ma kien għadda xi mozzjoni jew ħa xi azzjoni li tissuġġerixxi li kien kuntrarju għalih. Għalhekk, il-Kummissjoni nnotat li ma kellha l-ebda indikazzjoni li tippermettilha li tikkonkludi li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 ma kienx imputabbli lill-Istat.
- (112) Barra minn hekk, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar jekk investitur fis-suq privat kienx jikkonkludi l-ftehim ma' Ryanair tal-1999. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni nnotat li l-imposti li l-FFHG imponiet fuq Ryanair ma kinux ikopru l-ispejjeż kollha tal-FFHG u għalhekk jidhru li taw vantaġġ lil Ryanair.

⁽²⁷⁾ Il-punt 33 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

- (113) Il-Kummissjoni indikat ukoll li l-ispejjeż ta' madwar EUR [...] miljun tat-terminal il-ġdid ma kinux tqiesu fl-MEOT ippreżentat mill-Ġermanja. Bħala osservazzjoni preliminari, il-Kummissjoni ħadhet l-argument tal-Ġermanja li fl-1999 l-HHN kien xorta waħda jeħtieġ terminal ġdid tal-passiġġieri, u li l-kapaċità ta' 1,25 miljun passiġġier fis-sena kien ferm ogħla mill-volum ta' passiġġieri li kien mistenni jiġi ġġenerat minn Ryanair, peress li fl-1999 Ryanair kienet l-unika trasportatur tal-ajru maġġuri tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Għal dawk ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar l-MEOT ippreżentat mill-Ġermanja.
- (114) Il-Kummissjoni qieset ukoll li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 huwa miżura selettiva u speċifika peress li Ryanair biss kienet irċeviet dawn il-kundizzjonijiet fin-negozjati mal-FFHG, u li l-miżura kkonċernata tfixxkel jew thedded li tfixxkel il-kompetizzjoni fis-suq tal-linji tal-ajru u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (115) Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li, peress li kien jidher li ma jissodisfax l-MEOT u kien imputabbli lill-Istat, il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħet tara l-ebda raġuni legali biex tiddikjara għajnuna operatorja permanenti bħal din għal linja tal-ajru bħala kompatibbli mas-suq intern.

4.2.2. MIŻURA 8: L-ISKEDA TA' IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2001

- (116) Fid-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2008, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kinux possibbilment jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat lil Ryanair. F'dak ir-rigward qieset li, bħala kumpaniji li fihom l-awtoritajiet pubbliċi għandhom sehem predominanti, ir-riżorsi tal-FFHG u ta' Fraport jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat u li l-aġir tagħhom ikun imputabbli wkoll lill-Istat.
- (117) Il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk l-istruttura tat-tariffi tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kinitx għet stabbilita b'mod li tippermetti li l-ajruport jopera bi profitt peress li l-Ġermanja ma kinitx ipprovdiet MEOT għal din l-iskeda. Peress li jidher li bejn l-2001 u l-2003 Ryanair kienet l-unika linja tal-ajru tal-passiġġieri li kienet qiegħda tuża l-ajruport, u sal-2006 kienet żammet aktar minn 95 % tal-volum tal-passiġġieri, ir-riżultati tal-MEOT għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002, li kien ibbażat fuq l-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 u li kien introduċa appoġġ addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni, kienu jservu bħala punt ta' referenza. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni kellha dubju jekk l-MEOT għall-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 kienx issodisfat.
- (118) Il-Kummissjoni qieset li l-miżura kienet selettiva peress li l-linji tal-ajru biss li jużaw l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu bbenefikaw mill-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 u li ħolqot tfixxkil jew heddet li toħloq tfixxkil tal-kompetizzjoni u affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (119) Għalhekk, fir-rigward tal-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabitx raġunijiet legali biex tiddikjara għajnuna operatorja permanenti bħal din għal linja tal-ajru bħala kompatibbli mas-suq intern.

4.2.3. MIŻURA 9: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2002

- (120) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' riżorsi tal-Istat, il-Kummissjoni applikat l-istess raġunament *mutatis mutandis* bħal dak għall-ftehim ma' Ryanair tal-1999, li ġie diskuss fis-sezzjoni 4.2.1 (il-premessa 110 u dawk segwenti). Dwar l-imputabbiltà tal-miżura, il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien ġie formalment approvat mill-Bord Superviżorju tal-FFHG, li huwa ddominat minn membri nominati mill-awtoritajiet pubbliċi. Għalhekk, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien imputabbli lill-Ġermanja.
- (121) Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar jekk investitur fis-suq privat kienx jikkonkludi l-ftehim ma' Ryanair tal-2002. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ddubitat il-kalkolu ppreżentat mill-Ġermanja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qajmet dubji dwar il-kalkolu tal-ispejjeż peress li l-ispejjeż għall-infrastruttura ġenerali tal-ajruport u l-amministrazzjoni ġenerali tal-ajruport li ġew ippreżentati mill-Ġermanja kienu bbażati fuq spejjeż marġinali, aktar milli fuq spejjeż medji. Barra minn hekk, il-livell tal-imposti ajruportwali kien ġie ffriżat sat-30 ta' April 2004 u wara din id-data kellu jiġi aġġustat biex jikkorrispondi mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur tal-Ġermanja, iżda dan biss jekk dan l-indiċi jkun żdied b'aktar minn [...] % meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

- (122) Fir-rigward tas-selettività, it-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ, il-Kummissjoni applikat l-istess raġunament *mutatis mutandis* bħal dak għall-ftehim ma' Ryanair tal-1999, ara s-sezzjoni 4.2.1 (il-premessa 110 u dawk segwenti).
- (123) Għalhekk il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 jista' jikkostitwixxi għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħet tara l-ebda raġuni legali biex tiddikjara għajna operatorja permanenti bħal din għal linja tal-ajru bħala kompatibbli mas-suq intern.

4.2.4. MIŻURA 10: IL-FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2005

- (124) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' riżorsi tal-Istat, il-Kummissjoni applikat l-istess raġunament *mutatis mutandis* bħal dak għall-ftehim ma' Ryanair tal-1999, li ġie diskuss fis-sezzjoni 4.2.1 (il-premessa 110 u dawk segwenti). Dwar il-kwistjoni ta' jekk kienx hemm vantaġġ ekonomiku, il-Kummissjoni esprimiet dubji fir-rigward tal-MEOT ippreżentat mill-Ġermanja peress li ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni biex jiġu verifikati l-kalkoli u minħabba li l-investimenti kkawżati minn għadd dejjem jikber ta' passiġġieri bl-ebda mod ma kienu tqiesu jew ġew allokati lil Ryanair.
- (125) Barra minn hekk il-Kummissjoni indikat li għalkemm il-ftehim ma' Ryanair tal-2005 kien differenti mill-ftehim ma' Ryanair tal-1999 u tal-2002, bl-introduzzjoni ta' tip ta' sistema ta' penali kuntrattwali fil-każ li Ryanair ma tiġġenerax il-volum ta' passiġġieri stabbilit skont il-kuntratt, kellha d-dubji jekk dawk is-sanzjonijiet kinux effettivi.
- (126) Fir-rigward tas-selettività, it-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ, il-Kummissjoni applikat l-istess raġunament *mutatis mutandis* bħal dak għall-ftehim ma' Ryanair tal-1999, ara s-sezzjoni 4.2.1 (il-premessa 110 u dawk segwenti).
- (127) Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ftehim ma' Ryanair tal-2005 jikkostitwixxi wkoll għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda raġuni legali biex tiddikjara għajna operatorja permanenti bħal din għal linja tal-ajru bħala kompatibbli mas-suq intern.

4.2.5. MIŻURA 11: L-ISKEDA TA' IMPOSTI AJRUPTWALI TAL-2006

- (128) Fir-rigward tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, il-Ġermanja kienet ipprovdiet biss ġustifikazzjoni ekonomika parzjali fil-forma ta' MEOT lill-Kummissjoni. Fid-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2008 tagħha l-Kummissjoni indikat li minħabba l-informazzjoni mhux kompluta ma setgħetx tivverifika jekk, skont l-argument tal-Ġermanja, l-ekonomiji ta' skala jiġġustifikawx id-differenzjazzjoni fl-imposti fuq il-passiġġieri. Barra minn hekk, il-ġustifikazzjonijiet ekonomiċi mogħtija għall-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ħallew diversi kwistjonijiet mhux iċċarati, pereżempju dwar liema spejjeż huma inklużi fil-kopertura tal-ispejjeż u għaliex l-appoġġ għall-kummerċ-jalizzazzjoni ma kienx ġie inkluż fil-ġustifikazzjoni ekonomika tal-iskeda.
- (129) Il-Kummissjoni qieset li l-miżura kienet selettiva peress li l-linja tal-ajru biss li jużaw l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu bbenefikaw mill-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 u li l-miżura kkonċernata fixklet jew heddet li tfixkel il-kompetizzjoni u affettwat il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (130) Għalhekk, fir-rigward tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li tista' tikkostitwixxi għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma setgħet tara l-ebda raġuni legali biex tiddikjara għajna operatorja permanenti bħal din għal linja tal-ajru bħala kompatibbli mas-suq intern.

5. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA

- (131) Il-Ġermanja ppreżentat osservazzjonijiet u analiżi ekonomiċi estensivi matul din il-proċedura.

5.1. RIMARKI ĠENERALI

- (132) Fil-kummenti tagħha, il-Ġermanja qabel kollox ipprovdiet xi kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' sfond dwar l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja insistiet li l-proġett tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien maħsub li jsir kumpanija privata profittabbli mill-mument li jiġi konvertit. Għalhekk, l-involviment strateġiku ta' Fraport kien bl-għan li l-ajruport jikseb profittabbiltà fit-tul. Skont il-Ġermanja, bil-mudell kummerċjali tiegħu ta' trasportaturi bi

prezzijiet irħas, infrastruttura kunsiderevolment simplifikata u spejjeż kapitali baxxi, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien pijunier fl-Ewropa. Madankollu, il-Ġermanja argumentat li dak it-tip ta' proġett infrastrutturali jkun jeħtieġ perjodu ta' madwar 20 sena biex jintlaħqu riżultati operattivi pożittivi. Il-Ġermanja enfasizzat li fl-2006 għall-ewwel darba l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu riżultat pożittiv fl-EBITDA, jiġifieri diġà 8 snin wara d-dħul tiegħu fis-suq, li juri l-vijabbiltà ekonomika tiegħu. Skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien l-aktar ajruport fil-Ġermanja li kien qiegħed jikber b'rata mgħaġġla.

- (133) Barra minn hekk, il-Ġermanja hija tal-opinjoni li l-miżuri li jittrattaw l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu ttieħdu esklussivament skont il-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq. Skont il-Ġermanja, kieku impriża privata tal-istess daqs u f'sitwazzjoni komparabbli kellha wkoll tidħol għall-finanzjament abbażi ta' loġika kummerċjali, dan kien jeskludi kwalunkwe vantaġġ. Il-Ġermanja argumentat li l-Kummissjoni għandha tivvaluta biss jekk il-miżura rispettiva hijiex kummerċjalment difendibbli u mhux jekk hemmx dubju raġonevoli għas-suċċess tagħha. Barra minn hekk, il-Ġermanja rreferiet għall-prinċipju ta' ugwaljanza ta' impriżi pubbliċi u privati li taħtom fondi li l-Istat joffri lil impriża skont il-kundizzjonijiet tas-suq ma jiġux meqjusa għajnuna mill-Istat. Kollox ma' kollox, skont il-Ġermanja, il-miżuri għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu ngħataw kollha skont il-kundizzjonijiet tas-suq; dan jista' jiġi ppruvat mill-MEOTs ippreżentati mill-Ġermanja. Il-Ġermanja imbagħad elaborat dwar dawk irrimarki ġenerali fir-rigward tal-miżuri rispettivi vvalutati fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008.

5.2. ALLEGATA GĦAJNUNA MILL-ISTAT MOGĦTIJA LILL-FFHG

5.2.1. MIŻURA 1: PLTA TAL-2001

- (134) Il-Ġermanja argumentat li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat mhumiex applikabbli għall-PLTA tal-2001 peress li dan kien ġie konkluż f'Awwissu 1999, jiġifieri qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża *Aéroports de Paris* ⁽²⁸⁾ fl-24 ta' Ottubru 2002. Skont il-Ġermanja, is-sentenza fl-ewwel istanza mill-Qorti Ġenerali saret definittiva biss wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u biss meta ġie ċċarat li l-ajruporti kienu meqjusa bħala impriżi u għalhekk jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Aktar tard dan l-approċċ kien se jiġi kkonfermat fis-sentenza *Leipzig-Halle* ⁽²⁹⁾.
- (135) Il-Ġermanja qalet ukoll li ma kinux intużaw riżorsi tal-Istat. F'dak ir-rigward, il-Ġermanja elaborat li t-telf assorbit minn Fraport ma kienx ta' piż fuq il-baġit tal-Istat. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li d-deċiżjonijiet meħuda minn Fraport ma kinux imputabbli lill-Ġermanja peress li l-azzjonisti pubbliċi ma kinux f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza determinanti. F'dak ir-rigward, il-Ġermanja enfasizzat li f'kull każ individwali jrid jiġi verifikat jekk ir-riżorsi ta' kumpanija kinux effettivament ikkontrollati mill-Istat. Skont il-Ġermanja, il-fatt li l-maġġoranza tal-azzjonisti kienu pubbliċi mhuwiex biżżejjed sabiex wieħed jassumi li l-PLTA tal-2001 jinvolvi riżorsi tal-Istat.
- (136) Skont il-Ġermanja, l-azzjonisti ma jistgħux jiddeterminaw l-imġiba tal-bord maniġerjali fil-każ ta' kumpanija Ġermaniża b'ishma konġunti, *Aktiengesellschaft*, bħall Fraport. Fil-fehma tal-Ġermanja, Fraport hija kumpanija inkorporata indipendenti kkwotata fil-Borża u l-korpi regionali pubbliċi ma jeżerċitawx kontroll kontinwu fuq il-fondi tagħha. Il-Ġermanja spjegat li skont is-Sezzjoni 76 tal-*Aktiengesetz* (l-att Ġermaniż dwar korporazzjonijiet b'ishma konġunti, "AktG"), il-bord maniġerjali għandu poteri deċiżjonali estensivi indipendentement mill-azzjonisti. Il-Ġermanja argumentat li fil-kawża *Stadtwerke Brixen AG* ⁽³⁰⁾ u *Carbotermo* ⁽³¹⁾ il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà rrikonoxxiet in-natura tal-kumpanija Ġermaniża kkwotata u l-indipendenza konsiderevoli li l-bord maniġerjali tagħha jgawdi vis-a-vis l-azzjonisti tagħha. F'dak ir-rigward, l-awtoritajiet pubbliċi ma setgħux jikkontrollaw in-negozju ta' kuljum ta' Fraport.
- (137) F'dak ir-rigward, il-Ġermanja spjegat li Fraport ma kienet bl-ebda mod inkorporata fl-istrutturi tal-amminis-trazzjoni pubblika, li Fraport ma kinitx responsabbli quddiem il-Ġermanja għall-azzjonijiet tagħha u bl-ebda mod

⁽²⁸⁾ Il-Kawża T-128/98 *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-3929, ikkonfermata mis-sentenza fil-kawża C-82/01P *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni*, [2002] Ġabra I-9297.

⁽²⁹⁾ Il-Kawża konġunti T-443/08 u T-455/08 *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH vs Il-Kummissjoni*, (minn hawn 'il quddiem: is-"sentenza Leipzig/Halle") [2011] Ġabra II-1311, b'mod partikolari l-paragrafi 93-94; ikkonfermati mill-Kawża C-288/11 P *Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig-Halle vs Il-Kummissjoni*, [2012] li għadha ma ġietx ippublikata.

⁽³⁰⁾ Il-Kawża C-458/03 *Stadtwerke Brixen AG* [2005] Ġabra I-08585, il-paragrafu 67.

⁽³¹⁾ Il-Kawża C-340/04 *Carbotermo* [2006] Ġabra I-04137, il-paragrafu 36 u dawk segwenti.

ma kienet subordinata għall-amministrazzjoni pubblika. Minkejja li l-Ġermanja rrikonoxxiet li l-azzjonisti pubbliċi kienu involuti fit-tehdid tad-deċiżjoni waqt il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti li matulha kien ġie deċiż il-PLTA tal-2001, il-Ġermanja argumentat li dan ma jfissirx li l-azzjonisti pubbliċi kienu għamlu xi ħaġa aktar milli jeżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi leġittimi tagħhom bħala azzjonisti.

- (138) Barra minn hekk, il-Ġermanja ddikjarat li l-PLTA tal-2001 ma ta l-ebda vantaġġ lill-FFHG. Irreferiet għall-MEOT li sar minn PwC f'dak ir-rigward, li qies li kwalunkwe investitur fekonomija tas-suq kien jikkonkludi wkoll dak il-ftehim. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li r-riskji u l-benefiċċji tal-PLTA tal-2001 kienu ġew distribwiti b'mod ugwali u li anke mil-lat tal-liġi tat-taxxa dan kien jagħmel sens. B'mod ġenerali, il-Ġermanja pinġiet il-PLTA tal-2001 bħala miżura perfettament normali fi grupp korporattiv għall-applikazzjoni ta' politika strutturali globali jew settorjali.

5.2.2. MIŻURA 2: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2001

- (139) Il-Ġermanja spjegat li ż-żieda fil-kapital tal-2001 kienet meħteġa peress li finanzjament estern tal-investimenti fl-infrastruttura tagħha kien ikun wisq ta' pressjoni fuq ir-riżultati annwali tal-FFHG fuq terminu qasir.
- (140) Il-Ġermanja qalet li fl-14 ta' Diċembru 2001 il-bord superviżorju tal-FFHG kien iddeċieda dwar iż-żieda fil-kapital tal-2001 u fid-9 ta' Jannar 2002 dan wassal għal tibdil fl-istatut ta' assoċjazzjoni tal-FFHG. Għalhekk, il-Ġermanja kkontestat li r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat huma applikabbli għal dik il-miżura u hawnhekk semmiet ukoll ir-raġunament tagħha dwar il-PLTA tal-2001 (ara l-premessa (134)).
- (141) Il-Ġermanja argumentat ukoll li l-fondi investiti minn Fraport (EUR 19,7 miljun minn EUR 27 miljun) ma kinux riżorsi tal-Istat peress li l-Istat ma kellu l-ebda kontroll fuq Fraport. F'dak ir-rigward il-Ġermanja rreferiet għall-argumentazzjoni tagħha dwar ir-riżorsi tal-Istat fir-rigward tal-PLTA tal-2001 (ara l-premessa 136). Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li anke ż-żieda fil-kapital tista' ma tkunx imputabbli lill-Ġermanja u rreferiet għall-ispjegazzjonijiet tagħha dwar l-imputabbiltà fir-rigward tal-PLTA tal-2001 (ara l-premessa 134). Il-Ġermanja żiedet li l-approvazzjoni taż-żieda fil-kapital tal-2001 min-naħa tal-azzjonisti tal-FFHG ma tistax tkun fattur determinanti għall-imputabbiltà tagħha lill-Istat. Skont il-Ġermanja, għandhom ikunu imputabbli l-azzjonijiet tal-impriża li tkun tat l-ghajjnuna possibbli, mhux dawk tal-impriża li tkun ibbenefikat mill-ghajjnuna. Peress li l-FFHG kienet l-impriża li bbenefikat mill-ghajjnuna, l-approvazzjoni tagħha taż-żieda fil-kapital ma tagħmilx l-għoti ta' ghajjnuna imputabbli lill-Ġermanja. Skont il-Ġermanja, lanqas l-approvazzjoni tal-bord superviżorju ta' Fraport ma tista' tittieħed bħala indikazzjoni ta' imputabbiltà peress li f'dak iż-żmien il-bord superviżorju kien diġà kostitwit minn parità bejn ir-rappreżentanti tal-impjegati u tal-azzjonisti bi dritt ta' kodeterminazzjoni, jiġifieri kien hemm 10 rappreżentanti tal-impjegati u 10 rappreżentanti tal-azzjonisti.
- (142) Il-Ġermanja argumentat ukoll li ż-żieda fil-kapital tal-2001 ma kienet tat l-ebda vantaġġ lill-FFHG. Fraport kif ukoll *Land Rheinland-Palatinat* kienu aġixxew bl-istess mod li kien jaġixxi kwalunkwe investitur fekonomija tas-suq f'din il-kwistjoni.
- (143) Il-Ġermanja ma qablitx mad-dubji mqajma mill-Kummissjoni dwar l-MEOT fir-rigward tad-deċiżjoni ta' Fraport dwar iż-żieda fil-kapital tal-2001. Il-Ġermanja ppreżentat id-dokumenti interni kollha addizzjonalment mitluba lill-Kummissjoni. Skont il-Ġermanja, id-deċiżjoni li ttieħdet minn Fraport fl-2001 għal żieda fil-kapital kienet barra minn hekk ibbażata fuq valutazzjoni tal-miżura mill-BCG u fuq żewġ studji ġenerali ordnati minn Fraport dwar l-iżvilupp tat-traffiku tal-ajru. Il-Ġermanja enfasizzat li mill-valutazzjoni tal-BCG, Fraport kienet żiedet il-kapital u qalet li fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kinitx possibbli tintlaħaq profittabbiltà mingħajr miżuri infrastrutturali u ta' kostruzzjoni addizzjonali. L-MEOT kien qies dawk id-dokumenti kollha.
- (144) Wara d-dubji mqajma mill-Kummissjoni fir-rigward tal-MEOT li sar minn PwC, il-Ġermanja ppreżentat it-tieni valutazzjoni supplimentari minn PwC biex tikkumpla u tirfina l-ewwel MEOT. Dik il-valutazzjoni raffinata tasal għall-istess konklużjoni tal-ewwel waħda, jiġifieri li l-MEOT huwa ssodisfat. Il-Ġermanja ħadhet id-dubji tal-Kummissjoni li PwC ma kinitx ivvalutat id-diżimpenn ta' Fraport u li għalhekk, mingħajr għarfien dwar il-kost tad-diżimpenn, ma kienx ikun possibbli li jiġi verifikat jekk Fraport kinitx aġixxiet bħala investitur fekonomija tas-suq. Il-Ġermanja argumentat li l-kost tad-diżimpenn ma għamilx differenza fil-valutazzjoni. Barra minn hekk,

il-Ġermanja indikat li Fraport kienet ikkunsidrat id-diżimpenn, iżda dan ma kienx ikun possibbli matul il-5 snin ta' wara minħabba l-PLTA tal-2001. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-PwC uriet li fl-aħħar mill-aħħar l-investment kien se jkollu riżultati pożittivi għal Fraport.

- (145) Wara d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 il-Ġermanja ppreżentat ukoll MEOT anke dan fir-rigward tal-imgħiba ta' *Land Rhineland-Palatinate* u d-deċiżjoni tagħha li tikkontribwixxi għaż-żieda fil-kapital tal-FFHG b'EUR 7,3 miljun. Skont il-valutazzjoni, li saret ukoll minn PwC, *Land Rhineland-Palatinate* kienet aġixxiet bħala operatur f'ekonomija tas-suq peress li l-miżuri ta' investment deċiżi fl-2001 kienu meħtieġa u għalhekk iż-żieda fil-kapital kienet kummerċjalment difendibbli.

5.2.3. MIŻURA 3: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2004

- (146) Il-Ġermanja argumentat li anke wara s-sentenza *Aéroports de Paris* ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat ma jkunux applikabbli għaż-żieda fil-kapital tal-2004. Skont il-Ġermanja, dak iż-żmien kienu fis-seħħ il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-1994 u li taħt dawk il-Linji Gwida miżuri infrastrutturali fl-ajruporti ma kinux rilevanti għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.
- (147) Il-Ġermanja argumentat li, b'kuntrast mad-deskrizzjoni tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, iż-żieda fil-kapital tal-2004 kienet għet maqbula fit-30 ta' Marzu 2005 u kienet għet irreġistrata fir-reġistru kummerċjali fid-19 ta' Mejju 2005. Barra minn hekk, il-ftehim bażiku dwar din iż-żieda fil-kapital imur lura għal ftehim li sar fl-2002. Il-Ġermanja spjegat li dan il-ftehim ippreveda t-twaqqif ta' sistema ajruportwali bejn l-ajruport ta' Frankfurt-Main u l-ajruport ta' Frankfurt Hahn skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92⁽³²⁾. Skont il-Ġermanja, il-valutazzjoni taż-żieda fil-kapital tal-2004 trid tiġi vvalutata f'dan il-kuntest.
- (148) Il-Ġermanja rrilevat li skont l-MEOT ippreżentat minn PwC, appoġġat b'valutazzjonijiet supplimentari li saru wara d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, fir-rigward taż-żieda fil-kapital tal-2004 Fraport, *Land Rhineland-Palatinate* u *Land Hesse* kienu kollha aġixxew bħala investituri f'ekonomija tas-suq. Dwar l-argumentazzjoni favur Fraport, il-Ġermanja rreferiet għall-argumenti tagħha magħmula fir-rigward taż-żieda fil-kapital tal-2001 (ara l-premessa 140 u dawk segwenti). Skont il-Ġermanja, fl-ewwel MEOT kif ukoll f'dak supplimentari, PwC ikkonkludiet li dak iż-żmien iż-żieda fil-kapital tal-2004, kif ukoll il-konklużjoni ta' PLTA għdid kellhom jitqiesu bħala vantaġġu għall-Fraport, kemm b'mod kwalitattiv kif ukoll b'mod kwantitattiv. Skont il-Ġermanja dan kien għustifikat mis-sejba ta' PwC li r-Redditu ta' Fraport fuq il-kapital investit (minn hawn 'il quddiem: "ROIC") meta investiet fl-FFHG kien ogħla minn redditu alternattiv ta' investment kapitali ekwivalenti.
- (149) Fir-rigward ta' *Land Rhineland-Palatinate*, il-Ġermanja rreferiet għall-konklużjoni ta' PwC li anke l-*Land* kienet aġixxiet bħala investitur f'ekonomija tas-suq minħabba li r-ROIC għal-*Land* kien, b'mod simili għal Fraport, ogħla minn investment komparabbli alternattiv.
- (150) Fir-rigward tal-imgħiba ta' *Land Hesse*, il-Ġermanja argumentat li f'għajnejn il-*Land Hesse* l-possibilitajiet ristretti ta' tkabbir għall-ajruport ta' Frankfurt Main li *inter alia* kienu riżultat tar-restrizzjoni fuq titjiriet billejl wasslu sabiex l-iżvilupp ulterjuri tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ikun neċessarju. Inkella l-ajruport ta' Frankfurt Main kien jiffaċċja konsegwenzi ekonomiċi gravi. Il-Ġermanja enfasizzat li dan l-iżvilupp kien meħtieġ sabiex jiġu sfruttati b'mod komprensiv l-opportunitajiet eżistenti ta' tkabbir fil-qafas tal-permess ta' titjir għal 24 siegħa għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn flimkien mal-introduzzjoni prevista tas-sistema ajruportwali tal-ajruport ta' Frankfurt Main — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Għalhekk, skont il-Ġermanja, l-involviment ta' *Land Hesse* fiż-żieda fil-kapital kien inevitabbli.

5.2.4. MIŻURA 4: PLTA TAL-2004

- (151) Il-Ġermanja qalet li l-PLTA tal-2004 jista' jitqies biss fid-dawl taż-żieda fil-kapital u l-bidliet fl-istruttura tal-azzjonisti fl-2004, speċjalment peress li l-*Land Rhineland-Palatinate* u l-*Land Hesse* kienu ssoġġettaw ir-ridistribuzzjoni tal-ishma tal-FFHG għall-konklużjoni tal-PLTA tal-2004 bejn Fraport u FFHG sal-2014.

⁽³²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intraKomunitarji (ĠUL 240, 24.8.1992, p. 8).

- (152) Il-Ġermanja rreferiet għall-argumenti tagħha magħmula fir-rigward taż-żieda fil-kapital tal-2004 u argumentat li anke r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma kinux applikabbli għall-PLTA tal-2004 (ara l-premessa 146 u daww segwenti).
- (153) Dwar l-involvement ta' riżorsi tal-Istat, il-Ġermanja rreferiet għall-ispjegazzjonijiet tagħha għall-PLTA tal-2001 (ara l-premessa 134 u daww segwenti). Għalhekk, skont il-Ġermanja r-riżorsi ta' Fraport ma kinux riżorsi tal-Istat peress li Fraport ma kinitx soġġetta għal kontroll mill-Istat.
- (154) Il-Ġermanja argumentat ukoll li l-approvazzjoni tad-deċiżjoni tal-PLTA tal-2004 kienet teħtieġ maġġoranza ta' 75 %, filwaqt li l-azzjonisti pubbliċi kellhom biss madwar 70 % tal-ishma u għalhekk fil-fatt ma setgħux jikkontrollaw id-deċiżjonijiet ta' Fraport. Barra minn hekk, it-30 % tal-ishma ta' Fraport li fadal kienu ishma mxerrda. Il-vot ittieħed b'99,992 % vot pożittiv, u b'hekk anke l-investituri f'ekonomija tas-suq kienu vvotaw għall-PLTA tal-2004.
- (155) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku, għal darb'oħra l-Ġermanja rreferiet għall-ispjegazzjonijiet għall-PLTA tal-2001 (ara l-premessa 137), skont liema d-distribuzzjoni ta' profitti u ta' telf hija miżura assolutament normali fi ħdan grupp tal-kumpaniji. Barra minn hekk, skont PwC, kwalunkwe investitur f'ekonomija tas-suq kien jieħu l-istess deċiżjoni li jikkonkludi l-PLTA tal-2004 peress li f'dak il-mument kien mistenni li mis-sena 2008/2009 'il quddiem jibda jsir profitt. Il-Ġermanja rrilevat ukoll li abbażi tad-dubbi espressi mill-Kummissjoni, fil-valutazzjoni supplimentari PwC reġġet ittestjat daww il-miżuri skont kalkoli kwalitattivi u waslet għall-istess konklużjoni.
- (156) Il-Ġermanja sostniet ukoll li ż-żieda fil-kapital tal-2004 kienet tiddependi fuq il-PLTA tal-2004 u, minħabba l-aspettattiva ta' żvilupp pożittiv mis-2008/2009 'il quddiem, kien fl-interess ta' Fraport li tikkonkludi l-PLTA tal-2004 għal mill-inqas 5 snin. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li Fraport kienet se titħalla tieħu l-profitti kollha tal-FFHG għall-anqas sal-31 ta' Diċembru 2024 filwaqt li, fix-xenarju oppost, setgħet tikkancelła l-ftehim sal-31 ta' Diċembru 2010. Għalhekk, il-Ġermanja rrilevat li Fraport kienet se tkun tista' tibbenefika 100 % mill-ftehim u tmexxi n-negozju ta' kuljum tal-FFHG, filwaqt li żżomm 65 % biss tal-ishma tagħha. Il-Ġermanja kienet anke tal-fehma li l-MEOT huwa sostnut mill-fatt li anke l-investituri privati, li dak iż-żmien kienu jikkostitwixxu 30 % tal-azzjonisti ta' Fraport, kienu approvaw id-deċiżjoni.

5.2.5. MIŻURA 5: KUMPENS LILL-FFHG GĦALL-KONTROLLI TAS-SIGURTÀ

- (157) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja ddikjarat li ma kien hemm l-ebda riżorsi tal-Istat involuti fil-miżura. Il-Ġermanja rreferiet għas-sentenza *Preussen-Elektra* ⁽³³⁾ tal-Qorti tal-Ġustizzja u qalet li jista' jkun hemm għajnuna mill-Istat biss fejn il-pagamenti jkunu qegħdin isiru minn korp pubbliku jew privat innominat jew imwaqqaf mill-Istat. Il-Ġermanja spjegat ukoll li fil-każ tat-tariffi għall-kontrolli tas-sigurtà, daww kienu tħallsu mil-linji tal-ajru lil *Land Rhineland-Palatinate* u l-*Land* kienet tibgħathom lill-FFHG biss bħala kumpens għall-kontrolli tas-sigurtà li l-FFHG kienet twettaq fisem il-*Land*. Għalhekk, skont il-Ġermanja, f'dan is-sens, it-tariffi qatt ma saru parti mill-fondi tal-*Land*.
- (158) Il-Ġermanja spjegat li skont is-sezzjoni 5 tal-*Luftsicherheitsgesetz* (il-Liġi dwar is-Sigurtà fl-Ajru), l-Istat jikkontrolla l-passiġġieri u l-bagalji tagħhom sabiex tiġi protetta s-sigurtà tat-traffiku tal-ajru kontra attakki terroristiċi. Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li għal din l-attività l-awtoritajiet iżommu tariffi għal kull passiġġier lil-linji tal-ajru. Il-Ġermanja qalet li l-livell tat-tariffa tas-sigurtà jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi individwali tal-ajruport u jvarja minn EUR 2 sa EUR 10 għal kull passiġġier. Fi Frankfurt Hahn, it-tariffa hija ta' EUR 4,35 u għalhekk hija adatta meta mqabbla ma' ajruporti oħra.
- (159) L-awtoritajiet jistgħu jittrasferixxu wkoll dan il-kompitu tas-sigurtà lil operatur ta' ajruport, li huwa dak li ġara f'dan il-każ fejn il-kontrolli tas-sigurtà qegħdin jitwettqu mill-FFHG li min-naħa tagħha qabdet kumpanija esterna tas-sigurtà.

⁽³³⁾ Il-Kawża C-379/98 *PreussenElektra* [2001] Ġabra I-02099, il-paragrafu 58.

- (160) Barra minn hekk, il-Ġermanja ddikjarat li l-kontrolli tas-sigurtà jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mandat tal-ordni pubbliku u ma jikkostitwux attività ekonomika.
- (161) F'dan ir-rigward il-Ġermanja tikkondividi l-opinjoni tal-Kummissjoni, li ma għandux ikun hemm kumpens żejjed għas-servizzi mwettqa mill-FFHG. Madankollu, il-Ġermanja enfasizzat li l-FFHG ma kinitx ingħatat kumpens żejjed peress li trid iġġarrab l-ispejjeż kollha għall-kontrolli tas-sigurtà.

5.2.6. MIŻURA 6: GHOTJET DIRETTI MIL-LAND RHINELAND-PALATINATE

- (162) Il-Ġermanja ċċarat li bejn l-2001 u l-2004 *Land* Rhineland-Palatinate għamlet il-pagamenti segwenti lill-FFHG. L-ewwel nett, *Land* Rhineland-Palatinate appoġġjat lill-FFHG f'xi investimenti infrastrutturali tagħha u fl-2001 tat EUR [...] lill-FFHG għal dan l-għan. Skont il-Ġermanja, dawk l-ghotjet kienu bbażati fuq deċiżjonijiet li kienu diġà ttieħdu fl-1999 u fl-2000. Il-Ġermanja argumentat li meta kienu ttieħdu dawk id-deċiżjonijiet, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma kinux japplikaw għall-ajruporti bħala impriżi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (163) It-tieni nett, il-Ġermanja qalet li *Land* Rhineland-Palatinate kienet parzjalment assumiet il-finanzjament tal-ispejjeż tal-persunal għall-kontrolli tas-sigurtà għas-snin 2001 (60 % tal-ispejjeż totali), 2002 (50 %), 2003 (40 %) u 2004 (30 %).
- (164) It-tielet nett, il-Ġermanja ammettiet li *Land* Rhineland-Palatinate kienet kofinanzjat żewġ studji xjentifiċi li kienu ġew ordnati mill-FFHG, iżda li skont il-Ġermanja, kienu prinċipalment fl-interess pubbliku ġenerali. Il-Ġermanja qalet li *Land* Rhineland-Palatinate kienet issussidjat 90 % tal-ispejjeż totali tal-ewwel studju dwar l-effetti ekonomiċi reġjonali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, u 70 % tal-ispejjeż totali tat-tieni studju dwar il-potenzjal tal-iżvilupp tan-negozju tat-trasportaturi tal-merkanzija. Il-Ġermanja argumentat li *Land* Rhineland-Palatinate kienet tat dawk is-sussidji sempliċiment minħabba l-interess tagħha fl-istudji u setgħet tordna l-istudji hija stess. Il-Ġermanja ma tarax kif l-FFHG kienet ġiet ivvantagġjata permezz dan il-finanzjament parzjali peress li l-istudji huma fl-interess ġenerali pubbliku, u lanqas kif dan il-finanzjament jista' jfikkil il-kompetizzjoni. Sa fejn dawk l-istudji kienu ta' interess għall-FFHG, l-FFHG kienet anke kkontribwiet għalihom finanzjarjament.

5.3. GĦAJNUNA MILL-ISTAT POSSIBBLI MOGĦTIJA MILL-FFHG LIL RYANAIR U LIL-LINJI L-OĦRA KOLLHA TAL-AJRU LI JITTRASPORTAW IL-PASSIĠĠIERI

5.3.1. MIŻURA 7: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-1999

- (165) Fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, il-Ġermanja ġeneralment irrimarkat li mill-bidu nett l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien bena biss infrastruttura bażika ħafna sabiex dan l-ajruport seta' jkun sieħeb kosteffiċjenti u innovattiv għal-linji tal-ajru bi prezzijiet irħas. Skont il-Ġermanja, anke f'ajruporti Ewropej oħra l-hekk imsejħa "kljenti ankra" huma fatturi naturali li jwasslu għall-iżvilupp inizjali tal-ajruport. Għal Frankfurt Hahn, il-kljenti ankra, jiġifieri l-kljenti li permezz tiegħu seta' jstabbilixxi lilu nnifsu fis-suq, kien Ryanair.
- (166) Il-Ġermanja argumentat li meta kien ġie konkluż l-ewwel ftehim ma' Ryanair, il-kunċett ta' ajruport bi trasportaturi bi prezzijiet irħas kien għadu fil-bidu tiegħu. Għalhekk, permezz ta' dan il-ftehim Ryanair ingħatat inċentiv biex tibda ttir lejn l-ajruport rarament iffrekwentat ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja qalet li l-fatt li din il-linja tal-ajru kbira kkommettiet ruħha għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn wassal għall-akkwist ta' aktar ftehimiet ma' linji tal-ajru għall-ajruport ("prinċipju ta' segwitu"). Fl-aħħar mill-aħħar, permezz tal-hekk imsejjaħ "effett domino", dan wassal ukoll għal żieda fil-profitti għas-settur mhux tal-avjazzjoni.
- (167) Il-Ġermanja argumentat li, minħabba dawn id-dinamiċi, linji tal-ajru bħal Ryanair kellhom setgħa kbira ta' negozjar, peress li dak iż-żmien kien hemm ħafna ajruporti reġjonali żgħar oħra li ppruvaw jikkonkludu ftehim ma' Ryanair.
- (168) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li ma kienu ngħataw l-ebda riżorsi tal-Istat permezz tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-operatur tal-ajruport u l-linja tal-ajru ma kinitx qiegħda tagħti vantaġġ lil-linja tal-ajru. Skont il-Ġermanja, ir-responsabbiltà għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim għandha tiġi attribwita esklussivament lill-bord maniġerjali peress li l-konklużjoni tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 kien jirrappreżenta negozju ta' kuljum u l-bord superviżorju ma kien ħa l-ebda

deċiżjoni f'dan ir-rigward. Fil-fehma tal-Ġermanja, il-Kummissjoni ma tistax tqis il-konklużjoni tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 bħala imputabbli lill-Ġermanja minħabba li l-bord superviżorju ma kien għamel xejn biex iwaqqfu. Skont il-Ġermanja, azzjonijiet bħal dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-bord superviżorju. Barra minn hekk, il-kriterji msemmija mill-Qorti tal-Ġustizzja fi *Stardust Marine* jiġu invalidati *ad absurdum* jekk il-fatt li korp superviżorju ta' kumpanija pubblika *ma jkunx* aġixxa jkun biżżejjed għall-konklużjoni dwar l-imputabbiltà tal-miżura lill-Istat. Għalhekk, skont il-Ġermanja l-ftehim ma kien bl-ebda mod imputabbli lill-Istat.

- (169) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 ma kien ta l-ebda vantaġġ lil Ryanair peress li kwalunkwe investitur f'ekonomija tas-suq kien jikkonkludi wkoll dan il-ftehim. Il-Ġermanja speċjalment enfasizzat li kuntrarju għall-argument tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tagħha tal-2008, dan il-ftehim ma kkaġuna ebda telf, iżda pproduċa ammont enormi ta' dħul li qabeż bil-bosta l-ispejjeż imġarrba.
- (170) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja enfasizzat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn uża l-approċċ ta' ħlas wieħed "single-till", skont liema d-dħul mill-avjazzjoni u mill-attivitajiet mhux relatati mal-avjazzjoni jinġabar flimkien ("single-till"). Għalhekk, skont il-Ġermanja jrid jitqies id-dħul minn servizzi ajrunawtiċi u mhux ajrunawtiċi ġġenerat mil-linji tal-ajru u mill-passiġġieri tagħha fl-ajruport. Kif qalet qabel il-Ġermanja, PwC ikkonkludiet li investitur f'ekonomija tas-suq bi strateġija fit-tul kien jiffirma l-ftehim ma' Ryanair tal-1999, b'mod partikolari jekk wieħed iqis is-sitwazzjoni tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-1999. Skont il-Ġermanja, dak iż-żmien l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien qiegħed jiffaċċja spejjeż fissi għoljin għall-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ajru u tal-art, filwaqt li l-użu tal-kapaċità tal-ajruport kien baxx. Għalhekk, skont il-Ġermanja, il-possibbiltà li jiġi ġġenerat volum addizzjonali ta' passiġġieri kienet opportunità biex jiġi limitat it-telf u jiġu akkwistati klijenti b'potenzjal għal tkabbir.
- (171) Il-Ġermanja hija tal-fehma li l-ispejjeż li kienu ġew deċiżi qabel il-konklużjoni tal-ftehim, bħall-ispejjeż għall-infrastruttura ġenerali tal-ajruport u l-amministrazzjoni ġenerali tal-ajruport (fi kliem ieħor spejjeż li nqalgħu irrispettivament mill-ftehim ma' Ryanair tal-1999), ma għandhomx jiġu inklużi fl-analiżi tal-profitabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, u PwC tappoġġa l-opinjoni tal-Ġermanja. Il-Ġermanja argumentat speċjalment li kien ikun possibbli biss għal ajruport b'network eżistenti ta' klijenti li jġiegħel lill-klijenti tiegħu jħallu parzjalment l-ispejjeż tal-miżuri infrastrutturali u li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx f'din il-pożizzjoni.
- (172) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li jekk wieħed kellu jqis l-ispejjeż attwali għall-bini tat-terminal il-ġdid, tal-anqas seta' jitqies il-volum ta' passiġġieri previst li kien se jiġi ġġenerat minn Ryanair. Il-Ġermanja kienet tal-fehma li imbagħad perjodu ta' deprezzament ta' 25 sena jkun xieraq, li jfisser deprezzament ta' EUR [...] fis-sena. Anke fil-każ ta' perjodu ta' deprezzament ta' 15-il sena, kif ġie ssuġġerit mill-Kummissjoni, il-Ġermanja argumentat li dan ikun ifisser deprezzament ta' EUR [...] fis-sena, sabiex l-analiżi globali tal-punt ta' ekwilibriju xorta tibqa' pożittiva. Għalhekk, jekk wieħed iqis iż-żmien għall-bidu tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, il-Ġermanja kienet tal-fehma li dan kien ikun biżżejjed biex investitur f'ekonomija tas-suq jikkonkludi l-ftehim.

5.3.2. MIŻURA 8: L-ISKEDA TAL-IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2001

- (173) Skont il-Ġermanja l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 ma tistax titqies bħala għajnuna mill-Istat. Il-Ġermanja argumentat li ma kien hemm l-ebda għoti ta' riżorsi tal-Istat u f'dan ir-rigward tirreferi għall-ispjegazzjonijiet tagħha dwar il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 (ara s-sezzjoni 5.3.1 u speċjalment il-premessa 167). Il-Ġermanja qalet li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kienet iġġenerat dħul għall-FFHG u ma kienx neċessarju jew possibbli li l-iskeda tal-imposti ajruportwali twassal għall-kopertura tal-ispejjeż kollha mġarrba mill-FFHG. Skont il-Ġermanja, biex jinkiseb tali riżultat, id-dħul mis-settur mhux tal-avjazzjoni jrid jitqies ukoll taħt l-approċċ ta' ħlas wieħed (ara l-premessa 169).
- (174) Il-Ġermanja argumentat ukoll li l-miżura kienet imputabbli lill-Istat minħabba li d-dipartiment tat-Trasport ta' Rheinland-Palatinat kien approva l-imposti ajruportwali. Din l-approvazzjoni ma kinitx tfisser xi dipendenza ekonomika jew politika, iżda kienet sempliċiment formalità regolatorja mitluba skont il-liġi Ġermaniża li kull ajruport, kemm jekk proprjetà pubblika jew le, għandu jissodisfa skont il-liġi. Ir-raġuni għal din il-liġi hija sabiex il-linji tal-ajru jkunu protetti minn kwalunkwe abbuż possibbli tas-setgħa monopolistika tal-ajruport li jistabbilixxi prezzijiet għall-użu tiegħu.

- (175) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kien ingħata l-ebda vantaġġ permezz tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001. Qablet mal-Kummissjoni li r-riżultati tat-test tal-investitur f'suq privat għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002, li kien ibbażat fuq l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 u li jintroduċi appoġġ addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jservu bħala punt ta' referenza. Fuq din il-bażi, peress li l-MEOT huwa pożittiv għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002, il-Ġermanja argumentat li l-ebda riżultat ieħor ma jista' japplika għall-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001. Dwar id-dubji mqajma mill-Kummissjoni fir-rigward tal-MEOT, il-Ġermanja rreferiet għall-argumentazzjoni tagħha magħmula fir-rigward tal-MEOT għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002 (ara l-premessa 178 u dawk segwenti).
- (176) Barra minn hekk, il-Ġermanja espressament ma qabltx mal-Kummissjoni dwar il-valutazzjoni li saret fir-rigward tas-selettività tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001. Il-Ġermanja argumentat li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kienet ta' natura ġenerali u kienet tapplika għal-linji tal-ajru kollha li jużaw l-ajruport, u li għalhekk ma setgħetx tkun selettiva jew speċifika. Skont il-Ġermanja, l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 ma kienet tinkludi l-ebda differenzjazzjoni li kienet tagħti vantaġġ lil linja tal-ajru waħda fuq l-oħra u lanqas ma kien fiha xi tip ta' sistema ta' ribass. Għalhekk, il-Ġermanja kienet tal-fehma li l-ebda linja tal-ajru ma kienet ingħatat vantaġġ selettiv.
- (177) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001, il-Ġermanja argumentat li din l-iskeda kienet f'konformità mal-imġiba konformi mas-suq u bħala tali ma tistax tfixxkel il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti jew il-kompetizzjoni fis-suq intern.

5.3.3. MIŻURA 9: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2002

- (178) F'kuntrast mad-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2008, il-Ġermanja qieset li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 ma kienx iġġenera telf, iżda minflok ipprova sors ta' dħul għall-FFHG. Dwar il-kwistjoni tal-imputabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 u l-użu ta' riżorsi tal-Istat, il-Ġermanja rreferiet għall-ispejjezzjonijiet tagħha dwar il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 (ara l-premessa 167 u dawk segwenti). Barra minn hekk, il-Ġermanja żiedet li fl-2002, fiż-żmien li ġie konkluż il-ftehim, l-ishma tal-FFHG kienu diġà primarjament miżmuma minn Fraport, li r-riżorsi tagħha mhumiex riżorsi tal-Istat u li l-azzjonijiet tagħha mhumiex imputabbli lill-Istat, kif il-Ġermanja diġà indikat fir-rigward tal-PLTA tal-2001 (ara l-premessa 134 u dawk segwenti).
- (179) Skont il-Ġermanja, il-bord superviżorju tal-FFHG, li kien approva l-konklużjoni tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002, ma kienx dominat mill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja sostniet li l-preżentazzjoni tal-membri tal-bord superviżorju tal-FFHG fil-premessa 18 tad-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2008 kienet żbaljata. Il-Ġermanja qalet li skont l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-FFHG, Fraport kellha sitt rappreżentanti u *Land* Rhineland-Palatinate kellha tmienja, li tlieta minnhom kienu rappreżentanti ta' awtoritajiet lokali. Skont il-Ġermanja, madankollu l-membri kellhom numru differenti ta' voti u l-maġġoranza tal-voti kienet dejjem favur il-kumpanija privata Fraport. Dan kien dovut għall-fatt li r-rappreżentanti ta' Fraport kellhom 12-il vot kull wieħed, filwaqt li r-rappreżentanti tal-*Land* kellhom sempliċement 5 voti kull wieħed u anke dawk tal-awtoritajiet lokali kellhom vot wieħed biss. Għalhekk, skont il-Ġermanja, Fraport kellha 72 vot filwaqt li r-rappreżentanti tal-*Land* u tal-awtoritajiet lokali kellhom 28 vot biss. Peress li l-bord superviżorju jiddeċiedi b'maġġoranza sempliċi, il-Ġermanja kienet tal-fehma li ma kienx ikun possibbli li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 jiġi konkluż mingħajr il-voti ta' Fraport u għalhekk il-konklużjoni tal-ftehim mhijiex imputabbli lill-Istat.
- (180) Barra minn hekk, il-Ġermanja ħadhet id-dubji tal-Kummissjoni dwar l-għoti ta' vantaġġ u l-MEOT ippreżentat minn PwC dwar din il-kwistjoni. Il-Ġermanja argumentat li ċ-ċifra ta' [...] passiġġier għal kull titjira ma kinitx sopravvalutata peress li anke fl-2002 [...] % tat-titjiriet tar-Ryanair kienu qed isiru minn Boeing 737-800 u r-rata medja ta' utilizzazzjoni għal dawk it-titjiriet kienet ta' [...] %, li jfisser li l-għadd ta' passiġġieri għal kull ajruplan kien fil-fatt fil-medja ta' [...] għal kull titjira tar-Ryanair. Għalhekk, il-Ġermanja kienet tal-fehma li l-istima tal-għadd ta' passiġġieri ta' [...] kienet raġonevoli u mhux għolja żżejjed, speċjalment peress li l-FFHG kienet ħadet inkonsiderazzjoni li l-bidla minn Boeing 737-200 għal Boeing 737-800 min-naħa ta' Ryanair kienet se ssir fil-futur qrib.
- (181) Dwar id-dubji mqajma mill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispejjeż għall-infrastruttura ġenerali tal-ajruport u għall-amministrazzjoni ġenerali tal-ajruport, il-Ġermanja rreferiet għall-argumentazzjoni tagħha magħmula fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 (ara l-premessa 171 u dawk segwenti). Irreferiet ukoll għad-dikjarazzjonijiet tagħha dwar l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 (ara l-premessa 176) fir-rigward tas-selettività tal-miżura.

5.3.4. MIŻURA 10: IL-FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2005

- (182) Fir-rigward tal-kwistjoni ta' riżorsi tal-Istati u l-imputabbiltà lill-Istat, il-Ġermanja rreferiet għad-dikjarazzjonijiet tagħha dwar il-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999 u tal-2002 (ara l-premessi 167 u dawk segwenti, u l-premessi 178 u dawk segwenti). Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li, fil-mument li ġie konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-2005, il-bord superviżorju tal-FFHG kien kostitwit b'tali mod li l-awtoritajiet pubbliċi ma kinux f'pożizzjoni li jeżerċitaw influwenza determinanti dwar id-deċiżjoni. Dak iż-żmien Fraport kellha 156 vot filwaqt li *Land* Rhineland-Palatinate u *Land* Hesse kellhom 42 vot kull wieħed. Għalhekk, il-Ġermanja argumentat li l-Istat ma setax ikollu influwenza determinanti peress li huwa kellu 84 vot biss minn 240.
- (183) Barra minn hekk, il-Ġermanja kienet tal-fehma li dan il-ftehim ma kienx ta vantaġġ lil Ryanair. Il-Ġermanja qalet li f'kuntrast mas-suġġeriment tal-Kummissjoni fid-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, PwC kienet ingħatat iċ-ċifri rilevanti kollha peress li kieku ma kinitx tkun tista' ttwettaq dan l-MEOT komprensiv, newtrali u indipendenti. Barra minn hekk il-Ġermanja ħadhet id-dubji tal-Kummissjoni li l-investimenti kkawżati minn Ryanair ma kinux ġew allokati b'mod xieraq. Il-Ġermanja qalet li fil-valutazzjoni supplimentari tagħha PwC kienet għamlet it-tieni valutazzjoni fejn spjegat li biċċa l-kbira tal-ispejjeż kienu relatati ma' investimenti ta' natura ġenerali li l-ajruport kien għamel b'mod indipendenti mis-servizzi pprovduti lil Ryanair. Skont il-Ġermanja, sa fejn l-ispejjeż kienu kkawżati mill-immaniġġjar ta' passiġġieri ta' Ryanair dawn ġew allokati lil Ryanair.
- (184) Il-Ġermanja ħadhet ukoll id-dubji tal-Kummissjoni dwar l-effettività tas-sistema ta' penali li ġiet introdotta fil-ftehim ma' Ryanair tal-2005. Il-Ġermanja qalet li din is-sistema ta' penali tirrifletti imġiba konformi mas-suq. Il-Ġermanja argumentat li sanzjonijiet addizzjonali fuq dawk maqbula kienu jkun żejda u inadegwati peress li Ryanair ma kellha l-ebda dritt esklussiv li tuża l-ajruport u kienet qiegħda wkoll tassumi riskju.
- (185) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li l-ftehim ma kienx miżura selettiva peress li l-imposti ajruportwali miftehna kienu bbażati fuq l-iskeda ġenerali ta' imposti ajruportwali tal-2006. Il-Ġermanja argumentat ukoll li kwalunkwe telf imġarrab mill-FFHG kienx ġie ġġenerat mill-ftehim ma' Ryanair tal-2005 iżda mill-investimenti meħtieġa għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn, filwaqt li l-investimenti kkawżati minn Ryanair kienu ġew koperti mid-dħul iġġenerat mill-ftehim ma' Ryanair tal-2005.

5.3.5. MIŻURA 11: L-ISKEDA TAL-IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2006

- (186) Fir-rigward tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, il-Ġermanja argumentat b'mod ġenerali li dawn l-imposti ajruportwali kienu ġew esklussivament żviluppati abbażi ta' kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u b'kunsiderazzjoni tal-mudell kummerċjali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn bħala ajruport ta' trasportaturi bi prezz baxx, jiġifieri bl-aspettattiva li l-ispejjeż tal-operat jiġu koperti fuq perjodu ta' żmien qasir u fuq perjodu twil jiġi ġġenerat profitt sostenibbli.
- (187) Fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' riżorsi tal-Istati u imputabbiltà lill-Istat, il-Ġermanja rreferiet għall-argumentazzjoni tagħha li għamlet fir-rigward tal-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005 (ara l-premessi 167 u dawk segwenti, 178 u dawk segwenti u 182 u dawk segwenti) u fir-rigward tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 (ara l-premessa 173 u dawk segwenti).
- (188) Il-Ġermanja argumentat li Ryanair ma kienet ingħatat l-ebda vantaġġ permezz tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006. L-ewwel nett, il-Ġermanja ġġustifikat l-imposti differenti fuq il-passiġġieri li nħolqu sabiex jipprovdut inċentiv lit-trasportaturi bi prezzijiet irħas filwaqt li jiġu koperti l-ispejjeż operattivi tal-ajruport. Il-Ġermanja argumentat li tnaqqis fl-imposti skont il-volum ta' passiġġieri huwa approċċ komuni f'ajruporti nazzjonali u internazzjonali, kif kien diġà ġie aċċettat mill-Qorti tal-Ġustizzja. Meta jingħata dan it-tnaqqis abbażi tal-volum, għandu jkun ġustifikat abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji u skont il-Ġermanja, dan kien il-każ fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Peress li l-limitu għall-akkwist ta' ribassi kien baxx ħafna, jiġifieri ta' 100 000 passiġġier fis-sena, dawn ir-ribassi kienu qiegħdin isostnu wkoll linji tal-ajru iżgħar.
- (189) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li l-ġustifikazzjoni ekonomika għall-imposti ajruportwali kienet tiddependi fuq l-approċċ ta' ħlas wieħed, u rreferiet għad-dikjarazzjonijiet tagħha dwar il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 (ara l-premessa 169). Il-Ġermanja ġġustifikat ukoll id-differenzjazzjoni skont it-tul ta' ħin tal-proċess ta' taghbiya u ħatt (minn hawn 'il quddiem: TRT) ta' anqas minn 30 minuta billi spjegat li TRT ta' aktar minn 30 minuta fil-fatt jiswa ħafna aktar flus. Il-Ġermanja ddikjarat ukoll li minkejja li l-imposti ajruportwali ma kinux qed ikopru 100 % tal-ispejjeż, MEO xorta kien jagħżel din l-iskeda ta' imposti peress li l-kopertura tal-ispejjeż ta' infrastruttura bħal ajruport ma tistax tinkiseb fi żmien qasir bħal dan. Madankollu, permezz tal-iskeda tal-imposti

ajruportwali tal-2006 l-FFHG kienet qiegħda tistenna l-ġenerazzjoni ta' aktar passiġġieri u li sal-2008 tkun intlaħqet kopertura tal-ispiża kollha. Skont il-valutazzjoni magħmula minn PwC għal din l-iskeda ta' imposti ajruportwali, fiż-żmien li ġew introdotti l-imposti ajruportwali, din kienet ekonomikament realistika, kif ġie kkonfermat ukoll mill-valutazzjoni supplimentari ta' PwC.

- (190) Fir-rigward tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni mogħti taħt l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, il-Ġermanja argumentat li fil-fatt dan mhuwiex parti integrali mill-iskeda. Il-Ġermanja argumentat ukoll li kwalunkwe investitur f'ekonomija tas-suq kien jagħmel l-istess appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni disponibbli għal-linji tal-ajru peress li hemm riskji ekonomiċi għoljin marbuta mal-ftuħ ta' rotta ġdida. Dan l-appoġġ jingħata esklussivament għal rotot li jkun għadhom kif ġew offruti, li jfisser rotot li qatt ma kienu moqđija jew li ma kinux moqđija matul l-24 xahar preċedenti. L-ammont tal-appoġġ huwa bbażat fuq l-għadd ta' passiġġieri li jtitilqu servuti f'sena. Abbażi ta' kriterji bħar-rotot temporanji offruti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, il-konnessjonijiet ta' kull ġimgħa u t-tul ta' operazzjoni ta' titjir kontinwu, jiġi żgurat li fil-fatt l-appoġġ qiegħed iwassal għal espansjoni tan-netwerk ta' titjiriet offruti mil-linji tal-ajru.
- (191) Il-Ġermanja argumentat li l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ma jistax jitqies bħala prestazzjoni unilaterali min-naħa tal-ajruport. Skont il-Ġermanja, il-promozzjoni ta' rotot ġodda wasslet għal profitt ogħla għall-ajruport peress li għadd akbar ta' passiġġieri joħloq dħul ogħla minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi. Barra minn hekk, il-Ġermanja spjegat li l-iffissar tal-ammonti tal-appoġġ kien ibbażat fuq kunsiderazzjonijiet raġonevoli.
- (192) Ġermanja ħadhet ukoll id-dubji tal-Kummissjoni li r-riskju ta' kummerċjalizzazzjoni kien ogħla għal linji tal-ajru li għadhom mhumiex attivi fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja argumentat li linji tal-ajru b'għadd kbir ta' passiġġieri li jagħtu servizz lil netwerk attraenti, jeħtieġu spejjeż ogħla ta' kummerċjalizzazzjoni li min-naħa l-oħra jiġġustifika appoġġ ogħla għall-kummerċjalizzazzjoni mill-ajruport, anke minħabba li għadd ogħla ta' passiġġieri jżid il-profitti għall-ajruport. Fi kwalunkwe każ, l-ammont ta' appoġġ ma jkunx ta' aktar minn terz tal-ispejjeż reali ta' kummerċjalizzazzjoni, u dan jelimina kwalunkwe diskriminazzjoni bejn linji tal-ajru li diġà jservu lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn u linji tal-ajru oħra. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li ġeneralment linji tal-ajru akbar ikollhom baġit akbar ta' kummerċjalizzazzjoni, u b'hekk l-appoġġ mogħti fil-fatt se jkun aktar baxx meta mqabbel mal-baġit kollu milli fil-każ ta' linja tal-ajru iżgħar.
- (193) Fl-aħħar nett, il-Ġermanja sostniet li l-MEOT li sar minn PwC stabbilixxa li dan l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni kien ingħata b'mod li kien konformi mas-suq.
- (194) Fir-rigward tas-selettività tal-miżura u t-tfixkil tal-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Ġermanja rreferiet għad-dikjarazzjonijiet tagħha dwar l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 (ara l-premessa 176) u dawk segwenti.
- (195) Għalhekk il-Ġermanja argumentat li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ma kinitx tinvolvi għajjnuna mill-Istat. Il-Ġermanja argumentat li anke kieku l-Kummissjoni kellha tistabbilixxi li l-imposti ajruportwali jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, din l-għajjnuna kienet kompatibbli mas-suq intern.

5.4. KOMPATIBBILTÀ TAL-MIŻURI MAS-SUQ INTERN

5.4.1. KOMPATIBBILTÀ TAL-GĦAJNUNA GĦALL-INVESTIMENT GĦALL-FINANZJAMENT TAL-INFRASTRUTTURA TA' AJRUPORT

- (196) Skont il-Ġermanja, kieku kellu jitqies li l-miżuri minn 1 sa 6 kienu jinvolvu għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, sakemm l-għan tagħhom kien il-finanzjament ta' infrastrutturi ajruportwali fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, din l-għajjnuna tista' titqies kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3) tat-Trattat u l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni 2005.

5.4.1.1. *Kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew*

- (197) Fir-rigward tal-objettiv ta' interess komuni definit sew, il-Ġermanja rrelewat li l-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien dejjem immirat lejn l-objettiv li titjieb l-istruttura ekonomika reġjonali tar-reġjun ekonomikament sottożviluppat u b'popolazzjoni baxxa ta' Hunsrück.

- (198) F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li, l-ewwel nett, l-għan tal-appoġġ lill-FFHG kien biex tgħin biex tingħeleb l-ekonomija strutturali dgħajfa tar-reġjun ta' Hunsrück. Il-Ġermanja saħqet li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa mdawwar minn għadd ta' żoni li fil-qafas tal-*Gemeinschaftsaufgabe "Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur"* huma meqjusa bħala reġjuni li jeħtieġu appoġġ ⁽³⁴⁾, komputu kondiviż bejn il-gvernijiet federali u lokali. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja rrilevat li l-erba' reġjuni madwar l-ajruport, jiġifieri Landkreis Bernkastel-Wittlich, Birkenfeld, Cochem-Zell u Rhein-Hunsrück-Kreis, bħala medja għandhom sempliċiment nofs il-popolazzjoni tal-bqija ta' Land Rhineland-Palatinate. Il-Ġermanja enfasizzat li għal dawk id-distretti li l-ekonomija tagħhom hija fformata minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-impjeg huwa l-ankra ewlenija kontra tnaqqis ulterjuri tal-ekonomija reġjonali u l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol importanti bħala impjegatur u klijent.
- (199) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol importanti fl-iżvilupp strateġiku tat-turiżmu lejn (madwar 33 % tal-passiġġieri li jikkorrispondu għal madwar miljun passiġġier fl-2005) u barra mill-pajjiż (madwar 67 % tal-passiġġieri) għal Land Rhineland-Palatinate. Il-Ġermanja ddikjarat li 88 % tal-passiġġieri li jidhru qegħdin iqattgħu diversi l-ijeli fir-reġjun. Il-Ġermanja rrilevat li fl-2005 it-turisti li waslu fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn iġġeneraw madwar 5,7 miljun lejl waqt soġġorn. ⁽³⁵⁾ Skont il-Ġermanja l-għadd ta' l-ijeli kompli jżded, b'Land Rhineland-Palatinate tilqa' 8,2 miljun klijent fl-2011 li ġġeneraw 21,5 miljun lejl waqt soġġorn. Il-Ġermanja nnotat li b'mod partikolari, l-għadd ta' klijenti minn pajjiżi Ewropej tal-Lvant u tan-Nofsinhar żdied u li qegħdin jiġu operati għadd kbir ta' titjiriet minn dawk il-pajjiżi lejn Frankfurt-Hahn. Skont il-Ġermanja, dan wassal għall-ħolqien ta' madwar 198 000 impjeg li ġie ġġenerat mit-turiżmu f'Rhineland-Palatinate. Kif spjegat il-Ġermanja, l-effetti katalizzanti tal-introjtu u tal-impjegi huma speċjalment riżultat tat-turiżmu fir-reġjun, u hawnhekk l-ajruport ta' Frankfurt Hahn għandu rwol importanti bħala l-mezz li permezz tiegħu t-turisti jilhqgħu r-reġjun ta' Hunsrück, iżda wkoll b'mod aktar ġenerali lil Rhineland-Palatinate. Il-Ġermanja qalet li bejn l-1990 u l-2001 l-għadd ta' turisti żdied b'70 % għar-reġjun ta' Hunsrück u b'35 % għal Rhineland-Palatinate. Skont il-Ġermanja, matul l-istess perjodu, l-għadd ta' turisti ġejjin minn barra l-pajjiż żdied b'163 % fir-reġjun ta' Hunsrück. Peress li 88 % tat-turisti li jiġu minn Frankfurt Hahn jibqgħu tal-anqas lejl wieħed u aktar minn 80 % minnhom jibqgħu saħansitra bejn jumejn u għaxart ijiem, jiġġeneraw benefiċċju totali ta' madwar EUR 133,7 miljun fis-sena. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li anke t-turiżmu l-barra mill-pajjiż (67 %) jiġġenera dħul għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn permezz ta' dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi.
- (200) It-tielet nett, il-Ġermanja qalet li, meta wieħed iqis l-aspetti kollha tal-attivitajiet tal-ajruport, fl-2012 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ħoloq 3 063 impjeg fir-reġjun ta' Hunsrück li 74 % minnhom kienu postijiet full-time. Skont il-Ġermanja, 90 % minn dawk l-impjegati jgħixu wkoll f'dan ir-reġjun. Il-Ġermanja argumentat ukoll li permezz tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, qiegħed jiġi evitat ukoll li impjegati żgħażaġh kwalifikati jiċċaqilqu lejn reġjuni oħra u qiegħed jiġi evitat ukoll tnaqqis ekonomiku u soċjali tal-komunitajiet reġjonali u tal-infrastruttura tagħhom. Barra minn hekk, il-Ġermanja enfasizzat li l-preżenza tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma tipproduċix biss l-effetti diretti msemmija għas-suq tax-xogħol, iżda wkoll effetti indiretti sostanzjali permezz ta' għadd dejjem jikber ta' attivitajiet ekonomiċi u turistiċi. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja rreferiet għall-effetti sekondarji pożittivi għar-reġjun, jiġifieri inqas qgħad u aktar kontribwenti, li jgħin biex jiġi żgurat li l-muniċipalitajiet fir-reġjun ikollhom il-mezzi finanzjarji biex isostnu l-ekonomija lokali. B'kollox, dan iġġenera madwar 11 000 impjeg permezz tat-turiżmu lejn il-pajjiż għar-Rhineland-Palatinate kollu.
- (201) Il-Ġermanja argumentat li l-finanzjament tal-infrastruttura fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn għen ukoll sabiex jintlaħaq l-għan ta' interess komuni definit sew li tiġi miġġielda l-konġestjoni tat-traffiku fiċ-ċentri ewlenin tal-UE. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja għidiet l-attenzjoni għall-fatt li fil-passat il-limiti ta' kapaċità tal-ajruport ta' Frankfurt Main kienu kontinwament jinqabżu. Il-Ġermanja rrilevat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn, speċjalment fid-dawl tal-liċenzja tiegħu li jista' jopera 24 siegħa kuljum, kien għalhekk qiegħed jissodisfa l-għan li jiġu pprovduti kapaċitajiet addizzjonali sabiex tittaffa l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (202) Barra minn hekk, il-Ġermanja rrilevat li l-appoġġ lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn jissodisfa wkoll l-oġettiv ta' interess komuni biex tiżdied il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja indikat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa l-uniku ajruport Ġermaniż li joffri titjiriet diretti lejn Kaunas (il-Latvja), Kerry (l-Irlanda), Kos (il-Greċja), Montpellier (Franza), Nador (il-Marokk), Plovdiv (il-Bulgarija), Pula (il-Kroazja), Rodi (il-Greċja), Santiago de Compostela (Spanja) u Volos (il-Greċja). Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jikkontribwixxi għall-mobbiltà okkupazzjonali taż-żgħażaġh, li jistgħu jilhqgħu r-reġjun ta' Hunsrück u ta'

⁽³⁴⁾ Gemeinschaftsaufgabe "Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur (GRW) Gesetz" tas-6 ta' Ottubru 1969 (BGBl. I S. 1861), li għet emendata l-aħħar permezz tal-Artikolu 8 tal-Att tas-7 ta' Settembru 2007 (BGBl. I, p. 2246).


⁽³⁵⁾ Flughafen Frankfurt Hahn — Regionalekonomische Effekte, ZFL Studie, 03/2007.

Rhineland-Palatinate bi prezzijiet baxxi. Bl-istess mod, il-Ġermanja enfasizzat li l-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' kwalità għolja li joffru edukazzjoni ogħla f'Koblenz, Mainz, Kaiserslautern, Trier, Wiesbaden, Mannheim, Bonn, eċċ, fejn fil-biċċa l-kbira t-tagħlim jingħata mingħajr ħlas, issa huma faċilment aċċessibbli għal studenti minn madwar l-Ewropa kollha.

- (203) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li huwa wkoll ta' interess komuni li Hunsrück u r-reġjuni tal-madwar ta' Rhineland-Palatinate jkunu konnessi ma' reġjuni oħra fil-periferija, pereżempju Limerick, li diġà deher permezz ta' sħubijiet bejn il-bliet. Il-Ġermanja qalet li, bħala r-raba' l-akbar ekonomija nazzjonali fid-dinja, mhux biss qiegħda tiffoka biex tikkollega maċ-ċentri Ewropej ewlenin, iżda wkoll biex tgħaqqad ir-reġjuni ma' xulxin. Skont il-Ġermanja, li ssir aktar indipendenti miċ-ċentri ewlenin bħal Heathrow, Charles de Gaulle, Schiphol jew Frankfurt/Main hija importanti għall-Ewropa peress li dan ifisser mhux biss aktar konnessjonijiet diretti, iżda wkoll sigurtà akbar speċjalment għan-negozju tal-merkanzija peress li ajruporti reġjonali huma inqas suxxettibbli għal kanċellazzjonijiet minħabba t-temp, l-istrakijiet, it-terroriżmu jew riskji oħra ta' kanċellazzjoni.
- (204) Fl-aħħar nett, b'mod ġenerali l-Ġermanja enfasizzat li l-prossimità tal-ajruport ta' Zweibrücken ma jwassalx għal duplikazzjoni ta' ajruporti għall-istess żona ta' lħuq, minħabba d-distanza ta' 127 km bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u l-ajruport ta' Zweibrücken. Skont il-Ġermanja, din id-distanza ssarraf f'ħin ta' siegħa u 27 minuta bil-karozza jew madwar 4 sigħat bil-ferrovija. Għalhekk, il-Ġermanja argumentat li l-ebda ħaddiem, trasportatur tal-merkanzija jew turist raġonevoli li l-punt ta' tluq tiegħu jkun jinsab fir-reġjun ta' Hunsrück mhu se jmur fl-ajruport ta' Zweibrücken minflok fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn sabiex jilħaq id-destinazzjoni finali tiegħu. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrilevat li, meta wieħed iħares lejn it-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru bejn l-2005 u l-2012, ma tista' tiġi dedotta l-ebda relazzjoni ta' sostituzzjoni bejn l-ajruporti. Skont il-Ġermanja, l-akbar sehem ta' passiġġieri tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ġej mir-reġjun ta' Hunsrück-Mosel-Nahe (ara l-Figura 5).

Figura 2

Sehem mis-suq fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn fl-2013 ⁽³⁶⁾



⁽³⁶⁾ Preżentazzjoni tal-Ġermanja, Settembru 2014.

5.4.1.2. L-infrastruttura hija neċessarja u proporzjonata għall-objettiv


- (205) Il-Ġermanja enfasizzat li l-investimenti ffinanzjati kienu neċessarji u proporzjonati għall-objettiv ta' interess komuni (ara l-premessa 197 u dawk segwenti). Skont il-Ġermanja, l-investimenti kienu saru skont il-ħtiġijiet u l-infrastruttura li nbnet kienet neċessarja għall-ajruport sabiex tiġi ggarantita l-konnettività u tgħin fl-iżvilupp tar-reġjun u biex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main. Il-Ġermanja enfasizzat li l-infrastruttura ma kienx sproportjonata jew kbira wisq għall-ħtiġijiet tal-utenti tal-ajruport. Għalhekk, il-Ġermanja qieset li din il-kundizzjoni ta' kompatibilità kienet issodisfata.

5.4.1.3. L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju

- (206) Il-Ġermanja rrilevat li qabel ittieħdet id-deċiżjoni biex tiġi estiża l-infrastruttura tal-ajruport, Fraport kienet ikkummissjonat studju ta' tbsair tat-traffiku sabiex jiġi identifikat il-potenzjal tat-traffiku għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja pprovdiet dawn l-istudji li saru minn esperti tal-avjazzjoni fisem Fraport. Il-Figura 3, il-Figura 4 u l-Figura 5 jippreżentaw fil-qosor ir-riżultati ta' wieħed minn dawn l-istudji dwar l-iżvilupp mistenni fit-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2000 u l-2011.

Figura 3


Total ta' passiġġieri potenzjali fl-ajruport ta' Frankfurt Main bejn l-2000-2010



Sors: SH&E


Figura 4

Traffiku potenzjali ta' passiġġieri low-cost (bis-suppożizzjoni li Ryanair tistabbilixxi bażi) fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-2001-2011



Sors: SH&E

Figura 5

Total ta' traffiku potenzjali ta' merkanzija fl-ajruport ta' Frankfurt Main bejn l-2001-2010

Sors: SH&E

5.4.1.4. Access għall-infrastruttura b'mod ugwali u mhux diskriminatorju

- (207) Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għall-ajruport fuq termini ugwali u mhux diskriminatorji. Il-Ġermanja rrilevat li l-imposti ajruportwali mħallsa għall-użu tal-infrastruttura kienu bbażati fuq differenzjazzjoni kummerċjalment ġustifikata u li l-iskeda tal-imposti ajruportwali hija disponibbli għall-utenti potenzjali kollha b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju.

5.4.1.5. Il-kummerċ ma jiġix affettwat kontra l-interess komuni

- (208) L-ewwel nett, il-Ġermanja qalet li ma hemm l-ebda effetti ta' sostituzzjoni bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u ajruporti oħra fiż-żona ta' l-huq, bħall-ajruport ta' Zweibrücken u l-ajruport ta' Frankfurt Main. Skont il-Ġermanja, ma jistgħux jintwerew effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni ma' dawn l-ajruporti minħabba l-ghajjnuna mogħtija lill-FFHG, sew jekk fit-traffiku tal-passiġġieri jew tal-merkanzija. Tabilħaqq, il-Ġermanja argumentat li f'dawn l-aħħar snin, it-trasportaturi bi prezzijiet irħas kellhom joffru aktar u aktar titjiriet lejn iċ-ċentri ewlenin peress li l-linji tal-ajru tradizzjonali baxxew il-prezzijiet tagħhom u bdew jidħlu fis-suq ta' titjiriet bi prezzijiet irħas. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li issal-ajruporti reġjonali, bħal Frankfurt Hahn, jinsabu taħt pressjoni akbar biex jikkompetu mal-ajruporti ewlenin għall-passiġġieri li jivvjaġġaw għal skop ta' divertiment. Għalhekk, il-Ġermanja kkonkludiet li l-appoġġ finanzjarju pprovdut ma wassal għall-ebda effett negattiv bla bżonn fuq il-kompetizzjoni, iżda għall-kuntrarju wera li kien xieraq biex jgħin fil-proċess ta' adattament lejn mudell kummerċjali stabbli fil-futur.
- (209) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li l-fatt li qabel ma involviet ruħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, Fraport kienet diġà l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Main, juri li ma kinux mistennija movimenti ta' sostituzzjoni minn Frankfurt Main lejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Minflok, Fraport kienet qiegħda tinvesti fil-possibbiltà li titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main u li tintuża l-funzjoni kumplementari addizzjonali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, peress li kienet prevista kapacià eċċessiva futura fl-ajruport ċentrali ta' Frankfurt Main. Skont il-Ġermanja, il-projbizzjoni fuq titjiriet billejl fl-ajruport ta' Frankfurt Main kienet waħda mill-fatturi ewlenin f'dan ir-raġunament peress li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum.
- (210) Bħala konklużjoni, il-Ġermanja argumentat li l-effetti ta' kwalunkwe għajjnuna favur l-FFHG kienu limitati għal effetti reġjonali pozzittivi għar-reġjun ta' Hunsrück, mingħajr ma nħolqu effetti negattivi bla bżonn fir-relazzjoni ma' ajruporti oħra minħabba li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jintuża sempliċement biex titnaqqas il-konġestjoni fi Frankfurt Main. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li, minbarra l-ajruport tal-Lussemburgu, li huwa diġà siegħa u

30 minuta 'il bogħod (111-il km) mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, ma hemmx ajruporti barranin oħra li jikkompetu fl-istess żona ta' lħuq. Skont il-Ġermanja anki fir-rigward tal-Lussemburgu, ma jista' jiġi osservat l-ebda effett ta' xkiel negattiv fuq il-kompetizzjoni minħabba l-ghajjnuna mogħtija.

5.4.1.6. *Effett ta' inċentiv, neċessità u proporzjonalità*

- (211) Il-Ġermanja qalet li fin-nuqqas ta' ghajjnuna għall-investment, il-livell ta' attività ekonomika tal-ajruport kien se jonqos b'mod sinifikanti. Il-Ġermanja rrilevat li l-ghajjnuna kienet neċessarja peress li kkumpensat biss l-ispejjeż ta' finanzjament u ammont aktar baxx kien iwassal għal livelli aktar baxxi ta' investment.

5.4.2. KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA OPERATORJA GħALL-FINANZJAMENT TAL-OPERAT TAL-AJRUPORT

- (212) Il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 jipprovdu kundizzjonijiet li taħthom għajnuniet operattivi u ta' investment lill-ajruporti jistgħu jiġu ddikjarati kompatibbli mas-suq intern fis-sens tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Fis-17 ta' April 2014, il-Ġermanja ppreżentat l-opinjonijiet tagħha dwar il-kompatibilità tal-miżuri skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014. Il-Ġermanja argumentat li, anke kieku l-miżuri taħt investigazzjoni kellhom jikkostitwixxu ghajjnuna operatorja lill-FFHG, dawn ikunu kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat u s-sezzjoni 5.1.2 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

5.4.2.1. *Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew*

- (213) Fir-rigward tal-objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew, il-Ġermanja rrilevat li l-għan tal-kopertura tal-ispejjeż operattivi tal-FFHG kien dejjem bit-tir li titjeb l-istruttura ekonomika regionali tar-reġjun ekonomikament sottożvilupp u b'popolazzjoni baxxa ta' Hunsrück. F'dan ir-rigward il-Ġermanja ppreżentat l-istess raġunament li kienet applikat għall-valutazzjoni tal-kompatibilità tal-ghajjnuna għall-investment għall-finanzjament tal-infrastruttura tal-ajruport (ara s-sezzjoni 5.4.1.1).

5.4.2.2. *Il-ħtieġa għal intervent mill-Istat*

- (214) Fir-rigward tal-ħtieġa għal intervent mill-Istat, il-Ġermanja spjegat għaliex Frankfurt Hahn qiegħed jagħmel telf operatorju li jeħtieġ li jiġi kopert. Fil-fehma tagħha, huwa objettiv pjuttost ambizzjuż li ajruport bħall-ajruport ta' Frankfurt Hahn b'1-3 miljun passiġġier isir profittabbli u jkun jista' jkopri l-ispejjeż operattivi tiegħu. Skont il-Ġermanja, dan l-objettiv ambizzjuż ma setax jiġi realizzat fis-snin tal-bidu peress li l-ajruport kien mgħobbi b'investimenti infrastrutturali għoljin ħafna li ffinanzja huwa stess fis-suq kapitali u li għalihom kellu jħallas imgħax għoli. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li mill-bidu tal-kriżi ekonomika u finanzjarja dinjija, seta' jiġi rreġistrat stagħnar tat-traffiku tal-passiġġieri u speċjalment tal-merkanzija.
- (215) Il-Ġermanja rrilevat li fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi, kien hemm il-ħtieġa għal intervent mill-Istat biex jiġi kopert it-telf operatorju għaliex kieku l-FFHG kienet tispiċċa insolventi. Skont il-Ġermanja, dan kien iwassal għall-irtirar tal-liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum, li dan ifisser li matul l-insolvenza l-FFHG kien ikollha tiegħu topera t-titjiriet kollha, li imbagħad dan kien iwassal għat-telf ta' klijenti bħal linji tal-ajru u trasportaturi tal-merkanzija. Il-Ġermanja enfasizzat li barra minn hekk imbagħad kien ikun diffiċli ħafna li jinstab operatur għdid għall-ajruport.

5.4.2.3. *L-adegwatezza tal-miżuri tal-ghajjnuna bħala strumenti ta' politika*

- (216) Il-Ġermanja rrilevat li l-kopertura tal-ispejjeż operattivi kienet miżura adatta biex jintlaħaq l-objettiv intiż. F'dan ir-rigward il-Ġermanja argumentat li, kieku l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien ikollu jiegħ jopera u kien jgħib mis-swieq rilevanti, ma kienx ikun aktar possibbli li jintlaħaq l-objettivi ta' interess komuni segwiti mill-konverżjoni ta' eks bażi tal-ajru tal-Istati Uniti f'ajruport tal-avjazzjoni ċivili li jaħdem b'mod sħiħ kif ukoll l-iżvilupp tar-reġjun ta' Hunsrück. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja enfasizzat li b'kuntrast għal investitur fekonomija tas-suq, investitur pubbliku kien ikollu jqis dawn l-objettivi meta jkun qiegħed iqis l-alternattiva tal-għeluq tal-ajruport.

5.4.2.4. *L-eżistenza ta' effett ta' inċentiv*

- (217) Il-Ġermanja argumentat li sabiex l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jinżamm jopera, kienet *conditio sine qua non* li jiġu koperti l-ispejjeż operattivi tiegħu peress li altrimenti l-FFHG kienet tispiċċa insolventi. Min-naħa l-oħra operazzjoni b'suċċess tal-ajruport kienet il-bażi biex jiġu realizzati l-oġġettivi ta' interess komuni kif ġie ddikjarat fil-premessi 213 u dawk segwenti. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li mingħajr għajnuna operatorja, il-konsolidazzjoni finanzjarja tal-ajruport kienet tkun inkonċepibbli, minħabba li l-ajruport kien jakkumula aktar u aktar dejn minflok ma jeħles mid-dejn tiegħu kif previst fil-programm attwali ta' awsterità.

5.4.2.5. *Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajnuna (għajnuna limitata għall-minimu)*

- (218) Il-Ġermanja argumentat li kwalunkwe element ta' għajnuna li kien jinsab fis-self kien limitat għat-telf operatorju ta' Frankfurt Hahn u kien jirrappreżenta l-minimu assolut meħtieġ sabiex jinżamm jopera u tiġi evitata l-insolvenza tiegħu.

5.4.2.6. *L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri*

- (219) L-ewwel nett, il-Ġermanja qalet li ma hemm l-ebda effett ta' sostituzzjoni bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u ajruporti oħra fiż-żona ta' lħuq, bħall-ajruport ta' Zweibrücken u l-ajruport ta' Frankfurt Main. Skont il-Ġermanja, ma jistgħux jintwerew effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni fuq dawn l-ajruporti minħabba l-għajnuna operatorja mogħtija lill-FFHG, sew jekk fit-traffiku tal-passiġġieri jew tal-merkanzija. Il-Ġermanja sostniet li, għall-kuntrarju, Frankfurt Hahn esperjenza effetti sinifikanti ta' sostituzzjoni ta' passiġġieri li jagħżlu ċ-ċentri, bħal Köln/Bonn jew Frankfurt Main, biex itiru bi trasportaturi bi prezzijiet irħas milli mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Tabilħaqq, il-Ġermanja argumentat li fl-aħħar snin it-trasportaturi bi prezzijiet irħas kellhom joffru aktar u aktar titjiriet lejn iċ-ċentri ewlenin peress li linji tal-ajru tradizzjonali baxxew il-prezzijiet tagħhom u bdew jidħlu fis-suq ta' titjiriet bi prezzijiet baxxi. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja qalet li issal-ajruporti reġionali, bħal Frankfurt Hahn, jinsabu taħt pressjoni akbar biex jikkompetu mal-ajruporti ewlenin għall-passiġġieri li jivvjaġġaw għal skop ta' divertiment. Għalhekk, il-Ġermanja kkonkludiet li l-kopertura tal-ispejjeż operattivi ma wasslet għall-ebda effett negattiv bla bżonn fuq il-kompetizzjoni, iżda għall-kuntrarju wriet li kienet xierqa biex tgħin fil-proċess ta' adattament lejn mudell kummerċjali stabbli fil-futur.
- (220) It-tieni nett, il-Ġermanja argumentat li l-fatt li qabel ma involviet ruħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, Fraport kienet diġà l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Main, juri li ma kinux mistennija movimenti ta' sostituzzjoni minn Frankfurt Main lejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Minflok, Fraport kienet qiegħda tinvesti fil-possibbiltà li titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main u li tuża l-funzjoni kumplimentari addizzjonali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, minħabba li kienet prevista kapacià eċċessiva futura fl-ajruport ċentrali ta' Frankfurt Main. Skont il-Ġermanja, il-projbizzjoni fuq titjiriet billejl fl-ajruport ta' Frankfurt Main kienet waħda mill-fatturi ewlenin f'dan ir-raġunament peress li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum.
- (221) Bħala konklużjoni, il-Ġermanja argumentat li l-effetti ta' kwalunkwe għajnuna favur l-FFHG kienu limitati għall-effetti reġionali pożittivi għar-reġjun ta' Hunsrück, mingħajr ma nħolqu effetti negattivi bla bżonn fir-relazzjoni ma' ajruporti oħra minħabba li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jintuża biex titnaqqas il-konġestjoni fi Frankfurt Main. Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li minbarra l-ajruport tal-Lussemburgu, li huwa diġà siegħa u 30 minuta 'l bogħod (111-il km) mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn, ma hemmx ajruporti barranin oħra li jikkompetu fl-istess żona ta' lħuq. Skont il-Ġermanja anki fir-rigward tal-Lussemburgu, ma jista' jiġi osservat l-ebda effett ta' xkiel negattiv fuq il-kompetizzjoni minħabba l-għajnuna mogħtija.

6. KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI

6.1. RYANAIR

- (222) Ryanair toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005 mal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Ryanair qalet li dawn il-ftehimiet kienu konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq, u għalhekk ma kinux jinvolvu għajnuna mill-Istat.

- (223) Ryanair essenżjalment targumenta li ma kienet ingħatat l-ebda vantaġġ peress li l-ftehimiet jirriflettu kundizzjonijiet normali tas-suq. F'dan ir-rigward, Ryanair sostniet li l-kundizzjonijiet kuntrattwali ma għandhomx jiġu mqabbla ma' dawk fajruporti Ġermaniżi oħra, iżda ma' dawk li r-Ryanair kienet qiegħda tiftiehem ma' ajruporti oħra li jospitaw trasportaturi bi prezzijiet irħas, bħall-ajruport ta' Blackpool u l-ajruport ta' Charleroi.
- (224) Dwar il-kwistjoni tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni, Ryanair sostniet li l-imposta għal destinazzjonijiet ġodda tippremja l-frekwenza tat-titjiriet u li l-iskontijiet mogħtija mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu konformi mal-prattika industrijali peress li ħafna ajruporti privati jew pubbliċi japplikaw l-istess livell jew livell ogħla ta' skontijiet għal destinazzjonijiet ġodda.
- (225) Dwar l-applikazzjoni tal-imposti ajruportwali, Ryanair sostniet li imposti normali tas-suq, jiġifieri imposti li ma jkunux abnormalment baxxi, jissodisfaw il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. Skont Ryanair, il-prospett ta' profittabbiltà immedjata mhux meħtieġ biex jiġi ssodisfat dan il-prinċipju. Skont Ryanair il-prospett li tinkiseb profittabbiltà fuq perjodu medju għal wieħed fit-tul għandu jkun biżżejjed. Barra minn hekk, Ryanair tikkontesta l-argument tal-Kummissjoni li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien qies biss l-ispejjeż speċifiċi tal-kuntratt ma' Ryanair fir-rigward tal-kopertura tal-ispejjeż tiegħu mill-imposti mħallsa lil Ryanair, u mhux l-ispejjeż tal-infrastruttura komuni tal-ajruport u l-amministrazzjoni ġenerali. Fir-rigward tal-kopertura tal-ispejjeż, Ryanair qalet li qatt ma kien hemm pjan biex l-użu tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn jiġi esklussivament riżervat għal Ryanair. F'dan ir-rigward, Ryanair indikat il-fatt li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jintuża wkoll b'mod sinifikanti bħala ajruport tal-merkanzija. Barra minn hekk, Ryanair kienet fakkret li għandha tħallas livell aktar baxx ta' imposti meta mqabbel ma' linji oħra tal-ajru, peress li r-rekwiżiti u l-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tagħha jimminimizzaw l-ispejjeż għall-ajruport.
- (226) Ryanair argumentat ukoll li l-imġiba tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienet iggwidata minn prospetti prevedibbli ta' profittabbiltà. Skont Ryanair, qabel ma kkonkluda l-ftehimiet, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien wettaq analiżi finanzjarja u strateġika, konsistenti ma' dak li huwa mistenni minn investitur f'ekonomija tas-suq. Ryanair qalet li mill-2005 l-impenn tagħha li ttiprovdi volum kbir ta' passiġġieri kien assigurat ukoll permezz ta' penali kuntrattwali, u li dan il-kuntratt kien qiegħed jalloka l-biċċa l-kbira tar-riskju lil Ryanair, u b'hekk jipprovdi ftehim eċċezzjonalment ġeneruż għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Barra minn hekk, il-ftehimiet ippermettew li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu. Waqt il-konklużjoni tal-kuntratt, l-Ajruport ta' Frankfurt Hahn kien konxju li ftehimiet simili li Ryanair kienet għamlet ma' ajruporti madwar l-Ewropa wrew li huma profittabbli.
- (227) Fl-aħħar nett, Ryanair tenfasizza li l-ftehimiet tagħha ma' Frankfurt Hahn ma kien fihom l-ebda klawżola ta' esklussività, u għalhekk linji oħra tal-ajru setgħu jagħmlu u fil-fatt jibbenefikaw mill-istess termini u kundizzjonijiet bħal Ryanair, sakemm dawn ikunu lesti li joffru l-istess impenn lejn l-ajruport bħal Ryanair.
- (228) Barra minn hekk, Ryanair ippreżentat serje ta' noti mħejjija minn Oxera, flimkien ma' analiżi mħejjija mill-Professor Damien P. McLoughlin.

Nota 1 ta' Oxera — L-identifikazzjoni tal-parametru referenzjarju tas-suq f'analiżi tal-komparatur għall-MEOTs. Każijiet ta' għajjuna mill-Istat għal Ryanair, imħejjija għal Ryanair minn Oxera, id-9 ta' April 2013

- (229) Oxera tqis li l-metodu tal-Kummissjoni li taċċetta biss ajruporti komparaturi li jinsabu fl-istess żona ta' lħuq bħall-ajruport li qiegħed jiġi investigat, huwa wieħed difettuż.
- (230) Oxera targumenta wkoll li l-prezzijiet ta' referenza tas-suq li nkisbu mill-ajruporti ta' referenza mhumiex affettwati mill-għajjuna mill-Istat mogħtija lill-ajruporti tal-madwar. Għalhekk, huwa possibbli li ssir stima robusta ta' referenza tas-suq għall-MEOTs.
- (231) Dan minħabba li:
- (a) l-analiżi komparaturi jintużaw b'mod wiesa' għal MEOTs barra mill-qasam tal-għajjuna mill-Istat;
 - (b) il-kumpaniji jaffettwaw id-deċiżjonijiet tal-ipprezzar ta' xulxin biss sakemm il-prodotti tagħhom ikunu sostituti jew kumplimentarji;

- (c) l-ajruporti fl-istess żona ta' lħuq mhux bilfors jikkompetu ma' xulxin u l-ajruporti komparaturi użati fir-rapporti sottomessi jiffaċċjaw kompetizzjoni limitata mill-ajruporti tal-Istat fiż-żona ta' lħuq tagħhom (inqas minn 1/3 tal-ajruporti kummerċjali fiż-żona ta' lħuq tal-ajruporti komparaturi huma kompletament proprjetà tal-Istat, u ebda wieħed minnhom ma kien soġġett għal investigazzjonijiet dwar l-ghajjnuna mill-Istat (minn April 2013));
- (d) anki meta l-ajruporti komparaturi jiffaċċjaw kompetizzjoni minn ajruporti tal-Istat fl-istess żona ta' lħuq, jeżistu raġunijiet għaliex wieħed għandu jemmen li l-imġiba tagħhom hija konformi mal-prinċipju tal-MEO (pereżempju, fejn ikun hemm sehem kbir ta' sjieda privata jew meta l-ajruport ikun immexxi mill-privat);
- (e) l-ajruporti tal-MEO ma jiffissawx prezzijiet taħt l-ispiża inkrementali.

Nota 2 ta' Oxera — Il-prinċipji li huma l-bażi tal-analiżi tal-profittabbiltà għall-MEOTs. Kazzjiet ta' ghajjnuna mill-Istat għal Ryanair, imħejjija għal Ryanair minn Oxera, id-9 ta' April 2013

- (232) Oxera sostniet li l-analiżi tal-profittabbiltà mwettqa minn Oxera fir-rapporti tagħha sottomessi lill-Kummissjoni ssegwi l-prinċipji li għandhom jiġu adottati minn investitur razzjonali fis-settur privat u tkun tirrifletti l-approċċ li jirriżulta mill-preċedenti tal-Kummissjoni.
- (233) Il-prinċipji li jsejju l-analiżi tal-profittabbiltà huma:
 - (a) il-valutazzjoni titwettaq fuq bażi inkrementali;
 - (b) mhux bilfors ikun meħtieġ pjan ta' negozju *ex ante*;
 - (c) għal ajruport mhux konġestjonat, l-approċċ ta' ħlas wieħed huwa l-metodoloġija xierqa tal-ipprezzar;
 - (d) għandu jiġi kkunsidrat biss id-dħul assoċjat mal-attività ekonomika tal-ajruport operattiv;
 - (e) għandu jiġi kkunsidrat it-tul ta' żmien kollu tal-ftehim, inkluża kwalunkwe estensjoni;
 - (f) il-flussi finanzjarji futuri għandhom jiġu skontati sabiex tkun tista' tiġi vvalutata l-profittabbiltà tal-ftehimiet;
 - (g) il-profittabbiltà inkrementali tal-ftehimiet ta' Ryanair għall-ajruporti għandha tiġi vvalutata abbażi tal-estimi tal-miżuri tar-rata ta' redditu interna jew tal-valur preżenti nett (VPN).

Analiżi tal-Professor Damien P. McLoughlin — Il-bini tal-marki kummerċjali: għaliex u kif marki kummerċjali żgħar għandhom jinvestu fil-kummerċjalizzazzjoni, imħejjija għal Ryanair, l-10 ta' April 2013

- (234) L-għan tad-dokument huwa li tiġi stabbilita l-loġika kummerċjali wara d-deċiżjonijiet tal-ajruporti reġjonali li jixtru reklamar fuq Ryanair.com mingħand AMS.
- (235) Id-dokument isostni li jeżisti għadd kbir ta' ajruporti b'saħħithom ħafna, magħrufa sewwa u abitwalment użati. Il-kompetituri aktar dgħajfa għandhom jegħlbu l-imġiba tax-xiri statiku tal-konsumaturi biex ikunu jistgħu jkabbru n-negozju tagħhom. Jeħtieġ li ajruporti reġjonali iżgħar isibu mod kif jikkomunikaw il-messaġġ dwar il-marka kummerċjali tagħhom b'mod konsistenti lill-akbar udjenza possibbli. Il-forom tradizzjonali ta' komunikazzjoni kummerċjali jirrikjeddu nfiq li jisboq ir-riżorsi tagħhom.

Noti 3 u 4 ta' Oxera — Kif għandhom jiġu ttrattati l-ftehimiet ta' AMS fi ħdan l-analiżi tal-profittabbiltà bħala parti mit-test tal-operatur fl-ekonomija tas-suq?, is-17 u l-31 ta' Jannar 2014

- (236) Ryanair ippreżentat rapporti oħrajn imħejjija mill-konsulenta tagħha Oxera. F'dawn ir-rapporti, Oxera tiddiskuti l-prinċipji li, skont il-linja tal-ajru, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni bħala parti mill-MEOT fl-analiżi tal-profittabbiltà ta', minn naħa waħda, l-ftehimiet dwar servizzi ajruportwali bejn Ryanair u l-ajruporti u, min-naħa

l-oħra, il-ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni bejn AMS u l-istess ajruporti. Ryanair enfasizzat li dawk ir-rapporti b'ebda mod ma jbiddu l-pożizzjoni tagħha li ġiet ippreżentata aktar kmieni, jiġifieri li l-ftehimiet dwar servizzi pprovduti fl-ajruporti u l-ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jiġu analizzati taħt MEOTs separati.

- (237) Ir-rapporti jindikaw li l-profitti ġġenerati minn AMS għandhom jiġu inklużi bħala dħul f'analiżi konġunta rigward il-profittabbiltà, filwaqt li l-infiq ta' AMS għandu jiġi inkorporat fl-ispejjeż. Sabiex dan ikun jista' jsir, ir-rapporti jissuġġerixxu l-applikazzjoni ta' metodoloġija bbażata fuq il-fluss tal-flus għall-analiżi tal-profittabbiltà konġunta, li jfisser li l-infiq mill-ajruporti fuq AMS jista' jiġi ttrattat bħala spejjeż operattivi inkrementali.
- (238) Ir-rapporti enfasizzaw li l-attivitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni jikkontribwixxu għall-ħolqien u l-appoġġ tal-valur tal-marka kummerċjali, li jgħin biex jiġu ġġenerati effetti u benefiċċji mhux biss għat-tul ta' żmien tal-kuntratt, iżda wkoll wara t-terminazzjoni tiegħu. Dan ikun partikolarment il-każ jekk, minħabba l-fatt li Ryanair tkun ikkonkludiet ftehim ma' ajruport, ikun hemm linji tal-ajru oħra li jstabilixxu lilhom infushom fl-ajruport, li min-naħa tagħhom jattiraw aktar ħwienet biex jiftħu hemmhekk u b'hekk iġibu aktar dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi għall-ajruport. Skont Ryanair, jekk il-Kummissjoni tgħaddi biex twestaq analiżi konġunta tal-profitabbiltà, dawk il-benefiċċji għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni billi l-ispejjeż ta' AMS jiġu ttrattati bħala spejjeż operattivi inkrementali, netti mill-ħlasijiet ta' AMS.
- (239) Barra minn hekk, Ryanair tqis li għandu jiġi inkluż valur terminali (li jirrifletti l-valur iġġenerat wara t-terminazzjoni tal-ftehim) fil-profitti inkrementali pproġettati fit-tmiem tal-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti. Il-valur terminali jista' jiġi adattat fuq il-bażi tal-probabbiltà ta' "tiġdid", li jkejjel l-aspettattiva li l-profitti se jippersistu wara t-terminazzjoni tal-ftehim ma' Ryanair jew jekk jiġu maqbula kundizzjonijiet simili ma' linji tal-ajru oħrajn. Ryanair kienet tal-fehma li mbagħad ikun possibbli li jiġi kkalkulat limitu aktar baxx għall-benefiċċji ġġenerati b'mod konġunt mill-ftehim ma' AMS u mill-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti, li jirrifletti l-inċertezzi tal-profitti inkrementali wara t-terminazzjoni tal-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti.
- (240) Bħala suppliment għal dan l-approċċ, ir-rapporti jippreżentaw sinteżi tar-riżultati tal-istudji dwar l-effetti tal-kummerċjalizzazzjoni fuq il-valur ta' marka kummerċjali. Dawk l-istudji jqisu li l-kummerċjalizzazzjoni tista' tappoġġa l-valur ta' marka kummerċjali u tista' tgħin sabiex tinbena bażi ta' klijenti. Skont ir-rapporti, fil-każ ta' ajruport, reklamar fuq is-sit Ryanair.com iżid b'mod sinifikanti l-viżibilità tal-marka kummerċjali. Barra minn hekk ir-rapporti jgħidu li partikolarment l-ajruporti reġjonali iżgħar li jkunu jixtiequ jżidu t-traffiku tal-ajru tagħhom jistgħu għallhekk iżidu l-valur tal-marka kummerċjali tagħhom billi jikkonkludu ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma' AMS.
- (241) Fl-aħħar nett ir-rapporti jindikaw li approċċ ibbażat fuq il-fluss tal-flus għandu jiġi ppreferut fuq approċċ ta' kapitalizzazzjoni fejn l-ispejjeż tas-servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni pprovduti minn AMS jiġu ttrattati bħala nfiq kapitali fuq assi intanġibbli (jiġifieri, il-valur tal-marka kummerċjali).⁽³⁷⁾ L-approċċ ta' kapitalizzazzjoni jieħu f'kunsiderazzjoni biss il-proporzjon tal-infiq fuq il-kummerċjalizzazzjoni, li huwa attribwibbli għall-assi intanġibbli ta' ajruport. L-ispejjeż tal-kummerċjalizzazzjoni jiġu ttrattati bħala nfiq kapitali f'assi intanġibbli, u mbagħad jiġu deprezzati għat-tul ta' żmien tal-kuntratt, billi jittieħed f'kunsiderazzjoni l-valur residwu fit-terminazzjoni prevista tal-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti. Dan l-approċċ ma jikkunsidrax il-profitti inkrementali li ġġib magħha l-konklużjoni tal-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti ma' Ryanair u barra minn hekk huwa wkoll diffiċli li jiġi kkalkulat il-valur tal-assi intanġibbli minħabba l-ispejjeż tal-marka kummerċjali u l-perjodu ta' żmien tal-użu tal-assi. Skont ir-rapporti, il-metodu tal-fluss tal-flus huwa wkoll aktar xieraq minn approċċ ta' kapitalizzazzjoni minħabba li dan tal-aħħar ma jaqbadx il-benefiċċji pożittivi li mistenni jżviluppaw għall-ajruport bħala riżultat tal-iffirmar tal-ftehim dwar is-servizzi pprovduti fl-ajruporti ma' Ryanair.

Oxera — Valutazzjoni ekonomika tal-MEOP: l-Ajruport ta' Frankfurt Hahn, il-11 ta' Awwissu 2014:

- (242) Ryanair ippreżentat rapport ieħor imħejji minn Oxera dwar il-ftehimiet bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005. Il-valutazzjoni tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005 tqis ukoll il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni li ġie konkluż direttament ma' Land Rhineland-Palatinat. Il-valutazzjoni tal-ftehimiet ma' Ryanair li saret minn Oxera hija bbażata fuq l-informazzjoni disponibbli għall-ajruport madwar iż-żmien tal-iffirmar tal-ftehim.

⁽³⁷⁾ Oxera, "Kif għandhom jiġu ttrattati ftehimiet ta' AMS fi ħdan l-analiżi tal-profittabbiltà bħala parti mit-test tal-operatur fekonomija tas-suq? — Applikazzjoni Prattika", il-31 ta' Jannar 2014, imħejji għal Ryanair.

Il-ftehim ma' Ryanair tal-1999:

- (243) Skont ir-rapport, l-analiżi tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 kienet ibbażata fuq id-dokument tal-pjan tan-negozju prodott mill-FFHG fil-25 ta' Mejju 1999, dokument li ġie mħejji qabel l-iffirmar tal-ftehim. Ir-rapport jgħid li d-dħul minn servizzi ajrunawtiċi ġie kkalkulat abbażi tal-imposti speċifikati fil-ftehim ma' Ryanair tal-1999. L-istimi tal-ispejjeż operattivi inkrementali kienu bbażati fuq l-istimi proprji tal-FFHG. Ir-rapport jindika li l-ispejjeż tat-tifi tan-nar, li normalment jitqiesu li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà pubblika, ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni. L-istess japplika għall-investimenti fl-infrastruttura.

Tabella 16

Valutazzjoni tal-profittabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li saret minn Oxera ⁽³⁸⁾

(...)

Il-ftehim ma' Ryanair tal-2002:

- (244) Ir-rapport jispjega li l-previżjonijiet tal-għadd totali ta' passiġġieri nkisbu mill-pjan tan-negozju tal-FFHG li ġie mfassal f'Novembru 2002, peress li huwa l-uniku dokument disponibbli li fih previżjonijiet dwar it-traffiku matul il-perjodu rilevanti. Skont ir-rapport, id-dħul minn servizzi ajrunawtiċi ġie kkalkulat abbażi tal-imposti speċifikati fil-ftehim ma' Ryanair tal-2002. Id-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi nkiseb mill-pjan tan-negozju tal-FFHG li ġie mfassal f'Novembru 2002, peress li huwa l-uniku dokument li fih projezzjonijiet dwar id-dħul minn servizzi mhux ajrunawtiċi li kien ġie mfassal madwar iż-żmien tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002.
- (245) L-istimi tal-ispejjeż operattivi għal kull passiġġier ġew ibbażati fuq l-analiżi proprja tal-FFHG dwar l-ispejjeż operattivi inkrementali għal kull passiġġier tar-Ryanair li jitlaq. L-iskeda ta' investimenti ġiet imfassla f'Novembru 2000.

Tabella 17

Valutazzjoni tal-profittabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li saret minn Oxera ⁽³⁹⁾

(...)

6.2. LUFTHANSA U L-BDF

- (246) Lufthansa u l-Bundesverband der Deutschen Fluggesellschaften e.V. (Assoċjazzjoni Federali tat-Trasportaturi tal-Ajru Ġermaniżi, minn hawn 'il quddiem: il-BDF) ippreżentaw informazzjoni komprensiva u kummenti dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 li se jiġu ppreżentati fil-qosor hawn taħt.
- (247) Il-Lufthansa u l-BDF qalu li t-telf tal-FFHG u tal-predeċessuri tagħha mill-1998 u sal-2009 ilaħħaq l-EUR 161 miljun u li l-FFHG, għall-kuntrarju ta' dak li tiddikjara, lanqas fl-2006 ma laħqet EBITDA pożittiv. F'dan ir-rigward, Lufthansa u l-BDF jsostnu li l-EBITDA kemxejn pożittiv kien possibbli biss wara r-rilaxx ta' obbligazzjonijiet legati, li naqqas it-telf operattiv. Għalhekk, Lufthansa u l-BDF jissuġġerixxu li l-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb aċċess għall-karti tal-bilanċ annwali kollha tal-FFHG. F'dan ir-rigward Lufthansa argumentat, li b'kuntrast ma' dak li qalet il-Ġermanja, id-deprezzament tal-investimenti ma żdiedx ħafna matul is-snin u ma jistax jitqies

⁽³⁸⁾ Skont Oxera, l-imposti tad-deprezzament mhumiex inkorporati peress li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 kien ġie ffirmat qabel is-Sentenza Aéroports de Paris tat-12 ta' Diċembru 2000. Oxera qalet ukoll li d-dejta hija ppreżentata f'termini nominali. Oxera ċċarat li l-istimi ppreżentati għall-1999 u għall-2004 ġew aġġustati f'April 1999 u f'Marzu 2004, rispettivament, biex jirriflettu d-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-ftehim tal-1999.

⁽³⁹⁾ Oxera ċċarat li d-deprezzament ġie mmudellat b'mod newtrali għall-NPV. Skont Oxera, dan l-approċċ jiżgura li s-somma tal-valur preżenti skontat tad-deprezzament matul il-ħajja tal-assi huwa ekwivalenti għall-ammont oriġinali tal-infiq kapitali. Oxera qalet li d-dejta hija ppreżentata f'termini nominali. Oxera ċċarat li l-istimi ppreżentati għall-2002 u għall-2017 ġew aġġustati fi Frar 2002 u fi Frar 2017, rispettivament, biex jirriflettu d-dati tal-bidu u tat-tmiem tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002.

għoli ħafna meta mqabbel mal-ispejjeż relatati mal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni għal Ryanair li huma inklużi fi “spejjeż operattivi oħra”, kif qiegħed jintwera fit-Tabella 18. Lufthansa u l-BDF jissuġġerixxu wkoll li l-Kummissjoni għandha titlob il-karti tal-bilanċ annwali kollha mhux ippubblikati tal-FFHG.

Tabella 18

Relazzjoni tad-deprezzament u spejjeż operattivi oħra

F'Euro	2000	2001	2002	2003	2004
Deprezzamenti	4 477 257	5 325 627	5 423 627	6 045 387	7 699 330
Telf	8 217 199	13 355 347	19 993 895	17 832 868	16 797 889
Spejjeż operattivi oħra	(...)	5 692 808	11 434 306	10 521 273	11 454 363

- (248) Lufthansa u l-BDF sostnew ukoll li studju li ġie ppreżentat mill-Ġermanja li fih statistika dwar l-effetti tal-FFHG fuq it-turiżmu f'*Hunsrück* u fil-*Land* Rhineland-Palatinate ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni peress li ċ-ċifri dwar it-tkabbir fir-rigward tal-passiġġieri u t-tkabbir fir-rigward tal-impjegi fl-ajruport kienu ngħataw mill-FFHG u l-awturi tal-istudju baqgħu ma vverifikawhomx. Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF sostnew li anke meta kien sar l-istudju, kien magħruf li ċ-ċifri ma kinux realistiki.
- (249) Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF sostnew li l-FFHG ma kellhiex mudell ċar tan-negożju, li jista' jintwera mit-tidil li sar fil-pjanijiet għal żidiet fl-ajruport, bħal ċentri kummerċjali jew postijiet għal eskursjonijiet, li ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-operat tal-ajruport. Barra minn hekk, skont Lufthansa u l-BDF, id-dikjarazzjonijiet kontradittorji mill-FFHG li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn l-ewwel kellu jkun profittabbli sal-2005, imbagħad sal-2008 u mbagħad sal-2013, kollha jindikaw li ma kien qiegħed jiġi segwit l-ebda pjan konsistenti tan-negożju. Għalhekk, anke l-aħħar pronjosi li saret, jiġifieri li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien se jsir profittabbli mill-2016 'il quddiem, tidher dubjuża u apparentement din il-pronjosi kienet ibbażata wkoll fuq is-suppożizzjoni li kienu se jsiru investimenti sostanzjali ulterjuri. Madankollu, skont Lufthansa u l-BDF l-oriġini ta' dawn l-investimenti bl-ebda mod ma huwa ċar.
- (250) Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF qalu li, b'kuntrast ma' dak li qed tiddikjara l-Ġermanja, PwC ma pprovidietx MEOT xieraq peress li l-valutazzjoni tagħha ma tieħux inkunsiderazzjoni l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar mill-inqas żewġ punti.
- (251) L-ewwel nett, Lufthansa u l-BDF semmew l-argumentazzjoni tal-Ġermanja li t-telf akkumulat tal-FFHG jista' jiġi kkompensat minn Fraport bħala l-azzjonist tagħha. F'dan ir-rigward, Lufthansa u l-BDF argumentaw li mhuwiex importanti jekk it-telf jistax jiġi kkompensat fi ħdan grupp ta' kumpaniji, iżda jekk il-miżuri individwali meħuda bħala tali humiex miżuri li investitur fekonomija tas-suq kienx jadotta wkoll (jew le) u li għalhekk din l-argumentazzjoni ma kinitx aċċettabbli.
- (252) It-tieni nett, Lufthansa u l-BDF sostnew li l-argumentazzjoni fil-valutazzjoni minn PwC ma kinitx biżżejjed biex tipprowa li investitur fekonomija tas-suq kien jieħu l-istess deċiżjoni peress li, pereżempju fir-rigward tal-kuntratt ma' Ryanair tal-1999, PwC kienet argumentat li seta' jinkiseb tnaqqis tat-telf billi jiżdied il-volum ta' passiġġieri. Lufthansa u l-BDF irreferew għall-kawża *WestLB*, skont liema investitur fekonomija tas-suq normalment “*ifittex li jikseb ir-redditu massimu raġonevoli fuq l-investment tiegħu, skont iċ-ċirkostanzi partikolari u li jiġu ssodisfati l-interessi fuq perjodu qasir, medju u fit-tul tiegħu, anki meta jkun qiegħed jinvesti f'impriża li tagħha jkun diġà azzjonista*”⁽⁴⁰⁾. Lufthansa u l-BDF argumentaw li għalhekk tnaqqis fit-telf ma jkunx biżżejjed sabiex miżura tgħaddi mill-MEOT u

⁽⁴⁰⁾ Il-Kawża T-228 u 233/99 DEP — *Westdeutsche Landesbank Girozentrale vs Il-Kummissjoni* [2003] Ġabra II-00435, il-paragrafu 314.

għalhekk f'dan ir-rigward PwC kienet diġà injorat il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDG enfasizzaw li l-valutazzjoni ppreżentata fisem l-FFHG ma kinitx tinkludi MEOT propju peress li kienet tirreferi biss għat-test li sar minn PwC.

- (253) Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF ikkontestaw l-argument magħmul minn PwC fir-rigward taż-żidiet fil-kapital li perjodi twal ta' ippjanar ta' aktar minn 30 sena u amortizzazzjoni ta' investimenti ta' aktar minn 20 sena huma Prattika normali tan-negozju għal investimenti infrastrutturali (ara l-premessa 103 tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008). F'dan ir-rigward, Lufthansa u l-BDF sostnew li t-tqabbil li PwC għamlet ma' kuntratti ta' konċessjoni fl-ajruport ta' Budapest, fl-ajruporti Da Vinci u Campiano, fl-ajruport ta' Sparta u fl-ajruport tal-Belt ta' Belfast kienu kompletament indifendibbli peress li l-ebda ajruport ma kellu sitwazzjoni anke remotament komparabbli mas-sitwazzjoni tal-FFHG u l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Lufthansa u l-BDF argumentaw li b'differenza mill-ajruporti kollha msemmija minn PwC, Frankfurt Hahn kien ajruport militari u kien biss fl-1999 li fil-biċċa l-kbira beda jintuża għall-użu ċivili u mbagħad kien appoġġat minn żviluppi infrastrutturali li kienu eżatt skont il-ħtiġijiet ta' Ryanair. Skont Lufthansa u l-BDF, din hija r-raġuni għaliex l-analiżi tal-ekwilibrju mhijjex preċiża peress li l-ispejjeż għat-terminal ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni.
- (254) Abbażi tad-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 Lufthansa u l-BDF argumentaw ukoll li l-kumpens żejjed għat-tariffi tas-sigurtà kien jikkostitwixxi biċ-ċar għajjnuna mill-Istat. F'dan ir-rigward Lufthansa u l-BDF argumentaw li, l-ewwel nett, il-kontrolli tas-sigurtà ma kinux ġew akkwistati b'mod pubbliku. Skont Lufthansa u l-BDF, ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku ma kinux ġew segwiti u għalhekk, awtomatikament, is-servizz ma kienx inkiseb bl-aktar prezz vantaġġuż. It-tieni nett, Lufthansa u l-BDF argumentaw li, skont il-liġi Ġermaniża, dawn it-tariffi tas-sigurtà għandhom ikunu orjentati lejn l-ispejjeż attwali u neċessarji. Madankollu, Lufthansa u l-BDF enfasizzaw li bejn l-2003 u l-2008 it-tariffi fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu baqgħu fl-istess livell, filwaqt li l-ajruporti oħra setgħu jiġu osservati varjazzjonijiet fit-traffiku.
- (255) B'kuntrast mal-kummenti mill-Ġermanja dwar il-valutazzjoni legali, Lufthansa u l-BDF kienu tal-fehma li l-għajjnuna mogħtija minn Fraport lill-FFHG kienet oriġinat minn riżorsi tal-Istat. Skont Lufthansa u l-BDF, fil-karti tal-bilanċ annwali kollha tagħha bejn l-2001 u l-2006 Fraport kienet espressament ammettiet li minħabba ftehim ta' konsorzju bejn l-azzjonisti pubbliċi, hija "*impriża pubblika dipendenti*". F'dan ir-rigward, Lufthansa u l-BDF isostnu li skont is-sentenza fil-kawża *Stardust Marine* ⁽⁴¹⁾ u l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE ⁽⁴²⁾ hemm diversi indikazzjonijiet li juru li l-fondi ta' Fraport kienu riżorsi tal-Istat.
- (256) Barra minn hekk, Lufthansa u BDF jqisu li l-azzjonijiet ta' Fraport huma imputabbli wkoll lill-Istat. F'dan ir-rigward, Lufthansa u BDF irreferew għall-indikazzjonijiet ta' imputabbiltà bħall-fatt li l-laqgħa tal-azzjonisti tal-FFHG, jiġifieri l-*Land Rhineland-Palatinate* u Fraport, qablu dwar il-konklużjoni tal-ftehimiet ma' Ryanair. Barra minn hekk, Lufthansa u BDF sostnew li hemm relazzjoni temporali notevoli bejn it-tieni żieda fil-kapital u l-applikazzjoni għar-rikonossiment ta' sistema ajruportwali komuni fl-2005. Skont Lufthansa u BDF, fi żmien ġimagħtejn l-azzjonisti tal-FFHG kienu ddeċidew dwar iż-żieda fil-kapital, li solviet id-diffikultajiet finanzjarji tal-FFHG, u l-applikazzjoni sussegwenti mill-Ġermanja għal ajruport komuni. Lufthansa u BDF għalhekk sostnew li l-azzjonisti pubbliċi għamlu din l-applikazzjoni possibbli permezz taż-żieda ġdida fil-kapital.
- (257) Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF sostnew li l-ebda investitur fekonomija tas-suq ma kien jifinanzja l-FFHG u jinvesti fiha, minħabba li skont il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, investitur fekonomija tas-suq huwa dejjem orjentat lejn il-profit. Sempliċi tnaqqis fit-telf mhuwiex biżżejjed biex jikkonvinċi lil investitur fekonomija tas-suq u kieku dan ma kienx iqis kunsiderazzjonijiet soċjali jew politiċi lokali.
- (258) Fl-aħħar nett, Lufthansa u l-BDF sostnew li skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 kif ukoll skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, l-għajjnuna li nġhatat lill-FFHG għal infrastruttura ġdida, kif ukoll l-għajjnuna li nġhatat lil Ryanair huma inkompatibbli mas-suq intern. F'dan ir-rigward, Lufthansa u l-BDF sostnew li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda konverżjoni ta' ajruport militari, peress li l-ajruport kien inbena 6 snin wara t-tmiem tal-użu militari. Barra minn hekk, huma sostnew li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx naqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main u speċjalment li kien dubjuż jekk l-ajruport kienx għen l-iżvilupp fir-reġjun u kienx

⁽⁴¹⁾ Is-sentenza *Stardust Marine*, il-paragrafu 33-34.

⁽⁴²⁾ Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar trasparenza fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn Stati Membri u intrapriżi pubbliċi kif ukoll dwar trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti intrapriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

ħoloq impjiegi hemmhekk. Skont Lufthansa u l-BDF, fi kwalunkwe każ dan l-argument ma jiġġustifikax l-għajnuna peress li l-ġenerazzjoni tal-impjiegi bdiet biss fl-1999, sitt snin wara li kien intemm l-użu militari tal-ajruport. Anki kieku wieħed kellu jaċċetta dan bħala ġustifikazzjoni, iċ-ċifri mogħtija mill-FFHG fl-istudji tagħha jkunu qegħdin jissopravalutaw l-effetti fuq l-ekonomija u fuq il-ħolqien tal-impjiegi.

- (259) Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF sostnew li r-ribassi mogħtija permezz tal-imposti ajruportwali għal għadd ta' passiġġieri ta' bejn 1 u 3 miljun jew aktar kienu diskriminatorji. Lufthansa u l-BDF argumentaw li Ryanair biss kienet eliġibbli għal dawn ir-ribassi peress li kienet l-unika linja tal-ajru li kienet qiegħda tiġġenera dak l-ammont ta' passiġġieri u l-ajruport ta' Frankfurt Hahn lanqas biss kellu l-kapaċità li jospita linja tal-ajru oħra li setgħet tipprovdi dan l-ammont ta' passiġġieri. Skont il-Lufthansa u l-BDF, l-għoti tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni kien diskriminatorju wkoll peress li l-proporzjon tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jiddependi fuq l-għadd ta' passiġġieri li l-linja tal-ajru tkun diġà ġabet fl-ajruport u fuq l-għadd ta' destinazzjonijiet diġà offruti mil-linja tal-ajru fl-ajruport. Peress li dawn il-fatturi ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-ammont ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni għal destinazzjonijiet ġodda, din is-sistema se tipprovdi ammont ħafna ogħla ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni lil Ryanair, li skont il-Lufthansa u l-BDF ma jistax jiġi ġustifikat.
- (260) Fir-rigward tal-għajnuna operatorja għall-ajruport, Lufthansa u l-BDF enfasizzaw li huwa ovvju li l-approċċ ta' ħlas wieħed li ġie applikat fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma jaħdimx peress li b'mod ġenerali d-dħul ma jistax ikopri t-telf. Għalhekk, il-kumpens ta' dan it-telf permezz tal-finanzjament tal-FFHG jikkostitwixxi għajnuna operatorja.
- (261) Fir-rigward tal-għajnuna lil Ryanair, Lufthansa u l-BDF qalu li Ryanair irċeviet vantaġġi permezz tal-imposti ajruportwali u mill-ftehimiet mal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Lufthansa u l-BDF sostnew li l-ebda investitur f'ekonomija tas-suq ma kien jieħu dawn il-miżuri peress li huwa ovvju li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma jistax jopera bi profitt fuq din il-bażi. Lufthansa u l-BDF sostnew li permezz tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 u tal-2006, Ryanair kienet inġhatat vantaġġ addizzjonali fil-forma ta' tnaqqis addizzjonali mogħti fir-rigward tal-volum totali ta' passiġġieri li jtilqu mal-linja tal-ajru.
- (262) Lufthansa u l-BDF argumentaw li, peress li Fraport għandha titqies bħala impriża pubblika, l-FFHG hija impriża ta' proprjeta' pubblika u għalhekk ir-riżorsi tagħha għandhom jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat. Skont il-Lufthansa u l-BDF, il-vantaġġi mogħtija mill-FFHG lil Ryanair huma imputabbli wkoll lill-Istat, peress li l-PLTA jinkludi wkoll ftehim ta' kontroll ("*Beherrschungsvertrag*") u l-azzjonisti pubbliċi jistgħu jaffettwaw l-imġiba tal-FFHG. F'dan ir-rigward, il-Lufthansa u l-BDF argumentaw li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll li l-maniġer tal-FFHG huwa dejjem impjegat ta' Fraport.
- (263) Lufthansa u l-BDF argumentaw li l-ebda għajnuna lil Ryanair ma hija kompatibbli mas-suq intern. Il-ftehimiet ma' Ryanair u l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 għandhom jiġu vvalutati direttament skont l-Artikolu 107(3) (c) tat-Trattat. F'dan ir-rigward, id-deċizzjoni tal-Kummissjoni f'*Chareloi*⁽⁴³⁾ għandha tittieħed ukoll inkunsiderazzjoni. Fuq din il-bażi Lufthansa u l-BDF iddikjaraw li l-għajnuna lil Ryanair ma setgħetx tiġi ġġustifikata peress li kienet parzjalment tikkostitwixxi għajnuna operatorja, li ma tistax tiġi affattu ġustifikata, u parzjalment għajnuna tal-bidu, li ma kienet issegwi l-ebda għan leġittimu u ma kinitx inġhatat b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Barra minn hekk, Lufthansa u l-BDF qalu li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 mhijiex kompatibbli mal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005, peress li l-kundizzjonijiet għall-kompatibbiltà fil-punt 79 tal-linji gwida ma ġewx issodisfati fir-rigward tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni u l-għajnuna operatorja mogħtija permezz tat-tariffi tal-passiġġieri. Il-Lufthansa u l-BDF spjegaw li dan huwa minħabba li l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni huwa diskriminatorju, u li t-tariffi tal-passiġġieri ma għandhomx żmien limitat u ma għandhom l-ebda effett ta' inċentiv. Barra minn hekk, skont Lufthansa u l-BDF l-għajnuna kollha li nġhatat lil Ryanair hija ta' natura kumulattiva u għalhekk mhijiex konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà. Għalhekk, fil-fehma tagħhom, għandha titqies bħala inkompatibbli mas-suq intern.

6.3. ASSOĊJAZZJONI TAL-LINJI TAL-AJRU EWROPEJ (AEA)

- (264) L-AEA qalet li l-fatt li l-FFHG ilha tagħmel telf minn mindu fetħet u li d-data mħabbra għall-punt ta' ekwilibriju kontinwament tiġi posposta turi li l-mudell kummerċjali huwa xejn ħlief dubjuż u li hemm nuqqas ta' rispett sfaċċat tal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

⁽⁴³⁾ Il-Kawża T-196/04 *Ryanair vs Il-Kummissjoni* (minn hawn 'il quddiem: "is-sentenza *Charleroi*") [2008] Ġabra II-3643.

- (265) Dwar l-ghajjnuna possibbli lil Ryanair, l-AEA kienet tal-fehma li din l-ghajjnuna kellha effetti negattivi għal-linji tal-ajru li jikkompetu u li l-ftehimiet ma' Ryanair kienu jikkostitwixxu miżuri diskriminatorji. Skont l-AEA, dawn il-ftehimiet huma diskriminatorji peress li l-konklużjoni tagħhom taħbat mal-bidu tal-użu kummerċjali tal-ajruport, li jfisser li l-ajruport kien ġie magħmul apposta għall-bżonnijiet ta' Ryanair.

6.4. AIR FRANCE

- (266) Air France rrimarkat b'mod ġenerali li tappoġġa bis-sħiħ l-azzjoni tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet ta' ghajjnuna mill-Istat fis-settur tal-avjazzjoni. B'mod aktar speċifiku fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, Air France qablet mal-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni li l-miżuri favur l-FFHG u Ryanair kienu jkkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat. B'mod partikolari Air France temmen li t-tliet ftehimiet kummerċjali ma' Ryanair jkkostitwixxu miżura diskriminatorja ċara peress li l-ebda linja oħra tal-ajru li topera fl-istess sistema ajruportwali qatt ma ġiet offruta l-istess kundizzjonijiet. Għalhekk, Air France kkonkludiet li inevitabbilment dawn il-miżuri kienu qegħdin jikkontribwixxu għal tfixkil sinifikanti tal-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi fl-UE fis-suq intern.

6.5. KUMMENTI PPREŻENTATI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-LINJI GWIDA TAL-AVJAZZJONI TAL-2014 GĦALL-KAŻ PENDENTI

6.5.1.1. Lufthansa

- (267) Lufthansa qalet li l-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005 jikkostitwixxu ghajjnuna inkompatibbli mill-Istat u tipprovdi aktar kummenti dwar il-ftehimiet rispettivi.
- (268) Fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999, Lufthansa rrilevat li meta jiġi applikat l-MEOT għandu jittieħed kont sħiħ tal-ispejjeż għat-Terminal 1 fl-ajruport. Sabiex tappoġġa dan, Lufthansa tirreferi għad-dikjarazzjoni ta' Ryanair f'seduta parlamentari. Skont Lufthansa, Ryanair kienet iddikjarat li l-ajruport kien inbena għalihom. Lufthansa kkontestat li proporzjon tal-ispiża tat-terminal seta' jiġi attribwit ukoll lil linji tal-ajru oħra.
- (269) Fil-fehma ta' Lufthansa, l-MEOT li sar minn PwC għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002 jissottovaluta l-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni għall-ftuħ ta' rotot ġodda fl-2002. Skont il-Lufthansa kien pubblikament magħruf li fl-2002 kienu se jinfetħu mill-inqas 7 rotot ġodda. Għalhekk, Lufthansa qalet li l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni kien ġie sottovalutat b'minn tal-inqas EUR [...] fl-2002.
- (270) Fir-rigward tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005, Lufthansa qalet li l-previżjonijiet dwar il-volum ta' passiġġieri li fuqhom kien ibbażat l-MEOT tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005 jidhru li kienu sopravvalutati. Lufthansa qalet li fl-aġġar każ l-ajruport kien qiegħed jistenna li bejn l-2006 u l-2012 Ryanair kienet se ġġib 3 miljun passiġġier. Madankollu, skont Lufthansa dawn l-aspettattivi ma kinux ibbażati fuq impenn reali min-naħa ta' Ryanair.
- (271) Barra minn hekk, Lufthansa qalet li fl-2005 *Land* Rheinland-Palatinat u Ryanair ikkonkludew ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni li mhuwiex parti mid-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2008. ⁽⁴⁴⁾ Skont Lufthansa, il-ftehim jagħti lil Ryanair appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' mill-inqas EUR [...] miljun fis-sena.
- (272) Fir-rigward tal-ghajjnuna lill-ajruport għall-finanzjament tal-infrastruttura, Lufthansa hija tal-fehma li l-infrastruttura hija ddedikata lil Ryanair u għalhekk il-kriterji ta' kompatibbiltà fil-linji gwida ma japplikawx.

⁽⁴⁴⁾ Lanqas il-ftehim ta' kummerċjalizzazzjoni tal-2005 ma kien imsemmi fid-deċizzjoni tal-ftuħ tal-2011.

6.5.1.2. *It-Trasport u l-Ambjent*

- (273) Din l-organizzazzjoni mhux governattiva għamlet kummenti li fihom ikkritikat il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-industrija tal-avjazzjoni sa issa, għall-effetti allegatament negattivi tagħhom fuq l-ambjent.

7. KUMMENTI MILL-ĠERMANJA DWAR IL-KUMMENTI MINN PARTIJET TERZI

7.1. DWAR IL-KUMMENTI MINN RYANAIR

- (274) Dwar il-kummenti minn Ryanair, il-Ġermanja qalet li dawn jappoġġjaw b'mod komprensiv l-osservazzjonijiet tagħha u ssupplimentat dawn min-naħa tal-linja tal-ajru. Skont il-Ġermanja, il-kummenti ta' Ryanair jenfasizzaw speċjalment li l-kuntratti ma' Ryanair huma l-istess li kieku kien jikkonkludi investitur fekonomija tas-suq u li fil-fatt ħafna ajruporti Ewropej oħra kkonkludew ftehimiet simili ma' Ryanair.
- (275) Barra minn hekk, il-Ġermanja enfasizzat li skont Ryanair l-imposti ajruportwali stabbiliti mill-FFHG kienu assolutament normali fis-settur tat-trasportaturi bi prezzijiet irħas u ma kinux speċjalment vantaġġu għal Ryanair.

7.2. DWAR IL-KUMMENTI MINN LUFTHANSA U L-BDF

- (276) Dwar il-kummenti minn Lufthansa, il-Ġermanja ħadhet l-argument li r-riżultati tal-istudju ppreżentat dwar l-effetti tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn fuq l-ekonomija reġjonali u fuq l-għadd ta' impjegji li nħolqu huma dubjużi u minflok enfasizzat li l-istudju huwa bbażat fuq ir-riċerka ekonomika b'bażi soda li saret mill-awturi esperti. Il-Ġermanja rrilevat li naturalment iċ-ċifri fl-istudju huma previżjoni u mhux neċessarjament dejjem se jikkorrispondu maċ-ċifri realizzati fil-verità, speċjalment fil-kuntest tal-kriżi ekonomika dinjija. Skont il-Ġermanja, il-previżjoni kienet realistika fil-mument tal-pubblikazzjoni u wasslet biex, minn perspettiva *ex ante*, PwC tikkonkludi li l-FFHG kienet aġixxiet bħala investitur fekonomija tas-suq.
- (277) Il-Ġermanja ħadhet ukoll id-dubji ta' Lufthansa u tal-BDF li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx se jilħaq il-profittabbiltà. Il-Ġermanja qalet li l-previżjoni dwar meta se tinkiseb il-profittabbiltà jista' jkun li jkollha tiġi adattata minħabba diversi fatturi, bħad-deċiżjonijiet dwar l-investimenti u l-espansjoni tal-impriża. Fi kwalunkwe każ, PwC ippreżentat valutazzjonijiet affidabbli li juru li l-miżuri kollha taħt investigazzjoni kienu ekonomikament raġonevoli.
- (278) Skont il-Ġermanja, id-dikjarazzjoni minn Lufthansa u mill-BDF li ma teżisti l-ebda ġustifikazzjoni reali għall-MEOT hija għalhekk bla bażi, speċjalment peress li Lufthansa ma kellhiex aċċess għall-MEOT ta' PwC.
- (279) Dwar iż-żidiet fil-kapital, il-Ġermanja qalet li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx ingħalaq; pjuttost, l-ajruport ilu mill-1993 jintuża għall-avjazzjoni ċivili u sa dak il-waqt tal-involviment ta' Fraport. Il-Ġermanja tispjega li għalhekk l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx proġett biex Ryanair tingħata ajruport, kif allegat Lufthansa, iżda kien iddisinjat bħala ajruport *low-cost* biex jintuża skont kundizzjonijiet ugwali u mhux diskriminatorji minn kwalunkwe linja tal-ajru. Skont il-Ġermanja huwa normali li ċerti linji tal-ajru jużaw ċerti ajruporti aktar minn oħrajn. Fil-fatt, Lufthansa stess għandha pereżempju terminal esklussiv fl-ajruport ta' Munich.
- (280) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni fir-rigward tal-iskema ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni. Il-livelli ta' appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni mogħtija kienu ġew stabbiliti b'mod raġonevoli u mhux diskriminatorju. Il-ħlas tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni f'pagamenti, kif ikkritikat minn Lufthansa u mill-BDF, serva biss biex jiġu minimizzati r-riskji fil-każ li rotta terġa' tingħalaq ftit wara li tkun infetħet. Il-Ġermanja argumentat li dan il-periklu ma kienx ikun preżenti bl-istess mod li kieku linja tal-ajru kienet diġà preżenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn u kienet diġà sservi aktar minn miljun passiġġier. Barra minn hekk, skont il-Ġermanja, Ryanair ma rċeviet l-ebda appoġġ sigriet jew mhux iġġustifikat għall-kummerċjalizzazzjoni mingħand l-FFHG.

- (281) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk kienx hemm xi għajnuna li kienet geġja minn riżorsi tal-Istat, il-Ġermanja argumentat li b'kuntrast ma' dak allegat minn Lufthansa u mill-BDF, ma setgħet tingħibed l-ebda konklużjoni mill-karti tal-bilanċ annwali ta' Fraport li fihom l-impriża ddikjarat li hija "*impriża pubblika dipendenti*". Din id-dikjarazzjoni sempliċiment għet inkluża fir-rapport finanzjarju annwali sabiex tiġi ppreżentata r-relazzjoni lill-impriżi u lill-persuni qrib Fraport, iżda ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-valutazzjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Fi kwalunkwe każ, minn din l-applikazzjoni ma tista' tiġi dderivata l-ebda imputabbiltà għaż-żidiet fil-kapital lill-Istat.
- (282) Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna mogħtija lill-FFHG tkunx kompatibbli mas-suq intern, il-Ġermanja qalet li l-argument ta' Lufthansa u tal-BDF li użu ċivili beda sempliċiment sitt snin wara t-terminazzjoni tal-użu militari ma jkunx korrett u huwa wkoll irrilevanti. L-użu ċivili kien beda direttament fl-1993 u l-infrastruttura għall-użu ċivili kienet diġà hemm. L-espansjoni tal-infrastruttura sabiex l-ajruport ikun lest għat-traffiku kummerċjali tal-passiġġieri kienet inevitabbli.
- (283) Il-Ġermanja ħadhet l-argument ta' Lufthansa u tal-BDF li ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx għen biex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main u enfasizzat li Lufthansa u l-BDF ma kinux issostanzjaw l-allegazzjoni tagħhom b'xi evidenza.
- (284) B'mod speċjali, il-Ġermanja opponiet l-argument ta' Lufthansa u tal-BDF li ma kienx ċar jekk l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienx iġġenera għadd kbir ta' impjegi. F'dan ir-rigward il-Ġermanja argumentat li ma jistax jiġi ddebitat li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu influwenza konsiderevoli fuq l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun strutturalment dgħajef madwaru.
- (285) Barra minn hekk, il-Ġermanja ħadhet l-allegati effetti diskriminatorji tat-tariffi fuq il-passiġġieri u tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni min-naħa ta' Lufthansa u mill-BDF. Il-Ġermanja kienet żgurat li dawn kienu ġew stabbiliti abbażi ta' konsiderazzjonijiet u kalkoli ekonomiċi u kienu disponibbli għal-linji tal-ajru b'mod uniformi u mhux diskriminatorju.
- (286) Fl-aħħar nett il-Ġermanja ħadhet id-dubji mqajma minn Lufthansa u mill-BDF fir-rigward tal-approċċ ta' ħlas wieħed fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja qalet li kif intwera mill-MEOT li sar minn PwC, dan l-approċċ kien ekonomikament ġustifikat, u li kieku t-tariffi fuq il-passiġġieri kienu jkunu tant għoljin biex mill-bidu jiġi garantit operat profittabbli tal-ajruport, ma kienx ikun possibbli li jiġu attirati linji tal-ajru lejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn.
- (287) Dwar id-dikjarazzjonijiet li Lufthansa u l-BDF ippreżentaw fir-rigward tal-għajnuna mogħtija lil Ryanair permezz tal-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005, il-Ġermanja rreferiet għall-MEOTs dettaljati li saru minn PwC u ddikjarat li dawn il-ftehimiet ma jstgħux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat peress li huma konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. Skont il-Ġermanja, il-kalkoli ppreżentati minn Lufthansa u mill-BDF huma implawsibbli u huma bbażati fuq ċifri żbaljati dwar il-passiġġieri. Għal darb'oħra l-Ġermanja enfasizzat li ma kienx possibbli li ajruport bħal Frankfurt Hahn jiġi operat bi profit mill-bidu nett, iżda biss fuq perjodu medju sa fit-tul.
- (288) Il-Ġermanja qalet ukoll li d-dubji mqajma minn Lufthansa u mill-BDF fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-għajnuna lil Ryanair tistax tkun ġustifikata kienu infondati. Barra minn hekk il-Ġermanja argumentat li anke kieku l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni kien jikkostitwixxi vantaġġ għal Ryanair, li ma kienx, skont il-Ġermanja, anki f'dak il-każ dik l-għajnuna kienet tkun kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-premessa 79 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

7.3. DWAR IL-KUMMENTI MILL-AIR FRANCE U MILL-AEA

- (289) Dwar il-kummenti mill-AEA l-Ġermanja indikat li dawn ma kienu sostanzjati bl-ebda evidenza. Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li anki jekk, kif iddikjarat l-AEA, kien hemm effetti negattivi għall-ajruporti li jikkompetu, allura dawn l-ajruporti ma kinux ilmentaw dwar dan u saħansitra lanqas ma kkummentaw dwar id-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008.

8. VALUTAZZJONI: L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA

- (290) Permezz tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat "... kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal tfixkil jew theddida ta' tfixkil għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti għandha, safejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern."
- (291) Il-kriterji stipulati fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat huma kumulattivi. Għalhekk, sabiex jiġi stabbilit jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxi għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, jeħtieġ li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin. Dan ifisser li l-appoġġ finanzjarju għandu:
- (a) jingħata mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat;
 - (b) jiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti;
 - (c) ifixkel jew jhedded li jfixkel il-kompetizzjoni; u
 - (d) jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1. NATURA TAL-GĦAJNUNA TAL-MIŻURI MOGħTIJA LILL-AJRUPORT**8.1.1. MIŻURA 1: PLTA TAL-2001****L-APPLIKABILITÀ TAR-REGOLI DWAR L-GĦAJNUNA MILL-ISTAT LILL-AJRUPORTI**

- (292) Il-Ġermanja ssostni li l-PLTA tal-2001 daħal fis-seħħ qabel il-finanzjament pubbliku tal-ajruporti kien meqjus li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u baqa' l-istess sakemm ġie sostitwit mill-PLTA tal-2004.
- (293) Għalhekk, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tistabbilixxi jekk ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kinux applikabbli għall-PLTA tal-2001 fiż-żmien meta ġie konkluż. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tfakkar li miżura ta' għajnuna tikkostitwixxi għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 fejn jista' jiġi stabbilit li fiż-żmien meta ddaħħlet fis-seħħ il-miżura ta' għajnuna, hija ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u, sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq komuni u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Membru.
- (294) Tabilħaqq, fil-passat, l-iżvilupp tal-ajruporti kien spiss determinat minn kunsiderazzjonijiet purament territorjali jew, f'xi każijiet, minn rekwiżiti militari. L-operat tal-ajruporti kien organizzat bħala parti mill-amministrazzjoni aktar milli bħala impriża kummerċjali. Il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti u l-operaturi tal-ajruporti kienet limitata wkoll u żviluppat gradwalment. Meta wieħed iqis dawk il-kundizzjonijiet, għal xi żmien il-Kummissjoni kienet tqis il-finanzjament mill-Istat tal-ajruporti u tal-infrastruttura ta' ajruport bħala miżura ġenerali ta' politika ekonomika li ma setgħetx tiġi kkontrollata skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tat-Trattat.
- (295) Madankollu, l-ambjent tas-suq inbidel. Fis-sentenza *Aéroports de Paris*, il-Qorti Ġenerali qalet li l-operat ta' ajruport, li jinkludi l-forniment ta' servizzi fl-ajruport lil-linji tal-ajru u lid-diversi fornituri tas-servizz fl-ajruporti, jikkostitwixxi attività ekonomika.⁽⁴⁵⁾ Konsegwentement, mill-adozzjoni tal-imsemmija sentenza (it-12 ta' Diċembru 2000) ma għadux aktar possibbli li l-operat u l-bini ta' ajruporti jitqiesu bħala komputu li jitwettaq mill-amministrazzjoni taħt ir-responsabbiltà pubblika, barra mill-ambitu ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

⁽⁴⁵⁾ Il-Kawża T-128/98 *Aéroports de Paris vs Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-3929 (ikkonfermata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-82/01 P [2002] Ġabra I-9297, il-paragrafu 75 b'referenzi ulterjuri).

- (296) Fis-sentenza tagħha *Leipzig/Halle Airport*, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li *a priori* mhuwiex possibbli li tiġi eskluża l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat lill-ajruporti peress li l-operat ta' ajruport u l-bini tal-infrastruttura tal-ajruport huwa attività ekonomika.⁽⁴⁶⁾ Ladarba operatur ta' ajruport jinvolvi ruħu f'attivitajiet ekonomiċi, irrispettivament mill-istatus legali tiegħu jew mill-mod kif jiġi ffinanzjat, jikkostitwixxi impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat u, għalhekk japplikaw ir-regoli tat-Trattat dwar l-ghajjnuna mill-Istat.⁽⁴⁷⁾
- (297) L-FFHG kienet involuta fil-kostruzzjoni, fil-manutenzjoni u fl-operat tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. F'dan il-kuntest, offriet servizzi ajruportwali u ċċarġjat lill-utenti — operaturi tal-avjazzjoni kummerċjali kif ukoll utenti ġenerali tal-avjazzjoni mhux kummerċjali — għall-użu tal-infrastruttura tal-ajruport, u b'hekk sfruttat kummerċjalment l-infrastruttura. Għalhekk, għandu jiġi konkluż li l-FFHG ilha mid-data tas-sentenza *Aéroports de Paris* (jiġifieri mit-12 ta' Diċembru 2000) 'il quddiem involuta f'attività ekonomika.
- (298) Madankollu, fid-dawl tal-iżviluppi (kif stabbilit fil-premessi minn 294 sa 296) il-Kummissjoni tqis li, qabel is-sentenza tal-Qorti Ġenerali f'*Aéroports de Paris*, l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li l-miżuri ta' finanzjament fir-rigward ta' ajruporti ma kinux jikkostitwixxu ghajjnuna mill-Istat u għaldaqstant ma kellhomx bżonn jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ma tistax tiddubita miżuri individwali ta' finanzjament (li ma kinux ingħataw abbażi ta' skema ta' ghajjnuna⁽⁴⁸⁾) li kienu ġew adottati b'mod definittiv qabel is-sentenza f'*Aéroports de Paris* skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat.
- (299) Għaldaqstant, il-Kummissjoni trid l-ewwel tivvaluta jekk il-PLTA tal-2001 kienx daħal fis-seħħ qabel is-sentenza f'*Aéroports de Paris* (it-12 ta' Diċembru 2000) u t-tieni jekk aktar tard dik il-miżura ġietx emendata.
- (300) Il-PLTA tal-2001 kien ġie miftiehem b'mod irrevokabbli fil-31 ta' Awwissu 1999 u ġie kkonfermat f'att notarili tal-24 ta' Novembru 2000. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-PLTA tal-2001 kien daħal fis-seħħ b'mod irrevokabbli qabel is-sentenza *Aéroports de Paris*. Barra minn hekk, il-PLTA tal-2001 baqa' l-istess sakemm ġie sostitwit mill-PLTA tal-2004.
- (301) Għalhekk, dak iż-żmien l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li PLTA biex jiġi kopert it-telf annwali tal-FFHG ma kienx jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat.

KONKLUŻJONI

- (302) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi 292 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li, fiż-żmien li ddaħħal fis-seħħ il-PLTA tal-2001, l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li PLTA biex jiġi kopert it-telf annwali tal-FFHG ma kienx jikkostitwixxi ghajjnuna mill-Istat.

8.1.2. MIŻURA 2: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2001

- (303) Fl-2001, Fraport u *Land Rhineland-Palatinate* żiedu l-kapital tal-FFHG b'EUR 27 miljun. Fraport ikkontribwiet EUR 19,7 miljun; *Land Rhineland-Palatinate* kkontribwiet EUR 7,3 miljun. Iż-żieda fil-kapital ġiet l-ewwel approvata mill-bord superviżorju ta' Fraport (fir-rigward tal-kontribuzzjoni tagħha) fl-14 ta' Diċembru 2001 u sussegwentement b'riżoluzzjoni tal-azzjonisti tal-FFHG datata d-9 ta' Jannar 2002.⁽⁴⁹⁾ Iż-żieda fil-kapital minn Fraport u minn *Land* saret effettiva fid-9 ta' Jannar 2002.

⁽⁴⁶⁾ Il-Kawża T-455/08 *Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle vs Il-Kummissjoni*, [2011] Ġabra II-01311, partikolarment il-paragrafi 105 u 106;

⁽⁴⁷⁾ Ara b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2008 fil-kawża C-29/08 *L-ajruport ta' Frankfurt-Hahn — Ghajjnuna mill-Istat allegata lill-ajruport u l-ftehim ma' Ryanair* (ĠU C 12, 17.1.2009, p. 6), il-paragrafi 204 — 208; id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Marzu 2012 fil-kawża C 76/2002 *L-ajruport ta' Charleroi — Allegata ghajjnuna mill-Istat lill-ajruport u Ryanair* (ĠU C 248, 17.8.2012, p. 1).

⁽⁴⁸⁾ L-Artikolu 1(d) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 jistipula li "skema ta' ghajjnuna" għandha tfisser kull att li abbażi tiegħu, mingħajr ma jkun meħtieġa miżuri implimentattivi oħra, jistgħu jingħataw ghajjnuniet individwali lill-impriżi definiti fi ħdan l-att f'manjiera ġenerali u astratta u kull azzjoni li abbażi tagħha ghajjnuna li mhijiex magħquda ma' proġett speċifiku tista' tingħata lil waħda jew ħafna impriżi għal perjodu ta' żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit.

⁽⁴⁹⁾ Rapport dwar il-qagħda tal-FFHG tal-2002, paġna 5.

8.1.2.1. *Il-kunċett ta' impriża u ta' attività ekonomika*

- (304) Kif ġie analizzat fil-premessa 293 u dawk segwenti, mit-12 ta' Diċembru 2000, l-FFHG trid titqies bħala impriża li teżerċita attività ekonomika għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.2.2. *Ir-riżorsi tal-istat u l-imputabbiltà lill-istat*

- (305) Sabiex jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, il-miżuri inkwistjoni jridu jkunu ffinanzjati mir-riżorsi tal-Istat u d-deċiżjoni biex tingħata l-miżura għandha tkun imputabbli lill-Istat.
- (306) Il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat japplika għal kull vantaġġ mogħti permezz ta' riżorsi tal-Istat mill-Istat innifsu jew minn xi korp intermedjarju li jaġixxi permezz ta' setgħat mogħtija lilu.⁽⁵⁰⁾ Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, ir-riżorsi ta' awtoritajiet lokali huma riżorsi tal-Istat.⁽⁵¹⁾ F'dak ir-rigward, hija Prattika kostanti tal-Kummissjoni li tqis li irrispettivament minn jekk impriża pubblika hiji tagħmel telf jew profitt, ir-riżorsi kollha tagħha għandhom jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat.⁽⁵²⁾

Is-sehem ta' Land Rhineland-Palatinate fiż-żieda fil-kapital tal-2001

- (307) *Land Rhineland-Palatinate* ffinanzjat is-sehem tagħha fiż-żieda fil-kapital tal-2001 direttament mill-baġit ġenerali tagħha. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li din il-miżura hija ffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat u anke imputabbli lill-Istat.

Is-sehem ta' Fraport fiż-żieda fil-kapital tal-2001

Riżorsi tal-Istat

- (308) Fl-opinjoni tal-Ġermanja, is-sehem ta' Fraport fiż-żieda fil-kapital tal-2001 ma jikkwalifikax bħala finanzjament minn riżorsi tal-Istat peress li dak iż-żmien Fraport kienet kumpanija inkorporata indipendenti taħt id-dritt privat ikkwotata fil-Borża u l-awtoritajiet pubbliċi ma kienu qegħdin jeżerċitaw l-ebda kontroll kontinwu fuq il-fondi tagħha.
- (309) Skont il-każistika, ir-riżorsi ta' impriża għandhom jitqiesu riżorsi tal-Istat jekk l-Istat ikun jista', billi jeżerċita kontroll fuq dawn l-impriżi, jidderieġi l-użu tar-riżorsi tagħhom.⁽⁵³⁾
- (310) Il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ, f'kull ħin rilevanti l-Istat eżerċita kontroll dirett jew indirett fuq ir-riżorsi taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni tinnota li, fil-mument tad-deċiżjoni irrevokabbli dwar iż-żieda fil-kapital tal-2001, Fraport kienet kumpanija fil-maġġoranza proprjetà pubblika. Qabel il-11 ta' Ġunju 2001, l-azzjonisti pubbliċi kienu jikkontrollaw 100 % tal-ishma ta' Fraport.⁽⁵⁴⁾ Fil-11 ta' Ġunju 2001, Fraport ġiet ikkwotata fil-Borża u 29,71 % tal-ishma tagħha nbiegħu lill-azzjonisti privati. Wara dan, *Land Hesse* kienet tikkontrolla 32,04 % tal-ishma, *Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH* (100 % posseduta mill-muniċipalità ta' Frankfurt am Main) kienet tikkontrolla 20,47 % tal-ishma u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet tikkontrolla 18,32 % tal-ishma.
- (311) Għalhekk, bejn il-11 ta' Ġunju 2001 u s-26 ta' Ottubru 2005, 70,29 % tal-ishma ta' Fraport kienu kkontrollati minn azzjonisti pubbliċi u għalhekk tikkwalifika bħala impriża pubblika fis-sens tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2006/111/KE. Barra minn hekk, il-fatt li l-maġġoranza tal-ishma ta' Fraport kienu kkontrollati minn korpi pubbliċi fisser li dawn kienu fpożizzjoni li jeżerċitaw influwenza dominanti fuq Fraport.
- (312) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe injezzjoni ta' kapital mogħtija mir-riżorsi ta' Fraport kienet se tkun t'fisser telf ta' riżorsi tal-Istat, u b'hekk tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

⁽⁵⁰⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni* ("*Stardust Marine*") [2002] Ġabra I-4397.

⁽⁵¹⁾ Il-Kawżi konġunti T-267/08 u T-279/08, *Nord-Pas-de-Calais* [2011], għadhom mhux ippubblikati, il-paragrafu 108.

⁽⁵²⁾ Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C 41/2005, *Hungarian Stranded Costs* (ĠU C 324, 21.12.2005, p. 12), b'referenzi ulterjuri.

⁽⁵³⁾ *Stardust Marine*, il-paragrafi 52 u 57.

⁽⁵⁴⁾ *Land Hesse* kienet tikkontrolla 45,24 % tal-ishma ta' Fraport, *Stadtwerke Frankfurt am Main Holding GmbH* (100 % posseduta mill-muniċipalità ta' Frankfurt am Main) kienet tikkontrolla 28,89 % u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet tikkontrolla 25,87 %.

Imputabbiltà lill-Istat

- (313) Madankollu, il-Qorti ddeċidiet ukoll li, anki jekk l-Istat huwa f'pożizzjoni li jeżerċita kontroll fuq impriża pubblika u fuq l-operazzjonijiet tagħha, l-eżerċizzju attwali ta' dak il-kontroll f'każ partikolari ma jistax jiġi awtomatikament preżunt. Impriża pubblika tista' taġixxi b'aktar jew anqas indipendenza, skont il-grad ta' awtonomija mogħtija lilha mill-Istat.
- (314) Għalhekk, is-sempliċi fatt li impriża pubblika tkun taħt il-kontroll tal-Istat mhuwiex biżżejjed sabiex il-miżuri li jittieħdu minn dik l-impriża, bħall-finanzjament mogħti lill-FFHG permezz taż-żieda fil-kapital tal-2001, ikunu imputabbli lill-Istat. Huwa wkoll neċessarju li jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet pubbliċi għandhomx jitqiesu bħala li, b'xi mod jew ieħor, kienu involuti fl-adozzjoni ta' din il-miżura. F'dak ir-rigward, il-Qorti indikat li l-imputabbiltà lill-Istat ta' miżura meħuda minn impriża pubblika tista' tiġi dedotta minn sett ta' indikaturi li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kuntest li fih tkun ittieħdet dik il-miżura. ⁽⁵⁵⁾
- (315) Dawn l-indikaturi jistgħu jkunu l-integrazzjoni tal-impriża fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet tagħha u l-eżerċizzju ta' dawn fuq is-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, l-istat legali tal-impriża (fis-sens jekk ikunx soġġett għal-liġi pubblika jew għal-liġi ordinarja tal-kumpaniji), l-intensità tas-sorveljanza eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-ġestjoni tal-impriża, jew kwalunkwe indikatur ieħor li juri, fil-każ partikolari, involviment mill-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura jew l-improbabbiltà li ma jkunux involuti, billi jitqies ukoll l-ambitu tal-miżura, il-kontenut tagħha jew il-kundizzjonijiet li tinkludi. ⁽⁵⁶⁾
- (316) Kif ġie ddikjarat fil-premessa 135 u dawk segwenti, il-Ġermanja rrelevant li l-miżuri li ttieħdu minn Fraport fir-rigward tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kinux imputabbli lill-Istat. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja rreferiet b'mod speċjali għas-sezzjoni 76 tal-AktG u għas-sentenzi taħt il-liġi Ġermaniża skont liema l-bord manġerjali ta' *Aktiengesellschaft* għandu setgħa diskrezzjonali kbira li jaġixxi fir-rigward tan-negozju ta' kuljum tal-kumpanija u b'hekk ikun qiegħed jaġixxi b'mod indipendenti mill-azzjonisti tagħha.
- (317) Il-Ġermanja rreferiet ukoll għal sentenza tal-Qorti Federali Ġermaniża, il-*Bundesgerichtshof*, li fiha dik il-qorti osservat li l-azzjonisti pubbliċi ma kinux f'pożizzjoni li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet individwali meħuda fin-negozju ta' kuljum, iżda setgħu jipprovdu biss il-qafas ġenerali u s-superviżjoni ta' gwida lil Fraport. Skont il-Ġermanja, din in-natura speċjali tal-*Aktiengesellschaft* kienet rikonoxxuta wkoll fir-rigward tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku fis-sentenza tal-Qorti fil-kawża *Stadtwerke Brixen AG*. ⁽⁵⁷⁾
- (318) Għalhekk, fir-rigward tal-involvement tal-azzjonisti pubbliċi fit-teħid tad-deċiżjonijiet waqt il-laqgħa ġenerali tal-azzjonisti, il-Ġermanja argumentat li votazzjoni fil-laqgħa tal-azzjonisti ma kienet tikkonstitwixxi xejn ħlief l-eżerċizzju tad-drittijiet leġittimi u tal-obbligi tagħhom bħala azzjonisti. Il-Ġermanja ħadet ukoll l-idea tal-preżenza ta' xi indikazzjoni oħra mis-sentenza *Stardust Marine*, imsemmija fil-premessa 315.
- (319) Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni tosserva li s-sempliċi fatt li kumpanija proprjeta tal-Istat hija kumpanija inkorporata taħt id-dritt privat ma jistax — wara li tiġi kkunsidrata l-awtonomija li dik il-forma legali tkun kapaċi tikkonferixxi fuqha — jiġi kkunsidrat bħala suffiċjenti biex jiġi eskluż li l-azzjonijiet tagħha huma imputabbli lill-Istat. ⁽⁵⁸⁾ Ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn kawżi fejn l-għajnuna tingħata direttament mill-Istat u kawżi fejn tingħata minn korpi pubbliċi jew privati stabbiliti jew maħtura mill-Istat sabiex jamministraw l-għajnuna. ⁽⁵⁹⁾
- (320) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li s-sentenza mogħtija mill-*Bundesgerichtshof* Ġermaniża fl-1999 ⁽⁶⁰⁾ titratta proċeduri kriminali. F'dawk il-proċeduri, il-kwistjoni tal-aħħar istanza kienet jekk eks impjegat ta' Fraport

⁽⁵⁵⁾ *Stardust Marine*, il-paragrafi 52 u 57.

⁽⁵⁶⁾ *Stardust Marine*, il-paragrafu 55-56.

⁽⁵⁷⁾ Il-Kawża C-458/03 *Stadtwerke Brixen AG* [2005] Ġabra I-08585, il-paragrafu 67.

⁽⁵⁸⁾ Il-Kawża T-442/03 SIC — *Sociedade Independente de Comunicação, SA vs Il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-01161, il-paragrafu 100.

⁽⁵⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/273/UE tad-19 ta' Settembru 2012 dwar il-miżuri SA.26379 (C 13/10) (ex NN 17/10), implementati mis-Slovenja favur il-kumpanija Elan d.o.o. (ĠU L 144, 15.5.2014, p. 1), il-premessa 99.

⁽⁶⁰⁾ Urteil vom 3.3.1999, Az. 2StR 437-98, NJW 1999, 2378.

setgħax jiġi mixli bir-reat ta' "korruzzjoni ta' impjegat" jew "korruzzjoni ta' uffiċjal pubbliku", u għalhekk qamet il-kwistjoni ta' jekk skont il-kodiċi kriminali tal-Ġermanja, Fraport kellhiex titqies bħala "amministrazzjoni oħra".⁽⁶¹⁾ Għalhekk, il-każ ma huwa bl-ebda mod marbut mal-kwistjoni dwar jekk azzjoni ta' Fraport tistax titqies bħala imputabbli lill-Istat skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, iżda jiċċara biss li impjegat ta' Fraport mhuwiex uffiċjal pubbliku u li Fraport ma tistax titqies bħala parti mill-amministrazzjoni pubblika fis-sens tal-kodiċi kriminali tal-Ġermanja.

- (321) Anke fir-rigward tas-sentenza l-oħra tal-Bundesgerichtshof ippreżentata mill-Ġermanja⁽⁶²⁾, il-Kummissjoni tinnotta li s-sentenza, fil-kawża ta' *Parking Brixen*⁽⁶³⁾, kienet tittratta l-kriterju ta' kontroll pubbliku fuq impriża fis-sens tar-regoli tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku. Ma tittrattax il-kwistjoni ta' imputabbiltà skont il-liġi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.
- (322) Barra minn hekk, filwaqt li jista' jkun li l-bord maniġerjali ta' *Aktiengesellschaft* jista' jaġixxi b'mod indipendenti mill-azzjonisti pubbliċi tiegħu meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar in-negozju ta' kuljum, minħabba l-istruttura tal-azzjonisti tagħha (li fiha 70 % tal-azzjonisti tagħha huma pubbliċi) u l-ftehim ta' konsorzju bejn l-azzjonisti pubbliċi tagħha, madankollu Fraport tqis lilha nnifisha bħala "impriża pubblika dipendenti"⁽⁶⁴⁾ (kif irrapportat f'kull rapport finanzjarju annwali bejn l-2001 u l-2006).
- (323) Barra minn hekk, diversi fatturi jindikaw li fil-fatt iż-żieda fil-kapital tal-2001 hija imputabbli lill-Istat.
- (324) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fil-kapital tal-2001 ma tistax titqies barra mill-kuntest, iżda trid titqies fid-dawl tas-sitwazzjoni politika u legali ta' Fraport f'dak iż-żmien. Dawk iċ-ċirkostanzi u l-fatti jindikaw b'mod ċar li l-miżura ma kinitx tiġi adottata kieku ma kienx għall-involvement tal-Istat.
- (325) Skont il-minuti tal-bord superviżorju ta' Fraport tas-26 ta' Settembru 1997, l-awtoritajiet ta' *Land Rhineland-Palatinate* stiednu lil Fraport biex tinvolvi ruħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, peress li "Land Rhineland-Palatinate xtaqet, permezz tal-involvement ta' [Fraport] fl-[FFHG] li jissaħħa l-iżvilupp tal-opportunitajiet ta' xogħol, u peress li kienet qiegħda tistenna żieda fit-traffiku tal-ajru". Wara li fl-1 ta' Jannar 1998, Fraport kienet saret azzjonista fl-FFHG b'sehem ta' 64 %, skont il-minuti tal-laqgħa tal-bord superviżorju tal-10 ta' Mejju 1999, "il-gvern ta' Land Rhineland-Palatinate [kien] dar fuq il-prim Ministru ta' Land Hesse b'talba għal impenn aktar b'saħħtu ta' [Fraport] fl-[ajruport] ta' Hahn". Għal dan l-għan, Fraport kellha tieħu fidejha l-ishma li Holding Hahn u Weiss u Freytag kien għad kellhom fl-ajruport (ara l-premessa 17). Il-minuti jkomplu jgħidu li Fraport ma għandhiex tiġi ppenalizzata "jekk ma tilħaqx il-miri politiċi reġjonali, pereż. l-għadd ta' opportunitajiet ta' xogħol" u li "bdew in-negozjati bejn Fraport u l-Land dwar punti ta' diskussjoni". Fl-aħħar nett, il-minuti jstqarru li "kemm jista' jkun għandhom jintużaw fondi pubbliċi" għall-iżvilupp tal-ajruport u li, sabiex jiġi jithaffed il-proċess ta' għbir ta' dawn il-fondi, "Land Rhineland-Palatinate diġà waqqfet grupp ta' ħidma fil-Ministeru tal-Ekonomija, li tiegħu Fraport hija wkoll membru".
- (326) Dawk il-minuti juru li *Land Rhineland-Palatinate* u *Land Hesse* kienu qegħdin jużaw lil Fraport bħala mezz sabiex jiġu segwiti miri politiċi reġjonali u strutturali, bħall-ħolqien ta' aktar impjegati fir-reġjun.
- (327) Peress li dak iż-żmien Fraport kienet għadha impriża pubblika, il-bord superviżorju tagħha, li fil-maġġorparti l-membri tiegħu kienu ġew innominati (tal-anqas nofs il-bord superviżorju) mill-azzjonisti pubbliċi, kellu s-setgħa li japprova l-ftehim bażiku tal-31 ta' Awwissu 1999 ("*Grundlagenvereinbarung*")⁽⁶⁵⁾ u li jawtorizza lill-bord maniġerjali biex jikkonkludi l-PLTA tal-2001.⁽⁶⁶⁾ Barra minn hekk, waqt il-laqgħa tal-azzjonisti ta' Fraport għet adottata riżoluzzjoni datata t-3 ta' Mejju 2000 li fiha l-bord maniġerjali ġie awtorizzat jikkonkludi l-PLTA tal-2001 mal-FFHG u għaldaqstant biex Fraport tintrabat mal-proġett tal-FFHG għall-inqas sal-2005. Peress li r-riżoluzzjoni

⁽⁶¹⁾ Skont is-sezzjoni 11 I Nru. 2 lit. c *Strafgesetzbuch*.

⁽⁶²⁾ Urteil vom 3.7.2008, Az. I ZR 145/05, WRP 2008, 1182, 1186.

⁽⁶³⁾ Il-Kawża C-458/03 *Stadtwerke Brixen AG* [2005] Ġabra I-08585, il-paragrafu 67.

⁽⁶⁴⁾ Ara r-rapporti finanzjarji annwali (*Geschäftsbericht*) ta' Fraport tal-2001-2006, ippubblikati fi <http://www.fraport.de/de/investor-relations/termine-und-publikationen/publikationen.html>. Ara b'mod partikolari *Geschäftsbericht* 2001, p. 46; *Geschäftsbericht* 2002, p. 66; *Geschäftsbericht* 2003, p. 54; *Geschäftsbericht* 2004, p. 80; *Geschäftsbericht* 2005, p. 64; *Geschäftsbericht* 2006, p. 72.

⁽⁶⁵⁾ Ftehim bażiku bejn Fraport u *Land Rhineland-Palatinate* tal-31 ta' Awwissu 1999.

⁽⁶⁶⁾ L-approvazzjoni għall-konklużjoni tal-ftehim bażiku ngħatat mill-bord superviżorju fil-laqgħa tiegħu tal-1 ta' Ottubru 1999.

kienet teħtieġ maġġoranza ta' voti li jirrappreżentaw tal-anqas tliet kwarti tal-kapital awtorizzat li jkun qiegħed jieħ u sehem fil-vot, u dak iż-żmien l-awtoritajiet pubbliċi kellhom 100 % tal-ishma (ara l-premessa 305), effettivament dik ir-riżoluzzjoni ttehdet mill-awtoritajiet pubbliċi.

- (328) *Land* Rhineland-Palatinate għamlet ukoll l-appoġġ u l-finanzjament pubbliku tagħha kundizzjonali fuq il-konklużjoni tal-PLTA tal-2001, kif jista' jidher mill-ftehim bażiku tal-31 ta' Awwissu 1999. ⁽⁶⁷⁾
- (329) Għalhekk, permezz tal-involvement politiku taż-żewġ *Länder*, direttament fuq livell politiku u indirettament permezz tal-bord superviżorju u bħala l-azzjonisti pubbliċi ta' Fraport, Fraport kienet involuta fl-FFHG u ffirmat il-PLTA tal-2001 biex tassumi t-telf tal-FFHG għall-inqas sal-2005.
- (330) Barra minn hekk, is-sezzjoni 13 tal-istatut ta' assoċjazzjoni tal-FFHG ⁽⁶⁸⁾ kien jgħid li sal-31 ta' Diċembru 2027 kwalunkwe bejgħ ta' ishma minn xi wieħed mill-azzjonisti kellu jkollu l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-azzjonisti l-oħra. Peress li dak iż-żmien l-FFHG kellha żewġ azzjonisti biss, Fraport u *Land* Rhineland-Palatinate, dan kien ifisser li biex tbigħ l-ishma tagħha Fraport kellha bżonn l-awtorizzazzjoni bil-miktub mingħand *Land* Rhineland-Palatinate. Effettivament dan kien ifisser li l-*Land* setgħet twaqqaf lil Fraport milli titlaq mill-proġett tal-FFHG.
- (331) Diġà fl-2001, meta għet diskussa ż-żieda fil-kapital tal-2001, kien jidher li l-maniġment tal-FFHG kien f'negozjati diretti ma' *Land* Hesse u ma' *Land* Rhineland-Palatinate. ⁽⁶⁹⁾ Għandu jiġi nnotat li f'dak il-punt fiż-żmien *Land* Hesse kienet għadha mhux azzjonista tal-FFHG, imma azzjonista ta' Fraport (b'shem ta' 45,2 %).
- (332) F'dak il-kuntest politiku u legali, f'Janjar 2001 ⁽⁷⁰⁾ ħareġ biċ-ċar li kien hemm il-ħtieġa urġenti ta' aktar investimenti fl-FFHG sabiex l-FFHG tkun tista' ssir profittabbli.
- (333) Barra minn hekk, *Land* Rhineland-Palatinate direttament ipperswadiet lil Fraport biex tadotta ż-żieda fil-kapital tal-2001. Fi proposta għal-laqgħa tal-bord superviżorju tal-20 ta' Ġunju 2001, qiegħed jiġi nnotat li, fid-dawl taż-żieda fil-kapital ta' EUR 27 miljun b'raba mal-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, l-azzjonista *Land* Rhineland-Palatinate kienet insistiet li t-tkomplija tal-investimenti fl-infrastruttura pubblika, bħall-bini tat-triq li tagħti għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn li jlaħħaq madwar EUR [...] miljun kienet soġġetta għall-investimenti li kellhom jiġu ffinanzjati miż-żieda fil-kapital tal-2001.
- (334) F'dak ir-rigward, il-kumitat dwar l-akkwisti tal-bord superviżorju ta' Fraport, fl-aqgħa dwar iż-żieda fil-kapital tal-2001, datata t-23 ta' Novembru 2001, u għalhekk inqas minn xahar qabel il-bord superviżorju approva ż-żieda fil-kapital tal-2001, innota li dak iż-żmien Fraport ma setgħetx tinħall minn mal-FFHG, peress li "ma kienx mistenni li *Land* Rhineland-Palatinate kienet se taqbel dwar dan". ⁽⁷¹⁾
- (335) Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fil-kapital tal-2001 hija imputabbli lill-Istat.

8.1.2.3. *Vantaġġ ekonomiku*

- (336) Vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kull benefiċċju ekonomiku li impriża ma kinitx tikseb fil-kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat. ⁽⁷²⁾ L-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa rilevanti, u mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent tal-Istat. ⁽⁷³⁾ Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża titjeb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat, ikun hemm vantaġġ.

⁽⁶⁷⁾ Ftehim bażiku bejn Fraport u *Land* Rhineland-Palatinate tal-31 ta' Awwissu 1999, ara l-punti 4 u 5.

⁽⁶⁸⁾ Is-sezzjoni 13 tal-istatut ta' assoċjazzjoni tal-FFHG tad-29 ta' Novembru 2001, imsejjaħ "Verfügung über Geschäftsanteile" (jiġifieri, dispożizzjoni ta' ishma).

⁽⁶⁹⁾ Minuti tal-laqgħa tal-kumitat dwar l-akkwisti tal-bord superviżorju tat-30 ta' Mejju 2001.

⁽⁷⁰⁾ Dokumenti ppreżentati lill-bord manigeriali ("Vorstandsvorlage") dwar l-iżviluppi ekonomiċi tal-FFHG tal-14 ta' Mejju 2001; ara wkoll il-minuti tal-laqgħa tal-kumitat dwar l-akkwisti tal-bord superviżorju tat-30 ta' Mejju 2001; ara wkoll l-analiżi tal-BCG tal-potenzjal tal-FFHG tal-14 ta' Frar 2001, p. 10.

⁽⁷¹⁾ Riżoluzzjoni proposta lill-bord superviżorju ta' Fraport tat-23 ta' Novembru 2001.

⁽⁷²⁾ Il-Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) et. vs La Poste et.* [1996] Ġabra I-3547, il-paragrafu 60 u l-kawża C-342/96 *Ir-Renju ta' Spanja vs il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1999] Ġabra I-2459, il-paragrafu 41.

⁽⁷³⁾ Il-Kawża 173/73 *Ir-Repubblika Taljana vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej* [1974] Ġabra 709, il-paragrafu 13.

- (337) Barra minn hekk, “kapital li jitpoġġa għad-dispożizzjoni ta’ kumpanija mill-Istat, direttament jew indirettament, f’ċirkostanzi li jikkorrispondu mal-kundizzjonijiet normali tas-suq, ma għandux jitqies bħala għajnuna mill-Istat”.⁽⁷⁴⁾ F’dan il-każ, sabiex jiġi stabbilit jekk iż-żieda fil-kapital tal-2001 tagħtix lill-FFHG vantaġġ li ma kinitx kieku tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Kummissjoni għandha tqabbel l-imġiba tal-awtoritajiet pubbliċi li qegħdin jipprovdju l-għotjiet diretti ta’ investiment u l-injezzjonijiet ta’ kapital ma’ dik ta’ MEO għad taħt minn prospetti ta’ profittabbiltà fit-tul.⁽⁷⁵⁾
- (338) Il-valutazzjoni għandha twarrab kwalunkwe riperkussjoni pożittiva fuq l-ekonomija tar-reġjun fejn jinsab l-ajruport, minħabba li l-Qorti kkjarifikat li l-kwistjoni rilevanti għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-Operatur f’Economija tas-Suq (“MEO”) hija jekk “f’ċirkostanzi simili, azzjonist privat, wara li jkun ikkunsidra l-prevedibbiltà li jinkiseb redditu u wara li jkun eskluđa l-kunsiderazzjonijiet soċjali, tal-politika reġjonali u settorjali kollha, kienx jissottoskrivi l-kapital inkwistjoni”⁽⁷⁶⁾.
- (339) Fis-sentenza Stardust Marine, il-Qorti sostniet li “[...] sabiex ikun eżaminat jekk l-Istat adottax jew le l-aġir ta’ investitur prudenti li jopera f’ekonomija tas-suq, hemm bżonn li wieħed iqiegħed lill-nnifsu fil-kuntest tal-perjodu li matulu twettqu l-miżuri ta’ appoġġ finanzjarju sabiex tkun evalwata r-razzjonalità ekonomika tal-kondotta tal-Istat, u għalhekk ma għandha ssir ebda valutazzjoni bbażata fuq sitwazzjoni sussegwenti.”⁽⁷⁷⁾
- (340) Barra minn hekk, fil-kawża EDF, il-Qorti ddikjarat li “[...] biex jintwera li, qabel jew waqt l-għoti tal-vantaġġ, l-Istat Membru ħa dik id-deċiżjoni bħala azzjonist, mhuwiex biżżejjed li wieħed jistrieħ fuq valutazzjonijiet ekonomiċi li jkunu saru wara l-għoti tal-vantaġġ, fuq konstatazzjoni retrospettiva li l-investiment li jkun sar mill-Istat Membru kkonċernat kienx fil-fatt profittabbli, jew fuq ġustifikazzjonijiet ulterjuri waqt l-azzjoni effettivament magħżula.”⁽⁷⁸⁾
- (341) Sabiex tkun tista’ tapplika l-prinċipju tal-MEO, il-Kummissjoni għandha tpoġġi lilha nnifisha fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni li jiżdied il-kapital tal-FFHG. Barra minn hekk, fil-prinċipju l-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni u s-suppożizzjonijiet disponibbli għall-azzjonisti pubbliċi tal-FFHG fiż-żmien meta ttieħdet id-deċiżjoni li tirrigwarda l-arranġamenti finanzjarji inkwistjoni.
- (342) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jista’ jkun diffiċli għall-Istat Membru rilevanti u għall-operaturi kkonċernati li jipprovdju evidenza kontemporanja sħiħa fir-rigward tal-arranġamenti finanzjarji konklużi ħafna snin ilu u se dak kollu meta tiġi biex tapplika l-kriterju inkwistjoni fil-każ preżenti.
- (343) Il-Ġermanja targumenta li l-azzjonisti tal-FFHG ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom li jinjettaw kapital addizzjonali fuq diversi dokumenti mħejjija mill-FFHG, minn Fraport u minn konsulenti esterni, li juru li d-deċiżjoni kienet ġustifikata.
- (344) Fil-waqt li huwa minnu li kien tfassal pjan fit-tul għall-2001-2015 għal investimenti fl-FFHG, fiż-żmien taż-żieda fil-kapital tal-2001 il-konsulenti ta’ Fraport, BCG u SD, kienu qiesu li l-investiment kien jinvolvi riskji għoljin, peress li taħt suppożizzjonijiet sproporzjonatament għoljin ta’ tkabbir, l-FFHG kienet se tilħaq profit annwali ta’ EUR [...] matul biss l-2015. F’dak il-kuntest, jistgħu jsiru diversi osservazzjonijiet dwar l-għażla taż-żmien taż-żieda fil-kapital tal-2001 u l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien li *Land* Rhineland-Palatinate u Fraport iddeċidew dwar din il-miżura.
- (345) Id-deċiżjoni li jiġi injettat kapital addizzjonali fl-FFHG kienet ittieħdet fl-isfond tas-sitwazzjoni finanzjarja dejjem sejra għall-agħar tal-ajruport fl-2001. F’Jannar 2001, ġie ppreżentat rapport dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-FFHG. Dan ir-rapport ikkonkluda li, minkejja li l-għanijiet preliminari li l-Fraport kienet stabbiliet għall-FFHG kienu ntlaħqu malajr u l-għadd ta’ passiġġieri kien qiegħed jiżdied, is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali kienet sejra lura b’mod drammatiku peress li tnejn mill-klijenti ewlenin tal-FFHG (Malaysian Airlines Cargo u MNG Airlines) kienu ttrasferew l-attivitajiet tagħhom mill-ajruport ta’ Frankfurt Hahn, jew naqqsu l-attivitajiet tagħhom hemmhekk. F’dan l-isfond, Fraport ordnat lill-BCG u lill-SD biex jiżviluppaw strateġija għall-FFHG. Ir-rapport tal-BCG juri li anke fil-każ ta’ tkabbir sproporzjonat, sal-2015 ma setgħet tkun mistennija l-ebda profittabbiltà tal-investimenti fl-FFHG. Interplan ukoll kien ikkonferma li dawn is-suppożizzjonijiet ta’ tkabbir ma kinux

⁽⁷⁴⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs Il-Kummissjoni* (Stardust Marine) [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafu 69.

⁽⁷⁵⁾ Il-Kawża C-305/89 *L-Italja vs Il-Kummissjoni* (“Alfa Romeo”) [1991] Ġabra I-1603, il-paragrafu 23; Il-Kawża T-296/97 *Alitalia vs Il-Kummissjoni* [2000] Ġabra II-03871, il-paragrafu 84.

⁽⁷⁶⁾ Il-Kawża 40/85 *Il-Belġju v Il-Kummissjoni* [1986] Ġabra I-2321.

⁽⁷⁷⁾ *Stardust Marine*, il-paragrafu 71.

⁽⁷⁸⁾ Il-Kawża C-124/10P *Il-Kummissjoni Ewropea vs Électricité de France* (“EDF”) [2012], għadha mhux ippubblikata, il-paragrafu 85.

realistiċi ⁽⁷⁹⁾ ⁽⁸⁰⁾ Barra minn hekk, fir-rapport tiegħu l-BCG qal li skont suppożizzjonijiet realiċi ta' tkabbir ma kienx mistenni li l-investimenti li saru jirrendu profitt. Biex isostni dan, BCG ikkalkula l-Valur Preżenti Nett (VPN) tal-investment kif ippreżentat fil-qosor fit-Tabella 19.

Tabella 19

Kalkolu tal-profittabbiltà tal-investimenti fl-FFHG tal-BCG ⁽¹⁾

Suppożizzjonijiet ⁽²⁾	VPN ⁽³⁾ (f'EUR)
tkabbir ta' 20 % mill-2005	(...)
tkabbir ta' 10 % mill-2005	(...)
tkabbir ta' 7 % mill-2005	(...)

⁽¹⁾ Valutazzjoni tal-profittabbiltà, BCG, l-14 ta' Frar 2001.

⁽²⁾ Ir-rata ta' skont għall-kalkolu tal-VPN kienet preżunta li kienet ta' [...] %.

⁽³⁾ Il-Valur Preżenti Nett (VPN) jindika jekk id-dħul minn proġett partikolari jaqbiżx il-kostijiet (tal-għażla) tal-kapital. Il-proġett jitqies li huwa investment ekonomikament vijabbli meta jiġġenera VPN pożittiv. Investimenti li jipproduċu dħul aktar baxx bħala l-kostijiet (tal-għażla) tal-kapital mhumiex ekonomikament profittabbli. Il-kostijiet (tal-għażla) tal-kapital huma riflessi fir-rata tal-iskont.

- (346) Barra minn hekk, skont il-projezzjonijiet tat-traffiku tal-espert estern ta' Fraport, tkabbir ulterjuri jkun soġġett għal investimenti addizzjonali fl-infrastruttura. ⁽⁸¹⁾ L-ammont globali tal-investimenti meħtieġa kien stmat li kien jammonta għal EUR [...] miljun u kieku kien jinvolvi l-estensjoni tar-runway, tat-taxiways, tar-rampa u miżuri infrastrutturali oħra. Madankollu, skont il-BCG, ma kienet saret l-ebda valutazzjoni dettaljata bħala bażi għal dan il-pjan konsiderevoli ta' investment. Għal dawn ir-raġunijiet, il-BCG qies li l-investment kien jinvolvi riskji għoljin u rrakkomanda li dawn ir-riskji jiġu kondiviżi ma' investitur addizzjonali jew li jiġi kkunsidrat il-bejgħ tas-sehem ta' Fraport fl-FFHG.
- (347) Il-Ġermanja ppreżentat MEOT li sar minn PWC biex tiġġustifika l-konformità taż-żieda fil-kapital tal-2001 mas-suq. Madankollu, dan id-dokument ma jsostnix l-argument tal-Ġermanja li l-azzjonisti tal-FFHG kienu aġixxew bħala investituri prudenti kif ġie vvalutat fil-premessa 348 u dawk segwenti.
- (348) Il-Kummissjoni tieħu nota tal-pjan tan-negozju fit-tul imfassal mill-SD ta' Fraport fl-2001, li kien serva bħala l-baży għall-MEOT li sar minn PWC fl-2006 u fl-2008, rispettivament. F'dak il-pjan tan-negozju, ġew identifikati tliet xenarji li ġejjin:
- i. Status quo: ma jsir l-ebda investment ulterjuri minn Fraport;
 - ii. Xenarju alternattiv 1: investimenti limitati fl-estensjoni tar-runway taħt previżjonijiet pessimistiċi ħafna tat-traffiku; u
 - iii. Xenarju alternattiv 2: b'investimenti identiċi, iżda l-aħjar previżjonijiet tat-traffiku.
- (349) Madankollu, PWC ma kkalkolatx il-VPN tax-xenarji differenti sabiex ikun jista' jsir tqabbil. Il-VPN stabbilit fit-Tabella 20 juri li fix-xenarji kollha l-VPN₂₀₀₁₋₂₀₁₅ kien se jkun negattiv. Barra minn hekk, il-projezzjonijiet li fuqhom kienet ibbażata l-valutazzjoni tal-profittabbiltà ta' PWC juru li huwa biss taħt previżjonijiet ottimisti ħafna tat-traffiku, u jekk wieħed jassumi tkabbir sproporzjonalment għoli, li x-xenarji alternattivi se jwasslu għal telf ta' inqas minn (f'EUR [...] miljun) milli skont ix-xenarju tal-istatus quo (mingħajr ma titqies il-ħtieġa ta' investment addizzjonali ta' EUR [...] miljun). Fix-xenarju tal-agħar każ, il-VPN tax-xenarju alternattiv ikun saħansitra ogħla (b'EUR [...] miljun) milli skont ix-xenarju tal-istatus quo.

⁽⁷⁹⁾ Interplan kien konsulent imqabbd minn Fraport biex janalizza l-potenzjal tat-traffiku tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn.

⁽⁸⁰⁾ Il-minuti tal-Kumitat dwar l-akkwisti tal-bord superviżorju tal-FFHG tat-30 ta' Mejju 2001.

⁽⁸¹⁾ SH&E: Studju dwar it-traffiku potenzjali tal-ajruport ta' Frankfurt-Hahn, it-18 ta' Lulju 2001.

Tabella 20

Valutazzjoni tal-profittabbiltà taż-żieda fil-kapital tal-2001 ⁽⁸²⁾

(…)

Sors: Rapport ta' PWC, l-24 ta' Ottubru 2008, p. 39 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ⁽⁸³⁾

- (350) Il-Ġermanja argumentat ukoll li kien ġie kkunsidrat il-ħruġ ta' Fraport, iżda dan ma kienx possibbli tal-anqas sal-2005, u għalhekk ma kienx meqjus bħala alternattiva. Madankollu, minkejja li Fraport kienet marbuta bil-PLTA tal-2001, il-VPN tat-telf li kien mistenni li jiġġarrab bejn l-2001 u l-2005 kien ilaħħaq EUR [...] miljun. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li kopertura tat-telf tal-FFHG sal-2005 mingħajr ebda investment ulterjuri ieħor kienet tkun involvi anqas spejjeż minn investment ulterjuri fl-ajruport.
- (351) Barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar ukoll li l-previżjoni tal-profittabbiltà tal-investment ta' Fraport fl-FFHG iddeterjorat sostanzjalment wara li ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-PLTA tal-2001 (jiġifieri wara Awwissu 1999).
- (352) It-Tabella 21 tqabbel ir-riżultati annwali mistennija bejn l-2001 u l-2010 skont il-pjan tan-negożju tal-FFHG li ġie mfassal biex isostni d-deċiżjoni dwar il-PLTA tal-2001 u l-pjan tan-negożju tal-FFHG li jsostni ż-żieda fil-kapital tal-2001. Għaldaqstant, il-VPN tar-riżultati annwali tal-FFHG għall-istess perjodu naqas b'madwar EUR [...] miljun.

Tabella 21

Valutazzjoni komparattiva tar-riżultati annwali tal-FFHG skont il-pjan tan-negożju għall-PLTA tal-2001 kontra ż-żieda fil-kapital tal-2001 ⁽⁸⁴⁾

(…)

Sors: Rapport ta' PWC, l-24 ta' Ottubru 2008, p. 32 u 39 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ⁽⁸⁵⁾

- (353) Il-Kummissjoni tosserva wkoll li skont il-minuti tal-laqgħa tal-bord superviżorju tas-16 ta' Novembru 2001 kienet ġiet diskussal-profittabbiltà taż-żieda fil-kapital tal-2001. Skont dawk il-minuti, l-investimenti — anke l-investimenti intermedji ta' EUR 27 miljun — fl-FFHG ma kinux mistennija jkunu profittabbli. Barra minn hekk, intqal li madankollu Fraport kienet se tippovdi l-“kapital ta' riskju sabiex jinfetħu opportunitajiet għall-futur”. Barra minn hekk, ir-rappreżentant ta' Land Rheinland-Palatinate (Landrat tad-Distrett ta' Rhein-Hunsrück) innota li skont il-minuti tal-bord superviżorju tal-FFHG ta' Mejju 2001, “id-deċiżjoni ta' Fraport li tinvesti fl-FFHG ma tiddependix fuq il-prospett ta' profittabbiltà, iżda fuq il-ftehim tal-kumitat dwar l-akkwisti tal-bord superviżorju ta' Fraport, li kien ta l-approvazzjoni tiegħu.”
- (354) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żieda fil-kapital tal-2001 ta' Fraport ma kinitx ingħatat f'konformità mal-MEOP u kienet tat vantaġġ lill-FFGH.
- (355) Fir-rigward taż-żieda fil-kapital ta' Land Rhineland-Palatinate, il-Kummissjoni tinnota li l-ġustifikazzjoni tal-Ġermanja għall-konformità mas-suq tagħha hija bbażata fuq l-istess raġunijiet bħal dawk għal Fraport, li diġà ġiet diskussa fil-premessa 344 u dawk segwenti. L-argumenti mressqa f'dan ir-rigward japplikaw hawnhekk ukoll.

⁽⁸²⁾ Ix-xenarji “Status quo”, “Alternattiva 1” u “Alternattiva 2” huma bbażati fuq l-informazzjoni pprovduta fir-Rapport ta' PWC tal-24 ta' Ottubru 2008, p. 39; ir-rata ta' skont kienet identifikata fil-“Valutazzjoni potenzjali” tal-BCG tal-14 ta' Frar 2010.

⁽⁸³⁾ Il-Kummissjoni kkalkolat il-VPN billi użat ir-rata ta' skont ta' [...] %, li kienet ġiet stabbilita fil-valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-BCG. Barra minn hekk, il-Kummissjoni identifikat alternattiva oħra, jiġifieri l-Istatus quo (kopertura tat-telf sal-2005).

⁽⁸⁴⁾ Rata ta' skont kif identifikata fir-Rapport ta' PWC, l-24 ta' Ottubru 2008, p. 33.

⁽⁸⁵⁾ Il-Kummissjoni kkalkolat il-VPN billi użat ir-rata ta' skont indikata fir-Rapport ta' PWC.

- (356) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni l-ewwel nett tosserva li, mill-1994, il-Land kienet diġà investiet diversi drabi fl-FFHG mingħajr ebda suċċess. It-tieni nett, il-Land ipparteċipat fiż-żieda fil-kapital taħt kundizzjonijiet differenti minn dawk ta' Fraport (ma kienet mistennija l-ebda remunerazzjoni tal-investment tagħha matul il-perjodu tal-PLTA tal-2001). It-tielet nett, skont ir-rapport dwar l-investment tal-2003 għal Rhineland-Palatinate, ir-raġuni għalix il-Land kienet investiet fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu objettivi politiċi soċjali u strutturali importanti, bħall-ħolqien ta' impjiegi u t-twertiq ta' objettivi tal-politika tat-trasport, aktar milli kunsiderazzjonijiet ta' profittabbiltà.
- (357) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li ż-żieda fil-kapital tal-2001 ta' Land Rhineland-Palatinate ma kinitx ingħatat f'konformità mal-MEOP u kienet tat vantaġġ lill-FFHG.

8.1.2.4. *Selettività*

- (358) Biex miżura tal-Istat taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, trid tiffavorixxi lil "ċerti impriżi jew ċerti produttori". Għalhekk, dawk il-miżuri biss li jiffavorixxu lil impriżi li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv jaqgħu taħt il-kunċett ta' għajjnuna mill-Istat.
- (359) F'dan il-każ, iż-żieda fil-kapital tal-2001 minn Fraport u minn Land Rhineland-Palatinate kienet tibbenefika biss lill-FFHG. Għalhekk, fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, iż-żewġ żidiet fil-kapital kienu, skont id-definizzjoni, selettivi.

8.1.2.5. *It-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-impatt fuq il-kummerċ*

- (360) Meta l-għajjnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' intrapriża, meta mqabbla ma' intrapriżi oħrajn li jikkompetu fil-kummerċ intra-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala li ġew affettwati minn dik l-għajjnuna. Skont każistika stabbilita⁽⁸⁶⁾, biex miżura tfixkel il-kompetizzjoni huwa biżżejjed li r-riċevitur tal-għajjnuna jikkompeti ma' impriżi oħra fi swieq miftuħa għall-kompetizzjoni.
- (361) Kif ġie vvalutat fil-premessa 304, l-operat ta' ajruport huwa attività ekonomika. Minn naħa, il-kompetizzjoni sseħħ bejn l-ajruporti biex jattiraw linji tal-ajru u t-traffiku tal-ajru korrispondenti (passiġġieri u merkanzija), u, min-naħa l-oħra, bejn l-operaturi ta' ajruporti, li jistgħu jikkompetu bejniethom biex jiġu fdati bl-immaniġġjar ta' ajruport partikolari. Barra minn hekk, b'mod partikolari fir-rigward ta' trasportaturi bi prezzijiet irħas u operaturi ta' titjiriet charter, ajruporti li ma jkunux jinsabu fl-istess żona ta' lħuq jew saħansitra li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti jistgħu wkoll ikunu f'kompetizzjoni ma' xulxin sabiex jattiraw lil dawk il-linji tal-ajru.
- (362) Minħabba d-daqs tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (ara t-Tabella 1) u l-prossimità tiegħu lejn ajruporti oħra tal-Unjoni, speċjalment l-ajruport ta' Frankfurt Main, l-ajruport tal-Lussemburgu, l-ajruport ta' Zweibrücken, l-ajruport ta' Saarbrücken u l-ajruport ta' Köln-Bonn,⁽⁸⁷⁾ il-Kummissjoni tqis li l-miżuri kkonċernati jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Kif ġie stabbilit fil-premessa 202 hemm titjiriet internazzjonali mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn lejn għadd ta' destinazzjonijiet internazzjonali. Ir-runway fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija twila biżżejjed u tippermetti li l-linji tal-ajru jservu destinazzjonijiet internazzjonali.
- (363) Barra minn hekk, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jservi bħala ajruport tal-merkanzija (ara t-Tabella 2). Fir-rigward tal-kompetizzjoni għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, il-Kummissjoni tinnota li ġeneralment il-merkanzija hija aktar mobbli mit-trasport tal-passiġġieri.⁽⁸⁸⁾ B'mod ġenerali, żona ta' lħuq għall-ajruporti tal-merkanzija titqies li għandha raġġ ta' mill-inqas madwar 200 kilometru u sagħtejn ivvjaġġar. Fir-rigward tal-kompetizzjoni għat-trasport tal-merkanzija bl-ajru, il-Kummissjoni tinnota li ġeneralment il-merkanzija hija aktar mobbli mit-trasport tal-passiġġieri.⁽⁸⁹⁾ B'mod ġenerali, iż-żona ta' lħuq għall-ajruporti tal-merkanzija titqies li għandha raġġ ta' mill-inqas madwar 200 kilometru u sagħtejn ivvjaġġar. Abbażi tal-informazzjoni tal-Kummissjoni, atturi fl-industrija ġeneralment iqsu li ż-żona ta' lħuq ta' ajruport tal-merkanzija tista' saħansitra tkun akbar peress li ġeneralment nofs ta' nhar ġarr bit-trakkijiet (jiġifieri, sa 12-il siegħa sewqan bit-trakkijiet) ikun aċċettabbli għall-ispedizzjonieri

⁽⁸⁶⁾ Il-Kawża T-214/95 Het Vlaamse Gewest vs Il-Kummissjoni [1998] Ġabra II-717.

⁽⁸⁷⁾ Ara s-sezzjoni 2.2 aktar 'il fuq.

⁽⁸⁸⁾ Pereżempju, l-ajruport ta' Leipzig/Halle kien f'kompetizzjoni mal-ajruport ta' Vatry (Franza) għat-twaqqif taċ-ċentru Ewropew tad-DHL. Ara s-sentenza Leipzig/Halle, il-paragrafu 93.

⁽⁸⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 88.

biex jużaw l-ajruport sabiex jittrasportaw il-merkanzija. ⁽⁹⁰⁾ F'dak l-isfond, il-Kummissjoni tqis li, peress li l-ajruporti tal-merkanzija huma aktar sostitwibbli mill-ajruporti tal-passiġġieri dejjem jekk ikun biżżejjed li l-merkanzija bl-ajru tiġi konsenjata lil żona partikolari u mbagħad tintbagħat mill-ispedizzjonieri ferrovjarji u bit-triq lejn id-destinazzjoni finali tagħha, *inter alia*, hemm probabbiltà akbar ta' tfixkil tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

- (364) Abbażi tal-argumenti ppreżentati fil-premessi minn 360 sa 364, il-vantaġġ ekonomiku konferit fuq l-FFHG saħħaħ il-pożizzjoni tagħha vis-à-vis il-kompetituri tagħha fis-suq tal-Unjoni għall-forniment ta' servizzi pprovduti fl-ajruporti. F'dak l-isfond, il-vantaġġ konferit fuq l-FFHG permezz taż-żieda fil-kapital tal-2001 għandu jitqies li jista' jfixx il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.2.6. **Konklużjoni**

- (365) Iż-żieda fil-kapital tal-2001 ta' EUR 27 miljun minn Fraport u minn *Land* Rhineland-Palatinate tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.3. MIŻURA 3: ŻIEDA FIL-KAPITAL TAL-2004 U L-MIŻURA 4: PLTA TAL-2004

- (366) Fl-2004, il-kapital tal-FFHG reġa' żdied b'EUR 42 miljun addizzjonali (Fraport investiet EUR 10,21 miljun, *Land* Hesse investiet EUR 20 miljun u *Land* Rhineland-Palatinate investiet EUR 11,79 miljun). *Land* Rhineland-Palatinate u *Land* Hesse qablu dwar dik iż-żieda fil-kapital fl-2002 soġġett għall-konklużjoni ta' PLTA ġdid (jiġifieri l-PLTA tal-2004) bejn l-FFHG u Fraport, li jkopri l-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2014.

- (367) Fil-5 ta' April 2004, Fraport u FFHG ikkonkludew il-PLTA tal-2004. Dak il-ftehim ġie approvat mill-azzjonisti ta' Fraport fit-2 ta' Ġunju 2004.

8.1.3.1. **Il-kunċett ta' impriża u ta' attività ekonomika**

- (368) Kif ġie analizzat fil-premessa 293 u dawk segwenti, mit-12 ta' Diċembru 2000 l-FFHG trid titqies bħala impriża li teżerċita attività ekonomika għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.3.2. **Ir-riżorsi tal-istat u l-imputabbiltà lill-Istat**

Iż-żieda fil-kapital tal-2004 u l-PLTA tal-2004 — Fraport

- (369) Il-Kummissjoni tqis li minħabba l-fatt li l-PLTA tal-2004 kien prekondizzjoni biex iż-żieda fil-kapital tal-2004 issir effettiva u minħabba li ż-żewġ miżuri kienu soġġetti għall-qbil mill-azzjonisti ta' Fraport waqt l-istess laqgħa tal-azzjonisti, l-imputabbiltà taż-żewġ miżuri trid tiġi vvalutata flimkien (fir-rigward tal-kontribuzzjoni ta' Fraport).

- (370) Iż-żieda fil-kapital tal-2004 u l-PLTA tal-2004 kienu kkonfermati mill-assemblea tal-azzjonisti ta' Fraport fit-2 ta' Ġunju 2004 b'99,992 % tal-voti tal-azzjonisti preżenti għal-laqgħa.

- (371) Barra minn hekk, il-Ġermanja argumentat li biex tiġi approvata, id-deċiżjoni tal-PLTA tal-2004 kienet teħtieġ maġġoranza ta' 74,994 % tal-voti fl-assemblea tal-azzjonisti, filwaqt li l-azzjonisti pubbliċi kellhom biss madwar 70 % tal-ishma fi Fraport u għalhekk fil-fatt ma setgħux jikkontrollaw id-deċiżjonijiet ta' Fraport. F'dan ir-rigward irid jiġi mfakkar li ż-żieda fil-kapital tal-2004 ma kinitx se ssir effettiva mingħajr l-approvazzjoni tal-PLTA tal-2004 mill-azzjonisti ta' Fraport.

⁽⁹⁰⁾ Tweġiba tal-ajruport ta' Liège għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

- (372) Il-Kummissjoni tqis li bħala sehem maġġoritarju l-Istat kellu sehem importanti fil-vot dwar iż-żieda fil-kapital tal-2004 u l-PLTA tal-2004. Madankollu, skont l-*Aktiengesetz (AktG)* Ġermaniża, PLTA jsir effettiv biss wara li jiġi approvat waqt il-laqgħa tal-azzjonisti b'maġġoranza ta' voti li tal-anqas jirrappreżentaw tliet kwarti tal-kapital awtorizzat li jkun qiegħed jieħu sehem fil-vot. ⁽⁹¹⁾ Għalhekk, mingħajr il-parteċipazzjoni sostanzjali tal-azzjonisti privati l-awtoritajiet pubbliċi ma setgħux jikkontrollaw id-deċiżjoni biex jiġi implimentat il-PLTA tal-2004 u jwettqu ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Fraport.
- (373) Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessa 369 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Fraport u l-PLTA tal-2004 mhumiex imputabbli lill-Istat. Anki kieku kellha tiġi konfermata imputabbiltà u l-miżura titqies bħala għajnuna, din l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern. F'dan ir-rigward, il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn taħt fis-sezzjoni 10.3 u 10.4 japplikaw b'mod ugwali.

Iż-żieda fil-kapital tal-2004 — Land Rhineland-Palatinate u Land Hesse

- (374) *Land* Rhineland-Palatinate u *Land* Hesse ffinanzjaw l-ishma tagħhom fiż-żieda fil-kapital tal-2004 mill-baġit ġenerali tagħhom. Għalhekk, huwa ċar li dawk il-partijiet miż-żieda fil-kapital tal-2004 kienu ffinanzjati minn riżorsi tal-Istat u huma imputabbli lill-Istat.

8.1.3.3. Vantaġġ ekonomiku

- (375) Kif intqal fil-premessa 336 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tapplika l-prinċipju tal-MEO biex teżamina jekk impriża tkunx ingħatat vantaġġ ekonomiku. Il-prinċipji dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-MEO stabbiliti fil-premessa 336 u dawk segwenti japplikaw b'mod ugwali.

L-applikazzjoni tal-MEOT — Land Rhineland-Palatinate

- (376) Fir-rigward taż-żieda fil-kapital tal-2004 ta' Land Rhineland-Palatinate, il-Ġermanja rrilevat li kienet aġixxiet f'konformità mal-prinċipju tal-MEO. Biex issostni dan, wara deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008 il-Ġermanja ppreżentat MEOT li kien sar minn PWC fl-2008.
- (377) Il-Kummissjoni l-ewwel nett tinnota li Land Rhineland-Palatinate ma kinitx fasslet kalkolu *ex ante* proprju tal-profittabbiltà jew ikkalkulat ir-redditu proprju fuq l-investiment. Għall-kuntrarju, Land Rhineland-Palatinate kienet qiegħda tiddependi fuq il-pjan tan-negozju mħejji mill-FFHG u minn Fraport.
- (378) It-tieni nett, l-Kummissjoni madankollu tqis li s-sitwazzjoni tal-Land ma kinitx l-istess bħas-sitwazzjoni tal-azzjonisti ta' Fraport. It-Tabella 22 turi li bejn l-2005 u l-2009 Land Rhineland-Palatinate suppost injettat EUR [...] miljun (total ta' EUR [...] miljun), iżda stenniet li mill-2025 biss kienet se tirċievi pagamenti tal-imgħax jew xi rimunerazzjoni oħra għall-parteċipazzjoni tagħha. Madankollu, l-azzjonisti ta' Fraport suppost injettaw EUR [...] miljun u stennew li wara r-riżultati negattivi matul l-ewwel erba' snin, kienu se jirċievu pagamenti tal-imgħax. Il-VPN tad-dividendi mistennija għall-perjodu sal-2025 kien jammonta għal EUR [...] miljun b'Rata ta' Redditi Interna (IRR) ta' [...] %.
- (379) It-tielet nett, fid-dawl ta' dan il-perjodu twil ta' ppjanar u minħabba l-fatt li Land Rhineland-Palatinate kienet diġà investiet diversi drabi mingħajr ebda suċċess fl-FFHG, il-Kummissjoni tqis li l-ebda investitur privat prudenti fil-pożizzjoni tal-Land ma kien jiddeċiedi li jinjetta aktar kapital fl-FFHG mingħajr ma jwettaq ukoll valutazzjoni *ex ante* tas-sensittività.

⁽⁹¹⁾ Is-sezzjoni 293 (1) tal-AktG.

Tabella 22

Valutazzjoni tal-profittabbiltà taż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Land Rheinland-Palatinate

(...)

Sors: Rapport ta' PWC Rheinland-Pfalz, l-24 ta' Ottubru 2008, p. 21

- (380) Barra minn hekk, l-MEOT għaż-żieda fil-kapital tal-2004 u għall-PLTA tal-2004 huma bbażati fuq aspettattivi sinifikanti ta' tkabbir fir-rigward tar-riżultati finanzjarji annwali tal-FFHG (ara t-Tabella 23). Dawn is-suppożizzjonijiet ta' tkabbir li fuqhom huwa bbażat l-MEOT huma sostanzjalment oġhla minn dawk li fuqhom huwa bbażat l-MEOT għaż-żieda fil-kapital tal-2001. Barra minn hekk, huma soġġetti għal varjazzjonijiet għoljin u pereżempju fl-2009 kienu jlaħħqu aktar minn 300 %.

Tabella 23

Valutazzjoni komparattiva tar-riżultati annwali previsti tal-FFHG fil-pjanijiet tan-negozju użati minn PWC għall-MEOT għaż-żieda fil-kapital tal-2001 u għaż-żieda fil-kapital tal-2004

F'eluf ta' EUR	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	2014
Żieda fil-kapital tal-2004	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2004 — tiddil annwali f%	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2001	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2001 — tiddil annwali f%	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)

F'eluf ta' EUR	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024
Żieda fil-kapital tal-2004	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2004 — tiddil annwali f%	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2001	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Żieda fil-kapital tal-2001 — tiddil annwali f%	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)

Sors: Rapport ta' PWC, 24 ta' Ottubru 2008, p. 45 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni ⁽⁹²⁾⁽⁹²⁾ Il-Kummissjoni kkalkulat ir-rati ta' tkabbir abbażi tar-riżultati annwali previsti.

- (381) Barra minn hekk, skont ir-rapporti dwar l-investment għal Land Rhineland-Palatinate, ir-raġuni għaliex il-Land kienet investiet fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienu l-kisba ta' kunsiderazzjonijiet politiċi soċjali u strutturali importanti, bħall-ħolqien ta' impjegi u t-twertiq ta' objettivi tal-politika tat-trasport, aktar milli kunsiderazzjonijiet ta' profittabbiltà. Madankollu, waqt it-twertiq tal-MEOT ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni kunsiderazzjonijiet soċjali u reġjonali.
- (382) Fid-dawl ta' dawn il-fatturi speċifiċi dwar id-deċiżjoni ta' Land Rhineland-Palatinate li tinjetta aktar kapital fl-FFHG (premessi minn 376 sa 380), il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Land Rhineland-Palatinate ma kinitx konformi mal-prinċipju tal-MEO u kienet tat vantaġġ lill-FFHG.

L-applikazzjoni tal-MEOT — Land Hesse

- (383) Fir-rigward tal-imġiba ta' Land Hesse, il-Ġermanja argumentat li f'għajnejn Land Hesse l-possibilitajiet ristretti ta' tkabbir għall-ajruport ta' Frankfurt Main li *inter alia* kienu riżultat tar-restrizzjoni fuq titjiriet billejl wasslu għall-iżvilupp ulterjuri tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Il-Ġermanja enfasizzat li dan l-iżvilupp ippermetta li jiġu sfruttati b'mod komprensiv l-opportunitajiet eżistenti ta' tkabbir fil-qafas tal-permess ta' titjir fuq 24 siegħa għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn flimkien mal-introduzzjoni prevista tas-sistema ajruportwali tal-ajruport ta' Frankfurt Main — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn. Barra minn hekk, bil-parteċipazzjoni fiż-żieda fil-kapital tal-2004, Land Hesse setgħet tkompli tappoġġa l-iżvilupp tat-traffiku tal-ajru fiż-żona ta' Rhine-Main.
- (384) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnota li Land Hesse ma kienet fasslet l-ebda kalkolu speċifiku *ex ante* dwar il-profittabbiltà. It-tieni nett, l-istess bħal Land Rhineland-Palatinate, anke Land Hesse kienet qiegħda tistenna li tibda tirċievi pagamenti tal-imgħax wara l-2025 biss. It-tielet nett, minkejja l-perjodu ta' ppjanar fit-tul ma kienet saret l-ebda valutazzjoni tas-sensittività tas-suppożizzjonijiet. Barra minn hekk, ir-raġuni għaliex il-Land kienet investiet fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, bħall-iżvilupp tat-traffiku tal-ajru fiż-żona ta' Rhine-Main jew kunsiderazzjonijiet politiċi soċjali u strutturali importanti oħra, ma jistgħux jiġu kkunsidrati fit-twertiq tal-MEOT.
- (385) Fid-dawl ta' dawn il-fatturi speċifiċi dwar id-deċiżjoni ta' Land Hesse li ssir azzjonista tal-FFHG (premessi minn 383 sa 384), il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Land Hesse ma kinitx konformi mal-prinċipju tal-MEO u kienet tat vantaġġ lill-FFHG.

Konklużjoni

- (386) Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li ż-żidiet fil-kapital tal-2004 minn Land Rhineland-Palatinate u minn Land Hesse jagħtu vantaġġ lill-FFHG.

8.1.3.4. Selettività

- (387) Peress li ż-żidiet fil-kapital tal-2004 minn Land Rhineland-Palatinate u minn Land Hesse kienu saru sempliċiment għall-benefiċċju tal-FFHG, fihom infushom dawk il-miżuri huma għalhekk selettivi fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.3.5. It-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

- (388) Għall-istess raġunijiet kif deskritt fil-premessa 360 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ selettiv mogħti lill-FFHG għandu l-potenzjal li jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.3.6. Konklużjoni

- (389) Iż-żieda fil-kapital tal-2004, li nġatat minn Länder Rhineland-Palatinate u Hesse favur l-FFHG tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

- (390) Il-PLTA tal-2004 li taħtu Fraport assumiet it-telf kollu mġarrab mill-FFHG bejn l-2004 u l-2009 u ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Fraport mhuwiex imputabbli lill-Istat. Peress li wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex sodisfatt, il-Kummissjoni tqis li l-PLTA tal-2004 u ż-żieda fil-kapital tal-2004 minn Fraport ma jikkostitwixx għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (391) Anke kieku l-PLTA tal-2004 u ż-żieda fil-kapital tal-2004 kellhom jikkostitwixxu għajna mill-Istat, din l-għajna tkun kompatibbli abbażi tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti fis-sezzjoni 10.

8.1.4. MIŻURA 5: KUMPENS LILL-FFHG GĦALL-KONTROLLI TAS-SIGURTA

8.1.4.1. *Il-kunċett ta' impriża u ta' attivita ekonomika*

- (392) Kif intqal fil-premessa (293), filwaqt li l-FFHG għandha titqies li tikkostitwixxi impriża għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, għandu jiġi mfakkar li mhux l-attivitajiet kollha ta' operatur jew ta' sid ta' ajruport huma neċċessarjament ta' natura ekonomika. ⁽⁹³⁾
- (393) Il-Qorti tal-Ġustizzja ⁽⁹⁴⁾ sostniet li l-attivitajiet li normalment jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċitar tas-setgħat uffiċjali tiegħu bħala awtorità pubblika mhuwiex ta' natura ekonomika u ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajna mill-Istat. Dawn l-attivitajiet jistgħu jinkludu, pereżempju, is-sigurtà, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, eċċ. Il-finanzjament għandu jkun strettament limitat għall-kumpens tal-ispejjeż li jiġġeneraw u ma jistax jintuża minflok sabiex jiffinanzja attivitajiet ekonomiċi oħrajn. ⁽⁹⁵⁾
- (394) Għalhekk, l-iffinanzjar tal-attivitajiet li jaqgħu fil-mandat tal-ordni pubbliku jew tal-infrastruttura direttament relatata ma' daww l-attivitajiet b'mod ġenerali ma jikkostitwixxi ebda għajna mill-Istat. ⁽⁹⁶⁾ F'ajruport, attivitajiet bħall-kontroll tat-traffiku tal-ajru, il-pulizija, id-dwana, it-tifi tan-nar u attivitajiet neċċessarji għas-salvagwardja tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali u l-investimenti relatati mal-infrastruttura u t-tagħmir neċċessarju biex jitwettqu dawn l-attivitajiet huma ġeneralment meqjusa bħala ta' natura mhux ekonomika. ⁽⁹⁷⁾
- (395) Madankollu, il-finanzjament pubbliku ta' attivitajiet mhux ekonomiċi neċċessarjament marbuta mat-twettiq ta' attivita ekonomika ma għandux iwassal għal diskriminazzjoni bla bżonn bejn il-manigġers tal-ajruporti u l-linji tal-ajru. Fil-fatt, hija każistika stabbilita li hemm vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jeħilsu lil impriżi mill-kostijiet inerenti għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom. ⁽⁹⁸⁾ Għalhekk, jekk f'sistema legali partikolari tkun prassi normali li l-linji tal-ajru jew il-manigġers tal-ajruporti jġarrbu l-ispejjeż ta' ċerti servizzi, filwaqt li xi linji tal-ajru jew manigġers tal-ajruporti li jipprovdu l-istess servizzi f'isem l-istess awtoritajiet pubbliċi ma jkollhomx bżonn iġarrbu daww l-ispejjeż, dawn tal-aħħar jistgħu jkunu qegħdin igawdu minn vantaġġ, anki jekk daww is-servizzi minnhom infushom jitqiesu bħala mhux ekonomiċi. Għalhekk, jeħtieġ li ssir analiżi tal-qafas legali applikabbli għall-operatur tal-ajruport sabiex jiġi vvalutat jekk taħt dak il-qafas legali l-manigġers tal-ajruport jew il-linji tal-ajru hmiex meħtieġa jħallu l-ispiża tal-forniment ta' xi attivitajiet li minnhom infushom jistgħu ma jkunux ekonomiċi, iżda li jkunu inerenti għat-twettiq tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom.
- (396) Il-Ġermanja rrelevant li l-ispejjeż bħala riżultat tal-kontrolli tas-sigurtà skont is-sezzjoni 8 tal-*Luftsicherheitsgesetz* (Liġi dwar is-Sigurtà fl-Ajru, "LuftSiG") għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.
- (397) Il-Kummissjoni taqbel li l-miżuri skont is-sezzjoni 8 tal-LuftSiG jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu li jikkostitwixxu attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku.
- (398) Fir-rigward tal-ispejjeż għat-twettiq ta' dawn il-miżuri, il-Ġermanja tidher li tqis li kollha kemm huma se jithallu mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti. Madankollu, il-Kummissjoni tinnotta li skont is-sezzjoni 8(3) tal-LuftSiG jistgħu jiġu rimborżati biss l-ispejjeż relatati mal-forniment u mal-manutenzjoni ta' spazji u ta' postijiet meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet elenkati skont is-sezzjoni 5 tal-LuftSiG. L-ispejjeż l-oħra kollha, inkluż b'mod partikolari

⁽⁹³⁾ Il-Kawża C-364/92 *SAT Fluggesellschaft vs Eurocontrol* [1994] Ġabra I-43.

⁽⁹⁴⁾ Il-Kawża C-118/85 *Il-Kummissjoni vs L-Italja* [1987] Ġabra 2599, il-paragrafi 7 u 8, u l-Kawża C-30/87 *Bodson vs Pompes funèbres des régions libérées* [1988] Ġabra 2479, il-paragrafu 18.

⁽⁹⁵⁾ Il-Kawża C-343/95 *Cali & Figli v Servizi ecologici porto di Genova* [1997] Ġabra I-1547; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N309/2002 tad-19 ta' Marzu 2003; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni N438/2002 tas-16 ta' Ottubru 2002, Għajna b'sostenn għall-funzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi fis-settur tal-portijiet Belġjani.

⁽⁹⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 309/2002 tad-19 ta' Marzu 2003.

⁽⁹⁷⁾ Ara, b'mod partikolari, il-Kawża C-364/92 *SAT Fluggesellschaft vs Eurocontrol* [1994] Ġabra I-43, il-paragrafu 30 u l-Kawża C-113/07 *P Selex Sistemi Integrati vs il-Kummissjoni* [2009] Ġabra I-2207, il-paragrafu 71;

⁽⁹⁸⁾ Ara i.a., il-Kawża C-172/03 *Wolfgang Heiser vs Finanzamt Innsbruck* [2005] Ġabra I-01627, il-paragrafu 36, u l-każistika ċċitata.

dawk għall-kontrolli tas-sigurtà, għandhom jitħallsu mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk, peress li l-finanzjament pubbliku mogħti lill-FFHG ħeles lil din l-impriża minn spejjeż li normalment kien ikollha ġġarrab minħabba l-limiti preskritti fis-sezzjoni 8(3) tal-LuftSiG, dak il-finanzjament pubbliku mhuwiex eżentat minn skrutinju skont ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat.

8.1.4.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

- (399) F'dan il-każ, sakemm il-Land ma ttrasferietx biss id-dħul miġbur mil-linji tal-ajru għall-kontrolli tas-sigurtà lill-FFHG, il-fondi pprovduti kienu ngħataw mill-baġit ta' Land Rhineland-Palatinate.
- (400) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-investimenti huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat u li huma wkoll imputabbli lill-Istat.

8.1.4.3. *Vantaġġ ekonomiku*

- (401) Il-Kummissjoni tinnotta li l-miżuri inkwistjoni kienu jkopru porzjon tal-ispejjeż imġarrba mill-FFHG fil-kuntest tal-attività ekonomika tagħha. Normalment operatur ta' ajruport ikollu jgħarrab l-ispejjeż kollha relatati mal-bini u mal-operat tal-ajruport (bl-eċċezzjoni ta' dawk l-ispejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku u ġeneralment ma għandhomx jitħallsu mill-operatur tal-ajruport skont il-qafas legali applikabbli). Għalhekk, il-kopertura ta' parti minn dawk l-ispejjeż teħles lill-FFHG minn piż li normalment kien ikollha ġġorr u għalhekk tagħti vantaġġ ekonomiku lill-FFHG.

8.1.4.4. *Selettività*

- (402) Peress li l-miżuri involuti kienu ngħataw biss lill-FFHG, dawk il-miżuri għandhom jiġu kkwalfikati bħala ta' natura selettiva.

8.1.4.5. *Tfixkil tal-kompetizzjoni*

- (403) Għall-istess raġunijiet kif deskritt fil-premessa 360 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lill-FFHG għandu l-potenzjal li jfixkel il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.4.6. *Konklużjoni*

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessa 392 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku li ngħata lill-FFHG, sal-punt li l-ħlasijiet ta' Land Rhineland-Palatinate għall-kontrolli tas-sigurtà qabżu d-dħul miġbur mil-linji tal-ajru, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.5. MIŻURA 6: GHOTJET DIRETTI MINN LAND RHINELAND-PALATINATE

8.1.5.1. *L-applikabilità tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal għotjiet pubbliċi deċiżi qabel l-2000 u l-kunċett ta' impriża*

- (404) Għar-raġunijiet deskritti fil-premessa 293 u dawk segwenti, mit-12 ta' Diċembru 2000 l-FFHG għandha titqies li tikkostitwixxi impriża għall-fini tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (405) Il-Ġermanja ċċarat li fl-2001 Land Rhineland-Palatinate kienet tat [...] lill-FFHG fsostenn għal uħud mill-investimenti infrastrutturali tagħha. Madankollu, skont il-Ġermanja dawk l-għotjiet kienu bbażati fuq deċiżjoni li kienet diġà tteħdet fl-1999.

- (406) Għall-istess raġunijiet kif deskritt fil-premessa 293 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li għal għotjiet (bħal dik deskritta f'405), li ġew deċiżi qabel is-sentenza tal-Qorti f'*Aéroports de Paris*, l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li l-finanzjament ma kienx jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat u għaldaqstant ma kellux għalfejn jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni. Minn dan isegwi li skont ir-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat il-Kummissjoni ma tistax tqajjem dubji dwar dawn l-għotjiet.
- (407) Barra minn hekk, il-Ġermanja qalet li Land Rhineland-Palatinate kienet parzjalment iffinanzjat l-ispejjeż tal-persunal għall-kontrolli tas-sigurtà għas-snin 2001 ([...] % tal-ispejjeż totali), 2002 ([...] %), 2003 ([...] %) u 2004 ([...] %).
- (408) Kif ġie vvalutat fil-premessa (397) u dawk segwenti, it-tweġiq ta' kontrolli tas-sigurtà (skont is-sezzjoni 8 tal-LuftSiG) jista', fil-prinċipju, jitqies li jikkostitwixxi attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku. Madankollu, skont is-sezzjoni 8(3) tal-LuftSiG jistgħu jiġu rimborżati biss l-ispejjeż relatati mal-forniment u mal-manutenzjoni ta' spazji u ta' postijiet meħtieġa għat-tweġiq tal-attivitajiet elenkati skont is-sezzjoni 5 tal-LuftSiG. Madankollu, f'dan il-każ Land Rhineland-Palatinate assumiet l-ispejjeż għall-kontrolli tas-sigurtà, li għandhom jitħallsu mill-operatur tal-ajruport. Għalhekk, l-appoġġ pubbliku mogħti lill-FFHG permezz tal-finanzjament tal-ispejjeż tal-persunal għall-kontrolli tas-sigurtà mhuwiex eżentat mill-iskrutinju skont ir-regoli tal-EU dwar l-għajjnuna mill-Istat.

8.1.5.2. *Ir-riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà lill-Istat*

- (409) Il-Kummissjoni tqis li l-għotjiet diretti huma ffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat u huma wkoll imputabbli lill-Istat.

8.1.5.3. *Vantaġġ ekonomiku*

- (410) Il-Kummissjoni tinnotta li l-miżuri inkwistjoni kienu jkopru porzjon tal-ispejjeż imġarrba mill-FFHG fil-kuntest tal-attività ekonomika tagħha. Normalment l-operatur ta' ajruport irid iġarrab l-ispejjeż kollha relatati mal-bini u mal-operat tal-ajruport, inkluż dawk għall-kontrolli tas-sigurtà, u li għalhekk, il-kopertura ta' parti minn dawn l-ispejjeż teħles lill-FFHG minn piż li normalment kien ikollha għorr u tagħti vantaġġ ekonomiku lill-FFHG li kieku ma kinitx tirċievi taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.
- (411) Barra minn hekk, il-miżuri inkwistjoni ma ridux jitħallsu lura u ma kinux irendu redditu fuq l-investiment. Il-Ġermanja ma ppreżentat l-ebda evidenza biex turi li l-għotjiet diretti kienu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-FFHG skont termini tas-suq. Barra minn hekk, il-Ġermanja ma tibbażax ruħha fuq il-prinċipju tal-MEO. Għalhekk il-Kummissjoni ssib li l-miżuri inkwistjoni mil-*Land* favur l-FFHG li ngħataw wara t-12 ta' Diċembru 2002 kienu taw vantaġġ ekonomiku lill-FFHG.

8.1.5.4. *Selettività*

- (412) Peress li l-miżuri involuti kienu ngħataw biss lill-FFHG, dawk il-miżuri għandhom jiġu kkwalifikati bħala ta' natura selettiva.

8.1.5.5. *It-tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

- (413) Għall-istess raġunijiet kif deskritt fil-premessa 360 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe vantaġġ ekonomiku selettiv mogħti lill-FFHG għandu l-potenzjal li jfikkil il-kompetizzjoni u jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri.

8.1.5.6. *Konklużjoni*

- (414) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessa 392 u dawk segwenti, il-Kummissjoni tikkonkludi li, peress li l-awtoritajiet pubbliċi kienu ddeċidew b'mod irrevokabbli dwar l-għotjiet diretti li jammontaw għal EUR [...] miljun (is-snin 1997-2000) u għal EUR [...] miljun (imħallsa fl-2001) qabel is-sentenza *Aéroports de Paris*, setgħu leġittimament iqisu li dawk l-għotjiet ma kinux jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat.

- (415) Il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku li ngħata lill-FFHG li jammonta għal EUR 1,93 miljun (is-snin 2001-2004) jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.1.6. MIŻURA 12: ŻIEDA FL-EKWITÀ LI TLAĦĦAQ EUR [...] MILJUN

8.1.6.1. *Ir-relazzjoni bejn iż-żieda fil-kapital u l-arranġamenti finanzjarji diġà fis-seħħ favur l-FFHG*

- (416) Qabel ma jiġi vvalutat jekk iż-żieda fil-kapital li tlaħħaq EUR [...] miljun favur l-FFHG tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat, hemm bżonn li jiġi stabbilit jekk din iż-żieda fil-kapital u l-arranġamenti finanzjarji li kienu ddaħħlu fis-seħħ favur l-FFHG għandhomx jitqiesu bħala miżuri separati jew bħala miżura waħda.
- (417) Il-Ġermanja rrilevat li ż-żieda fil-kapital hija intiża biex jiġi ffinanzjat mill-ġdid is-self li jkopri l-investimenti fl-infrastruttura li l-azzjonist pubbliku kien impenja ruħu b'mod irrevokabbli li jiffinanzja jew li jiffinanzja mill-ġdid bejn l-1997 u l-2012, iżda li għadu ma tħallasx.
- (418) Fid-dawl tal-evidenza ppreżentata mill-Ġermanja, il-Kummissjoni tqis li l-injezzjoni ta' ekwità hija mmirata biex jiġi ffinanzjat mill-ġdid is-self li kien iffinanzja t-titjib fl-infrastruttura fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bejn l-1997 u l-2012. Skont il-Ġermanja permezz tad-deċiżjoni li twettaq dawn l-investimenti, l-FFHG kienet intitolata għal dan il-finanzjament. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-injezzjoni ta' kapital ta' EUR [...] miljun għandha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-impenji preċedenti li saru mill-azzjonisti pubbliċi meta ġew deċiżi dawn l-investimenti.

8.1.6.2. *Konklużjoni*

- (419) F'dak ir-rigward, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fis-sezzjoni 8.1.1, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-FFHG ilha mid-data tas-sentenza *Aéroports de Paris* (jiġifieri mit-12 ta' Diċembru 2000) 'il quddiem involuta fattività ekonomika u tikkostitwixxi imprima fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (420) Barra minn hekk, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet fis-sezzjonijiet 8.1.1, 8.1.3 u 8.1.4, li japplikaw ugwalment għal dik il-miżura, il-Kummissjoni tqis li l-injezzjoni ta' ekwità tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, peress li tinvolvi riżorsi tal-Istat, hija imputabbli lill-Istat u tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lill-FFHG li tfixxkel jew thedded li tfixxkel il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn Istiti Membri.

8.2. NATURA TAL-GĦAJNUNA TAL-MIŻURI RELATATI MA' RYANAIR U LINJI TAL-AJRU OĦRA LI JUŻAW L-AJRU

8.2.1. KUNSIDERAZZJONIJET ĠENERALI DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJU TAL-MEO

- (421) Sabiex jiġi vvalutat jekk ftehim bejn ajruport li huwa proprjetà pubblika u linja tal-ajru jagħtix vantaġġ ekonomiku lil tal-aħħar, jeħtieġ li jiġi analizzat jekk dak il-ftehim kienx konformi mal-prinċipju tal-MEO. Fl-applikazzjoni tal-MEO għal ftehim bejn ajruport u linja tal-ajru, għandu jiġi vvalutat jekk, fid-data li fiha ġie konkluż il-ftehim, operatur prudenti fl-ekonomija tas-suq setax jistenna li l-ftehim iwassal għal profitt ogħla milli seta' jinkiseb b'mod ieħor. Dan il-profitt ogħla għandu jitkejjel permezz tad-differenza bejn id-dħul inkrementali li mistenni jiġi ġġenerat mill-ftehim (jiġifieri, id-differenza bejn id-dħul li jinkiseb li kieku kellu jiġi konkluż il-ftehim u d-dħul li jinkiseb fin-nuqqas tal-ftehim) u l-ispejjeż inkrementali li mistennija jiġġarrbu bħala riżultat tal-ftehim (jiġifieri, id-differenza bejn l-ispejjeż li jiġġarrbu li kieku kellu jiġi konkluż il-ftehim u l-ispejjeż li jiġġarrbu fin-nuqqas tal-ftehim), bil-flussi tal-flus li jirriżultaw jiġu skontati b'rata ta' skont xierqa.
- (422) F'dik l-analiżi, għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni d-dħul u l-ispejjeż inkrementali rilevanti kollha marbuta mal-ftehim. Id-diversi elementi (skontijiet fuq imposti ajruportwali, għotjiet għall-kummerċjalizzazzjoni, inċentivi finanzjarji oħra) ma għandhomx jiġu vvalutati separatament. Tabilħaqq, kif ġie ddikjarat fis-sentenza *Charleroi*:

“Fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat, huwa [...] neċessarju li t-tranżazzjoni kummerċjali tiġi kkunsidrata fl-intier tagħha sabiex jiġi vverifikat jekk l-entità tal-Istat u l-entità kkontrollata minn din tal-aħħar, meħuda flimkien, aġixxewx bħala operatori razzjonali f'ekonomija tas-suq. Il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tiegħu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tal-miżuri inkwistjoni, l-elementi kollha rilevanti u l-kuntest tagħhom [...]”.⁽⁹⁹⁾

- (423) Id-dħul inkrementali mistenni għandu jinkludi b'mod partikolari d-dħul mill-imposti tal-ajruport, b'kunsiderazzjoni tal-iskontijiet kif ukoll tat-traffiku addizzjonali li mistenni jiġi ġġenerat permezz tal-ftehim flimkien mad-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi li mistenni jiġi ġġenerat mit-traffiku. L-ispejjeż inkrementali mistennija jridu jinkludu b'mod partikolari l-ispejjeż operattivi u l-ispejjeż għall-investment inkrementali kollha li ma jiġux imġarrba fin-nuqqas tal-ftehim kif ukoll l-ispejjeż tal-għotjiet għall-kummerċjalizzazzjoni u inċentivi finanzjarji oħrajn.
- (424) Il-Kummissjoni tinnota wkoll li f'dak il-kuntest id-differenzjazzjoni tal-prezzijiet (inkluż l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni u inċentivi oħrajn) hija Prattika kummerċjali standard. Madankollu, tali politiki differenzjati tal-prezzijiet għandhom ikunu kummerċjalment iġġustifikati.⁽¹⁰⁰⁾
- (425) Il-Qorti ddikjarat fis-Sentenza ta' Stardust Marine li, “[...] sabiex ikun eżaminat jekk l-Istat adottax jew le l-aġir ta' investitur prudenti li jopera f'ekonomija tas-suq, huwa meħtieġ li wieħed iqiegħed lillu nnifso fil-kuntest tal-perjodu li matulu kienu mwettqa l-miżuri ta' sostenn finanzjarju sabiex tkun evalwata r-razzjonalità ekonomika tal-kondotta tal-Istat, u għalhekk ma għandha ssir ebda evalwazzjoni bbażata fuq sitwazzjoni sussegwenti”.⁽¹⁰¹⁾
- (426) Għalhekk, biex tkun tista' tapplika l-MEOT il-Kummissjoni għandha tpoġġi lilha nnifisha fiż-żmien meta ġew konklużi l-ftehimiet rispettivi bejn l-FFHG u Ryanair. Barra minn hekk, fil-prinċipju l-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-maniġer tal-ajruport meta ġew iffirmati jew stabbiliti l-ftehimiet rispettivi, kif ukoll kwalunkwe suppożizzjoni raġonevoli li seta' jkollha dak iż-żmien.
- (427) Il-punt 63 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 jistabbilixxi li l-arranġamenti konklużi bejn il-linji tal-ajru u ajruport jistgħu jitqiesu bħala li jissodisfaw it-test tal-MEO meta jikkontribwixxu b'mod inkrementali, minn perspettiva *ex ante*, għall-profittabbiltà tal-ajruport. Filwaqt li dan il-kriterju jirrifletti l-loġika tat-test tal-MEO, huwa ġie spjegat biss reċentement u jirreferi għal arranġamenti individwali minflok għall-kummerċ globali, kif ikun aktar ta' spiss il-każ meta jiġi applikat it-test tal-MEO. Għalhekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jista' jkun diffiċli għall-Istat Membru rilevanti u għall-operatori kkonċernati li jipprovdu evidenza kontemporanja sħiħa fir-rigward tal-arranġamenti konklużi ħafna snin ilu u se tikkunsidra dan kollu meta tiġi biex tapplika l-kriterju inkwistjoni fil-każ preżenti.

8.2.1.1. *Il-fattibbiltà tat-tqabbil tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma' ajruporti Ewropej oħra*

- (428) Skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, l-eżistenza ta' għajjnuna lil linja tal-ajru li tuża ajruport partikolari tista', fil-prinċipju, tiġi eskluża jekk il-prezz impost għas-servizzi tal-ajruport jikkorrispondi mal-prezz tas-suq, jew jekk permezz ta' analiżi *ex ante* — jiġifieri analiżi bbażata fuq informazzjoni disponibbli meta tkun ingħatat l-għajjnuna u fuq żviluppi prevedibbli f'dak iż-żmien — jkun jista' jintwera li l-arranġament mal-ajruport/linja tal-ajru se jwassal għal kontribuzzjoni ta' profitt inkrementali pożittiv għall-ajruport.⁽¹⁰²⁾
- (429) F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tqis li analiżi *ex ante* tal-profittabbiltà inkrementali hija l-aktar kriterju rilevanti għall-valutazzjoni tal-arranġamenti konklużi mill-ajruporti ma' linji tal-ajru individwali.⁽¹⁰³⁾ Ir-raġuni hija li, fil-preżent, hemm dubju jekk jistax jiġi identifikat valur referenzjarju xieraq sabiex jiġi stabbilit prezz tas-suq veru għas-servizzi pprovduti mill-ajruporti. B'mod ġenerali, l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-MEO abbażi ta' prezz medju fi swieq simili oħra tista' tkun utli jekk tali prezz ikun jista' jiġi identifikat jew dedott b'mod raġonevoli minn indikaturi oħrajn tas-suq. Madankollu, dan il-metodu mhuwiex rilevanti fil-każ tas-servizzi offruti

⁽⁹⁹⁾ Il-Kawża T-196/04 *Ryanair vs il-Kummissjoni* [2008] Ġabra II-3643, il-paragrafu 59.

⁽¹⁰⁰⁾ Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/60/UE tas-27 ta' Jannar 2010 dwar l-Għajjnuna mill-Istat C 12/08 (ex NN 74/07) — Slovakkja — Ftehim bejn l-Ajruport ta' Bratislava u Ryanair (ĠU L 27, 1.2.2011, p. 24).

⁽¹⁰¹⁾ Il-Kawża C-482/99 *Franza vs il-Kummissjoni* [2002] Ġabra I-04397, il-paragrafu 71 (“*is-sentenza Stardust Marine*”).

⁽¹⁰²⁾ Ara l-punt 53 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹⁰³⁾ Ara l-punti 59 u 61 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

fl-ajruport, billi l-istruttura tal-ispejjeż u d-dħul għandha t-tendenza li tvarja ħafna minn ajruport għal ieħor. Dan minħabba li l-ispejjeż u d-dħul jiddependu fuq kemm ajruport ikun żviluppat, l-għadd ta' linji tal-ajru li jużaw l-ajruport, il-kapaċità tiegħu f'termini ta' traffiku tal-passiġġieri, l-istat tal-infrastruttura u l-investimenti relatati, il-qafas regolatorju li jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor u kwalunkwe dejn jew obbligu li jkun daħal għalihom l-ajruport fil-passat ⁽¹⁰⁴⁾.

- (430) Barra minn hekk, il-liberalizzazzjoni tas-suq tat-trasport bl-ajru tikkomplika kwalunkwe analiżi purament komparattiva. Kif jista' jidher fil-każ preżenti, il-prattiki kummerċjali bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru mhux dejjem ikunu bbażati esklussivament fuq skeda ta' imposti ppubblikata. Minflok, dawn ir-relazzjonijiet kummerċjali jvarjaw ħafna. Dawn jinkludu kondiżjonijiet tar-riskji fir-rigward tat-traffiku tal-passiġġieri u ta' kwalunkwe responsabbiltà kummerċjali u finanzjarja relatata, skemi ta' inċentivi standard kif ukoll varjazzjonijiet bejn it-tixrid tar-riskji tul it-terminu tal-kuntratti. Konsegwentement, tranżazzjoni waħda ma tistax titqabbel ma' oħra abbażi ta' prezz varjabbli jew prezz għal kull passiġġier.
- (431) Fl-aħħar nett, jekk wieħed jassumi li jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' analiżi komparattiva valida, li l-*"prezzijiet"* involuti fid-diversi tranżazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dik il-valutazzjoni huma ekwivalenti għall-*"prezzijiet tas-suq"* stabbiliti permezz ta' kampjun komparattiv ta' tranżazzjonijiet jew ogħla minnhom, il-Kummissjoni ma tkunx tista', madankollu, tikkonkludi li dawn it-tranżazzjonijiet huma konformi mat-test tal-MEO jekk jirriżulta li, meta ġew konklużi, l-operatur tal-ajruport kien stenna li dawn jiġġeneraw spejjeż inkrementali ogħla mid-dħul inkrementali. Dan huwa għaliex MEO ma jkollu ebda inċentivi biex joffri prodotti jew servizzi bi *"prezz tas-suq"* jekk dan iwassal għal telf inkrementali.
- (432) F'dawn il-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li, b'kunsiderazzjoni tal-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha, ma hemmx raġuni li wieħed jitbiegħed mill-approċċ rakkomandat fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-MEO għar-relazzjonijiet bejn l-ajruporti u l-linji tal-ajru, jiġifieri analiżi *ex ante* tal-profitabbiltà inkrementali.

8.2.1.2. Valutazzjoni tal-Ispejjeż u d-Dħul Inkrementali

- (433) Il-Kummissjoni tqis li d-differenzjazzjoni fil-prezzijiet hija prassi standard tan-negozju, sakemm tkun konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti kollha dwar il-kompetizzjoni u dik settorjali. Madankollu, tali politiki ta' pprezzar iddifferenzjat għandhom jiġu ġustifikati mil-lat kummerċjali biex jissodisfaw it-test tal-MEO.
- (434) Skont il-Kummissjoni, l-arranġamenti konklużi bejn linji tal-ajru u ajruport jistgħu jitqiesu bħala li jissodisfaw it-test tal-MEO meta jikkontribwixxu b'mod inkrementali, minn perspettiva *ex ante*, għall-profitabbiltà tal-ajruport. L-ajruport irid juri li, meta jiġi konkluż arranġament ma' linja tal-ajru (pereżempju, kuntratt individwali jew skema ġenerali tal-imposti tal-ajruport), dan ikun kapaċi jkopri l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-arranġament, tul id-durata tal-arranġament, b'marġni ta' profitt raġonevoli abbażi ta' prospetti sodi.
- (435) Sabiex jiġi vvalutat jekk arranġament konkluż minn ajruport ma' linja tal-ajru jissodisfax it-test tal-MEO, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni d-dħul mistenni minn operazzjonijiet mhux ajrunawtiċi li jirriżulta mill-attività tal-linja tal-ajru, flimkien mat-tariffi tal-ajruport, netti minn kwalunkwe ribassi, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jew skemi ta' inċentivi. Bl-istess mod, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-ispejjeż kollha li mistennija jiġġarrbu b'mod inkrementali mill-ajruport fir-rigward tal-attività tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Tali spejjeż inkrementali jistgħu jinkludu l-kategoriji kollha ta' spejjeż jew investimenti, bħal spejjeż inkrementali marbuta mal-persunal, mat-tagħmir u mal-investment ikkawżati mill-preżenza tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Pereżempju, jekk l-ajruport ikollu bżonn jespandi jew jibni terminal ġdid jew faċilitajiet oħrajn primarjament sabiex jakkomoda l-ħtiġijiet ta' linja tal-ajru speċifika, tali spejjeż għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu kkalkolati l-ispejjeż inkrementali. B'kuntrast, l-ispejjeż li l-ajruport ikollu jħallas xorta waħda, irrispettivament mill-arranġament mal-linja tal-ajru, ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-MEOT.
- (436) Barra minn hekk, meta jkun qiegħed jiddeċiedi jekk jidħolx fi ftehim dwar servizz tal-ajruport u/jew ftehim dwar servizz ta' kummerċjalizzazzjoni jew le, MEO jagħżel perjodu ta' żmien għall-valutazzjoni tiegħu abbażi tat-tul tal-ftehimiet inkwiżjoni. Fi kliem ieħor, jivvaluta l-ispejjeż u d-dħul inkrementali għat-terminu tal-applikazzjoni tal-ftehimiet.

⁽¹⁰⁴⁾ Id-Deċiżjoni 2011/60/UE.

- (437) Ma jidher li hemm l-ebda raġuni biex jintgħażel perjodu ta' żmien itwal. Fid-data li jiffirma l-ftehimiet, MEO prudenti ma kienx iserraħ fuq il-probabbiltà li l-ftehimiet jiġġeddu ladarba jkunu skadew, kemm jekk bl-istess termini jew b'termini ġodda. Barra minn hekk, operatur prudenti jkun konxju li linji tal-ajru bi prezzijiet irħas bħal Ryanair dejjem kienu u huma magħrufa li jirreaġixxu malajr għal żviluppi fis-suq, kemm meta jiftħu jew jagħlqu rotot u meta jżidu jew inaqqsu l-għadd ta' titjriet.

8.2.2. MIŻURA 7: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-1999

- (438) Il-Ġermanja rrilevat li qabel ikkonkludiet kwalunkwe ftehim individwali ma' Ryanair l-FFHG kienet ħejjiet valutazzjoni *ex ante* tal-profittabbiltà inkrementali tal-ftehim. Il-Ġermanja argumentat li għalhekk, meta kkonkludiet il-ftehim ma' Ryanair tal-1999, l-FFHG aġixxiet bħala investitur razzjonali.
- (439) Il-Kummissjoni tinnota li tabilħaqq l-FFHG kienet fasslet diversi pjanijiet tan-negozju u kalkoli madwar dak iż-żmien li daħlet fir-relazzjoni kummerċjali tagħha ma' Ryanair. Il-kalkoli tal-profittabbiltà tal-FFHG kienu qiesu d-dħul kollu (ajrunawtiku u mhux ajrunawtiku) li kien mistenni jiġi ġġenerat minn Ryanair fl-ajruport u l-ispejjeż kollha kkawżati mill-preżenza tal-linja tal-ajru.

L-ewwel valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li saret mill-FFHG

- (440) It-Tabella 24 tippreżenta fil-qosor il-kalkolu tal-profittabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li sar mill-FFHG għas-sena 1999, li kien sar minn FFHG abbażi tad-dħul li kien mistenni jiġi ġġenerat mill-ftehim, id-dħul mistenni minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi ġġenerat *mid-duty free* u minn bejgħ fil-ħwienet fl-ajruport u l-ispejjeż inkrementali mistennija relatati mal-ftehim.

Tabella 24

Profittabbiltà inkrementali *ex ante* tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 (is-sena 1999)

(...)

Sors: Kalkolu tal-profittabbiltà inkrementali tal-FFHG, l-4 ta' Marzu 1999

- (441) Filwaqt li l-analiżi *ex ante* tal-4 ta' Marzu 1999 li saret mill-FFHG u li ġiet ippreżentata mill-Ġermanja ma kinitx tinkludi projezzjoni għall-perjodu kollu kopert mill-ftehim, kien ċar li l-kuntratt kien mistenni li jkun profittabbli mill-ewwel sena tal-operat ta' Ryanair. Minkejja li normalment MEO kien ifassal pjan tan-negozju li jkopri t-tul kollu tal-ftehim, il-ftehim kien mistenni li mill-bidu jibda jiġġenera kontribut inkrementali pożittiv għall-ajruport. B'mod partikolari dan huwa għaliex l-ewwel sena ta' operat ta' linja tal-ajru fajruport mhux ittestjat hija l-aktar perjodu riskjuż. F'dan il-każ, il-previżjonijiet tat-traffiku jidhru li huma bbażati fuq suppożizzjonijiet prudenti u ġew ikkonfermati wkoll mill-iżvilupp attwali fir-rigward tat-traffiku fl-ajruport (ara t-Tabella 1). Għalhekk, anki kieku — li madankollu kien ferm improbabbli — it-traffiku tal-passiġġieri kellu jibqa' fl-istess livell tul il-perjodu tal-ftehim, l-ajruport xorta seta' b'mod raġonevoli jistenna li l-ftehim jiġġenera kontribut pożittiv għall-profittabbiltà globali tal-FFHG.
- (442) Id-dħul inkrementali li kien tqies f'dak il-kalkolu tal-profittabbiltà inkrementali jinkludi d-dħul minn servizzi ajrunawtiċi u d-dħul minn servizzi oħra mhux ajrunawtiċi (bħad-dħul mill-bejgħ tal-biljetti) kif ġie miftiehem fil-ftehim ma' Ryanair tal-1999, kif ukoll id-dħul *mid-duty free* u mill-ħwienet. L-ixprunatur ewlieni tal-valur tad-dħul previst kien it-traffiku mistenni fir-rigward tal-passiġġieri. Fir-rigward tal-previżjoni tal-passiġġieri, l-FFHG kienet qed tistenna li timmaniġġja madwar [...] passiġġier ta' Ryanair fl-1999. ⁽¹⁰⁵⁾ Dik il-previżjoni tat-traffiku ġiet ikkonfermata mill-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport (ara t-Tabella 1).

⁽¹⁰⁵⁾ Dan huwa bbażat fuq il-kalkolu li ġej: [...] titjira fl-1999 * [...] passiġġier kull titjira = [...] passiġġier ta' Ryanair.

- (443) L-ispejjeż inkrementali li ttieħdu f'kunsiderazzjoni jinkludu l-ispejjeż tal-groundhandling, li jsir minn kumpanija esterna ta' groundhandling, l-ispejjeż tal-fjuwil, l-ispejjeż għall-ingaġġ ta' persunal addizzjonali (8 impjegati addizzjonali), kif ukoll l-ispejjeż għall-kummerċjalizzazzjoni, għaċ-ċentru telefoniku u għall-kontrolli tas-sigurtà. Barra minn hekk, għe kkunsidrat ukoll id-deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament għal investimenti kkawżati direttament minn Ryanair. Dawk l-investimenti kienu stmati li jlaħħqu madwar DM [...] miljun u kienu prinċipalment jittrattaw taġħmir ġenerali għall-ajruport.
- (444) Il-Ġermanja rrilevat li l-ispejjeż tal-investment għat-terminal il-ġdid tal-passiġġieri li jlaħħaq DM [...] miljun ma kinux iddeterminati minn Ryanair. F'dak il-kuntest, il-Ġermanja spjegat li sakemm inbena t-terminal il-ġdid, l-ajruport ma kellux terminal xieraq tal-passiġġieri. Għalhekk, skont il-Ġermanja, il-bini ta' terminal ġdid kien prekundizzjoni għall-istrateġija ta' espansjoni tal-ajruport fit-traffiku skedat tal-passiġġieri. Barra minn hekk, anki fil-kuntest tal-istrateġija ta' espansjoni tal-merkanzija l-ajruport kien għamel diversi investimenti li ma kinux minħabba linja tal-ajru speċifika. Peress li dawk l-ispejjeż kien ikollhom jiġu mġarrba irrISPettivament mill-preżenza ta' Ryanair fl-ajruport, skont il-Ġermanja dawn l-ispejjeż ma hemmx għalfejn jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kalkolu tal-profitabbiltà inkrementali.
- (445) L-ewwel nett, il-Kummissjoni tinnotta li tabilħaqq, skont il-pjan tan-negozju tal-FFHG tas-16 ta' Novembru 1998 għas-sena 1999, kien diġà beda l-bini ta' terminal ġdid tal-passiġġieri (jiġifieri qabel ma għe nnegozjat kwalunkwe ftehim ma' Ryanair).
- (446) It-tieni nett, il-pjanijiet awtentiċi *ex ante* tan-negozju ppreżentati mill-Ġermanja juru li l-bini tat-terminal u miżuri oħra ta' infrastruttura kienu parti mill-konverżjoni ta' eks-bażi militari tal-Istati Uniti f'ajruport tal-avjazzjoni ċivili li jaħdem b'mod sħiħ (b'għan usa' biex l-ajruport jiġi żviluppat bħala mezz biex jgħaqqad aħjar ir-reġjun) u ma kienx limitat għall-ftehim ma' Ryanair tal-1999.
- (447) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-kalkolu *ex ante* li sar mill-FFHG kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiki u kif kien xieraq ma kienx ħa inkunsiderazzjoni l-ispejjeż għall-infrastruttura. Barra minn hekk, minkejja li l-kalkolu *ex ante* tal-profitabbiltà ma kienx ikopri l-perjodu sħiħ, kien stabbilixxa li mill-ewwel sena l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 kien se jipprovi kontribuzzjoni profitabbli għall-ajruport.

It-tieni valutazzjoni tal-profitabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li saret mill-FFHG

- (448) Fil-kuntest tad-diskussjonijiet li saru fil-bord superviżorju tal-FFHG dwar l-akkwist ta' klijenti ġodda (Ryanair) saret it-tieni valutazzjoni *ex ante* tal-profitabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li kienet tkopri l-perjodu bejn l-1999 u l-2003, ⁽¹⁰⁶⁾ kif miġbura fil-qosor fit-Tabella 15. Il-Kummissjoni tosserva li anke dik il-valutazzjoni hija bbażata fuq kalkolu tal-profitabbiltà inkrementali u l-prinċipji deskritti fil-premessi minn 442 sa 444. Filwaqt li dik il-valutazzjoni hija bbażata fuq previżjonijiet ogħla ta' passiġġieri mill-kalkolu preċedenti, anke dawk il-previżjonijiet kienu kkonfermati mill-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport (ara t-Tabella 1).

Tabella 25

Valutazzjoni tal-profitabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 mill-1999 sal-2003

(...)

Sors: Rapport dwar l-imposti ajruportwali — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn, 1999 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (449) Filwaqt li l-analiżi *ex ante* li saret mill-FFHG u li għet ippreżentata mill-Ġermanja ma kinitx skontat il-pagamenti futuri sad-data li fiha għe konkluż il-kuntratt, jidher ċar li l-ftehim kien mistenni jkun profitabbli. Il-Kummissjoni tqis li dik is-suppożizzjoni kienet realistika meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiż-żmien meta għe konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-1999. Il-previżjonijiet fir-rigward tat-traffiku li huma l-ixprunatur ewlieni

⁽¹⁰⁶⁾ Rapport dwar l-imposti ajruportwali — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn, 1999.

għad-dħul minn servizzi ajrunawtiċi kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet prudenti, u ġew ikkonfermati mill-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport. Barra minn hekk, kien mistenni li bejn l-2000 u l-2003 l-ispejjeż inkrementali kkawżati kienu se jibqgħu stabbli, peress li kienet mistennija żieda marġinali biss fil-frekwenzi offruti minn Ryanair. Anke l-previżjonijiet għad-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet realistiċi, peress li kien mistenni li kull passiġġier jonfoq madwar EUR [...] fl-ajruport.

- (450) Il-Kummissjoni tinnotta li l-maniġment tal-FFHG, wara li qies l-ispejjeż u d-dħul inkrementali kollha bħala riżultat tal-attività ta' Ryanair fl-ajruport, stenna li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 ma kienx se jkopri biss l-ispejjeż inkrementali kollha iżda tul il-perjodu tiegħu kien se jiġġenera kontribut pożittiv għall-profittabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn b'VPN li jlaħħaq [...] miljun (rata ta' skont = [...] %). Minħabba dik il-kontribuzzjoni pożittiva mistennija kien mistenni li anke n-negozju globali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn jsir aktar profittabbli tul il-perjodu tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999.
- (451) Anki jekk sabiex ikun hemm konformità mal-MEOT, huwa biżżejjed li jintwera li d-dħul mistenni ġġenerat mill-ftehim ma' ajruport huwa kapaċi jkopri l-ispejjeż inkrementali mistennija tiegħu, fil-kalkolu tal-profittabbiltà l-Kummissjoni wettqet ukoll analiżi tas-sensittività inklużi l-ispejjeż tad-deprezzament tat-terminal il-ġdid tal-passiġġieri (ara t-Tabella 26).

Tabella 26

Valutazzjoni tal-profittabbiltà inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 mill-1999 sal-2003 (inkluż id-deprezzament annwali għat-terminal il-ġdid tal-passiġġieri ta' DM [...] ⁽¹⁰⁷⁾)

(...)

Sors: Rapport dwar l-imposti ajruportwali — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn, 1999 u l-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (452) Anki wara li jitqiesu l-ispejjeż kollha tad-deprezzament tat-terminal il-ġdid tal-passiġġieri, il-ftehim ma' Ryanair tal-1999 seta' raġonevolment ikun mistenni li kien se jiġġenera VPN pożittiv ta' madwar DM [...] miljun (rata ta' skont = [...] %).

Valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-1999 li saret minn Oxera

- (453) Barra minn hekk, anke Ryanair ippreżentat valutazzjoni tal-profittabbiltà li saret minn Oxera abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien li ġie konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-1999, li nġhatat mill-ajruport u minn Ryanair. Ir-riżultati ta' dak l-kalkolu huma miġbura fil-qosor fit-Tabella 16. Bl-istess mod il-valutazzjoni ta' Oxera turi li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 kien mistenni li jwassal għal VPN pożittiv għall-ajruport.
- (454) Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni tqis bħala konvinċenti l-argument tal-Ġermanja li l-kapaċità li jiġi ġġenerat traffiku addizzjonali permezz ta' ftehimiet ma' Ryanair offriet lill-FFHG il-possibbiltà li tattira klijenti b'potenzjal ta' tkabbir, li ttejjeb l-utilizzazzjoni ġenerali tal-ajruport u tnaqqas b'mod globali t-telf tagħha.

Konklużjoni

- (455) Wara li analizzat il-ftehim u l-aspettattivi tal-FFHG fiż-żmien meta ġie konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-1999, il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-ftehim ikkontribwixxa għall-profittabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, fis-sens li d-dħul inkrementali mistenni kien oġhla mill-ispejjeż inkrementali mistennija. Peress li għaldaqstant il-kuntratt kien konformi mal-prinċipju tal-MEO, ma kien ta l-ebda vantaġġ lil Ryanair.

⁽¹⁰⁷⁾ Spejjeż tal-investment tat-terminal il-ġdid ta' DM [...] miljun/utilizzazzjoni ekonomika mistennija tat-terminal ta' 20 sena = Deprezzament ta' DM [...] fis-sena

- (456) Peress li wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni tqis li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair ma jikkostitwixx għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.2.3. MIŻURA 8: L-ISKEDA TAL-IMPOSTI AJRUPTWALI TAL-2001

- (457) Il-Kummissjoni tinnota li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2001. Dak iż-żmien, Ryanair kienet il-linja tal-ajru prinċipali tal-passiġġieri li kienet topera fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, peress li Volare u Air Polonia bdew joperaw fl-ajruport fl-2003 biss u Wizzair u Iceland Express fl-2005 biss.
- (458) L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kienet tapplika għal-linji tal-ajru kollha li jużaw l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u offriet appoġġ varjabbli u fiss għall-kummerċjalizzazzjoni għal linji tal-ajru ġodda, destinazzjonijiet ġodda u żieda fl-ammont ta' passiġġieri.
- (459) L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 ġiet introdotta biex tiżdied il-kompetittività tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn u biex issostni l-istrateġija ta' tkabbir tal-ajruport f'dak iż-żmien.
- (460) F'dak l-isfond, il-Ġermanja argumentat li ma kien ingħata l-ebda vantaġġ permezz tal-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 u qablet mal-Kummissjoni li r-riżultati tal-MEOT għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002, li huwa bbażat fuq l-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 u introduċa appoġġ addizzjonali għall-kummerċjalizzazzjoni, jistgħu jservi bħala parametru referenzjarju (ara sezzjoni 8.2.4).
- (461) Il-Kummissjoni taqbel li l-ftehim ma' Ryanair tal-1999 jista' jservi bħala parametru referenzjarju għall-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001, b'mod partikolari, minħabba l-fatt li l-linja tal-ajru prinċipali fl-ajruport fiż-żmien li ġiet introdotta l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kienet ir-Ryanair u li l-imposti miftehma fil-ftehim ma' Ryanair tal-2002 jikkorrispondu mal-imposti stabbiliti fl-iskeda tal-2001.

Konklużjoni

- (462) Fid-dawl tal-kalkolu tal-profitabbiltà inkrementali li sar fil-kuntest tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002, li kien ibbażat fuq l-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001, il-Kummissjoni tikkonkludi li anke l-introduzzjoni tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 kienet konformi mal-prinċipju tal-MEO, peress li, minn perspettiva *ex ante*, ikkontribwiet b'mod inkrementali għall-profitabbiltà tal-ajruport.
- (463) Peress li tal-anqas wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni tqis li l-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2001 ma tikkostitwixx għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

8.2.4. MIŻURA 9: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2002

- (464) Il-Ftehim ma' Ryanair tal-1999 ġie sostitwit bil-ftehim ma' Ryanair tal-2002, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Frar 2002. Il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 ġie konkluż għal perjodu ta' [...] snin (jiġifieri sal-[...]). Ryanair għandha l-għażla li ttawwal il-ftehim b'termini u kundizzjonijiet simili sal-[...].
- (465) Qabel ittieħdet deċizzjoni dwar il-Ftehim ma' Ryanair tal-2002, fil-21 ta' Mejju 2001, l-FFHG kienet wettqet valutazzjoni approssimattiva tal-profitabbiltà (ara t-Tabella 27).

Tabella 27

Valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002

Dħul għal kull titjira (132,30 passiġġier għal kull titjira)	Unità	Ammont għal kull titjira	Spejjeż/fatturat għal kull titjira f'DM
Dħul mill-qtugħ ta' biljetti	Titjira	(...)	(...)
Imposta fuq il-passiġġieri (li minnha trid titnaqqas DM 3.52 bħala appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni) ⁽¹⁾	Pass.	(...)	(...)
Taxxa fuq is-sigurtà	Pass.	(...)	(...)
Fjuwil	m ³	(...)	(...)
Fatturat minn servizzi mhux relatati mal-avjazzjoni (sena bażi 2000)	Pass.	(...)	(...)
Parkeġġ	Pass.	(...)	(...)
Fatturat totali għal kull titjira			(...)
Spejjeż varjabbli għal kull titjira			
Pagi			
OPS	Sigħat	(...)	(...)
Immaniġġjar ta' servizzi fuq ir-rampa	Sigħat	(...)	(...)
Apparat għall-ikklerjar ⁽²⁾			
— spejjeż operattivi globali tal-provvista	Titjira	(...)	(...)
— vettura 1 "follow me"	Titjira	(...)	(...)
— vettura 1 għat-trasport tal-bagalji	Titjira	(...)	(...)
— vettura 1 għad-drenaġġ	Titjira	(...)	(...)
— vettura 1 għall-ilma	Titjira	(...)	(...)
— unità 1 ta' startjar bl-arja kkompressata	Titjira	(...)	(...)
— vettura 1 li timbotta ingenu tal-ajru lura mill-gate tal-ajruport (<i>push back</i>)	Titjira	(...)	(...)
Ikklerjar tal-passiġġieri u tal-bagalji			
— awtorizzazzjoni tal-passiġġieri (somma sħiħa tar-reġistrazzjoni)	Titjira	(...)	(...)
— ikklerjar tal-bagalji (somma sħiħa)	Titjira	(...)	(...)
— kontroll tal-passiġġieri	Pass.	(...)	(...)
Spejjeż varjabbli totali għal kull titjira			(...)
Deckungsbeitrag I għal kull titjira			(...)
Deckungsbeitrag I fis-sena ⁽³⁾			(...)
Appoġġ għal rotot ġodda ⁽⁴⁾			(...)

Dħul għal kull titjira (132,30 passiġġier għal kull titjira)	Unità	Ammont għal kull titjira	Spejjeż/fatturat għal kull titjira f'DM
Deprezzamenti tal-investimenti ddeterminati minn Ryanair ⁽⁵⁾			(...)
Spejjeż ta' finanzjament tal-investimenti msemmija qabel (rata tal-imgħax: 5 %)			(...)
Kontribuzzjoni għall-profitt inkrementali fis-sena			(...)

(¹) L-FFHG ibbażat l-aspettattivi tagħha dwar id-dħul mit-tariffa fuq il-passiġġieri fuq is-suppożizzjoni li r-Ryanair kienet se tibbaża 3 ajruplani f'HHN u din hija r-raġuni għaliex it-tariffa fuq il-passiġġieri ġiet imnaqqsa permezz tal-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni ta' EUR [...] għal kull passiġġier.

(²) L-ispejjeż jikkorrispondu għall-kera imposta għall-użu tal-apparat għall-ikklerjar flimkien mal-ispejjeż operattivi tal-materjal ("spejjeż operattivi tal-forniment").

(³) Abbażi ta' [...] titjira fis-sena.

(⁴) L-FFHG assumiet li Ryanair kienet se tiftaħ 3 rotot ġodda, li għalihom kienet se tħallas DM [...].

(⁵) Id-deprezzament jitratta l-estensjoni tat-terminal tal-passiġġieri li kien jeħtieġ investiment fl-ammont ta' EUR [...] (EUR [...] flimkien ma' EUR [...] għad-domanda addizzjonali mistennija) flimkien mal-ispejjeż ta' finanzjament. Dawn l-ispejjeż ta' investiment ġew maqsuma għal Ryanair skont is-sehem tagħha fil-volum ta' passiġġieri f'HHN li jammonta għal [...] %. Perjodu ta' deprezzament: [...] sena. Minkejja li l-ispejjeż oriġinali ta' investiment tat-Terminal ma kinux meqjusa li kienu ddeterminati minn Ryanair, il-kalkolu tal-FFHG qies l-ispejjeż addizzjonali mistennija ta' investiment għat-Terminal.

Sors: Rapport ta' PWC tal-2006, p. 34 u valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-21 ta' Mejju 2001 tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 li saret mill-FFHG

- (466) Filwaqt li l-valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-FFHG li ġiet ippreżentata mill-Ġermanja ma kinitx tinkludi projezzjoni għall-perjodu kollu kopert mill-ftehim ma' Ryanair tal-2002, kien ċar li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien mistenni li jkun profittabbli mill-ewwel sena ta' operat ta' Ryanair. Minkejja li normalment MEO jwettaq kalkolu għall-perjodu kollu ta' ftehim, f'dan il-każ, minħabba l-fatt li l-ftehim kien mistenni li jġġenera kontribut pożittiv mill-ewwel sena — anki kieku l-għadd ta' passiġġieri u d-dħul mistenni kellu jibqa' stabbli (filwaqt li fil-fatt dawn kienu mistennija jiżiedu) — l-FFHG setgħet raġonevolment tistenna li l-ftehim kien se jipprovdri kontribuzzjoni pożittiva ġenerali għall-profittabbiltà tagħha (ara l-premessa 471).
- (467) Id-dħul inkrementali li kien tqies f'dik il-valutazzjoni tal-profittabbiltà jinkludi d-dħul minn servizzi ajrunawtiċi u d-dħul minn servizzi oħra mhux ajrunawtiċi kif ġie stabbilit fil-ftehim ma' Ryanair tal-2002, kif ukoll id-dħul mid-duty free u mill-ħwienet. L-ixprunatur ewlieni tal-valur tad-dħul previst kien it-traffiku mistenni fir-rigward tal-passiġġieri. Fir-rigward ta' dan tal-aħħar, l-FFHG kienet qiegħda tistenna li timmaniġġja madwar 392 137 passiġġier ta' Ryanair fl-2002. (¹⁰⁸) Saħansitra dik il-previżjoni tat-traffiku nqabżet mill-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport (ara t-Tabella 1).
- (468) Anke kieku, kif qalet Lufthansa, l-Appoġġ Għal Rotot Ġodda kien ġie sstotovalutat fil-valutazzjoni tal-profitabbiltà tal-FFHG, l-appoġġ ogħla għall-kummerċjalizzazzjoni kien jiġi bbilanċjat mid-dħul ogħla minn servizzi ajrunawtiċi u mhux ajrunawtiċi minħabba volum akbar ta' passiġġieri.
- (469) L-ispejjeż inkrementali li ġew ikkunsidrati jinkludu l-ispejjeż tal-groundhandling, li jsir minn kumpanija esterna ta' groundhandling, l-ispejjeż għall-ingaġġ ta' persunal addizzjonali, l-ispejjeż għall-kummerċjalizzazzjoni u għall-iżvilupp ta' rotta ġdida u għall-kontrolli tas-sigurtà. Barra minn hekk, ġie kkunsidrat ukoll id-deprezzament u l-ispejjeż tal-finanzjament għal investimenti kkawżati direttament minn Ryanair. Dawk l-investimenti kienu stmati li jlaħħqu madwar DM [...] miljun u jitrattaw l-estensjoni tat-terminal tal-passiġġieri. Għalkemm it-Terminal ma kienx meqjus li kien ikkawżat minn Ryanair, il-kalkolu tal-FFHG qies l-ispejjeż addizzjonali mistennija ta' investiment għat-Terminal.
- (470) Filwaqt li l-valutazzjoni tal-profittabbiltà li saret mill-FFHG kif ippreżentata mill-Ġermanja ma kinitx skontat il-pagamenti futuri sad-data li fiha ġie konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-2002, jidher ċar li l-ftehim kien mistenni jkun profittabbli. Il-Kummissjoni tinnotta li meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiż-żmien meta sar il-kalkolu, is-suppożizzjoni li fuqha kien ibbażat il-kalkolu kienet realistika. B'mod partikolari, il-volum mistenni ta' passiġġieri saħansitra nqabeż mill-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport (ara t-Tabella 1) u wassal għal dħul ogħla minn servizzi ajrunawtiċi u mhux ajrunawtiċi.

(¹⁰⁸) Dan kien ibbażat fuq il-kalkolu li ġej: [...] titjira fl-2002 * [...] passiġġier kull titjira = 392 137 passiġġier ta' Ryanair. Din is-suppożizzjoni kienet ibbażata fuq madwar [...] titjira kuljum operati minn Ryanair.

- (471) Il-Kummissjoni tinnotta li l-maniġment tal-FFHG, wara li qies l-ispejjeż u d-dħul inkrementali kollha bħala riżultat tal-attività ta' Ryanair fl-ajruport, stenna li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002, tul il-perjodu tiegħu kien se jiġġenera kontribut pożittiv għall-profittabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn b'VPN li tal-anqas ilaħħaq DM [...] miljun (rata ta' skont = [...] %) ⁽¹⁰⁹⁾. Il-Kummissjoni nnotat li, minħabba l-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, il-VPN li ġie kkalkolat abbażi tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 jidher li sstottovaluta l-profittabbiltà inkrementali attwali ta' dak il-ftehim.
- (472) Barra minn hekk, minħabba li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien mistenni (li mhux biss ikopri l-ispejjeż inkrementali kollha, iżda) li jikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-profittabbiltà tal-FFHG, kien mistenni li anke n-negozju globali tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn isir aktar profittabbli tul il-perjodu tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002.

Valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 li saret minn Oxera

- (473) Barra minn hekk, Ryanair ippreżentat ukoll valutazzjoni tal-profittabbiltà li saret minn Oxera abbażi tal-informazzjoni disponibbli fiż-żmien li ġie konkluż il-ftehim ma' Ryanair tal-2002, (li ngħatat mill-ajruport u minn Ryanair). Ir-riżultati ta' dak il-kalkolu huma ppreżentati fil-qosor fit-Tabella 17. Abbażi tal-MEIT ta' Oxera tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002, il-Kummissjoni wettqet analiżi tas-sensittività fir-rigward tad-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi li kienu tqiesu fil-valutazzjoni.
- (474) Anke kieku d-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi kellu jiġi mnaqqas b'medja ta' 20 % — sabiex issir valutazzjoni tas-sensittività tad-dħul preżunt minn servizzi ajrunawtiċi — il-VPN tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien ilaħħaq EUR [...] miljun, filwaqt li s-suppożizzjonijiet l-oħra kollha kienu jibqgħu kostanti (ara t-Tabella 28).

Tabella 28

Valutazzjoni aġġustata tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 li saret minn Oxera (tnaqqis ta' 20 % fid-dħul minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi)

(...)

Konklużjoni

- (475) Wara li analizzat il-valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002 li saret minn Oxera u l-aspettattivi tal-FFHG fiż-żmien meta ġie konkluż dak il-ftehim, il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-ftehim jista' b'mod raġonevoli jitqies li kkontribwixxa għall-profittabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq ta' dak iż-żmien), fis-sens li d-dħul inkrementali mistenni kien ogħla mill-ispejjeż inkrementali mistennija. Peress li għalhekk il-ftehim ma' Ryanair tal-2002 kien konformi mal-prinċipju tal-MEO, ma kien ta ebda vantaġġ lil Ryanair.
- (476) Peress li wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni tqis li l-ftehim ma' Ryanair tal-2002 ma jikkonstitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE.

8.2.5. MIŻURA 10: FTEHIM MA' RYANAIR TAL-2005

- (477) Fl-4 ta' Novembru 2005, intlaħaq ftehim dwar emenda għall-ftehim ma' Ryanair tal-2002, il-*"Ftehim Ryanair/Flughafen Frankfurt-Hahn GmbH Konsenja ta' inġenji tal-ajru minn 6 sa 18 — bejn l-2005 u l-2012"*. Fit-18 ta' Novembru 2005, il-bord superviżorju tal-FFHG approva l-konklużjoni tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005. Il-ftehim ma' Ryanair tal-2005 huwa validu sal- [...].

⁽¹⁰⁹⁾ Valutazzjoni tal-profittabbiltà bbażata fuq il-kontribut tal-profitt tal-2002 tal-ftehim ma' Ryanair tal-2002: (...)

- (478) Il-Ġermanja rrilevat ukoll li l-ftehim ma' Ryanair tal-2005 huwa konformi mal-prinċipju tal-MEO. F'sostenn għal dan, il-Ġermanja pprovdiet MEOT li kien sar minn PWC. L-MEOT ta' PWC iqabbel żewġ xenarji sabiex jiġi stabbilit l-impatt inkrementali tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005: (i) pjan tan-negozju *ex ante* ta' FFHG bl-involvement ta' Ryanair u (ii) xenarju alternattiv bi pjan tan-negozju *ex ante* ta' FFHG mingħajr l-involvement ta' Ryanair. Il-fluss tal-flus inkrementali jiġi kkalkulat bħala d-differenza bejn iż-żewġ xenarji (kif ippreżentat fil-qosor fit-Tabella 29).

Tabella 29

MEOT tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005

(...)

Sors: Rapport ta' PWC tal-2006, il-paġni 88 u 89.

- (479) Il-Kummissjoni tqis li l-fluss tal-flus inkrementali identifikat bħala d-differenza bejn iż-żewġ xenarji jqis l-ispejjeż u d-dħul inkrementali kollha ddeterminati mill-preżenza ta' Ryanair fl-ajruport. Barra minn hekk, dak il-kalkolu tal-profitabbiltà jqis ukoll l-investimenti ddeterminati mill-preżenza ta' Ryanair fl-ajruport. Skont l-MEOT supplementari li sar minn PWC wara d-deċiżjoni tal-ftuħ tal-2008, ammont totali ta' EUR [...] miljun ta' investimenti jista' jiġi attribwit lil Ryanair, filwaqt li l-EUR [...] miljun li fadal jittratta l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-merkanzija tal-ajruport (jiġifieri total ta' EUR [...] miljun).
- (480) Il-Kummissjoni tinnota li l-maniġment tal-FFHG, wara li qies l-ispejjeż u d-dħul inkrementali kollha bħala riżultat tal-attività ta' Ryanair fl-ajruport, stenna li tul il-perjodu tiegħu l-ftehim ma' Ryanair tal-2005 kien se jiġġenera kontribut pożittiv għall-profitabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn b'VPN ta' mill-inqas EUR [...] miljun (rata ta' skont = [...] %). ⁽¹¹⁰⁾
- (481) F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u t-tkabbir sinifikanti ta' trasportaturi bi prezz baxx mill-2000, is-suppożizzjonijiet li fuqhom huwa bbażat il-pjan tan-negozju *ex ante* jidher li huma realistiċi. Fl-istess ħin, minħabba l-perjodu ta' ppjanar fit-tul tal-iżvilupp attwali fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, il-VPN ikkalkulat abbażi ta' rata ta' skont ta' [...] % jista' ma jkunx qiegħed iqis b'mod adegwat ir-riskji li potenzjalment jistgħu jaffettwaw is-suppożizzjonijiet sottostanti.
- (482) Għalhekk, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tas-sensittività tar-rata ta' skont (ara t-Tabella 30). Meta tiġi applikata rata ta' skont ta' [...] % il-VPN xorta jlaħħaq EUR [...] miljun. Barra minn hekk, anke kieku wieħed kellu jqis li rata ta' skont ta' [...] % xorta tibqa' ma tippermettix li tiġi rimedjata kwalunkwe inċertezza dwar previzzjonijiet fit-tul fir-rigward tal-passiġġieri, xorta jrid jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ftehim kien mistenni li kien se jiġġenera kontribut pożittiv għall-profitabbiltà tal-FFHG wara l-ewwel sena u li fid-dawl tal-iżvilupp globali tas-suq, ma kienx jidher li kien hemm raġuni konvinċenti għaliex l-FFHG kellha tistenna tnaqqis fis-snin sussegwenti.

Tabella 30

MEOT tal-ftehim ma' Ryanair tal-2005 — Valutazzjoni tas-sensittività tar-rata ta' skont

(...)

⁽¹¹⁰⁾ Il-Kummissjoni saret taf li anke Land Rhineland-Palatinate kienet ikkonkludiet ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Ryanair. Madankollu, dawn il-ftehimiet ma ġewx inklużi fil-miżuri li dwarhom il-Kummissjoni bdiet il-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-2008 u għalhekk ma ġewx inklużi fl-analiżi f'din id-Deċiżjoni, li hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni futura li l-Kummissjoni tkun tixtieq tiegħu fir-rigward ta' dawn il-ftehimiet.

Konklużjoni

- (483) Fid-dawl tal-analiżi tal-profittabbiltà inkrementali mwettqa, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ftehim ma' Ryanair tal-2005 kien konformi mal-prinċipju tal-MEO, peress li, minn perspettiva *ex ante* u meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq, kien ikkontribwixxa b'mod inkrementali għall-profittabbiltà tal-ajruport. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-deċiżjoni tal-FFHG li tidħol fil-ftehim ma' Ryanair tal-2005 ma kienet tat ebda vantaġġ ekonomiku lil-linja tal-ajru li ma kinitx kieku tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.
- (484) Peress li wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni tqis li l-ftehim ma' Ryanair tal-2005 bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair ma jikkostitwixxix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. ⁽¹¹⁾

8.2.6. MIŻURA 11: L-ISKEDA TAL-IMPOSTI AJRUPORTWALI TAL-2006

- (485) L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2006 u ħadet post l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001. Madankollu ssegwi l-istess prinċipji bażiċi bħall-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001. It-tibdil meta mqabbel mal-iskeda tal-2001 jittratta l-imposti fuq it-tluġ u l-illandjar, it-tariffa fuq il-passiġġieri, u l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni għat-twaqqif ta' rotta ġdida u l-volum tat-traffiku ġġenerat skont l-għadd ta' passiġġieri totali (passiġġieri li jtilqu u li jaslu trasportati mil-linja tal-ajru).
- (486) Il-Ġermanja argumentat li r-Ryanair ma kienet ingħatat l-ebda vantaġġ permezz tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006. L-ewwel nett, il-Ġermanja ġġustifikat l-imposti differenti fuq il-passiġġieri, abbażi tal-fatt li dawk kienu nħolqu sabiex jipprovdu incenċiv lit-trasportaturi oħra bi prezzijiet irħas filwaqt li jiġu koperti l-ispejjeż operattivi tal-ajruport. Il-Ġermanja argumentat li tnaqqis fl-imposti skont il-volum ta' passiġġieri huwa aġir komuni f'ajruporti nazzjonali u internazzjonali. Peress li l-limitu biex jinkisbu ribassi kien baxx ħafna, jiġifieri ta' 100 000 passiġġier fis-sena, dawk ir-ribassi kienu disponibbli wkoll għal-linji tal-ajru iżgħar.
- (487) F'sostenn għal dan, il-Ġermanja ppreżentat valutazzjoni *ex ante* tal-profittabbiltà fejn qabblat xenarju bl-introduzzjoni tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ma' xenarju mingħajr l-introduzzjoni ta' dik l-iskeda, kif ippreżentat fil-qosor fit-Tabella 31. Il-Kummissjoni tqis, li meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u r-riżultati operattivi attwali tal-FFHG ta' dak iż-żmien, il-kalkolu tal-profittabbiltà kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiki.

Tabella 31

Valutazzjoni tal-profittabbiltà tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006

F'eluf ta' EUR	2006	2007	2008	2009	2010	2011
EBITDA bl-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
EBITDA mingħajr l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)
Impatt inkrementali tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)	(...)

Sors: Rapport ta' PWC, 2006, paġna 57.

⁽¹¹⁾ Il-Kummissjoni saret taf li anke Land Rhineland-Palatinate kienet ikkonkludiet ftehimiet ta' kummerċjalizzazzjoni ma' Ryanair. Madankollu, dawk il-ftehimiet ma ġewx inklużi fil-miżuri li dwarhom il-Kummissjoni kienet bdiēt il-proċedura ta' investigazzjoni formali fl-2008 u għalhekk ma ġewx inklużi fl-analiżi f'din id-Deċiżjoni, li hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni futura li l-Kummissjoni tkun tixtieq tieħu fir-rigward ta' dawn il-ftehimiet.

- (488) Kif intqal fis-sezzjoni, 8.2.1, l-arranġamenti konklużi bejn linji tal-ajru u ajruport jistgħu jitqiesu li jissodisfaw it-test ta' MEO meta dawn jikkontribwixxu b'mod inkrementali, minn perspettiva *ex ante*, għall-profittabbiltà tal-ajruport. L-ajruport irid juri li, meta jikkonkludi arranġament ma' linja tal-ajru (pereżempju, kuntratt individwali jew skema ġenerali tal-imposti tal-ajruport), huwa jkun kapaċi jkopri l-ispejjeż kollha li jirriżultaw mill-arranġament, tul id-durata tal-arranġament, b'marġni ta' profitt raġonevoli fuq il-bażi ta' prospetti sodi fuq perjodu ta' żmien medju.
- (489) Barra minn hekk, sabiex jiġi vvalutat jekk arranġament konkluż minn ajruport ma' linja tal-ajru jissodisfax l-MEOT, għandu jittieħed f'kunsiderazzjoni d-dħul mistenni minn attivitajiet mhux ajrunawtiċi li jirriżulta mill-attività tal-linja tal-ajru, flimkien mal-imposti tal-ajruport, netti minn kwalunkwe ribassi, l-appoġġ għall-kummerċjalizzazzjoni jew skemi ta' inċentivi). Bl-istess mod, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll l-ispejjeż kollha li mistennija jiġġarrbu b'mod inkrementali mill-ajruport fir-rigward tal-attività tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Tali spejjeż inkrementali jistgħu jinkludu l-kategoriji kollha ta' spejjeż jew investimenti, bħal spejjeż inkrementali marbuta mal-persunal, mat-tagħmir u mal-investment ikkawżati mill-preżenza tal-linja tal-ajru fl-ajruport. Pereżempju, jekk l-ajruport ikollu bżonn jespandi jew jibni terminal ġdid jew faċilitajiet oħrajn primarjament sabiex jakkomoda l-ħtiġijiet ta' linja tal-ajru speċifika, tali spejjeż għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġu kkalkolati l-ispejjeż inkrementali. B'kuntrast, l-ispejjeż li l-ajruport ikollu jħallas xorta waħda, irrispettivament mill-arranġament mal-linja tal-ajru ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni fl-MEOT.
- (490) Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-profittabbiltà mwettqa mill-FFHG qabel l-introduzzjoni tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, il-Kummissjoni tqis li l-ispejjeż u d-dħul inkrementali kollha ddeterminati mill-introduzzjoni ta' din l-iskeda kienu ġew ikkunsidrati u kienu bbażati fuq suppożizzjonijiet raġonevoli b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u r-riżultati attwali tal-FFHG. L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ma kinitx limitata fiż-żmien, u għalhekk kien biżżejjed li l-operatur tal-ajruport jikkalkula l-profittabbiltà globali tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 għal diversi snin konsekuttivi. Barra minn hekk, fil-każ li jiġi ppruvat li d-dħul iġġenerat ma kienx biżżejjed biex ikopri l-ispejjeż inkrementali kkawżati mil-linji tal-ajru li jużaw dik l-iskeda, l-FFHG setgħet fi kwalunkwe ħin timmodifika l-iskeda ta' imposti ajruportwali. Barra minn hekk, peress li Ryanair ikkonkludiet ftehim individwali, l-iskeda ma kinitx tapplika għal-linja tal-ajru prinċipali (b'seħem ta' passiġġieri ta' madwar 90 %), iżda għet applikata għal-linji tal-ajru li kien għad fadal li s-seħem ta' passiġġieri tagħhom kien ta' madwar 10 %. Għalhekk, l-ispejjeż inkrementali tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 kienu limitati ħafna u l-FFHG kienet stenniet li tkun tista' tuża r-riżorsi tagħha aħjar.
- (491) Filwaqt li l-analiżi *ex ante* li saret mill-FFHG u li għet ippreżentata mill-Ġermanja ma kinitx skontat il-pagamenti futuri sad-data li fiha daħlet fis-seħħ l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, jidher ċar li l-iskeda kienet mistennija tkun profittabbli mill-ewwel sena 1 quddiem.
- (492) Barra minn hekk, minħabba l-ispejjeż fissi għoljin u l-ispejjeż inkrementali ferm limitati relatati mal-forniment ta' servizzi taħt l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006, dawk il-previżjonijiet ma kinux sensitivi għas-suppożizzjonijiet dwar l-iżvilupp globali tat-traffiku.

Konklużjoni

- (493) Fid-dawl tal-kalkolu tal-profittabbiltà inkrementali li sar, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-introduzzjoni tal-iskeda ta' imposti ajruportwali tal-2006 kienet konformi mal-prinċipju tal-MEO, peress li, minn perspettiva *ex ante*, ikkontribwiet b'mod inkrementali għall-profittabbiltà tal-ajruport. B'mod partikolari, l-ispejjeż kollha tal-ajruport bħala riżultat tal-introduzzjoni tal-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 kienu koperti mid-dħul (kemm minn attivitajiet ajrunawtiċi u mhux ajrunawtiċi) bħala riżultat tal-introduzzjoni ta' dik l-iskeda, b'marġni ta' profitt raġonevoli. Barra minn hekk, l-ispejjeż direttament attribwibbli għal ftehimiet individwali ma' linji tal-ajru speċifiċi kienu raġonevolment mistennija li jinqabżu mid-dħul attribwibbli għall-preżenza ta' dawk il-linji tal-ajru (ara sezzjoni 8.2.5). Għalhekk, l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 setgħet raġonevolment tiġi mistennija (meta wieħed iqis il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq fiż-żmien li għet introdotta) li tikkontribwixxi għall-profittabbiltà globali fit-tul tal-ajruport.
- (494) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ma taġtix vantaġġ ekonomiku lil-linji tal-ajru li ma kinux kieku jiksbu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Barra minn hekk, kienet miftuħa għall-utenti potenzjali kollha tal-ajruport fuq termini ugwali u mhux diskriminatorji. Għalhekk l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2006 ma tikkostitwixxi għajnunha mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

9. LEGALITÀ TAL-GĦAJNUNA

- (495) Skont l-Artikolu 108(3) tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw kwalunkwe pjan li jagħti jew jibdel l-ghajjnuna, u ma għandhomx jimplementaw il-miżuri proposti qabel ma l-proċedura ta' notifika tirriżulta f'deċiżjoni finali.
- (496) Peress li l-miżuri numru 1, 2, 3, 4, 5, 6 u 12 diġà tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-FFHG jew ingħataw b'mod irrevokabbli bi dritt li l-FFHG tirċievi l-fondi rispettivi, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja ma rrispettatx il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat. ⁽¹¹²⁾

10. VALUTAZZJONI LEGALI — IL-KOMPATIBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

10.1. L-APPLIKABILITÀ TAL-LINJI GWIDA TAL-AVJAZZJONI TAL-2014 U TAL-2005

- (497) L-Artikolu 107(3) tat-Trattat jipprevedi ċerti eżenzjonijiet għar-regola ġenerali stabbilita fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat li l-ghajjnuna mill-Istat mhijiex kompatibbli mas-suq intern. B'mod partikolari, l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat jistabbilixxi li: "ghajjnuna maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-ghajjnuna ma tfixkilx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sal-punt li jkun kuntrarju għall-interess komuni", tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq intern.
- (498) F'dak ir-rigward, il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 jipprovdu qafas għall-valutazzjoni ta' jekk l-ghajjnuna mogħtija lill-ajruporti tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.
- (499) Skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tqis li l-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna illegali mill-Istat ⁽¹¹³⁾ japplika għall-ghajjnuna għall-investment illegali mogħtija lill-ajruporti. F'dak ir-rigward, jekk l-ghajjnuna għall-investment illegali nġhatat qabel l-4 ta' April 2014, il-Kummissjoni tapplika r-regoli dwar il-kompatibbiltà li kienu fis-seħħ f'dak iż-żmien meta nġhatat l-ghajjnuna għall-investment illegali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 fil-każ ta' ghajjnuna għall-investment illegali mogħtija lill-ajruporti qabel l-4 ta' April 2014. ⁽¹¹⁴⁾
- (500) Skont il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tqis ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-avviż tal-Kummissjoni dwar id-determinazzjoni tar-regoli applikabbli għall-valutazzjoni tal-ghajjnuna illegali mill-Istat ma għandhomx japplikaw għal każijiet ta' ghajjnuna operatorja illegali mogħtija lill-ajruporti qabel l-4 ta' April 2014. Minflok, il-Kummissjoni se tapplika l-prinċipji stabbiliti fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 għall-każijiet kollha li jikkonċernaw ghajjnuna operatorja lill-ajruporti (notifiki pendenti u ghajjnuna illegali mhux innotifikata), anki jekk l-ghajjnuna tkun ingħatat qabel l-4 ta' April 2014 u l-bidu tal-perjodu ta' tranżizzjoni. ⁽¹¹⁵⁾
- (501) Fil-premessa 496 il-Kummissjoni diġà kkonkludiet li l-miżuri taħt valutazzjoni jikkostitwixxu ghajjnuna illegali mill-Istat li nġhatat qabel l-4 ta' April 2014.

10.2. DISTINZJONI BEJN INVESTIMENT U GĦAJNUNA OPERATORJA

- (502) Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 imsemmija fil-premessi 499 u 500, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk il-miżura inkwistjoni tikkostitwixxix ghajjnuna għall-investment illegali jew ghajjnuna operattiva illegali.
- (503) Skont il-punt 25(18) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, l-ghajjnuna għall-investment hija definita bħala "ghajjnuna biex ikunu ffinanzjati assi kapitali; speċifikament, biex tkopri 'd-diskrepanza tal-likwidità fl-ispejjeż kapitali'". Barra minn hekk, skont dik id-dispożizzjoni l-ghajjnuna għall-investment tista' tkun relatata kemm ma' pagament bil-quddiem (jiġifieri tkun tkopri l-ispejjeż tal-investment bil-quddiem) kif ukoll mal-ghajjnuna mħallsa fil-forma ta' pagamenti perjodiċi (biex tkopri l-ispejjeż kapitali, f'termini tad-deprezzament annwali u l-ispejjeż tal-finanzjament).

⁽¹¹²⁾ Il-Kawża T-109/01 *Fleuren Compost vs Il-Kummissjoni* [2004] Ġabra II-127.

⁽¹¹³⁾ ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.

⁽¹¹⁴⁾ Il-Punt 173 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹¹⁵⁾ Il-punt 172 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

- (504) Min-naħa l-oħra, għajjnuna operatorja tisser għajjnuna li tkopri l-ispejjeż operattivi kollha jew parti mill-ispejjeż operattivi ta' ajruport, definiti bħala "l-ispejjeż sottostanti tal-forniment ta' servizzi tal-ajruport, inklużi kategoriji ta' spejjeż bħal dawk relatati mal-persunal, is-servizzi b'kuntratt, il-komunikazzjoni, l-iskart, l-enerġija, il-manutenzjoni, il-kera, l-amministrazzjoni, eċċ., iżda jeskludu l-ispejjeż kapitali, is-sostenn tal-kummerċjalizzazzjoni jew kwalunkwe inċentiv ieħor mogħti lil-linji tal-ajru mill-ajruport, u l-ispejjeż li jaqgħu fil-mandat tal-ordni pubbliku". ⁽¹¹⁶⁾
- (505) Fid-dawl ta' dawn id-definizzjonijiet, jista' jitqies li ż-żidiet fil-kapital u l-għotjiet diretti li kienu marbuta ma' proġetti ta' investiment jikkostitwixxu għajjnuna għall-investiment favur l-FFHG.
- (506) B'kuntrast, il-parti tat-trasferimenti annwali tat-telf użati biex ikopru t-telf operatorju annwali tal-FFHG ⁽¹¹⁷⁾, netti mill-ispejjeż inklużi fl-EBITDA li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku kif stabbilit fis-sezzjoni 8.1.4.1 tikkostitwixxi għajjnuna operatorja favur l-FFHG.
- (507) Fl-aħħar nett, il-parti tat-trasferimenti annwali li jkopru t-telf tal-FFHG li ma kinux diġà inklużi fl-EBITDA (jiġifieri d-deprezzament annwali tal-assi, l-ispejjeż tal-finanzjament, eċċ.), neqsin l-ispejjeż li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku kif stabbilit fis-sezzjoni 8.1.4.1, jikkostitwixxu għajjnuna għall-investiment.
- (508) Kif ġie spjegat qabel, fil-każijiet kollha se titqies biss l-għajjnuna mogħtija wara s-sentenza Aéroports de Paris tat-12 ta' Diċembru 2000.

10.3. IL-KOMPATIBILTÀ TAL-GĦAJJUNA GĦALL-INVESTIMENT SKONT IL-LINJI GWIDA TAL-AVJAZZJONI TAL-2005

- (509) Skont il-punt 61 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
- (a) il-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura jissodisfaw objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar (l-iżvilupp reġjonali, l-aċċessibbiltà, eċċ.);
- (b) l-infrastruttura hijiex meħtieġa u proporzjonali għall-għan li ġie stabbilit;
- (c) l-infrastruttura għandhiex prospetti sodisfaċenti ta' użu għal perjodu ta' żmien medju, b'mod partikolari fir-rigward tal-użu tal-infrastruttura eżistenti;
- (d) l-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhomx aċċess għaliha b'mod ugwali u mhux diskriminatorju; u
- (e) l-iżvilupp tal-kummerċ huwiex affettwat sal-punt li jmur kontra l-interess tal-Unjoni.
- (510) Barra minn hekk, sabiex tkun kompatibbli mas-suq intern, l-għajjnuna mill-Istat lill-ajruporti — bħal kwalunkwe miżura oħra ta' għajjnuna mill-Istat — irid ikollha effett ta' inċentiv u tkun neċessarja u proporzjonali għall-objettiv leġittimu segwit.
- (511) Il-Ġermanja rrilevat li l-għajjnuna għall-investiment favur l-FFHG hija konformi mal-kriterji kollha ta' kompatibbiltà li jinsabu fil-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.
- (a) **L-għajjnuna tikkontribwixxi għal objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar**
- (512) L-għajjnuna għall-investiment favur l-FFHG kienet immirata biex tiffinanzja l-konverżjoni ulterjuri tal-eks bażi militari tal-Istati Uniti f'ajruport ċivili u l-iżvilupp sostanzjali tal-infrastruttura tal-ajruport. Dawk il-miżuri taw kontribuzzjoni sinifikanti għall-iżvilupp reġjonali u għall-konnettività tar-reġjun ta' Hunsrück, u l-ħolqien ta' impjegi ġodda f'żona fejn l-ekonomija kienet intlaqtet ħażin mill-għeluq tal-baży militari tal-Istati Uniti kif ukoll it-tnaqqis tal-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.

⁽¹¹⁶⁾ Il-punt 25(22) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹¹⁷⁾ Espress bħala Qligħ qabel l-Imgħax, it-Taxxa, id-Deprezzament u l-Ammortizzament ("EBITDA").

- (513) Ir-reġjun ta' Hunsrück, kif indikat il-Ġermanja, huwa mdawwar minn għadd ta' żoni (bħal Landkreis Birkenfeld), li fil-qafas tal-*"Gemeinschaftsaufgabe Verbesserung der regionalen Wirtschaftsstruktur"* kienu ġew identifikati bħala reġjuni li jeħtieġu appoġġ. Tabilħaqq, fil-perjodu meqjus, Landkreis Birkenfeld kienet tal-anqas parzjalment meqjusa bħala reġjun bi Prodott Domestiku Gross (PDG) taħt il-medja tal-Unjoni. ⁽¹¹⁸⁾
- (514) Il-Kummissjoni tqis li l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn ikkontribwixxa wkoll b'mod sinifikanti għall-ħolqien ta' impjegji ġodda fir-reġjun ta' Hunsrück. Kif intwera mill-Ġermanja, meta wieħed iqis l-aspetti kollha tal-attivitajiet tal-ajruport, fl-2012 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ħoloq 3 063 impjeg fir-reġjun ta' Hunsrück li 74 % minnhom kienu pożizzjonijiet full-time u 90 % ta' dawk l-impjegati jgħixu wkoll f'dak ir-reġjun.
- (515) Barra minn hekk, l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu wkoll effetti pożittivi, indiretti, indotti u katalizzanti fuq il-ħolqien ta' impjegji fir-reġjun kif ukoll fuq l-iżvilupp reġjonali inġenerali permezz ta' għadd dejjem jikber ta' attivitajiet ekonomiċi u turistiċi. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp tat-turiżmu lejn (madwar 33 % tal-passiġġieri li jikkorrispondu għal madwar miljun passiġġier fl-2005) u barra mill-pajjiż (madwar 67 % tal-passiġġieri) f'Land Rheinland-Palatinate. Kif indikat il-Ġermanja, 88 % tal-passiġġieri li jaslu jibqgħu tal-anqas lejl wieħed fir-reġjun u fl-2005 iġġeneraw madwar 5,7 miljun lejl. Peress li 88 % tat-turisti li jiġu minn Frankfurt Hahn jibqgħu tal-anqas lejl wieħed u aktar minn 80 % minn dawk saħansitra jibqgħu bejn jumejn sa għaxart ijiem, jiġġeneraw fatturat totali ta' madwar EUR 133,7 miljun fis-sena. Barra minn hekk, it-turiżmu lejn il-pajjiż iġġenera madwar 11 000 impjeg f'Rheinland-Palatinate.
- (516) L-investimenti meġhuna inkwistjoni għenu wkoll biex titjeb l-aċċessibbiltà taż-żona. Madankollu, id-duplikazzjoni ta' ajruporti li ma jrendux profitti (jew il-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali mhux użata) ma tikkontribwix għal objettiv ta' interess komuni. F'dan il-każ, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ghajjnuna għall-investment ma twassalx għal tali duplikazzjoni li kieku tnaqqas il-prospetti fuq perjodu ta' żmien medju għall-użu tal-infrastruttura eżistenti f'ajruporti ġirien oħra. Tabilħaqq, ma hemm ebda ajruport li jinsab f'distanza ta' inqas minn 100 kilometru 'l bogħod jew 60 minuta vvaġġar mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn. L-egreb ajruporti għal Frankfurt Hahn huma l-ajruport ta' Frankfurt Main, li jinsab 115-il kilometru 'l bogħod jew siegħa u 15-il minuta bil-karozza, u l-ajruport tal-Lussemburgu, li jinsab siegħa u 30 minuta vvaġġar (111-il kilometru) 'il bogħod.
- (517) L-ajruport ta' Frankfurt Main huwa ċentru ajruportwali internazzjonali b'varjetà wiesgħa ta' destinazzjonijiet u predominantement servut minn trasportaturi li joperaw network ta' rotot li joffru traffiku ta' konnessjoni, filwaqt li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn jservi titjriet bi prezzijiet irħas minn punt għal ieħor. Mill-2000 it-traffiku fl-ajruport ta' Frankfurt Main baqa' jiżded b'mod kontinwu, minn 49,4 miljun passiġġier fl-2000 għal madwar 58 miljun fl-2012. Madankollu, matul dak il-perjodu ta' tkabbir ġie affettwat minn problemi ta' konġestjoni u restrizzjonijiet ta' kapaċità. Kif ġie indikat mill-Ġermanja, il-limiti ta' kapaċità tal-ajruport ta' Frankfurt Main kienu kontinwament jinqabżu. Għalhekk, skont il-Ġermanja, speċjalment fid-dawl tal-fatt li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum, kellu rwol importanti biex jipprovdni kapaċità addizzjonali sabiex tittaffa l-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main. Fil-fatt, sal-2009 Fraport kienet l-azzjonist maġġoritarju tal-FFHG, l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (2,7 miljun passiġġier fl-2013, madwar 4 miljun passiġġier fl-2007 fl-aqwa tagħha) u l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt-Main (58 miljun passiġġier u 2,1 miljun tunnellata ta' merkanzija), u għalhekk kienet qiegħda ssegwi strateġija ta' diversifikazzjoni.
- (518) L-ajruport tal-Lussemburgu, li huwa l-egreb ajruport għal Frankfurt Hahn iżda xorta jinsab madwar 111-il kilometru jew siegħa u 30 minuta bil-karozza, kellu madwar 1,7 miljun passiġġier fl-2008 u fl-2013 esperjenza tkabbir rapidu għal 2,2 miljun passiġġier. Minkejja li l-ajruport tal-Lussemburgu huwa kemxejn iżgħar mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn f'termini ta' traffiku tal-passiġġieri, l-attività tal-merkanzija tiegħu hija sostanzjalment ogħla b'674 000 tunnellata fl-2013. Joffri varjetà ta' titjriet skedati lejn kapitali Ewropej u titjriet charter lejn destinazzjonijiet ta' divertiment. Dik l-għażla ta' destinazzjonijiet fil-biċċa l-kbira tagħha tissodisfa l-ħtiġijiet tal-impjegati tal-istituzzjonijiet finanzjarji u internazzjonali li jinsabu fil-Lussemburgu.
- (519) L-ajruport ta' Saarbrücken jinsab madwar 128 kilometru 'l bogħod mill-ajruport ta' Frankfurt Hahn li jammonta għal aktar minn sagħtejn bil-karozza. Barra minn hekk, Frankfurt Hahn huwa servut primarjament minn trasportaturi bi prezzijiet irħas (Ryanair) u l-merkanzija tikkostitwixxi element pjuttost importanti fil-mudell tan-negozju tiegħu, filwaqt li l-ajruport ta' Saarbrücken joffri primarjament titjriet skedati lejn destinazzjonijiet nazzjonali u joffri biss trasport limitat ta' merkanzija bl-ajru.

⁽¹¹⁸⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2006 fil-kawża dwar l-ghajjnuna mill-Istat N459/2006 — il-Ġermanja — Linji gwida dwar ghajjnuna reġjonali Nazzjonali għall-2007-2013 — Mappa tal-ghajjnuna mill-Istat reġjonali Nazzjonali: il-Ġermanja (ĠU C 295, 5.12.2006, p. 6).

- (520) Fir-rigward tal-ajruport ta' Zweibrücken, il-Ġermanja enfasizzat li d-distanza ta' 127 km għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn issarraf f'ħin ta' vjaġġar ta' siegħa u 27 minuta bil-karozza jew madwar 4 sigħat bil-ferrovija. Barra minn hekk, il-Ġermanja rrilevat li, meta wieħed iħares lejn it-traffiku tal-passiġġieri u tal-merkanzija bl-ajru bejn l-2005 u l-2012, ma tista' tiġi dedotta l-ebda relazzjoni ta' sostituzzjoni bejn l-ajruporti.
- (521) Il-Kummissjoni tosserva li hemm ċerta duplikazzjoni fl-attivitajiet kemm fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn u fl-ajruport ta' Zweibrücken, peress li anke l-ajruport ta' Zweibrücken kien involut fl-immaniġġjar tal-merkanzija bl-ajru u d-destinazzjonijiet servuti mill-ajruport ta' Zweibrücken huma predominantement għat-traffiku charter. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li ġeneralment il-merkanzija hija aktar mobbli mit-trasport tal-passiġġieri. ⁽¹¹⁹⁾ B'mod ġenerali, żona ta' lħuq għall-ajruporti tal-merkanzija titqies li għandha raġġ ta' mill-inqas madwar 200 kilometru u sagħtejn ivvjaġġar. Kummenti mill-industrija jissuġġerixxu li ġeneralment nofs ta' nhar ġarr bit-trakkijiet (jiġifieri, sa 12-il siegħa sewqan minn trakkijiet) ikun aċċettabbli għall-ispedizzjonieri biex jittrasportaw il-merkanzija tagħhom. ⁽¹²⁰⁾ Barra minn hekk, it-traffiku charter huwa wkoll, b'mod ġenerali, inqas sensitiv għall-ħin u jista' jaċċetta sa sagħtejn ivvjaġġar bil-karozza.
- (522) Fl-istess ħin għandu jiġi nnotat li, qabel Zweibrücken daħal fis-suq fl-2006, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien diġà ajruport stabbilit sew b'aktar minn 3 miljun passiġġier u jidderieġi 123 000 tunnellata ta' merkanzija. Fid-dawl tal-iżvilupp storiku taż-żewġ ajruporti, il-pożizzjoni ġeografika tagħhom u l-kapaċità ħielsa disponibbli fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn fiż-żmien meta l-ajruport ta' Zweibrücken daħal fis-suq tal-avjazzjoni kummerċjali fl-2006, il-Kummissjoni tikkonkludi li huwa pjuttost il-ftuħ tal-ajruport ta' Zweibrücken li kkonstitwixxa duplikazzjoni bla bżonn ta' infrastruttura.
- (523) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma jikkostitwux duplikazzjoni ta' infrastruttura eżistenti li mhijiex profittabbli. Għall-kuntrarju, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu rwol importanti fit-tnaqqis tal-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main mingħajr ma llimita l-pjanijiet ta' espansjoni ta' dan tal-aħħar. Mingħajr l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien hemm fil-fatt riskju li r-reġjun ma kienx se jkun moqdi tajjeb f'termini tal-ħtiġijiet ta' trasport tiegħu.
- (524) Għalhekk, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 512 sa 523, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajjnuna għall-investiment immirata lejn il-bini u l-operat ta' infrastruttura fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn tissodisfa objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew, jiġifieri l-iżvilupp ekonomiku reġjonali, il-ħolqien ta' impjiegi u t-titjib tal-aċċessibilità tar-reġjun.

(b) L-infrastruttura hija meħtieġa u proporzjonali għall-objettiv

- (525) Skont il-Ġermanja, l-investimenti kienu saru skont il-ħtiġijiet (u għalhekk kienu proporzjonati) u l-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport sabiex tiġi garantita l-konnettività u tgħin fl-iżvilupp tar-reġjun u biex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (526) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Ġermanja, il-Kummissjoni taqbel li l-investimenti ffinanzjati kienu neċessarji u proporzjonati għall-objettiv ta' interess komuni. Tabilħaqq, mingħajr dawk l-investimenti kieku ma kinitx ttlesta l-konverżjoni tal-eks bażi tal-Istati Uniti f'ajruport tal-avjazzjoni ċivili li jiffunzjona b'mod sħiħ. Il-bini ta' faċilitajiet għall-passiġġieri u għall-merkanzija, rampi u l-modernizzazzjoni tat-taxiways kellhom isiru sabiex ikomplu jiġu żviluppati l-operazzjonijiet ta' titjir ċivili. Għalhekk, l-infrastruttura mibnija kienet neċessarja għall-ajruport sabiex tiġi garantita l-konnettività u l-iżvilupp tar-reġjun.
- (527) Barra minn hekk, il-proġett infrastrutturali twestaq biss sal-punt li kien meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti: filwaqt li l-infrastruttura nbriet għal traffiku massimu ta' bejn 4 sa 5 miljun passiġġier u 500 000 tunnellata ta' merkanzija, l-istatistika tat-traffiku murija fit-Tabella I u fit-Tabella 2 turi li t-traffiku tal-passiġġieri żdied b'mod konsistenti sal-2007 sabiex laħaq rekord ta' 4 miljun passiġġier (wara li kien naqas għal 2,7 miljun fl-2013 minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 532) u li fl-2011 il-volum ta' merkanzija kien żdied għal aktar minn 500 000 tunnellata ta' merkanzija. Dan ifisser li fil-parti l-kbira d-domanda mistennija tat-traffiku kienet tikkorrispondi mad-domanda proprja u li l-investimenti ma kinux sproporzjonalment kbar.

⁽¹¹⁹⁾ Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 88.

⁽¹²⁰⁾ It-tweġiba tal-ajruport ta' Liège għall-konsultazzjoni pubblika dwar il-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

- (528) Filwaqt li huwa importanti li jiġi evitat li l-investment jikkostitwixxi duplikazzjoni ta' infrastruttura eżistenti li mhijiex profittabbli, dan mhuwiex il-każ hawnhekk. Kif diġà ġie spjegat fil-premessi minn 516 sa 523, ma hemm l-ebda ajruport ieħor li jinsab f'distanza ta' inqas minn 100 kilometru 'l bogħod u 60 minuta vjaġġar, u anke kieku kellha titqies żona usa' ta' lħuq ma hemm l-ebda effetti ta' duplikazzjoni. L-eqreb ajruport huwa l-ajruport ta' Frankfurt Main, liema konġestjoni l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kien maħsub li jnaqqas.
- (529) Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni ta' kompatibilità hija ssodisfata.

(c) L-infrastruttura għandha prospetti sodisfaċenti għall-użu fuq perjodu ta' żmien medju

- (530) Il-Ġermanja rrilevat li qabel ittieħdet id-deċiżjoni biex tkompli tiġi żviluppata l-infrastruttura tal-ajruport, esperti esterni kienu wettqu studji ta' tbsassir tat-traffiku sabiex jiġi identifikat il-potenzjal tat-traffiku għall-ajruport ta' Frankfurt Hahn.
- (531) L-informazzjoni ppreżentata turi li dak iż-żmien l-esperti esterni kienu bassru tkabbir sinifikanti minn 0,3 miljun passiġġier fl-2000 sa daqs 3,8 miljun passiġġier sal-2010 (ara l-Figura 2, il-Figura 3 u l-Figura 4). Fir-rigward tal-iżvilupp tal-merkanzija, l-esperti pprevedew żvilupp minn 151 000 tunnellata fl-2001 sa daqs 386 000 tunnellata fl-2010 (ara l-Figura 5), bit-tkabbir fin-negozju tal-merkanzija bejn l-2006 u l-2010 bħala riżultat tad-devjazzjoni tat-titjiriet tal-merkanzija mill-ajruport ta' Frankfurt Main minħabba restrizzjonijiet. Madankollu, dawk il-projezzjonijiet setgħu jiġu ssodisfati biss kieku l-investimenti twettqu skont iż-żmien ipplanat.
- (532) Il-Kummissjoni tinnotta li dawk il-previżjonijiet tat-traffiku (ara l-premessa 531) ġew ikkonfermati mill-iżvilupp proprju tat-traffiku fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn (ara t-Tabella 1 u t-Tabella 2). Fl-2007 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn serva madwar 4 miljun passiġġier. Wara perjodu ta' tkabbir sinifikanti, fis-snin reċenti t-traffiku tal-ajru fil-Ġermanja u fl-Unjoni ġie affettwat b'mod negattiv mill-kriżi ekonomika u finanzjarja fl-2008/09, li fl-2009 fil-Ġermanja wassal għal tnaqqis fit-trasport tal-passiġġieri bl-ajru. L-iżvilupp fir-rigward tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kompli jiġi affettwat bl-introduzzjoni ta' taxa fuq il-passiġġieri tal-ajru fil-Ġermanja fl-2011. Attwalment l-ajruport ta' Frankfurt Hahn iservi madwar 2,7 miljun passiġġier fis-sena. Fir-rigward tal-merkanzija, fl-2011 l-ajruport ta' Frankfurt Hahn immaniġġja 565 000 tunnellata ta' merkanzija. Minħabba l-falliment ta' wieħed mill-klijenti tiegħu, fl-2013 l-ajruport ipproċessa biss 447 000 tunnellata.
- (533) Għalhekk, fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, jista' jiġi konkluż li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn diġà qiegħed juża l-biċċa l-kbira tal-kapaċità tiegħu u li l-prospetti fuq perjodu ta' żmien medju għall-użu tal-kapaċità huma sodisfaċenti.

(d) Aċċess għall-infrastruttura b'mod ugwali u mhux diskriminatorju

- (534) L-utenti potenzjali kollha tal-infrastruttura għandhom aċċess għall-ajruport fuq termini ugwali u mhux diskriminatorji. Tabilħaqq, l-iskeda tal-imposti ajruportwali applikabbli fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija pubblikament disponibbli u miftuħa għall-utenti kollha potenzjali u attwali tal-ajruport b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Kwalunkwe differenza fl-imposti ajruportwali effettivament imħallsa għall-użu tal-infrastruttura kienet ibbażata fuq differenzjazzjoni kummerċjalment iġġustifikata. ⁽¹²¹⁾
- (535) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni hija ssodisfata.

(e) Il-kummerċ ma jiġix affettwat kontra l-interess komuni

- (536) Skont il-punt 39 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005, il-kategorija tal-ajruport tista' tipprovdi indikazzjoni tal-punt sa fejn l-ajruporti qegħdin jikkompetu ma' xulxin u għalhekk anki tal-punt sa fejn il-finanzjament pubbliku mogħti lil ajruport jista' jwassal għal tfixkil tal-kompetizzjoni.

⁽¹²¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 fil-kawża dwar l-għajnuna mill-Istat SA.21211 — il-Ġermanja — l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair, għadha ma ġietx ippubblikata fil-ĠU.

- (537) Fiż-żona standard ta' lħuq tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (siegħa vvjaġġar bil-karozza jew distanza ta' 100 kilometru) ma hemmx ajruporti oħra kummerċjalment sfruttati. Anke kieku wieħed kellu jestendi ż-żona ta' lħuq, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna ma toħloqx effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (538) Fir-rigward tal-ajruport ta' Frankfurt Main (l-eqreb ajruport li jinsab madwar 115-il kilometru 'l bogħod u siegħa u 15-il minuta vvjaġġar), l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma wasslux għal effetti negattivi ta' sostituzzjoni. Fil-fatt, qabel l-involviment tagħha fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn, Fraport kienet diġà l-operatur tal-ajruport ta' Frankfurt Main, iżda minkejja dan kienet qiegħda tinvesti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn bl-għan li titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main peress li f'dak iċ-ċentru kienet prevista kapaċità futura eċċessiva. B'mod partikolari, il-projbizzjoni fuq titjiriet bil-lejl fl-ajruport ta' Frankfurt Main kienet waħda mill-fatturi ewlenin li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni peress li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn kellu liċenzja li jopera 24 siegħa kuljum.
- (539) Minkejja li fil-perjodu bejn l-2000 u l-2007 Frankfurt Hahn esperjenza tkabbir sinifikanti (Tabella 1 u Tabella 2) meta mqabbel ma' Frankfurt Main is-sehem tat-traffiku kien baqa' limitat ħafna. Bejn l-2000 u l-2003 l-ajruport ta' Frankfurt Main esperjenza tkabbir kostanti fl-għadd ta' passiġġieri minn 48 miljun fl-2000 għal 54,2 miljun fl-2007. Minħabba l-kriżi ekonomika, Frankfurt Main esperjenza tnaqqis żgħir għal 50,9 miljun fl-2009, segwit minn żieda rapida għal 58 miljun. Fir-rigward tal-attivitàjiet relatati mal-merkanzija, l-ajruport ta' Frankfurt Main esperjenza tkabbir kostanti minn 1,6 miljun għal 2,2 miljun tunnellata fl-2013.
- (540) Fir-rigward ta' ajruporti oħra, il-Kummissjoni diġà spjegat li l-investimenti fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kellhomx impatt sinifikanti fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. ⁽¹²²⁾ Dan japplika wkoll għall-ajruport ta' Zweibrücken, minħabba li huwa pjuttost dan tal-aħħar li jikkostitwixxi duplikazzjoni bla bżonn ta' infrastruttura (u għalhekk ikun responsabbli għal kwalunkwe effett ta' tfixkil fuq il-kompetizzjoni).
- (541) Barra minn hekk, kuntrarjament għall-ajruporti ta' Frankfurt Main u tal-Lussemburgu, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn mhuwiex servut minn konnessjoni ferrovjarja. B'mod ġenerali, ma jista' jkun mistenni l-ebda effett ta' sostituzzjoni fuq it-trasport ferrovjarju.
- (542) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 536 sa 541, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe effett negattiv bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri huwa limitat għall-minimu.

(f) L-effett ta' inċentiv, in-neċessità u l-proporzjonalità

- (543) Il-Kummissjoni trid tistabbilixxi jekk l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-Ajruport ta' Frankfurt Hahn biddlitx l-imġiba tal-benefiċjarju b'tali mod li involva ruħu f'attività li tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' interess komuni li (i) ma kienx iwettaq mingħajr l-għajnuna, jew (ii) kien iwettaq b'mod aktar ristrett jew differenti. Barra minn hekk, l-għajnuna titqies bħala proporzjonata biss jekk l-istess riżultat ma jkunx jista' jintlaħaq b'inqas għajnuna u inqas tfixkil. Dan ifisser li l-ammont u l-intensità tal-għajnuna għandhom ikunu limitati għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' sseħħ l-attività megħjuna.
- (544) Skont l-informazzjoni sottomessa mill-Ġermanja, mingħajr l-għajnuna, l-investment qatt ma seta' jsir realtà. Il-Ġermanja rrilevat li l-għajnuna kienet neċessarja peress li kkumpensat biss l-ispejjeż ta' finanzjament u ammont aktar baxx kien iwassal għal livelli aktar baxxi ta' investment.
- (545) Tabilħaqq, skont ir-riżultati finanzjarji ppreżentati fil-qosor fit-Tabella 3 u fit-Tabella 4, l-ajruport għadu jaġmel telf u ma jstax jiffinanzja l-ispejjeż ta' investment tiegħu. Għalhekk, jista' jiġi konkluż li l-għajnuna kienet neċessarja sabiex isiru l-investimenti sabiex titnaqqas il-konġestjoni fl-infrastruttura tal-ajruport kif ukoll biex jiġu ssodisfati r-rewiżiti attwali għal infrastruttura moderna tal-ajruport. Mingħajr l-għajnuna, l-ajruport ta' Frankfurt Hahn ma kienx ikun kapaċi jlaħħaq mad-domanda mistennija tal-linji tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ispedizzjonieri u anke l-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport kien jinaqqas.

⁽¹²²⁾ Fir-rigward tal-ajruport ta' Frankfurt Main u l-ajruport tal-Lussemburgu, il-Kummissjoni tinnotta wkoll li f'dawn l-ajruporti s-segment tal-ivvjaġġar minħabba xogħol jokkupa sehem sinifikanti tas-suq, filwaqt li fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn dan jirrappreżenta biss sehem relattivament limitat.

- (546) Għandu jiġi nnotat ukoll li l-appoġġ pubbliku kien ingħata fi żmien meta l-FFHG kienet kisbet investimenti sinifikanti ħafna fl-infrastruttura (aktar minn EUR 220 miljun bejn l-2001 u l-2012). Minn dan isegwi li l-ghajjnuna għall-investment tkopri biss frazzjoni tal-ispejjeż globali għall-investment.
- (547) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' għajjnuna inkwistjoni kellha effett ta' incēntiv, li l-ammont ta' għajjnuna kien limitat għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' titwettaq l-attività meġhuna, u, għalhekk kienet proporzjonata.

Konklużjoni

- (548) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ghajjnuna għall-investment mogħtija lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat minħabba li hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-punt 61 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.

10.4. IL-KOMPATIBILTÀ TAL-GĦAJNUNA OPERATORJA SKONT IL-LINJI GWIDA TAL-AVJAZZJONI TAL-2014

- (549) Is-Sezzjoni 5.1. tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 tistabbilixxi l-kriterji li se tapplika l-Kummissjoni meta tiġi biex tivvaluta l-kompatibbiltà ta' għajjnuna operatorja mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat. Skont il-punt 172 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, il-Kummissjoni tapplika dawk il-kriterji għall-każijiet kollha li jikkonċernaw għajjnuna operatorja, inklużi n-notifiki pendenti u l-każijiet ta' għajjnuna illegali mhux innotifikata.
- (550) Skont il-punt 137 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, għajjnuna operatorja illegali mogħtija qabel id-data tal-Pubblikazzjoni tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014 tista' tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq intern sal-portata sħiħa ta' spejjeż operattivi mhux koperti sakemm jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
- (a) *il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew*: dik il-kundizzjoni tiġi sodisfatta *inter alia* jekk l-ghajjnuna żżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni jew tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali ⁽¹²³⁾;
- (b) *il-ħtieġa għal intervent mill-Istat*: l-ghajjnuna għandha tiġi mmirata lejn sitwazzjonijiet fejn tkun tista' trendi titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax iwassal ⁽¹²⁴⁾;
- (c) *l-eżistenza ta' effett ta' incēntiv*: dik il-kundizzjoni tiġi sodisfatta jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas ta' għajjnuna operattiva, u b'kunsiderazzjoni tal-preżenza possibbli ta' għajjnuna għall-investment u tal-livell tat-traffiku, il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport ikkonċernat jitnaqqas b'mod sinifikanti ⁽¹²⁵⁾;
- (d) *il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajjnuna (għajjnuna limitata għall-minimu neċessarju)*: sabiex tkun proporzjonata, l-ghajjnuna operatorja lill-ajruporti għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju sabiex l-attività meġhuna tkun tista' sseħħ ⁽¹²⁶⁾;
- (e) *l-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ*. ⁽¹²⁷⁾

(a) **Il-kontribut lejn objettiv ta' interess komuni li huwa definit sew**

- (551) Skont is-sezzjoni 5.1.2(a) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, sabiex l-ajruporti jingħataw żmien biex jaġġustaw għar-realtajiet ġodda tas-suq u jiġu evitati interruzzjonijiet fit-traffiku tal-ajru u l-konnettività tar-reġjuni, għajjnuna operatorja għall-ajruporti tiġi kkunsidrata li tikkontribwixxi għall-kisba ta' mira ta' interess komuni jekk, (i) iżżid il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi tistabbilixxi punti ta' aċċess għal titjiriet interni fl-Unjoni; (ii) tiġġieled kontra l-konġestjoni tat-traffiku tal-ajru f'ajruporti ċentrali prinċipali tal-Unjoni; jew (iii) tiffaċilita l-iżvilupp reġjonali.

⁽¹²³⁾ Il-punti 137, 113 u 114 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹²⁴⁾ Il-punti 137 u 116 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹²⁵⁾ Il-punti 137 u 124 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹²⁶⁾ Il-punti 137 u 125 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

⁽¹²⁷⁾ Il-punti 137 u 131 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014.

- (552) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 512 sa 519, il-Kummissjoni tqis li l-operat kontinwu tal-ajruport ta' Frankfurt-Hahn żied il-mobbiltà ta' ċittadini tal-Unjoni u l-konnettività tar-reġjuni billi waqqaf punt ta' aċċess għal titjiriet intra-Unjoni fir-reġjun ta' Hunsrück. Apparti minn hekk, l-operat kontinwu tal-ajruport iffaċilita l-iżvilupp reġjonali tar-reġjun ta' Hunsrück u l-ħolqien ta' impjegi ġodda. Barra minn hekk, l-operat u l-iżvilupp tal-ajruport ta' Frankfurt-Hahn serva wkoll biex titnaqqas il-konġestjoni fl-ajruport ta' Frankfurt Main.
- (553) Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżura inkwistjoni tissodisfa b'mod ċar objettiv ta' interess komuni definit b'mod ċar.

(b) Il-ħtieġa għal intervent mill-Istat

- (554) Skont is-sezzjoni 5.1.2(b) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, sabiex jiġi vvalutat jekk l-għajnuna mill-Istat hijjex effettiva biex tinkiseb mira ta' interess komuni, huwa meħtieġ li tiġi identifikata l-problema li għandha tiġi indirizzata. F'dak ir-rigward, kwalunkwe għajnuna mill-Istat lil ajruport għandha tiġi mmirata lejn sitwazzjonijiet fejn tkun tista' trendi titjib materjali li s-suq innifsu ma jistax iwassal.
- (555) Il-Kummissjoni tinnota li l-ajruport ta' Frankfurt Hahn huwa ajruport reġjonali b'madwar 2,7 miljun passiġġier fis-sena li fil-perjodu taħt investigazzjoni esperjenza tkabbir sinifikanti fl-għadd ta' passiġġieri (ara t-Tabella 1). Għandu spejjeż operattivi fissi għoljin u taħt kundizzjonijiet attwali tas-suq mhuwiex kapaċi jkopri l-ispejjeż operattivi tiegħu. Għalhekk, hemm il-ħtieġa għal intervent mill-Istat (ara l-punt 89 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014).

(c) L-adegwatezza tal-miżuri ta' għajnuna

- (556) Skont is-sezzjoni 5.1.2(c) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, kwalunkwe miżura ta' għajnuna lill-ajruport trid tkun strument xieraq ta' politika biex tiġi indirizzata l-mira ta' interess komuni. Għalhekk, l-Istat Membru għandu juri li ma hemm l-ebda strument ta' politika jew strument ta' għajnuna ieħor li joħloq inqas tfixkil li jippermetti li jintlaħaq l-istess objettiv.
- (557) Skont il-Ġermanja, il-miżuri ta' għajnuna inkwistjoni huma xierqa biex jiġi indirizzat l-objettiv maħsub ta' interess komuni li ma setax kieku jinkiseb permezz ta' strument ta' politika li joħloq inqas tfixkil.
- (558) F'dan il-każ l-ammont ta' għajnuna kien jikkorrispondi għat-telf operatorju mhux kopert (ara t-Tabella 4) li fil-fatt kien iġġarrab u kien limitat għall-minimu meħtieġ peress li kien ingħata biss sal-limitu tat-telf operatorju li fil-fatt kien iġġarrab. Ebda miżura ta' politika oħra ma kienet tippermetti lill-ajruport ikompli l-operat tiegħu. B'hekk, il-kumpens tat-telf huwa limitat għall-minimu u ma jipprevedi ebda profit.
- (559) Fid-dawl tal-premessi 557 u 558, il-Kummissjoni tqis li l-miżuri inkwistjoni kienu adegwati biex jintlaħaq l-objettiv mixtieq ta' interess komuni.

(d) L-eżistenza ta' effett ta' inċentiv

- (560) Skont is-sezzjoni 5.1.2(d) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, l-għajnuna operatorja għandha effett ta' inċentiv jekk ikun probabbli li, fin-nuqqas ta' għajnuna operatorja, il-livell tal-attività ekonomika tal-ajruport jitnaqqas b'mod sinifikanti. Dik il-valutazzjoni trid tqis il-preżenza ta' għajnuna għall-investment u l-livell ta' traffiku fl-ajruport.
- (561) Mingħajr l-għajnuna, l-iskala tal-operazzjonijiet fl-ajruport ta' Frankfurt Hahn kienet se tiġi serjament affettwata u kienet se tonqos b'mod sinifikanti, li eventwalment kien iwassal biex l-ajruport joħroġ mis-suq minħabba telf operatorju mhux kopert.
- (562) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-miżura ta' għajnuna inkwistjoni kellha effett ta' inċentiv.

(e) **Il-proporzjonalità tal-ammont ta' għajjnuna (għajjnuna limitata għall-minimu)**

- (563) Skont is-sezzjoni 5.1.2(e) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, sabiex tkun proporzjonata, għajjnuna operatorja lill-ajruporti għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju sabiex tkun tista' sseħħ l-attività megħjuna;
- (564) F'dan il-każ l-ammont ta' għajjnuna kien limitat għal-livell tat-telf operatorju mhux kopert, peress li kkumpensat biss l-ispejjeż li fil-fatt iġġarrbu.
- (565) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li f'dan il-każ l-ammont ta' għajjnuna operatorja kien proporzjonat u limitat għall-minimu neċessarju sabiex l-attività megħjuna tkun tista' sseħħ.

(f) **L-evitar ta' effetti negattivi bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri**

- (566) Skont is-sezzjoni 5.1.2(f) tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2014, meta tiġi vvalutata l-kompatibbiltà tal-għajjnuna operatorja għandhom jitqiesu t- tfixkil tal-kompetizzjoni u l-effetti fuq il-kummerċ.
- (567) Fiż-żona standard ta' lħuq tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (siegħa vvjaġġar bil-karozza jew distanza ta' 100 kilometru) ma hemmx ajruporti oħra kummerċjalment sfruttati. Anke kieku din iż-żona standard ta' lħuq kellha tkompli tiġi estiża għal ajruporti oħra fl-prossimità tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, kif intwera fil-premessi 537 u 541 ma hemm l-ebda effett negattiv u bla bżonn fuq il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti li jinsabu fil-viċinanza tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn (jiġifieri l-ajruporti ta' Frankfurt Main, tal-Lussemburgu u ta' Saarbrücken).
- (568) Fid-dawl ta' dawn ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li kwalunkwe effett negattiv bla bżonn fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri minħabba l-għajjnuna operatorja li nġhatat favur l-FFHG huwa limitat għall-minimu.

Konklużjoni

- (569) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 551 sa 568, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

11. KONKLUŻJONI

11.1. FINANZJAMENT TAL-AJRUPORT

- (570) **Miżura 1: PLTA tal-2001** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 291 sa 302, il-Kummissjoni tikkonkludi li fiż-żmien li ddaħħal fis-seħħ il-PLTA tal-2001, l-awtoritajiet pubbliċi setgħu leġittimament iqisu li PLTA biex jiġi kopert it-telf annwali tal-FFHG ma kienx jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat.
- (571) **Miżura 2: Żieda fil-kapital tal-2001** Iż-żieda fil-kapital tal-2001 ta' EUR 27 miljun minn Fraport u Land Rheinland-Palatinate tikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (572) **Miżura 3: Żieda fil-kapital tal-2004 u l-Miżura 4: PLTA tal-2004** Iż-żieda fil-kapital tal-2004 li nġhatat minn Fraport u l-PLTA tal-2004 ma jikkostitwixx għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Anke kieku kellhom jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat, dik l-għajjnuna tista' titqies bħala kompatibbli abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

- (573) Iż-żieda fil-kapital tal-2004 li nġhatat minn Länder Rhineland-Palatinate u Hesse favur l-FFHG tikkostitwixxi għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (574) **Miżura 5: Kumpens lill-FFHG għal kompiti li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku (kontrolli tas-sigurtà) u l-Miżura 6: Għotjiet diretti minn Land Rhineland-Palatinate** Il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku li nġhata lill-FFHG fil-forma ta' għotjiet diretti li nġhataw wara t-12 ta' Diċembru 2002 jikkostitwixxi għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (575) **Miżura 12: Żieda fl-ekwità:** Peress li ż-żieda fl-ekwità hija maħsuba biex tiffinanzja miżuri infrastrutturali li skont il-Ġermanja permezz tad-deċiżjoni mill-azzjonisti pubbliċi biex jitwettqu dawk l-investimenti, l-FFHG kienet intitolata li tirċievi dak il-finanzjament, il-Kummissjoni tqis li ż-żieda fl-ekwità għandha tiġi vvalutata fil-kuntest tal-appoġġ pubbliku lill-FFHG. F'dak ir-rigward, u fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fis-sezzjoni 8.1.1, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-FFHG ilha mid-data tas-sentenza Aéroports de Paris (jiġifieri mit-12 ta' Diċembru 2000) 'il quddiem involuta l-attività ekonomika u tikkostitwixxi impriża fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (576) Barra minn hekk, f'konformità mal-kunsiderazzjonijiet fis-sezzjonijiet 8.1.1, 8.1.3 u 8.1.4, li japplikaw ugwalment għal dik il-miżura, il-Kummissjoni tqis li l-injezzjoni ta' ekwità tikkostitwixxi għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, peress li tinvolvi riżorsi tal-Istat, hija imputabbli lill-Istat u tagħti vantaġġ ekonomiku selettiv lill-FFHG li jfikkell jew jhedded li jfikkell il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri.
- (577) Peress li l-miżuri diġà tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-FFHG jew inġhataw b'mod irrevokabbli bi dritt li l-FFHG tirċievi dawk il-fondi, il-Kummissjoni tqis li l-Ġermanja ma rrispettatx il-projbizzjoni tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat.
- (578) Fid-dawl tal-premessi minn 512 sa 545, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajna għall-investiment mogħtija lill-ajruport ta' Frankfurt Hahn hija kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat minħabba li hija konformi mal-kundizzjonijiet ta' kompatibbiltà stabbiliti fil-punt 61 tal-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005.
- (579) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fil-premessi minn 551 sa 568, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri huma kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(c) tat-Trattat.

11.2. FTEHIMIET MA' RYANAIR U L-ISKEDA TAT-TARIFFI AJRUPORTWALI

- (580) **Miżuri 7, 9 u 10: Ftehim ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005:** Wara li analizzat il-ftehimiet u l-informazzjoni disponibbli għall-FFHG fiż-żmien li ġew konklużi dawk il-ftehimiet, il-Kummissjoni hija sodisfatta li l-FFHG setgħet raġonevolment tistenna li l-ftehimiet kienu se jikkontribwixxu għall-profittabbiltà tal-ajruport ta' Frankfurt Hahn, fis-sens li d-dħul inkrementali mistenni kien ogħla mill-ispejjeż inkrementali mistennija. Peress li għalhekk il-ftehimiet kienu konformi mal-prinċipju tal-MEO, ma kienu taw ebda vantaġġ lil Ryanair.
- (581) **Miżuri 8 u 11: L-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 u tal-2006:** Fid-dawl tal-analiżi ex ante tal-profitabbiltà li saret minn FFHG il-Kummissjoni tqis li l-iskeda tal-imposti ajruportwali tal-2001 u tal-2006 ma jagħtux vantaġġ ekonomiku lil-linji tal-ajru li ma kinux kieku jiksbu taħt kundizzjonijiet normali tas-suq.
- (582) Peress li wieħed mill-kriterji kumulattivi skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat mhuwiex issodisfat, il-Kummissjoni tqis li l-ftehimiet ma' Ryanair tal-1999, tal-2002 u tal-2005 bejn l-ajruport ta' Frankfurt Hahn u Ryanair u l-iskedi tal-imposti ajruportwali tal-2001 u tal-2006 ma jikkostitwixxu għajna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.
- (583) Il-Kummissjoni tinnota li l-Ġermanja qiegħda taċċetta l-adozzjoni tad-deċiżjoni bl-Ingliż biss.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-ghajjnuna mill-Istat, implimentata b'mod illegali mill-Ġermanja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat favur *Flughafen Frankfurt Hahn GmbH* bejn l-2001 u l-2012 permezz ta' żidiet fil-kapital fl-2001 li jammontaw għal EUR 27 miljun, żidiet fil-kapital fl-2004 li jammontaw għal EUR 22 miljun u għotjiet diretti minn *Land Rhineland-Palatinate* (sal-punt li dak l-għotjiet ma kinux purament marbuta ma' attivitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-ordni pubbliku u ma kinux ikopru investimenti deċiżi b'mod irrevokabbli qabel it-12 ta' Diċembru 2000) hija kompatibbli mas-suq intern.

2. Iż-żieda fil-kapital tal-2004 li nġhatat minn *Fraport AG* u l-ftehim ta' trasferiment ta' profitti u ta' telf tal-2004 ma jikkostitwux għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 2

1. Il-ftehim bejn *Ryanair* u *Flughafen Frankfurt Hahn GmbH*, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 1999, ma jikkostitwix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

2. Il-ftehim bejn *Ryanair* u *Flughafen Frankfurt Hahn GmbH* datat l-14 ta' Frar 2002 ma jikkostitwix għajjnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

3. Il-“Ftehim *Ryanair/Flughafen Frankfurt-Hahn GmbH — Konsenja ta' inġenji tal-ajru minn 6 sa 18 — bejn l-2005 u l-2012*” tal-4 ta' Novembru 2005 ma jikkostitwix għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 3

L-iskedi ta' imposti ajruportwali, li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2001 u fl-1 ta' Ġunju 2006, ma jikkostitwux għajjnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/790**tat-13 ta' Jannar 2016****li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-provi ta' kwalifiki formali u t-titli tal-korsijiet tat-taħriġ***(notifikata bid-dokument C(2016) 1)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21a(4) tagħha,

Billi:

- (1) L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE fih lista tal-provi ta' kwalifiki formali tat-tobba, l-infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, it-tobba dentisti, il-kirurgi veterinarji, il-qwiebel, l-ispiżjara u l-periti.
- (2) Diversi Stati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni bl-aġġornament tad-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi fir-rigward tal-ħruġ ta' provi ta' kwalifiki formali tat-Tobba tal-Mediċina, l-Infermiera responsabbli mill-kura ġenerali, id-Dentisti, il-Kirurgi Veterinarji, il-Qwiebel, l-Ispiżjara u l-Periti. Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi notifikati huma f'konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-Kapitolu III tat-Titolu III tad-Direttiva 2005/36/KE. Għalhekk jinħtieġ li l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE jiġi emendat.
- (3) Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' ċertezza legali, hemm bżonn li jinbidlu l-punti rilevanti tal-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE dwar l-evidenza ta' kwalifiki formali u titli ta' korsijiet ta' taħriġ.
- (4) Għalhekk id-Direttiva 2005/36/KE għandha tiġi emendata skont dan.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE jiġi emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2016.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIENKOWSKA
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 255, 30.9.2005, p. 22.

ANNEX

L-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE ġie emendat kif ġej:

1. Il-punti 5.1.1 sa 5.1.4 ġew sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“5.1.1. Provi ta' kwalifiki formali f'taħriġ mediku bażiku

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki	Data ta' referenza
België/Belgique/ Belgien	Diplôme de “médecin”/Master in de geneeskunde	— Les universités/De universiteiten — Le Jury compétent d'enseignement de la Communauté française/De bevoegde Examencommissie van de Vlaamse Gemeenschap		20.12.1976
България	Диплома за висше образование на образователно-квалификационна степен “магистър” по Медицина и професионална квалификация “Магистър-лекар”	Университет		1.1.2007
Česká republika	Diplom o ukončení studia ve studijním programu všeobecné lékařství (doktor medicíny, MUDr.)	Lékařská fakulta univerzity v České republice		1.5.2004
Danmark	Bevis for kandidatuddannelsen i medicin (cand.med.)	Universitet	— Autorisation som læge, udstedt af Sundhedsstyrelsen og — Tilladelse til selvstændigt virke som læge (dokumentation for gennemført praktisk uddannelse), udstedt af Sundhedsstyrelsen	20.12.1976
Deutschland	— Zeugnis über die Ärztliche Prüfung — Zeugnis über die Ärztliche Staatsprüfung und Zeugnis über die Vorbereitungszeit als Medizinalassistent, soweit diese nach den deutschen Rechtsvorschriften noch für den Abschluss der ärztlichen Ausbildung vorgesehen war	Zuständige Behörden		20.12.1976
Eesti	Arstikraad Degree in Medicine (MD) Diplom arstiteaduse õppekava läbimise kohta	Tartu Ülikool		1.5.2004

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki	Data ta' referenza
Ελλάδα	Πτυχίο Ιατρικής	— Ιατρική Σχολή Πανεπιστημίου, — Σχολή Επιστημών Υγείας, Τμήμα Ιατρικής Πανεπιστημίου		1.1.1981
España	Título de Licenciado en Medicina y Cirugía Título de Graduado/a en Medicina	— Ministerio de Educación y Cultura — El rector de una Universidad — El rector de una Universidad		1.1.1986 1.1.1986
France	Diplôme de fin de deuxième cycle des études médicales	Universités		20.12.1976
Hrvatska	Diploma "doktor medicine/doktorica medicine"	Medicinski fakulteti sveučilišta u Republici Hrvatskoj		1.7.2013
Ireland	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience	20.12.1976
Italia	Diploma di laurea in medicina e chirurgia	Università	Diploma di abilitazione all'esercizio della medicina e chirurgia	20.12.1976
Κύπρος	Πιστοποιητικό Εγγραφής Ιατρού	Ιατρικό Συμβούλιο		1.5.2004
Latvija	ārsta diploms	Universitātes tipa augstskola		1.5.2004
Lietuva	1. Aukštojo mokslo diplomas, nurodantis suteiktą gydytojo kvalifikaciją 2. Magistro diplomas (medicinos magistro kvalifikacinis laipsnis ir gydytojo kvalifikacija)	Universitetas	1. Internatūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą medicinos gydytojo profesinę kvalifikaciją 2. Internatūros pažymėjimas (medicinos gydytojo profesinė kvalifikacija)	1.5.2004
Lussemburgu	Diplôme d'Etat de docteur en médecine, chirurgie et accouchements	Jury d'examen d'Etat	Certificat de stage	20.12.1976
Magyarország	Okleveles orvosdoktor oklevél (Dr. med)	Egyetem		1.5.2004
Malta	Lawrja ta' Tabib tal-Mediċina u l-Kirurġija	L-Università ta' Malta	Ċertifikat ta' reġistrazzjoni maħruġ mill-Kunsill Mediku	1.5.2004
Nederland	Getuigschrift van met goed gevolg afgelegd artsexamen	Faculteit Geneeskunde		20.12.1976

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Ċertifikat li jakkumpanja l-kwalifiki	Data ta' referenza
Österreich	Urkunde über die Verleihung des akademischen Grades Doktor der gesamten Heilkunde (bzw. Doctor medicinae universae, Dr.med.univ.)	Medizinische Fakultät einer Universität, bzw Medizinische Universität		1.1.1994
Polska	Dyplom ukończenia studiów wyższych na kierunku lekarskim z tytułem "lekarza"	szkoły wyższe	Świadectwo złożenia Lekarskiego Egzaminu Państwowego ⁽¹⁾ ⁽³⁾ /Świadectwo złożenia Lekarskiego Egzaminu Końcowego ⁽²⁾ ⁽³⁾	1.5.2004
Portugal	Carta de Curso de licenciatura em mediċina	Universidades	Certificado emitido pela Ordem dos Médicos	1.1.1986
România	Diplomă de licență de doctor medic	Universități		1.1.2007
Slovenija	Diploma, s katero se podeljuje strokovni naslov "doktor medicine/doktorica medicine"	Univerza	Potrdilo o Opravljenem Strokovnem Izpitu za Poklic Zdravnik/Zdravnica	1.5.2004
Slovensko	DIPLOM všeobecné lekárstvo doktor všeobecného lekárstva ("MUDr.")	Univerzita		1.5.2004
Suomi/Finland	Lääketieteen lisensiaatin tutkinto/Medicine licentiatexamen	Yliopisto		1.1.1994
Sverige	Läkarexamen	Universitet eller högskola	Bevis om legitimation som läkare, utfärdat av Socialstyrelsen	1.1.1994
United Kingdom	Primary qualification	Competent examining body	Certificate of experience	20.12.1976

⁽¹⁾ Sal-2012.

⁽²⁾ Mill-2013.

⁽³⁾ Sal-1 ta' Ottubru 2017, il-prova ta' kwalifiki formali għandha tkun akkumpanjata wkoll minn ċertifikat ta' tlestija ta' apprendistat postgraduatorju ("staż podyplomowy").

5.1.2. Prova ta' kwalifiki formali tat-tobba speċjalizzati

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Data ta' referenza
België/Belgique/ Belgie	Bijzondere beroepstitel van geneesheer-specialist/Titre professionnel particulier de médecin spécialiste	Minister bevoegd voor Volksgezondheid/Ministre de la Santé publique	20.12.1976
България	Свидетелство за призната специалност	Университет	1.1.2007

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Data ta' referenza
Česká republika	Diplom o specializaci	Ministerstvo zdravotnictví	1.5.2004
Danmark	Bevis for tilladelse til at betegne sig som speciallæge	Sundhedsstyrelsen	20.12.1976
Deutschland	Fachärztliche Anerkennung	Landesärztekammer	20.12.1976
Eesti	Residentuuri lõpetamist tõendav tunnistus Residentuuri lõputunnistus eriarstiabi erialal	Tartu Ülikool	1.5.2004
Ελλάδα	Τίτλος Ιατρικής Ειδικότητας	1. Περιφέρεια 2. Νομαρχιακή Αυτοδιοίκηση 3. Νομαρχία	1.1.1981
España	Título de Especialista	Ministerio de Educación y Cultura	1.1.1986
France	1. Certificat d'études spéciales de médecine accompagné du diplôme d'Etat de docteur en médecine 2. Attestation de médecin spécialiste qualifié accompagnée du diplôme d'Etat de docteur en médecine 3. Diplôme d'études spécialisées ou diplôme d'études spécialisées complémentaires qualifiant de médecine accompagné du diplôme d'Etat de docteur en médecine	1. Universités 2. Conseil de l'Ordre des médecins 3. Universités	20.12.1976
Hrvatska	Diploma o specijalističkom usavršavanju	Ministarstvo nadležno za zdravstvo	1.7.2013
Ireland	Certificate of Specialist doctor	Competent authority	20.12.1976
Italia	Diploma di medico specialista	Università	20.12.1976
Κύπρος	Πιστοποιητικό Αναγνώρισης Ειδικότητας	Ιατρικό Συμβούλιο	1.5.2004
Latvija	"Sertifikāts"—kompetentu iestāžu izsniegts dokuments, kas apliecina, ka persona ir nokārtojusi sertifikācijas eksāmenu specialitātē	Latvijas Ārstu biedrība Latvijas Ārstniecības personu profesionālo organizāciju savienība	1.5.2004
Lietuva	1. Rezidentūros pažymėjimas, nurodantis suteiktą gydytojo specialisto profesinę kvalifikaciją 2. Rezidentūros pažymėjimas (gydytojo specialisto profesinė kvalifikacija)	Universitetas	1.5.2004

Pajjiż	Prova ta' kwalifiki formali	Korp li jagħti l-kwalifiki	Data ta' referenza
Lussemburgu	Certificat de médecin spécialiste	Ministre de la Santé publique	20.12.1976
Magyarország	Szakorvosi bizonyítvány	Nemzeti Vizsgabizottság	1.5.2004
Malta	Ċertifikat ta' Speċjalista Mediku	Il-Kumitat tal-Approvazzjoni tal-Ispċjalisti	1.5.2004
Nederland	Bewijs van inschrijving in een Specialistenregister Diploma geneeskundig specialist	— Medische Specialisten Registratie Commissie (MSRC) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot bevordering der Geneeskunst — Sociaal-Geneskundigen Registratie Commissie (SGRC) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst — Registratiecommissie Geneeskundig Specialisten (RGS) van de Koninklijke Nederlandsche Maatschappij tot Bevordering der Geneeskunst ⁽¹⁾	20.12.1976
Österreich	Facharzt Diplom	Österreichische Ärztekammer	1.1.1994
Polska	Dyplom uzyskania tytułu specjalisty	Centrum Egzaminów Medycznych	1.5.2004
Portugal	Titulo de especialista	Ordem dos Médicos	1.1.1986
România	Certificat de medic specialist	Ministerul Sănătății	1.1.2007
Slovenija	Potrdilo o opravljenem specialističnem izpitu	1. Ministrstvo za zdravje 2. Zdravniška zbornica Slovenije	1.5.2004
Slovensko	Diplom o špecializácii	1. Slovenská zdravotnícka univerzita 2. Univerzita Komenského v Bratislave 3. Univerzita Pavla Jozefa Šafárika v Košiciach	1.5.2004
Suomi/Finland	Erikoislääkärin tutkinto/Specialläkarexamen	Yliopisto	1.1.1994
Sverige	Bevis om specialkompetens som läkare, utfärdat av Socialstyrelsen	Socialstyrelsen	1.1.1994
United Kingdom	Certificate of Completion of training	Postgraduate Medical Education and Training Board General Medical Council	20.12.1976 1.4.2010

⁽¹⁾ Minn Janjar 2013.

5.1.3. Titoli ta' korsijiet tat-taħriġ fil-mediċina speċjalizzata

	Anesteżija	Kirurġija ġenerali
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Anesthésie-réanimation/Anesthesie-reanimatie	Chirurgie/Heelkunde
България	Анестезиология и интензивно лечение	Хирургия
Česká republika	Anesteziologie a intenzivní medicína	Chirurgie
Danmark	Anæstesiologi	Kirurgi
Deutschland	Anästhesiologie	(Allgemeine) Chirurgie
Eesti	Anestesioloogia	Üldkirurgia
Ελλάδα	Αναισθησιολογία	Χειρουργική
España	Anestesiología y Reanimación	Cirugía general y del aparato digestivo
France	Anesthésie-réanimation	Chirurgie générale
Hrvatska	Anesteziologija, reanimatologija i intenzivna mediċina	Opća kirurġija
Ireland	Anaesthesia	General surgery
Italia	Anestesia, rianimazione e terapia intensiva	Chirurgia generale
Κύπρος	Αναισθησιολογία	Γενική Χειρουργική
Latvija	Anestezioloģija un reanimatoloģija	Ķirurgija
Lietuva	Anesteziologija reanimatologija	Chirurgija
Lussemburgu	Anesthésie-réanimation	Chirurgie générale
Magyarország	Aneszteziológia és intenzív terápia	Sebészet
Malta	Anesteżija u Kura Intensiva	Kirurġija Ġenerali
Nederland	Anesthesiologie	Heelkunde
Österreich	Anästhesiologie und Intensivmedizin	— Chirurgie — Allgemeinchirurgie und Viszeralchirurgie (!)
Polska	Anestezjologia i intensywne terapie	Chirurgia ogólna
Portugal	Anestesiologia	Cirurgia geral

	Anesteżija	Kirurġija ġenerali
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
România	Anestezie și terapie intensivă	Chirurgie generală
Slovenija	Anesteziologija, reanimatologija in perioperativna intenzivna mediċina	Splošna kirurġija
Slovensko	Anestéziológia a intenzívna medicína	Chirurgia
Suomi/Finland	Anestesiologia ja tehohoito/Anestesiologi och intensivvård	Yleiskirurgia/Allmän kirurgi
Sverige	Anestesi och intensivvård	Kirurgi
United Kingdom	Anaesthetics	General surgery

(¹) Minn Ġunju 2015

	Kirurġija newroloġika	Obstetrija u Ġinekoloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Neurochirurgie	Gynécologie — obstétrique/Gynaecologie — verloskunde
България	Неврохирургия	Акушерство и гинекология
Česká republika	Neurochirurgie	Gynekologie a porodnictví
Danmark	Neurokirurgi	Gynækologi og obstetrik
Deutschland	Neurochirurgie	Frauenheilkunde und Geburtshilfe
Eesti	Neurokirurgia	Sünnitusabi ja günekoloogia
Ελλάδα	Νευροχειρουργική	Μαιευτική-Γυναικολογία
España	Neurocirugía	Obstetricia y ginecología
France	Neurochirurgie	Gynécologie — obstétrique
Hrvatska	Neurokirurgija	Ġinekoloġija i opstetricija
Ireland	Neurosurgery	Obstetrics and gynaecology
Italia	Neurochirurgia	Ginecologia e ostetricia
Κύπρος	Νευροχειρουργική	Μαιευτική — Γυναικολογία

	Kirurġija newroloġika	Obstetrija u Ġinekoloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Latvija	Neiroķirurgija	Ġinekoloġija un dzemdniecība
Lietuva	Neurochirurgija	Akušerija ginekologija
Lussemburgu	Neurochirurgie	Gynécologie — obstétrique
Magyarország	Idegsebészet	Szülészet-nőgyógyászat
Malta	Newrokirurġija	Ostetriċja u Ġinekoloġija
Nederland	Neurochirurgie	Obstetrie en Gynaecologie
Österreich	Neurochirurgie	Frauenheilkunde und Geburtshilfe
Polska	Neurochirurgia	Położnictwo i ginekologia
Portugal	Neurocirurgia	Ginecologia e obstetricia
România	Neurochirurgie	Obstetrică-ginecologie
Slovenija	Nevrokirurgija	Ġinekoloġija in porodništvo
Slovensko	Neurochirurgia	Gynekológia a pôrodníctvo
Suomi/Finland	Neurokirurgia/Neurokirurgi	Naistentaudit ja synnytykset/Kvinnosjukdomar och förlossningar
Sverige	Neurokirurgi	Obstetrik och gynekologi
United Kingdom	Neurosurgery	Obstetrics and gynaecology

	Mediċina (interna) ġenerali	Oftalmoloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Médecine interne/Inwendige geneeskunde	Ophtalmologie/Oftalmologie
България	Вътрешни болести	Очни болести
Česká republika	Vnitřní lékařství	Oftalmologie
Danmark		Oftalmologi
Deutschland	Innere Medizin	Augenheilkunde

	Mediċina (interna) ġenerali	Oftalmoloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Eesti	Sisehaigused	Oftalmoloogia
Ελλάδα	Παθολογία	Οφθαλμολογία
España	Mediċina interna	Oftalmología
France	Médecine interne	Ophtalmologie
Hrvatska	Opća interna mediċina	Oftalmoloġija i optometrija
Ireland	General (Internal) Medicine	Ophthalmic surgery Ophthalmology ⁽¹⁾
Italia	Mediċina interna	Oftalmologia
Κύπρος	Παθολογία	Οφθαλμολογία
Latvija	Internā medicīna	Oftalmoloġija
Lietuva	Vidaus ligos	Oftalmoloġija
Lussemburgu	Médecine interne	Ophtalmologie
Magyarország	Belgyógyászat	Szemészet
Malta	Mediċina Interna	Oftalmoloġija
Nederland	Interne geneeskunde	Oogheelkunde
Österreich	Innere Medizin	Augenheilkunde und Optometrie
Polska	Choroby wewnętrzne	Okulistyka
Portugal	Mediċina interna	Oftalmologia
România	Medicină internă	Oftalmologie
Slovenija	Interna mediċina	Oftalmoloġija
Slovensko	Vnútorné lekárstvo	Oftalmológia
Suomi/Finland	Sisätaudit/Inre mediċin	Silmätaudit/Ögonsjukdomar
Sverige	Internmedicin	Ögonsjukdomar (oftalmologi)
United Kingdom	General (internal) medicine	Ophthalmology

⁽¹⁾ Mill-1991/1992

	Otorinolaringologija	Pedjatrija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Oto-rhino-laryngologie/Otorhinolaryngologie	Pédiatrie/Pediatrie
България	Ушно-носно-гърлени болести	Педиатрия
Česká republika	Otorinolaryngologie	Dětské lékařství
Danmark	Oto-rhino-laryngologi	Pædiatri
Deutschland	Hals-Nasen-Ohrenheilkunde	Kinder— und Jugendmedizin
Eesti	Otorinolarüingoloogia	Pediaatria
Ελλάδα	Ωτορινολαρυγγολογία	Παιδιατρική
España	Otorrinolaringología	Pediatría y sus áreas específicas
France	Oto-rhino-laryngologie et chirurgie cervico-faciale	Pédiatrie
Hrvatska	Otorinolaringologija	Pedijatrija
Ireland	Otolaryngology	Paediatrics
Italia	Otorinolaringoiatria	Pediatria
Κύπρος	Ωτορινολαρυγγολογία	Παιδιατρική
Latvija	Otolaringoloģija	Pediatrija
Lietuva	Otorinolaringologija	Vaikų ligos
Lussemburgu	Oto-rhino-laryngologie	Pédiatrie
Magyarország	Fül-orr-gégegyógyászat	Csecsemő- és gyermekgyógyászat
Malta	Otorinolaringologija	Pedjatrija
Nederland	Keel-, neus— en oorheelkunde	Kindergeneeskunde
Österreich	— Hals-, Nasen- und Ohrenkrankheiten — Hals-, Nasen- und Ohrenheilkunde (!)	Kinder- und Jugendheilkunde
Polska	Otorynolaryngologia	Pediatria
Portugal	Otorrinolaringologia	Pediatria
România	Otorinolaringologie	Pediatrie

	Otorinolaringologija	Pedjatrija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 3 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Slovenija	Otorinolaringologija	Pedjatrija
Slovensko	Otorinolaryngologija	Pediatrica
Suomi/Finland	Korva-, nenä- ja kurkkutaudit/Öron-, näs- och halssjukdomar	Lastentaudit/Barnsjukdomar
Sverige	Öron-, näs- och halssjukdomar (oto-rhinolaryngologi)	Barn- och ungdomsmedicin
United Kingdom	Otolaryngology	Paediatrics

(¹) Minn Ġunju 2015

	Mediċina respiratorja	Uroloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Pneumologie	Urologie
България	Пневмология и фтизиатрия	Урология
Česká republika	Pneumologie a ftizeologie	Urologie
Danmark	Intern mediċin: lungesygdomme	Urologi
Deutschland	— Pneumologie — Innere Medizin und Pneumologie (¹)	Urologie
Eesti	Pulmonoloogia	Uroloogia
Ελλάδα	Φυματιολογία- Πνευμονολογία	Ουρολογία
España	Neumología	Urología
France	Pneumologie	Chirurgie urologique
Hrvatska	Pulmologija	Uroloġija
Ireland	Respiratory medicine	Urology
Italia	Malattie dell'apparato respiratorio	Urologia
Κύπρος	Πνευμονολογία — Φυματιολογία	Ουρολογία
Latvija	Ftizio-pneimonoloģija	Uroloġija
Lietuva	Pulmonologija	Uroloġija

	Mediċina respiratorja	Uroloġija
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Lussemburgu	Pneumologie	Urologie
Magyarország	Tüdőgyógyászat	Urológia
Malta	Mediċina Respiratorja	Uroloġija
Nederland	Longziekten en tuberculose	Urologie
Österreich	— Lungenkrankheiten — Innere Medizin und Pneumologie ⁽²⁾	Urologie
Polska	Choroby płuc	Urologia
Portugal	Pneumologia	Urologia
România	Pneumologie	Urologie
Slovenija	Pnevmologija	Uroloġija
Slovensko	Pneumológia a ftizeológia	Urológia
Suomi/Finland	Keuhkosairaudet ja allergologia/Lungsjukdomar och allergologi	Urologia/Urologi
Sverige	Lungsjukdomar (pneumologi)	Urologi
United Kingdom	Respiratory medicine	Urology

(1) Minn Lulju 2011

(2) Minn Ġunju 2015

	Ortopedija	Anatomija patoloġika
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Belgique/België/Belgien	Chirurgie orthopédique/Orthopädische heilkunde	Anatomie pathologique/Pathologische anatomie
България	Ортопедия и травматология	Обща и клинична патология
Česká republika	Ortopedie	Patologie
Danmark	Ortopædisk kirurgi	Patologisk anatomi og cytology
Deutschland	— Orthopädie (und Unfallchirurgie) — Orthopädie und Unfallchirurgie ⁽¹⁾	Pathologie
Eesti	Ortopeedia	Patoloogia

	Ortopedija	Anatomija patoloġika
	Perijodu minimu ta' taħriġ: 5 snin	Perijodu minimu ta' taħriġ: 4 snin
Pajjiż	Titlu	Titlu
Ελλάδα	Ορθοπαιδική	Παθολογική Ανατομική
España	Cirugía ortopédica y traumatología	Anatomía patológica
France	Chirurgie orthopédique et traumatologie	Anatomie et cytologie pathologiques
Hrvatska	Ortopedija i traumatologija	Patoloġija
Ireland	Trauma and orthopaedic surgery	Histopathology
Italia	Ortopedia e traumatologia	Anatomia patologica
Κύπρος	Ορθοπαιδική	Παθολογοανατομία- Ιστολογία
Latvija	Traumatoloģija un ortopēdija	Patoloġija
Lietuva	Ortopedija traumatologija	Patoloġija
Lussemburgu	Orthopédie	Anatomie pathologique
Magyarország	Ortopédia és traumatológia	Patológia
Malta	Kirurġija Ortopedika	Istopatoloġija
Nederland	Orthopedie	Pathologie
